Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 22 ta' Novembru 2018**
**(OR. en)**

**14442/18**

**SOC 731**
**EMPL 548**
**EDUC 439**
**ECOFIN 1121**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 22 ta' Novembru 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 761 final |
| Suġġett: | ABBOZZ TAR-RAPPORT KONĠUNT DWAR L-IMPJIEGI MILL-KUMMISSJONI U MILL-KUNSILL li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2019 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 761 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 761 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2018
COM(2018) 761 final

**ABBOZZ TAR-RAPPORT KONĠUNT DWAR L-IMPJIEGI MILL-KUMMISSJONI U MILL-KUNSILL**

**li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni**

**dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2019**

**WERREJ**


DAĦLA ........ 2

MESSAĠĠI EWLENIN ........ 4

1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET U L-ISFIDI SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL FL-UNJONI EWROPEA ........ 15

1.1 Ix-xejriet tas-suq tax-xogħol ........ 15

1.2 Ix-xejriet soċjali ........ 21

2. SNAPSHOTS MIT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI SOĊJALI ........ 25

2.1 It-tabella ta' valutazzjoni spjegata ........ 25

2.2 Evidenza mit-tabella ta' valutazzjoni soċjali ........ 27

3. IR-RIFORMI SOĊJALI U TAL-IMPJIEG – IL-PRESTAZZJONI U L-AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI ........ 34

**3.1 Il-Linja gwida nru 5: Nagħtu spinta lid-domanda għall-ħaddiema** ........ 34

3.1.1 L-indikaturi ewlenin ........ 35

3.1.2 Ir-rispons ta' politika ........ 49

**3.2. Il-Linja Gwida nru 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjieg, għall-ħiliet u għall-kompetenzi** ........ 55

3.2.1 L-indikaturi ewlenin ........ 55

3.2.2 Ir-rispons ta' politika ........ 85

**3.3. Il-Linja Gwida nru 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali** ........ 100

3.3.1 L-indikaturi ewlenin ........ 100

3.3.2 Ir-rispons ta' politika ........ 127

**3.4. Il-Linja Gwida nru 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar** ........ 142

3.4.1 L-indikaturi ewlenin ........ 142

3.4.2 Ir-rispons ta' politika ........ 165

ANNESSI ........ 172

## DAĦLA

Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill huwa stipulat bl-Artikolu 148 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-proposta inizjali għal dan ir-rapport mill-Kummissjoni Ewropea hija parti mill-Pakkett tal-ħarifa, li jinkludi l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir li jvara ċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi jagħti ħarsa ġenerali annwali lejn l-iżviluppi soċjali u tal-impjieg ewlenin fl-Ewropa kif ukoll lejn l-azzjonijiet ta' riforma tal-Istati Membri, b'konformità mal-Linji Gwida għal-Linji Politiċi dwar l-Impjiegi tal-Istati Membri[1]. Ir-rapportar dwar dawn ir-riformi jsegwi l-istruttura tal-Linji Gwida: l-għoti ta' spinta lid-domanda għall-ħaddiema (il-Linja Gwida nru 5), it-tisħiħ tal-provvista ta' ħaddiema u t-titjib tal-aċċess għall-impjieg, għall-ħiliet u għall-kompetenzi (il-Linja Gwida nru 6), it-tisħiħ tal-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali (il-Linja Gwida nru 7), u l-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, it-trawwim tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar (il-Linja Gwida nru 8).

Barra minn hekk, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi jimmonitorja l-prestazzjoni tal-Istati Membri b'rabta mat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali stabbilita fil-kuntest tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Pilastru ġie stabbilit bħala Proklamazzjoni interistituzzjonali mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Jidentifika l-prinċipji u d-drittijiet fi tliet oqsma: i) l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, ii) il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u iii) il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali. Il-monitoraġġ tal-progress f'dawn l-oqsma huwa mirfud minn analiżi dettaljata tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li takkumpanja l-Pilastru.

Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi huwa strutturat kif ġej: il-kapitolu introduttorju (il-Kapitolu 1) jirrapporta dwar ix-xejriet prinċipali soċjali u tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea biex jispjega l-kuntest. Il-Kapitolu 2 jippreżenta r-riżultati prinċipali mill-analiżi tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali assoċjata mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kapitolu 3 jipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-indikaturi ewlenin minn pajjiż għall-ieħor (inkluż mit-tabella ta' valutazzjoni soċjali) u tal-politiki implimentati mill-Istati Membri biex jindirizzaw il-Linji Gwida għal-Linji Politiċi dwar l-Impjiegi.

[1] F'Lulju 2018, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta Linji Gwida Reveduti dwar l-Impjiegi, u allinja l-linji gwida mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1215 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri).

## MESSAĠĠI EWLENIN

***L-Ewropa qiegħda tagħmel progress fir-rigward tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li takkumpanja l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.*** *Bħala medja, f'kuntest fejn is-swieq tax-xogħol qegħdin jitjiebu u l-faqar qiegħed jonqos, matul l-aħħar sena kien hemm 13-il indikatur primarju minn 14 tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li rreġistraw titjib. Minkejja dan, l-irkupru ekonomiku għadu mhuwiex ikun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u għall-pajjiżi kollha bl-istess mod. Ġew identifikati sfidi fir-rigward ta' prinċipji speċifiċi tal-Pilastru għall-maġġoranza tal-Istati Membri. L-irkupru ekonomiku attwali jipprovdi opportunità tajba biex jissaħħu r-riformi li għandhom l-għan li jtejbu l-inklużività, ir-reżiljenza u l-ġustizzja tas-swieq tax-xogħol u tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, u b'hekk titrawwem il-konverġenza favur kundizzjonijiet aħjar tal-għajxien u tax-xogħol fl-UE. Madankollu, minħabba li hemm ukoll riskji negattivi għall-irkupru, huwa importanti li l-Istati Membri jaħtfu din l-opportunità b'urġenza.*

***Il-ħolqien tal-impjiegi qiegħed ikompli ġmielu, bl-impjiegi jilħqu livell rekord fl-UE.*** *Fit-tieni trimestru tal-2018, 239 miljun persuna kellhom impjieg fl-UE, 14-il miljun aktar mill-iktar livell baxx li kien intlaħaq f'nofs l-2013, fl-eqqel tal-kriżi. Ir-rata tal-impjieg tal-persuni tal-età ta' 20-64 sena żdiedet għal 73,2 % fl-istess perjodu: bix-xejra attwali, l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tal-Ewropa 2020 ta' rata tal-impjieg ta' 75 % fl-2020. It-tkabbir fl-impjieg fl-2017 u fl-ewwel żewġ trimestri tal-2018 kien mifrux fost il-gruppi demografiċi prinċipali kollha, bl-ikbar żidiet irreġistrati mill-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien (55-64 sena) bħal fis-snin preċedenti. Minkejja dan, id-disparitajiet sostanzjali fir-rati ta' impjieg fl-UE kollha jissuġġerixxu li għad hemm lok għal iktar titjib, b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri li għad fadlilhom x'jaqdfu biex jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom tal-Ewropa 2020.*

***Il-qgħad reġa' lura għal-livell ta' qabel il-kriżi, iżda għadu għoli f'għadd ta' Stati Membri***. *Bis-saħħa tal-irkupru kostanti tas-suq tax-xogħol, ir-rata tal-qgħad baqgħet tonqos fl-2017 u laħqet is-6,9 % fit-tieni trimestru tal-2018. Issa qiegħda fl-iktar livell baxx li kien hemm fl-aħħar għaxar snin, b'iktar minn 4 pps taħt l-ogħla livell tal-2013. Fiż-żona tal-euro, ir-rata tal-qgħad ta' 8,3 % fil-Q2-2018 għadha punt perċentwali wieħed ogħla mill-inqas livell irreġistrat fl-2008. Ir-rati tal-qgħad għadhom partikolarment għoljin fil-Greċja, fi Spanja, fl-Italja, fil-Kroazja u f'Ċipru.*

***L-irkupru fl-impjieg qiegħed ikompli jkun iktar prominenti f'termini ta' persuni impjegati iktar milli s-sigħat maħduma.*** *Il-volum tat-total tas-sigħat maħduma fl-UE kompla jiżdied fl-2017 – għalkemm iktar bil-mod milli fl-impjieg totali – u għadu ma reġax lura għal-livell tal-2008. L-għadd kbir ta' ħaddiema part-time sforzati (jiġifieri ħaddiema li għandhom impjiegi part-time iżda li jixtiequ jaħdmu iktar), saħansitra 1,3 miljun iktar milli fl-2008, jissuġġerixxi wkoll li għad fadal xi jsir fis-suq tax-xogħol. Madankollu, it-tnaqqis fl-għadd ta' sigħat maħduma għal kull persuna huwa parti minn xejra strutturali li bdiet mill-bidu tas-snin 2000.*

***L-introjtu tal-unitajiet domestiċi qiegħed ikompli jiżdied kważi fl-Istati Membri kollha.*** *L-introjtu nett reali tal-unitajiet domestiċi per capita żdied b'mod iktar qawwi fl-Istati Membri li ssieħbu l-aħħar fl-Unjoni, u dan kien ta' sostenn għall-proċess ta' żieda fil-konverġenza. Filwaqt li dawn l-iżviluppi ġew xprunati l-iktar minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi favorevoli, ibbenefikaw ukoll minn riformi li wasslu għal titjib fl-adegwatezza tal-benefiċċji soċjali, inkluż l-iskemi tal-introjtu minimu. Minkejja dan, f'għadd ta' pajjiżi, l-introjtu nett gross reali per capita għadu ferm taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi. L-introjti tal-unitajiet domestiċi żdiedu iktar bil-mod mill-PDG, u dan jenfasizza li ż-żidiet fl-introjtu mill-irkupru laħqu lill-unitajiet domestiċi sa ċertu punt biss – b'hekk dan qajjem xi dubji dwar l-inklużività tat-tkabbir reċenti.*

***Bis-saħħa tal-irkupru ekonomiku sod u tal-irkupru sod tas-suq tax-xogħol, l-ammont ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas sew fl-2017.*** *Iktar minn ħames miljun persuna ħarġu mill-faqar jew mill-esklużjoni soċjali, l-ikbar tnaqqis minn mindu beda l-irkupru. Din il-bidla ġiet xprunata b'mod partikolari mit-tnaqqis fl-għadd ta' persuni li jesperjenzaw deprivazzjoni materjali estrema u/jew li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ta' xogħol (mill-ogħla livelli rispettivi tagħhom 'il hawn, dawn l-indikaturi naqsu bi 15 u bi 8 miljun rispettivament). Issa l-għadd totali ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, b'113-il miljun persuna jew bi 22,5 % tal-popolazzjoni totali fl-2017, qiegħed taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi. L-istimi jindikaw li din ix-xejra se tkompli anke fis-sena ta' wara. Xorta waħda għad fadal triq twila biex tintlaħaq il-mira tat-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali tal-Ewropa 2020. Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għadu sfida, b'mod partikolari għat-tfal, għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni li ġejjin minn familji migranti.*

***It-tkabbir fil-pagi reali majna fl-2017, iżda qabad jirranka fl-2018.*** *B'mod kumplessiv, it-tkabbir fil-pagi għadu inqas minn dak li jista' jkun mistenni minħabba l-prestazzjoni*

*ekonomika pożittiva u l-prestazzjoni pożittiva tas-suq tax-xogħol. Id-dinamika mudesta tal-pagi matul l-aħħar snin tista' tiġi spjegata permezz tat-tkabbir dgħajjef fil-produttività, l-aspettattivi li għadhom baxxi fir-rigward tal-inflazzjoni u r-riżervi li għad fadal fis-suq tax-xogħol. F'termini reali, il-pagi medji għadhom lura meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-kriżi f'ħafna Stati Membri u fl-2017 it-tkabbir tagħhom baqa' inqas mit-tkabbir fil-produttività. Dan huwa konformi ma' xejra li ilha għaddejja żmien twil: fl-UE, bejn is-sena 2000 u l-2017, il-valur miżjud reali għal kull persuna impjegata żdied bi 15,6 %, filwaqt li l-kumpens reali għal kull impjegat żdied bi 11,2 % biss. Minkejja dawn l-iżviluppi, hemm evidenza li l-konverġenza fil-livelli ta' introjtu mix-xogħol qiegħda sseħħ minkejja li għad hemm differenzi kbar fl-Istati Membri u minn Stat Membru għall-ieħor.*

***L-oqfsa għall-iffissar tal-pagi (inkluż il-pagi minimi) qegħdin jibdew jirreaġixxu għat-titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol****. B'mod partikolari, il-pagi minimi statutorji żdiedu f'diversi pajjiżi, bl-involviment tas-sħab soċjali. Dan l-iżvilupp huwa importanti fid-dawl tar-rati għoljin tal-faqar fost dawk li jaħdmu li għad hemm f'għadd ta' Stati Membri, li jeħtieġu wkoll li tittieħed azzjoni fl-oqsma tat-tfassil tat-taxxa u tal-adegwatezza tal-benefiċċji. F'dan l-isfond, huwa importanti li l-aġġustament fil-livelli tal-paga minima jsegwi regoli trasparenti u prevedibbli, filwaqt li jqis l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi u l-faqar fost dawk li jaħdmu.*

***F'kuntest ta' ħolqien sostnut tax-xogħol, xi gruppi għadhom qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jaħsdu l-benefiċċji tal-irkupru****. It-tkabbir fl-impjiegi fl-2017 ġie xprunat b'mod prinċipali min-nisa, mill-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien u mill-persuni b'livell għoli ta' ħiliet. Min-naħa l-oħra, ir-rata tal-impjieg tal-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet għadha taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi u għadha kważi 30 pps iktar baxxa minn dik tal-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet. Għalkemm qiegħda tiżdied, ir-rata tal-impjieg taż-żgħażagħ hija inqas minn dik tal-2008 (b'2,7 pps). Fuq nota pożittiva, issa l-ammont ta' żgħażagħ li huma barra mill-edukazzjoni, minn impjieg jew minn taħriġ huwa ta' 10,9 % u reġa' lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi. Il-persuni li ġejjin minn familji migranti jħabbtu wiċċhom ma' sfidi ta' impjegabbiltà: id-disparità fir-rata tal-impjieg bejn il-ħaddiema li twieldu fl-UE u dawk li ma twildux fl-UE kienet ta' 10 pps fl-2017 (żdiedet minn 4,5 pps fl-2008). Din id-disparità hija kbira speċjalment fost in-nisa migranti. Fl-aħħar nett, hemm it-tendenza li l-persuni b'diżabbiltà jipparteċipaw inqas fis-suq tax-xogħol; fil-biċċa l-kbira tiegħu, il-potenzjal li jużaw it-talenti tagħhom jibqa' ma jiġix sfruttat.*

***Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol qiegħda tkompli tikber b'pass mgħaġġel.*** *Ir-rata tal-impjieg tan-nisa kienet ta' 66,5 % fl-2017, kważi 5 pps ogħla milli kienet fl-2008. Xorta waħda, id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fir-rata tal-impjieg għadha sostanzjali, b'disparitajiet konsiderevoli fl-Istati Membri kollha. Għalkemm in-nisa ġeneralment ikunu iktar ikkwalifikati mill-irġiel fir-rigward tal-livell edukattiv milħuq, id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi hija għolja u qiegħda tonqos gradwalment biss. In-nisa huma rrappreżentati żżejjed fis-setturi u fl-okkupazzjonijiet b'pagi iktar baxxi, u sikwit jaħdmu f'impjiegi sottokwalifikati meta mqabbla mal-livell tal-ħiliet tagħhom. L-impatt tar-responsabbiltajiet ta' indukrar u ta' meta jkunu ġenituri għadu l-ixprun prinċipali tar-rati ta' impjieg iktar baxxi, u s-servizzi sottożviluppati huma impediment kbir biex jibqgħu fl-impjieg jew jerġgħu lura fl-impjieg. Barra minn hekk, il-persuni li jipprovdu l-indukrar informali, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, għandhom riskju ikbar li jesperjenzaw il-faqar u d-dipendenza finanzjarja, b'interruzzjonijiet fil-karriera li spiss isarrfu f'intitolamenti iktar baxxi tal-pensjoni. Għadd ta' Stati Membri qegħdin jieħdu azzjoni biex jipprovdu aċċess indaqs u tajjeb għall-but ta' kulħadd għal servizzi ta' kwalità tal-indukrar tat-tfal u għal servizzi ta' kwalità tal-kura fit-tul, iżda għad hemm sfidi importanti. F'xi każijiet, distribuzzjoni iktar ibbilanċjata tal-liv imħallas relatat mal-familja bejn in-nisa u l-irġiel tkun ta' benefiċċju. Ftit Stati Membri qegħdin jadattaw is-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji tagħhom biex ineħħu d-diżinċentivi għax-xogħol lil dawk tat-tieni sors ta' introjtu. Azzjonijiet konkreti sabiex tiġi indirizzata d-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi huma fis-seħħ biss f'għadd limitat ta' pajjiżi.*

***Ir-rata tal-impjieg tal-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien żdiedet b'mod sostanzjali matul l-aħħar deċennju***. *Għall-grupp ta' età ta' 55-64 sena, żdiedet minn 45,5 % fl-2008 għal 57,1 % fl-2017. Il-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien kienu relattivament iktar protetti mir-reċessjoni u r-rata tal-impjieg tagħhom kompliet tiżdied matul il-kriżi, biex imbagħad saret xprun importanti tal-irkupru tal-impjiegi. Iż-żieda fit-tul tal-ħajja tax-xogħol tiġi spjegata b'għadd ta' fatturi, inkluż iż-żidiet fl-età statutorja tal-irtirar, l-aċċess aħjar għas-servizzi ta' indukrar, id-disponibbiltà ta' arranġamenti flessibbli tax-xogħol u l-istrateġiji għal tixjiħ attiv. Diversi Stati Membri qegħdin ikomplu jippromwovu iktar il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien, inkluż billi jappoġġaw it-tranżizzjonijiet flessibbli lejn l-irtirar u billi jipprovdu inċentivi finanzjarji kemm għal min iħaddem u kemm għall-impjegati.*

***Is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol qiegħda tkompli titjieb, iżda l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli f'għadd ta' Stati Membri.*** *Filwaqt li qiegħda tonqos b'mod kostanti u reġgħet lura għal-livell tal-2008, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (il-grupp ta' età ta' 15-24 sena) tippreżenta differenzi kbar minn pajjiż għall-ieħor u rati għoljin ħafna f'uħud minnhom. Parti konsiderevoli miż-żgħażagħ għadhom ekonomikament inattivi. B'mod kumplessiv fl-UE, kważi sitt miljun persuna tal-età ta' 15-24 sena kienu barra mill-edukazzjoni, minn impjieg jew minn taħriġ (NEET) fl-2017. Jekk ikun għal żmien twil, it-tbegħid taż-żgħażagħ mis-suq tax-xogħol jista' jkollu effetti negattivi għat-tkabbir potenzjali kif ukoll effetti negattivi għall-individwi kkonċernati, bħad-deprezzament tal-ħiliet u riskju ikbar tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali iktar tard fil-ħajja. L-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri b'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ huma xpruni ewlenin għal titjib.*

***L-iżgurar tal-aċċess għal edukazzjoni u għal taħriġ inklużivi u ta' kwalità jippermetti lill-ġenerazzjonijiet ta' età iżgħar isiru ċittadini involuti u attivi, billi jgħinhom jintegraw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.*** *L-Ewropa qiegħda tagħmel progress biex tilħaq il-mira primarja tal-2020 fir-rigward tar-rata tat-tluq bikri mill-iskola ta' 10 %, u kważi laħqet il-mira ta' 40 % fir-rigward tal-livell edukattiv terzjarju milħuq. Madankollu, għad hemm differenzi kbar fost l-Istati Membri u fost il-gruppi tal-popolazzjoni (pereżempju bejn in-nisa u l-irġiel u bejn il-persuni li twieldu fl-UE u dawk li ma twildux fl-UE). L-ammont għoli ta' persuni b'livell baxx ta' ħiliet bażiċi, u l-korrelazzjoni qawwija tal-eżiti edukattivi mal-istatus soċjoekonomiku u l-eżiti tas-suq tax-xogħol huma kwistjoni ta' tħassib. L-Istati Membri qegħdin jieħdu passi biex itejbu s-sistemi tal-edukazzjoni tagħhom, b'mod partikolari biex ikomplu jnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola, irawmu l-aċċess indaqs u jtejbu l-eżiti edukattivi fost il-persuni żvantaġġati fl-apprendiment. Iktar investiment (u investiment iktar effiċjenti) fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ huwa prijorità f'xi Stati Membri. It-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni għolja u r-rilevanza tagħha għas-suq tax-xogħol huwa prijorità wkoll fuq l-aġendi tal-Istati Membri, speċjalment fil-kuntest taż-żieda fir-rati tal-livell edukattiv terzjarju milħuq.*

***Il-bidliet teknoloġiċi u t-trasformazzjonijiet relatati fis-swieq tax-xogħol jirrikjedu b'mod kruċjali t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol.*** *Kulma jmur qiegħed isir dejjem iktar importanti għall-ħaddiema li jkollhom kwalifiki rilevanti għas-suq tax-xogħol sabiex ikunu jistgħu jadattaw għal ambjent li qiegħed jinbidel malajr. Fl-UE, il-*

*proporzjon bejn l-adulti b'livell baxx ta' kwalifiki u l-għadd ta' impjiegi li jirrikjedu livell baxx ta' kwalifiki, bħala medja, huwa ta' tlieta għal wieħed. Minkejja dan, il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet u l-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien x'aktarx li jipparteċipaw ferm inqas fi programmi tal-apprendiment għall-adulti mill-medja. Għad hemm disparitajiet sinifikanti f'termini ta' ħiliet diġitali: iktar minn 40 % tal-adulti fl-UE ma għandhomx ħiliet diġitali bażiċi, bl-ogħla livelli jilħqu s-70 % f'xi Stati Membri. Dan jimplika li parti sinifikanti tal-popolazzjoni ma tistax taċċessa varjetà kbira ta' servizzi, b'impatti negattivi fuq l-inklużjoni u l-produttività.*

***L-Istati Membri qegħdin jadattaw is-sistemi tal-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom u qegħdin jiżviluppaw strateġiji biex itejbu r-rilevanza tat-taħriġ għas-suq tax-xogħol, bil-ħsieb li jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tal-persuni fl-apprendiment lejn is-suq tax-xogħol u fi ħdanu.*** *Dan jinkludi li jagħmlu mezz biex isir iktar faċli li l-ħiliet u l-kwalifiki jinftiehmu u jiġu rikonoxxuti fl-Ewropa kollha u li jqisu l-apprendiment 'il barra mill-kuntesti istituzzjonali. Is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali qegħdin jiġu rieżaminati u aġġornati, bl-għan li tittejjeb ir-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol u jiġi promoss l-aċċess, iżda għad hemm xi sfidi f'dawn l-oqsma. Il-provvista ta' inċentivi għall-gruppi żvantaġġati biex jipparteċipaw fl-apprendiment għall-adulti, flimkien ma' gwida xierqa u l-provvista ta' sostenn finanzjarju lill-kumpaniji biex iħarrġu lill-persunal tagħhom huma xpruni ta' politika importanti biex jinkisbu eżiti aħjar. L-Istati Membri qegħdin ikomplu joffru iktar opportunitajiet ta' apprendiment u ta' kwalifiki għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet, b'konformità mal-inizjattiva tal-Perkorsi tat-Titjib tal-Ħiliet. Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tokkupa post importanti fost il-prijoritajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-edukazzjoni u tal-ħiliet.*

***L-inċidenza ta' forom atipiċi ta' xogħol hija pjuttost stabbli fil-livell tal-UE, iżda s-segmentazzjoni għolja tas-suq tax-xogħol għadha għadma iebsa għal għadd ta' Stati Membri.*** *L-ammont ta' impjegati totali b'kuntratt temporanju ma nbidilx b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar snin, u bħala medja kien ta' madwar 14 %. B'mod kumplessiv, iktar minn nofs l-impjegati temporanji huma "sforzati", u jilħqu s-70 % jew iktar fi 12-il Stat Membru. F'diversi pajjiżi, il-kombinazzjoni ta' ammont kbir ta' kuntratti temporanji u r-rati baxxi ta' tranżizzjoni lejn kuntratti permanenti huwa sintomatiku tad-duwaliżmu fis-suq tax-xogħol. Din hija kwistjoni ta' tħassib peress li l-ħaddiema atipiċi jesperjenzaw kwalità iktar baxxa ta' impjiegi u riskji ikbar ta' faqar minkejja li jaħdmu. Barra minn hekk, madwar kwart tal-*

*ħaddiema kollha li jaħdmu għal rashom fl-UE jistgħu jiġu kklassifikati bħala "vulnerabbli" jew "moħbija". Ir-riżultati tal-istħarriġ jidher ukoll li qegħdin jissuġġerixxu li issa l-proporzjon ta' persuni li jaqilgħu iktar minn nofs l-introjtu tagħhom minn xogħol permezz ta' pjattaforma jaf laħaq madwar 2 % (fl-2017) u huwa mistenni li jiżdied, li jenfasizza l-importanza li tiżdied l-enfasi tal-politiki fuq dan l-iżvilupp. F'xi Stati Membri qegħdin isiru riformi fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjieg, bl-għan li jinkiseb bilanċ aħjar bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà u tiġi evitata s-segmentazzjoni. Dawn jinkludu, f'xi każijiet, kundizzjonijiet iktar rigorużi għall-użu ta' kuntratti temporanji, jew ambitu ikbar għan-negozjar kollettiv biex jiġi definit il-qafas tagħhom. Ir-regolamentazzjoni dwar forom ġodda ta' ħaddiema, inkluż il-ħaddiema permezz ta' pjattaforma u l-ħaddiema awtonomi, inbdiet fi ftit Stati Membri.*

***Il-benefiċċji tal-qgħad ta' ammont adegwat, għal tul ta' żmien raġonevoli, aċċessibbli għall-ħaddiema kollha u akkumpanjati minn miżuri effettivi ta' attivazzjoni huma kruċjali biex jagħtu sostenn lill-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg matul it-tranżizzjonijiet.*** *It-tfassil ta' dawn is-sistemi jvarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għall-ieħor, fid-dimensjonijiet kollha. Ir-riformi reċenti f'dan il-qasam iffokaw l-iktar fuq it-tisħiħ tar-rekwiżiti ta' attivazzjoni għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg u li jkunu qegħdin jirċievu l-benefiċċji, pereżempju bit-tisħiħ tal-obbligi tat-tiftix ta' impjieg u tal-kundizzjonijiet biex jiġi aċċettat impjieg ġdid. Għad hemm tħassib dwar il-kopertura tal-ħaddiema atipiċi, li sikwit ma jkollhomx aċċess sħiħ għas-sistema, u dwar in-nuqqas ta' kopertura għall-persuni li jaħdmu għal rashom – li huma kwistjonijiet li ġew enfasizzati fil-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.*

***Politiki attivi effettivi dwar is-suq tax-xogħol u Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi effettivi huma kruċjali biex jiġi żgurati swieq tax-xogħol inklużivi u li jiffunzjonaw tajjeb.*** *Il-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol itejbu it-tlaqqigħ tal-ħaddiema mas-suq tax-xogħol u jżidu ċ-ċans li l-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg isibu impjieg ġdid. Ir-rwol tagħhom huwa speċjalment importanti biex titrawwem l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul. Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi huma l-istituzzjonijiet prinċipali responsabbli biex jappoġġaw l-isforzi tat-tiftix ta' impjieg tal-persuni qiegħda u biex jirreferuhom għall-miżuri ta' attivazzjoni. Madankollu, il-parteċipazzjoni u l-investiment fil-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol ivarjaw b'mod sinifikanti madwar l-UE. B'mod simili, l-effettività tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi biex*

*jagħtu sostenn għat-tiftix ta' impjieg hija eteroġenja fost l-Istati Membri u xi kultant fihom stess. Filwaqt li qegħdin jittieħdu miżuri importanti f'maġġoranza ta' Stati Membri, b'enfasi fuq il-provvista ta' servizzi individwalizzati, diversi Stati Membri għandhom fejn isaħħu mill-ġdid is-sistemi tal-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol tagħhom. L-Istati Membri għamlu progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul, fejn jeħtieġ li tittieħed azzjoni ulterjuri biex titrawwem il-kooperazzjoni bejn atturi differenti u biex tittejjeb il-komunikazzjoni għall-persuni inattivi. Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi qegħdin jissoktaw l-aġenda ta' riformi tagħhom fil-qafas tan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi. Filwaqt li xi Stati Membri ħadu miżuri ulterjuri biex jippromvovu l-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol (b'enfasi b'mod partikolari fuq ir-refuġjati), hemm nuqqas ta' approċċi sistematiċi u hemm bżonn iktar investiment fit-titjib tal-ħiliet u fir-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kwalifiki, iktar politiki effiċjenti dwar is-suq tax-xogħol u iktar sostenn mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi.*

***Għall-ewwel darba mill-kriżi 'l hawn, l-inugwaljanza fl-introjtu fl-UE naqset kemxejn fl-2017****, xprunata minn żidiet iktar malajr fl-introjti tal-unitajiet domestiċi b'introjtu iktar baxx. Dan jissuġġerixxi li l-irkupru qiegħed jibda jilħaq lill-iktar persuni vulnerabbli. L-istimi disponibbli jindikaw li din ix-xejra pożittiva se tkompli f'maġġoranza ta' Stati Membri. Xorta waħda, fl-2017 l-iktar 20 % għonja tal-popolazzjoni kellhom introjtu nett li kien 5,1 darbiet iktar għoli minn dak tal-ifqar 20 % fl-UE (minn 5,2 fl-2016), b'varjazzjoni kbira fost l-Istati Membri. L-inugwaljanza fl-introjtu hija ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi f'xi pajjiżi, u dan sikwit ikun marbut ma' opportunitajiet mhux indaqs fl-aċċess għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għall-protezzjoni soċjali, u jkun b'korrelazzjoni ma' eżiti batuti tas-suq tax-xogħol. Xi Stati Membri qegħdin iwettqu politiki ta' tnaqqis tal-inugwaljanza, b'mod partikolari fit-tfassil tal-iffissar tal-paga minima u tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji. Sabiex tinkiser it-trażmissjoni tal-inugwaljanzi ġenerazzjoni għall-oħra, l-Istati Membri jistgħu jieħdu azzjoni ulterjuri f'oqsma differenti, pereżempju billi jrawmu opportunitajiet indaqs fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, billi jiżguraw l-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa u għal servizzi oħra ta' kwalità, billi jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u billi jindirizzaw id-disparitajiet reġjonali.*

***L-impatt imkejjel tat-trasferimenti soċjali (eskluż il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar kompla jonqos fl-2017.*** *Dan huwa konformi mat-tnaqqis tal-effetti tal-istabilizzaturi awtomatiċi f'fażi ta' espansjoni ekonomika, għalkemm għad hemm varjazzjonijiet kbar fost l-Istati Membri. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar inħass l-iktar fl-Istati*

*Membri l-antiki tal-UE, filwaqt li żdied fil-pajjiżi li ssieħbu iktar reċentement (dan jissuġġerixxi li l-konverġenza qiegħda sseħħ). L-eżitu ġenerali jiddependi fuq it-titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol (u bidliet relatati fil-karatteristiki tal-persuni fir-riskju tal-faqar) kif ukoll fuq l-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji, inkluż il-fatt li xi drabi l-benefiċċji jaqgħu lura meta mqabbla mal-introjti li ġeneralment jiżdiedu. L-adegwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, kif juru r-riżultati tal-eżerċizzju tal-parametraġġ referenzjarju relatat.*

***L-Istati Membri qegħdin ikomplu jieħdu miżuri biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-protezzjoni soċjali, filwaqt li jsaħħu l-kopertura u l-adegwatezza tal-benefiċċji u tas-servizzi.*** *Qegħdin jittieħdu passi biex jittejjeb l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari għall-ħaddiema mhux standard u għall-persuni li jaħdmu għal rashom li għadhom iħabbtu wiċċhom ma' disparitajiet sinifikanti. Qegħdin jiġu introdotti xi innovazzjonijiet fir-rigward ta' forom ġodda ta' xogħol. Ix-xogħol fir-rigward tal-adegwatezza tal-benefiċċji qiegħed ikompli, għalkemm f'xi każijiet kien hemm dewmien. Għadd ta' Stati Membri qegħdin itejbu l-iskemi tal-introjtu minimu tagħhom billi jikkombinaw livelli adegwati ta' sostenn b'aċċess għal oġġetti u għal servizzi abilitanti, u b'inċentivi għall-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol, f'approċċ ta' inklużjoni attiva. Xi Stati Membri qegħdin itejbu t-twassil integrat tas-servizzi (bħall-assistenza soċjali, l-impjieg u servizzi soċjali oħra). F'kuntest fejn l-infiq relatat mal-akkomodazzjoni jammonta għal ammont sinifikanti tal-introjtu ta' ħafna unitajiet domestiċi u l-evoluzzjoni fl-għadd ta' persuni mingħajr saqaf fuq rashom mhijiex qiegħda titjieb, xi Stati Membri wettqu riformi biex itejbu l-aċċess għall-akkomodazzjoni, jew permezz tal-provvista ta' inċentivi jew inkella permezz ta' miżuri preventivi.*

***Minħabba t-tibdil demografiku u ż-żieda fl-istennija tal-għomor, huwa ċar li jeħtieġ li s-sistemi tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul jiġu adattati.*** *Id-domanda għall-kura fit-tul u għall-kura tas-saħħa qiegħda tikber u hekk kif il-popolazzjonijiet qegħdin jixjieħu, il-ħtiġijiet qegħdin jinbidlu. Matul il-ħames deċennji li jmiss, huwa mistenni li l-għadd ta' Ewropej tal-età ta' 80 sena jew iktar se jirdoppja. Sal-2050, se jkun hemm żewġ persuni biss fl-età attiva (15-64 sena) għal kull persuna tal-età ta' iktar minn 65 sena, meta mqabbel mal-lum il-ġurnata fejn hemm tliet persuni; il-proporzjon diġà qiegħed jonqos. Għalhekk, filwaqt li l-miżuri biex tittejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja għadhom ta' prijorità fl-aġendi ta' ħafna Stati Membri, l-iżgurar tal-adegwatezza tal-pensjonijiet qiegħed jikseb iktar importanza. Is-sostituzzjoni tal-introjtu u l-kapaċità ta' prevenzjoni tal-faqar tal-pensjonijiet*

*ivarjaw b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. Kulma jmur l-Istati Membri qegħdin jieħdu passi biex jissalvagwardjaw l-adegwatezza tal-pensjonijiet permezz ta' garanziji minimi u l-indiċjar tal-benefiċċji, jippromwovu l-irtirar flessibbli, ifasslu kundizzjonijiet ta' akkumulazzjoni tal-pensjonijiet apposta għal kategoriji differenti ta' ħaddiema u jsaħħu r-rwol tal-pensjonijiet supplimentari.*

***It-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-kura fit-tul ta' kwalità, flimkien maż-żieda tal-effettività tagħhom, huwa prinċipju gwida għar-riformi fl-Istati Membri.*** *Għal xi Ewropej, il-kostijiet u ż-żminijiet ta' stennija għadhom ostakli importanti għall-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa. Għalhekk, f'għadd ta' Stati Membri, ir-riformi tas-sistemi tal-kura tas-saħħa jiffokaw fuq it-titjib tal-effettività tagħhom permezz ta' koordinazzjoni aħjar u permezz ta' rwol iktar b'saħħtu assenjat għall-kura tas-saħħa primarja u għall-prevenzjoni. Il-miżuri jittieħdu biex jittejbu l-kundizzjonijiet tat-taħriġ u tax-xogħol tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa. Fil-qasam tal-kura fit-tul, il-biċċa l-kbira tal-kura għadha tiġi pprovduta mill-membri tal-familja, minħabba n-nuqqas ta' skemi komprensivi li jkopru l-ħtieġa għal kura tal-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Ir-riformi attwali għandhom l-għan li jikkombinaw sistema ta' sostenn għall-persuni li jipprovdu l-indukrar informali u tal-familja mill-istituzzjonijiet pubbliċi u netwerk ta' servizzi istituzzjonali u tal-komunità, sabiex tingħata attenzjoni għas-sostenibbiltà fid-dawl tal-isfidi demografiċi.*

***Djalogu soċjali li jiffunzjona tajjeb huwa element ewlieni tal-ekonomija soċjali Ewropea tas-suq.*** *Dan jgħin biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u jitnaqqsu l-kunflitti fis-soċjetà, għall-benefiċċju reċiproku tal-ħaddiema, ta' min iħaddem u tal-gvernijiet. L-involviment tas-sħab soċjali fit-tħejjija tar-riformi jista' jtejjeb it-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom, iżid l-appartenenza fost iċ-ċittadini u eventwalment iwassal għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar. Madankollu, il-livell u l-impatt tal-involviment tas-sħab soċjali jvarjaw b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri u huma dgħajfa f'diversi każijiet. Filwaqt li ma hemmx mudell uniku għall-prattiki kollha tad-djalogu soċjali, f'xi Stati Membri jidher ċar li hemm lok biex tittejjeb il-kapaċità tas-sħab soċjali u biex jingħataw qafas adegwat għal konsultazzjoni prevedibbli u f'waqtha, inkluż fl-istadji ewlenin kollha tas-semestru Ewropew. B'mod simili, l-użu tal-esperjenza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jista' jaqdi u tabilħaqq jaqdi rwol importanti biex jiġi żgurat li r-riformi jitfasslu u jiġu implimentati b'mod effettiv. Minkejja dan, il-livell ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà jvarja b'mod sinifikanti fost*

*l-Istati Membri, u f'uħud minnhom il-kapaċità insuffiċjenti biex jipparteċipaw b'mod attiv fid-dibattitu dwar il-politiki hija problema.*

# 1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET U L-ISFIDI SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL FL-UNJONI EWROPEA

Din it-taqsima tippreżenta ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-isfidi soċjali u tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li tagħti rendikont analitiku dettaljat tal-oqsma ewlenin ta' politika soċjali u tal-impjieg.

## *1.1 Ix-xejriet tas-suq tax-xogħol*

**Il-kundizzjonijiet fis-suq tax-xogħol qegħdin ikomplu jitjiebu u l-impjieg laħaq livell rekord fl-UE.** Imsejjes fuq tkabbir ekonomiku qawwi (2,4 %), l-għadd ta' persuni b'impjieg fl-UE żdied b'1,6 % fl-2017, li kienet l-ikbar rata ta' żieda annwali mill-bidu tal-irkupru 'l hawn. L-impjieg totali kompla jiżdied fl-ewwel żewġ trimestri tal-2018 u laħaq 238,9 miljun[2] impjieg – madwar 3,2 miljun impjieg iktar minn sena ilu u l-ogħla livell li qatt intlaħaq fl-UE. Minn mindu l-impjieg beda jirkupra f'nofs l-2013, inħolqu iktar minn 14-il miljun impjieg addizzjonali.

**Ir-rata tal-impjieg (ta' persuni tal-età ta' 20-64 sena) qiegħda tiżdied b'mod kostanti u qiegħda toqrob il-mira tal-Ewropa 2020.** Din żdiedet kemxejn iktar malajr milli fl-2016, b'1,1 punt perċentwali għal 72,2 % fl-2017 u kompliet tiżdied fl-ewwel żewġ trimestri tal-2018 sa 73,2 % (l-Illustrazzjoni 1). Jekk ix-xejra pożittiva tissokta bil-pass attwali, l-UE tkun f'pożizzjoni tajba biex tilħaq il-mira tagħha tal-Ewropa 2020 ta' rata tal-impjieg ta' 75 %. Is-sitwazzjoni kompliet titjieb fiż-żona tal-euro wkoll, fejn ir-rata tal-impjieg laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 71,9 % fil-Q2-2018. Dawn l-iżviluppi pożittivi huma mirfuda minn xejra ta' żieda kontinwa tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Fil-Q2-2018, ir-rata ta' attività (15-64 sena) laħqet rata rekord ta' 73,8 % (73,5 % fiż-żona tal-euro). Ir-rata ta' attività fl-UE ilha tiżdied b'pass kostanti, anke matul il-kriżi, u b'hekk qiegħed jonqos id-distakk mal-Istati

[2] Iċ-ċifri tal-impjieg totali ġejjin mill-Kontijiet Nazzjonali (kunċett domestiku), filwaqt li ċ-ċifri l-oħra ġejjin mid-*data* tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. F'din it-taqsima kollha jintużaw ċifri trimestrali aġġustati skont l-istaġun.

Uniti. Fl-2017, il-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien u n-nisa komplew jixprunaw iż-żieda tal-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol.

**Issa r-rata tal-qgħad reġgħet lura għal-livell ta' qabel il-kriżi.** Bis-saħħa tax-xejra kostanti ta' ħolqien tal-impjiegi, ir-rata tal-qgħad baqgħet tonqos, għal 6,9 % fil-Q2-2018 – livell li kien ilu ma jiġi rreġistrat fl-UE mill-Q2-2008 u li huwa iktar minn 4 pps taħt l-ogħla livell tal-2013. It-titjib huwa inqas sostanzjali fiż-żona tal-euro, fejn ir-rata tal-qgħad, ta' 8,3 % fil-Q2-2018, għadha punt perċentwali wieħed ogħla mill-inqas livell irreġistrat fl-2008. Dawn ix-xejriet pożittivi huma assoċjati ma' tnaqqis kontinwu fir-rata tal-qgħad fit-tul (jiġifieri l-ammont ta' persuni qiegħda għal minn tal-inqas sena fil-popolazzjoni attiva), li naqset fl-UE b'0,5 pps minn sena għall-oħra għal 3 % fil-Q2-2018 (3,9 % fiż-żona tal-euro). Minkejja li l-qgħad (inkluż dak fit-tul) naqas fl-Istati Membri kollha matul l-aħħar sena, għad hemm dispersjoni sinifikanti tar-rati tal-qgħad (kif jidher fit-Taqsima 3.1.1), u wħud mill-pajjiżi għadhom 'il bogħod mil-livelli minimi tagħhom ta' qabel il-kriżi.

**Illustrazzjoni 1: Ir-rati ta' impjieg u tal-qgħad fl-UE u fiż-żona tal-euro**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. Nota: ċifri b'aġġustament staġunali għall-Q2-2018.

**Il-qgħad fost iż-żgħażagħ qiegħed ikompli jonqos malajr ukoll** u naqas b'1,8 pps minn sena għall-oħra għal 15,2 % fil-Q2-2018 (16,9 % fiż-żona tal-euro). Dan il-livell jikkorrispondi għal-livell minimu li ntlaħaq eżatt qabel il-kriżi (Q2-2008) u issa huwa kważi 9 pps taħt l-ogħla livell tal-2013. Xorta waħda, il-livell ta' qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli f'xi Stati Membri, b'rati 'l fuq minn 30 % fi Spanja, fl-Italja u fil-Greċja (ara t-Taqsima 3.2.1). Ġie rreġistrat titjib kontinwu fir-rigward ta' persuni tal-età ta' 15-24 sena li huma barra mill-edukazzjoni, minn impjieg jew minn taħriġ (NEET), fejn ir-rata naqset b'0,6 pps għal 10,9 % fl-2017, livell simili għal dak fl-2008.

**It-tnaqqis fil-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa rifless b'żieda parallela fil-livell edukattiv milħuq miż-żgħażagħ:** ir-rata ta' persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (tal-età ta' 18-24 sena), li ilha tonqos b'mod kostanti matul l-aħħar għaxar snin, fejn l-iktar tnaqqis reċenti (b'0,1 pps) laħaq l-10,6 % fl-2017. Dan huwa ferm qrib il-mira ta' 10 % tal-Ewropa 2020, għalkemm hemm lok għal tnaqqis ulterjuri[3]. Il-livell edukattiv terzjarju milħuq għal dawk tal-età ta' 30-34 sena kompla jiżdied b'mod kostanti u laħaq 39,9 % fl-2017 – kważi laħaq il-mira ta' 40 % tal-Ewropa 2020.

**L-irkupru qiegħed ikompli jkun iktar prominenti f'termini ta' persuni impjegati iktar milli s-sigħat maħduma.** Il-volum tat-total tas-sigħat maħduma fl-UE żdied b'1,2 % fl-2017 u b'hekk issoktat ix-xejra pożittiva li bdiet fl-2015. Madankollu, din iż-żieda għadha inqas minn dik tal-impjieg totali (li żdied b'1,6 %, ara hawn fuq), u timplika li naqas l-għadd ta' sigħat maħduma *per capita*. It-total tas-sigħat maħduma għadu ma reġax lura għall-ogħla livell tal-2008. Din l-evidenza tindika li għad fadal xi jsir fis-suq tax-xogħol, kif ġie indikat ukoll minn indikaturi oħra. Fl-2017, kien hemm kważi disa' miljun ħaddiem part-time sforzat fl-UE (jiġifieri ħaddiema li jkollhom impjieg part-time iżda li jixtiequ jaħdmu iktar), li jirrappreżentaw tnaqqis mill-ogħla livell ta' 10,3 miljun fl-2013, iżda li xorta waħda huma 1,3 miljun ħaddiem iktar mil-livell tal-2008. F'perspettiva iktar fit-tul, id-dinamika moderata tas-sigħat tax-xogħol hija parti minn bidla strutturali, marbuta ma' inċidenza dejjem tikber ta' xogħol part-time matul dawn l-aħħar 15-il sena u mal-preferenzi tal-ħaddiema li qegħdin

[3] Fil-Komunikazzjoni "It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzoni u l-Kultura" tal-14 ta' Novembru 2017 (COM(2017) 673 final), il-Kummissjoni tindika l-ambizzjoni li tnaqqas il-parametru referenzjarju għat-tluq bikri mill-iskola b'5 % sal-2025.

jinbidlu fir-rigward tal-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol. Minħabba f'hekk, mis-sena 2000 'il hawn, ix-xejra tal-għadd ta' sigħat maħduma għal kull persuna qiegħda tonqos gradwalment[4].

**Iż-żidiet fl-impjieg kienu mifruxa fost il-gruppi demografiċi prinċipali kollha fl-2017.** Bħalma ġara fis-snin preċedenti, il-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien (55-64 sena) irreġistraw l-ikbar żieda (Illustrazzjoni 2): l-għadd ta' persuni impjegati f'dan il-grupp żdied b'4,3 % fl-2017, u wassal biex ir-rata tal-impjieg togħla għal 57,1 %, l-ogħla li qatt kien hemm (kważi 12-il pps ogħla milli fl-2008). L-għadd ta' żgħażagħ (15-24 sena) b'impjieg żdied kemxejn iktar malajr milli fl-2016 (1,6 % imqabbel ma' 1,3 %). Minkejja dan, ir-rata tal-impjieg taż-żgħażagħ għadha ma rkupratx għalkollox mill-kriżi, peress li kienet ta' 34,7 % fl-2017, jiġifieri 2,7 pps taħt il-livell tal-2008. Madankollu, fid-dawl ta' rata ta' attività stabbli (ta' 41,7 % fl-2017 imqabbla ma' 41,6 % fl-2016), iż-żidiet fl-impjieg issarrfu fi tnaqqis kontinwu tal-qgħad għal dan il-grupp ta' età. L-impjieg żdied kemxejn iktar malajr fost in-nisa milli fost l-irġiel fl-2017 (1,5 % imqabbel ma' 1,3 %). Minkejja dan, id-disparità fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa għadha kważi l-istess, jiġifieri 11,5-il pps, li huwa 0,1 pps inqas mill-2016 (għalkemm huwa ferm inqas mill-valur ta' qabel il-kriżi ta' 15 pps fl-2008). Għalkemm żdiedet b'1,7 pps sa 63 % fl-2017, ir-rata tal-impjieg ta' persuni li ma twildux fl-UE tal-età ta' 20-64 sena għadha 10 pps inqas minn dik tal-persuni li twieldu fl-UE. Id-disparità hija ikbar għan-nisa (madwar 14-il pps).

[4] Iktar dettalji fi "Employment and Social Developments in Europe. Annual Review 2018", il-Kummissjoni Ewropea (2018).

**Illustrazzjoni 2: Ir-rati tal-impjieg u t-tkabbir fl-impjieg bejn gruppi differenti fl-UE**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

**L-irkupru qiegħed ikompli jżid l-għadd ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet fl-ekonomija.** L-għadd ta' persuni b'edukazzjoni għolja b'impjieg żdied bi 2,9 % fl-2017 (il-grupp ta' età ta' 25-64 sena), filwaqt li ġiet irreġistrata żieda moderata ta' 0,8 % fost il-ħaddiema b'ħiliet medji (jiġifieri dawk b'edukazzjoni sekondarja għolja). Kuntrarjament għal dan, l-għadd ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet (jiġifieri b'livell baxx ta' edukazzjoni sekondarja jew inqas) naqas b'0,4 %. Peress li l-popolazzjoni kumplessiva ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet tal-età ta' 25-64 sena qiegħda tonqos (bi 2,7 % imqabbla mal-2016) – bħala parti minn xejra li tirrifletti it-tixjiħ tal-popolazzjoni u livell edukattiv ogħla milħuq fost il-ġenerazzjonijiet ta' età iżgħar – effettivament, ir-rata tal-impjieg ta' dan il-grupp żdiedet minn 54,3 % fl-2016 għal 55,6 % fl-2017. Id-disparità bejn ir-rati tal-impjieg ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u dawk b'livell għoli ta' ħiliet naqset kemxejn minn 30,5 pps fl-2016

għal 29,7 pps fl-2017, iżda għadha għolja ħafna u tindika li hemm lok li tittieħed azzjoni biex tiżdied l-impjegabbiltà ta' persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni. Ix-xejriet dettaljati ta' kull Stat Membru jingħataw fit-taqsimiet li ġejjin tar-rapport.

**L-impjieg temporanju, bħala proporzjon tal-impjieg totali, baqa' kważi stabbli fl-2017, filwaqt li l-impjieg part-time naqas b'mod marġinali.** Bl-istess mod bħalma seħħ f'xejra simili f'dawn l-aħħar snin, l-irkupru qiegħed irawwem il-ħolqien tal-impjiegi kemm b'kuntratti permanenti u kemm b'dawk temporanji, li żdiedu rispettivament b'madwar 2,7 miljun u 0,8 miljun fl-2017 (li jikkorrispondu għal żidiet perċentwali jiżdied ta' 1,7 % u 2,9 %). Madankollu, bħala proporzjon tal-impjieg totali, l-ammont ta' impjegati temporanji baqa' kważi stabbli, u żdied kemxejn b'0,1 pps għal 14,3 % (il-grupp ta' età ta' 15-64 sena). Għat-tieni sena konsekuttiva, il-proporzjon ta' ħaddiema part-time (il-grupp ta' età ta' 15-64 sena) naqas b'mod marġinali (b'0,1 % għal 19,4 % fl-2017) u baqa' kważi 2 pps ogħla mil-livell tal-2008. Mil-lat pożittiv, kif issemma wkoll hawn fuq, l-ammont ta' ħaddiema part-time sforzati qiegħed jonqos b'mod sinifikanti (minn 21,1 % fl-2016 għal 19,8 % fl-2017) għalkemm għadu sostanzjali. Meta mqabbel mal-impjieg totali, l-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom (15-64 sena) kompla jonqos bil-mod il-mod għal 13,7 % fl-2017 (minn 14,0 % fl-2016 u 14,4 % fl-2013).

**F'termini ta' żviluppi settorjali, l-impjieg kompla jxaqleb lejn is-servizzi.** Skont ix-xejra ta' dawn l-aħħar snin, l-ikbar għadd ta' impjiegi nħoloq fis-servizzi[5] (2,8 miljun persuna addizzjonali b'impjieg fl-2017, jew +1,6 % meta mqabbel mal-2016; abbażi tal-kontijiet nazzjonali). Mill-2008 sal-2017, is-sehem tal-impjieg fis-servizzi fl-UE żdied b'mod kontinwu minn 70,1 % għal 73,9 %. B'żieda ta' 2 %, il-kostruzzjoni rreġistrat l-ikbar żieda fl-impjieg mir-reċessjoni 'l hawn, u kkonsolidat l-irkupru li beda fl-2015; madankollu, l-għadd ta' persuni impjegati għadu kważi 15 % inqas minn dak fl-2008. L-industrija rreġistrat ukoll espansjoni soda (b'1,5 %, l-ogħla rata mill-2007 'l hawn). Fl-aħħar nett, wara sensiela twila ta' tnaqqis, l-impjieg fl-agrikoltura żdied kemxejn b'0,3 % fl-2017.

5 Fis-servizzi, l-ikbar żieda perċentwali ġiet irreġistrata fl-"attivitajiet tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni", segwiti mill-"attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi; kif ukoll l-attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn" (rispettivament bi 3,4 % u b'2,9 % fl-2017). Kuntrarjament għal dan, is-"servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni" rreġistraw tnaqqis b'0,7 %.

## *1.2 Ix-xejriet soċjali*

**L-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE[6])[7] naqas b'mod sostanzjali fl-2017 u issa qiegħed taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi.** Ix-xejra ta' tnaqqis f'dan l-indikatur kompliet għall-ħames sena konsekuttiva fl-2017, u l-ammont ta' persuni niżel għal 113-il miljun persuna (jew 22,5 % tal-popolazzjoni totali), b'konformità mal-irkupru fl-impjieg u maż-żieda fl-introjtu nett. Minħabba f'hekk, fl-2017 kien hemm ħames miljun persuna inqas fl-UE fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali milli kien hemm qabel il-kriżi (fl-2008), filwaqt li t-tnaqqis mill-ogħla livell fl-2012 jammonta għal kważi 11-il miljun persuna. Madankollu, minħabba x-xkiel tal-kriżi, għad fadal ħafna xi jsir biex tintlaħaq il-mira primarja tal-Ewropa 2020 (20 miljun persuna inqas fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali meta mqabbel mal-2008). It-tnaqqis kumplessiv attwali fl-indikatur huwa xprunat mit-tliet sottokomponenti kollha tiegħu (ara hawn taħt u l-Illustrazzjoni 3).

6 Il-persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) huma persuni li huma fir-riskju tal-faqar (AROP) u/jew li qed jesperjenzaw deprivazzjoni materjali estrema (SMD) u/jew li qegħdin jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (VLWI).

Il-persuni f'riskju tal-faqar huma persuni li jgħixu f'unità domestika b'introjtu nett ekwivalizzat li jkun inqas minn 60 % tal-introjtu medjan ekwivalizzat nazzjonali (għaldaqstant dan l-indikatur huwa indikatur tal-faqar tal-introjtu).

Il-persuni jkollhom deprivazzjoni materjali estrema jekk jgħixu f'unità domestika li ma tiflaħx tagħmel minn tal-inqas erbgħa mill-punti li ġejjin: 1) tħallas il-kera/is-self ipotekarju/il-kontijiet fil-ħin; 2) iżżomm id-dar sħuna b'mod adegwat; 3) tlaħħaq ma' spejjeż mhux mistennija; 4) tiekol laħam, ħut jew proteini ekwivalenti kull jumejn; 5) tmur għal vaganza ta' ġimgħa lil hinn mid-dar; 6) ikollha aċċess għal karozza għal użu privat; 7) ikollha magna tal-ħasil; 8) ikollha televiżjoni bil-kulur; u 9) ikollha telefon.

Il-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (jiġifieri unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg) huma persuni tal-età ta' 0-59 sena li jgħixu f'unità domestika fejn l-adulti ta' età tax-xogħol (18-59 sena) ikunu ħadmu inqas minn 20 % tal-potenzjal totali tax-xogħol matul is-sena preċedenti.

7 L-istatistika dwar l-introjtu tal-EU SILC tirreferi ghas-sena tal-introjtu preċedenti, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit (is-sena tal-istħarriġ) u tal-Irlanda (introjtu ta' 12-il xahar qabel l-istħarriġ).

**Illustrazzjoni 3: Il-perċentwal tal-popolazzjoni f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) u s-sottokomponenti (2005-2017).**




Sors: Eurostat, SILC. Nota: id-didaskalija hija spjegata fin-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

**Tnaqqis qawwi fl-għadd ta' persuni li jbatu minn deprivazzjoni materjali estrema (SMD) iwassal biex iċ-ċifri jilħqu l-iktar livell baxx li qatt intlaħaq fl-istorja reċenti, filwaqt li jirrifletti ż-żieda fl-istandards tal-għixien.** Iktar minn tliet miljun persuna nħarġu minn sitwazzjoni ta' deprivazzjoni materjali estrema fl-2017, u b'hekk l-għadd kumplessiv ta' persuni affettwati tnaqqas għal 34,8 miljun jew 6,9 % tal-popolazzjoni tal-UE (0,6 pps inqas milli fl-2017 u inqas mill-2008). Dan it-tnaqqis jirrappreżenta titjib sinifikanti għall-ħames sena konsekuttiva, li jirrifletti titjib fis-sitwazzjoni materjali tal-unitajiet domestiċi. Minkejja dawn l-iżviluppi pożittivi, għad hemm varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri (ara t-Taqsima 3.4)

**Iż-żieda rekord fir-rati ta' impjieg kkontribwiet biex l-għadd ta' persuni li kienu qegħdin jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg** jonqos bi 3,7 miljun persuna fl-2017. Bħala ammont tal-popolazzjoni tal-età ta' 0-59 sena, dan jikkorrispondi għal tnaqqis minn 10,5 % fl-2016 għal 9,3 % fl-2017 – inqas minn 10 % għall-ewwel darba mill-2009 'l hawn. Madankollu, kemm ir-rata u kemm l-għadd ta' persuni affettwati għadhom ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi.

**Kien hemm l-ewwel tnaqqis fil-perċentwal tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar minn mindu faqqgħet il-kriżi.** Wara żieda fl-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar sal-2014, dan l-indikatur stabbilizza ruħu fis-sentejn ta' wara. Fl-2017, ir-rata naqset b'0,4 pps għal 16,9 %,

jew kważi żewġ miljun persuna – li kienet l-ewwel sena wara l-kriżi fejn l-introjti tal-unitajiet domestiċi foqra żdiedu iktar malajr mill-introjti medjani. L-iktar *data* reċenti mill-istimi rapidi[8] tal-Eurostat jissuġġerixxu li dan it-tnaqqis fir-rati tal-faqar mistenni jkompli. Madankollu, ir-rata tar-riskju tal-faqar għall-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna żdiedet għar-raba' sena konsekuttiva, u issa laħqet livell rekord ta' 62,3 %. Din turi li għad hemm disparitajiet fl-adegwatezza tal-benefiċċji soċjali f'diversi pajjiżi u ġiet identifikata bħala xejra li trid tiġi osservata mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali[9].

**Minkejja t-tnaqqis kumplessiv fl-ammont ta' persuni fir-riskju tal-faqar, il-faqar fost dawk li jaħdmu għadu għoli.** Fl-2017, 9,6 % tal-popolazzjoni li taħdem kellhom introjtu tal-unitajiet domestiċi taħt is-60 % tal-medjan nazzjonali, ċifra li ma nbidlitx mill-2016, u li għadha ferm ikbar miċ-ċifra ta' 8,5 % tal-2008. Sal-lum iż-żidiet affettwaw kemm lill-ħaddiema part-time u kemm lil dawk full-time, għalkemm il-ħaddiema part-time għadhom f'riskju tal-faqar sostanzjalment ikbar (15,8 % imqabbel ma' 8,0 %). Ix-xejra affettwat b'mod partikolari lill-ħaddiema iżgħar (taħt l-età ta' 30 sena) li jħabbtu wiċċhom ma' riskju ikbar u li kulma jmur qiegħed jiżdied meta mqabbel mal-ħaddiema tal-età ta' 30 sena u iktar. Il-faqar fost dawk li jaħdmu ġie identifikat bħala xejra li trid tiġi osservata mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali kemm minn perspettiva ta' żmien qasir u kemm minn waħda fit-tul[10].

**Iċ-ċifri tal-faqar għall-iktar persuni vulnerabbli jindikaw titjib mudest, bil-kontra tax-xejriet preċedenti.** Id-disparità fil-faqar, li tkejjel kemm il-persuni fir-riskju tal-faqar jinsabu 'l bogħod mil-linja tal-faqar, naqset fl-2017. Din naqset kemxejn minn 25 % għal 24,7 %, għalkemm baqgħet ferm aħjar mil-livelli ta' qabel il-kriżi. Dan jissuġġerixxi li l-pożizzjoni relattiva tal-introjtu tal-iktar persuni vulnerabbli qiegħda titjieb daqsxejn. Għall-persuni qiegħda, ir-riskju tal-faqar naqas għall-ewwel darba mill-kriżi 'l hawn, għalkemm fil-livell ta' 48 % għadu qrib l-ogħla livelli rekord.

**Minkejja t-titjib kumplessiv, ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali li qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom it-tfal għadu għoli.** Ir-rata AROPE għat-tfal (tal-età ta' 0-17-il sena) qiegħda tkompli tonqos, u naqset minn 26,4 % għal 24,5 % fl-2017, ferm inqas mil-

---

8 Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-*data* tal-EU SILC tirreferi għall-introjti rreġistrati fis-sena ta' qabel (jiġifieri l-introjti tal-2016 għal SILC 2017, ara wkoll in-nota 7 f'qiegħ il-paġna). L-istatistiki tal-istimi rapidi ppubblikati mill-Eurostat jindikaw li huwa mistenni titjib fl-indikatur tar-riskju tal-faqar (kif ukoll fil-proporzjon S80/S20) fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għall-introjti rreġistrati fl-2017 (jiġifieri għall-indikaturi ppubblikati fl-2018).

9 Ir-rapport annwali tal-SPC tal-2018.

10 Ir-rapport annwali tal-SPC tal-2018.

livell ta' qabel il-kriżi. Madankollu, 62,9 % tat-tfal ta' ġenituri b'livell baxx ta' ħiliet għadhom fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, meta mqabbla ma' 9 % biss għat-tfal ta' ġenituri b'livell għoli ta' ħiliet. Għat-tfal ta' persuni li ma twildux fl-UE, il-proporzjon ta' dawk fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali ilu jiżdied matul il-perjodu ta' wara l-kriżi, u laħaq 34,5 % fl-2017, iktar mid-doppju tar-rata li jiffaċċjaw it-tfal ta' ġenituri li twieldu fl-UE. Xprun ewlieni tal-faqar fost it-tfal huwa t-tkabbir fl-għadd ta' unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu, li l-ammont tiegħu żdied minn 4,4 % tal-popolazzjoni tal-UE fl-2011 għal 4,8 % fl-2016 (iżda naqas għal 4,3 % fl-2017). Ir-rata tar-riskju tal-faqar fost it-tfal minn unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu hija darbtejn ikbar mill-medja tat-tfal inġenerali, u hija disparità li qiegħda tkompli tikber.

**L-introjti tal-unitajiet domestiċi jkomplu jikbru, iżda b'rata inqas mgħaġġla mill-ekonomija inġenerali.** Filwaqt li l-introjtu nett gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) żdied għar-raba' sena konsekuttiva sal-2017, u issa huwa ferm iktar mil-livell tal-2008, iż-żieda annwali għadha lura meta mqabbel mat-tkabbir tal-PDG (il-GDHI kiber inqas minn 1 % fis-sena sal-2017, filwaqt li l-PDG *per capita* reali żdied bi 2,2 % fl-istess perjodu). Dan jenfasizza li ż-żidiet fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi għadhom lura meta mqabbla mat-tkabbir kumplessiv fl-introjtu fl-ekonomija. Kif jidher fit-Taqsima 3.4, l-introjtu nett gross tal-unitajiet domestiċi *per capita*, f'termini reali, għadu taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi f'għadd ta' Stati Membri.

**Iż-żidiet fl-inugwaljanza fl-introjtu fis-snin ta' wara l-kriżi bdew jinbidlu fi tnaqqis fl-2017, għalkemm dan għadu ma jikkumpensax għaż-żidiet tal-imgħoddi.** Bħala medja, l-iktar 20 % għonja tal-unitajiet domestiċi fl-Istati Membri għandhom introjtu li jaqbeż dak tal-ifqar 20 % tal-unitajiet domestiċi b'iktar minn ħames darbiet. Il-proporzjon S80/S20 żdied minn 5,0 għal 5,2 bejn l-2008 u l-2016, xprunat ukoll mill-kundizzjonijiet batuti tas-suq tax-xogħol u mill-istaġnar fl-introjti, speċjalment fl-iktar parti baxxa tad-distribuzzjoni. Fl-2017, dan il-proporzjon beda jonqos u reġa' lura għal 5,1 bħala medja fl-UE. L-iktar stimi rapidi reċenti ta' Eurostat jissuġġerixxu li t-tnaqqis mistenni li jkompli.

## 2. SNAPSHOTS MIT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI SOĊJALI

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, stabbilit bħala Proklamazzjoni interistituzzjonali mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, jistabbilixxi għadd ta' prinċipji u ta' drittijiet ewlenin biex jiġu sostnuti swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb. Dan huwa mfassal bħala boxxla għal proċess imġedded ta' konverġenza fost l-Istati Membri lejn kundizzjonijiet soċjoekonomiċi aħjar.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa akkumpanjat minn tabella ta' valutazzjoni soċjali għall-monitoraġġ tal-prestazzjonijiet u għall-ittraċċar tax-xejriet fost l-Istati Membri[11]. It-tabella ta' valutazzjoni tipprovdi għadd ta' indikaturi (primarji u sekondarji) biex jiġu analizzati l-prestazzjoni soċjali u tal-impjieg tal-Istati Membri fir-rigward ta' indikaturi magħżula f'tliet dimensjonijiet wesgħin, identifikati fil-kuntest tal-Pilastru: (i) l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, (ii) is-swieq tax-xogħol dinamiċi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u (iii) is-sostenn pubbliku / il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali. Mill-edizzjoni tal-2018 'il hawn, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi jintegra t-tabella ta' valutazzjoni soċjali, u r-riżultati tagħha (fir-rigward tal-indikaturi primarji) huma deskritti fil-qosor f'dan il-Kapitolu. Din l-analiżi hi mqiegħda fil-kuntest tar-riformi ppreżentat fil-Kapitolu 3.

### *2.1 It-tabella ta' valutazzjoni spjegata*

**It-tabella ta' valutazzjoni soċjali hija għodda ċentrali għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni fl-oqsma soċjali u tal-impjiegi, u għall-konverġenza lejn kundizzjonijiet aħjar tal-għajxien u tax-xogħol**. B'mod partikolari, din tgħin fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward ta' dimensjonijiet li jistgħu jitkejlu tal-Pilastru, u tikkomplementa l-għodod ta' monitoraġġ eżistenti, speċjalment il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali[12]. B'mod partikolari tinkludi 14-il indikatur primarju li jivvalutaw ix-xejriet soċjali u tal-impjieg inġenerali[13]:

11 SWD(2017) 200 final, li jakkumpanja l-Komunikazzjoni COM(2017) 250 final tas-26 ta' April 2017.

12 Il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI) u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (MPPS) huma rapporti annwali li jitħejjew rispettivament mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali. Dawn jidentifikaw ix-xejriet li jridu jiġu osservati kif ukoll l-isfidi tal-impjiegi u soċjali

- *Opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol:*
  - L-ammont ta' persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, tal-età ta' 18-24 sena
  - Id-disparità bejn is-sessi fir-rata tal-impjieg, tal-età ta' 20-64 sena
  - L-inugwaljanza fl-introjtu mkejla bħala proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili – S80/S20
  - Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE)
  - Iż-żgħażagħ li huma barra mill-edukazzjoni, minn impjieg jew minn taħriġ (ir-rata ta' NEET), tal-età ta' 15-24 sena
- *Swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti:*
  - Ir-rata tal-impjieg, tal-età ta' 20-64 sena
  - Ir-rata tal-qgħad, tal-età ta' 15-74 sena
  - Ir-rata tal-qgħad fit-tul, tal-età ta' 15-74 sena
  - Introjtu nett gross tal-unitajiet domestiċi f'termini reali, *per capita*[14]
  - Il-qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja[15]
- *Sostenn pubbliku / Protezzjoni u inklużjoni soċjali:*
  - Impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar[16]
  - Tfal tal-età ta' inqas minn tliet snin fl-indukrar formali tat-tfal
  - Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika
  - Ammont tal-popolazzjoni b'ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew aħjar.

**L-indikaturi primarji jiġu analizzati permezz ta' metodoloġija komuni miftiehma mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali** (għad-dettalji ara l-Anness 3).

---

ewlenin fl-Istati Membri, u jimmonitorjaw il-progress fir-rigward tal-miri tal-Ewropa 2020 għall-impjieg u għat-tnaqqis tal-faqar.

13 Fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2018, fuq talba tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (u tas-Sottogruppi tal-Indikaturi taghhom), żewġ indikaturi primarji fil-qasam tas-"swieq tax-xogħol dinamiċi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti" ("il-parteċipanti fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol għal kull 100 persuna li trid taħdem" u "l-kumpens lill-impjegati għal kull siegħa maħduma, f'euro") ma ġewx inklużi fit-tabella tal-ħarsa ġenerali u ma ġewx ippreżentati bħala indikaturi primarji tat-Tabella ta' Valutazzjoni f'analiżi sussegwenti, minħabba xi tħassib tekniku. Wara li saru xi diskussjonijiet, f'Settembru 2018, il-Kumitati qablu li jissostitwixxu dawn l-indikaturi b'oħrajn alternattivi (rispettivament "ir-rata tal-qgħad fit-tul" u "il-qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja"). Dawn l-indikaturi, li huma marbuta b'mod partikolari mal-prinċipji tal-Pilastru dwar is-"Sostenn attiv għall-impjiegi" u dwar il-"Pagi", se jintużaw fl-analiżi tar-Rapport Konġunt attwali dwar l-Impjiegi.

14 Kif mitlub mill-Kumitati, dan l-indikatur jitkejjel bl-użu tal-"introjtu mhux aġġustat" (jiġifieri mingħajr ma jiġu inklużi t-trasferimenti soċjali *in natura*) u billi titneħħa r-referenza għall-użu tal-unitajiet tal-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS).

15 Il-livelli ta' dan l-indikatur huma espressi fi standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) filwaqt li l-bidliet huma espressi fil-munita nazzjonali f'termini reali. Sabiex jiġu radrizzati l-fluttwazzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien, jintużaw medji ta' tliet snin kemm għal-livelli kif ukoll għall-bidliet. Dan l-indikatur għandu jinftiehem u jiġi interpretat flimkien ma' indikaturi oħra, bħar-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu, il-proporzjon bejn il-ħames u l-ewwel deċili tad-distribuzzjoni tal-pagi (D5/D1) u indikaturi rilevanti oħra tal-MPI, tal-MPPS u tal-QEK.

16 Dan jitkejjel bħala d-differenza, fost il-popolazzjoni totali, bejn l-ammont ta' nies fir-riskju tal-faqar qabel u wara t-trasferimenti soċjali.

Din il-metodoloġija tevalwa s-sitwazzjoni u l-iżviluppi fl-Istati Membri billi tħares lejn il-livelli u l-bidliet annwali[17] ta' kull wieħed mill-indikaturi primarji inklużi fit-tabella ta' valutazzjoni soċjali. Il-livelli u l-bidliet huma kklassifikati skont id-distanza tagħhom mill-medji (mhux ponderati) rispettivi tal-UE. Imbagħad, il-prestazzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-livelli u tal-bidliet jiġu kkombinati (bl-użu ta' matriċi predefinita) sabiex kull Stat Membru jiġi assenjat għal waħda mis-seba' kategoriji ("bl-aqwa prestazzjoni", "sitwazzjoni aħjar mill-medja", "sitwazzjoni tajba iżda teħtieġ monitoraġġ", "sitwazzjoni medja/newtrali", "sitwazzjoni dgħajfa iżda qiegħda titjieb", "sitwazzjoni li trid tiġi osservata" u "sitwazzjonijiet kritiċi"). Fuq din il-bażi, it-Tabella 1 tipprovdi sommarju tal-qari tat-tabella ta' valutazzjoni skont l-aħħar ċifri disponibbli għal kull indikatur.

**Jeħtieġ li jsir qari bir-reqqa u mhux mekkaniku tat-tabella.** Għal dan l-għan, analiżi dettaljata tal-erbatax-il indikatur, inkluż ix-xejriet fit-tul u l-indikaturi addizzjonali, meta jkun rilevanti, hija ppreżentata fil-Kapitolu 3. Barra minn hekk, ir-rapporti tal-pajjiżi li ġejjin se jipprovdu analiżi fil-fond tas-"sitwazzjonijiet kritiċi" kollha u sfond soċjoekonomiku u ta' politika addizzjonali biex jiġu kkwalifikati aħjar l-isfidi speċifiċi għall-pajjiżi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Flimkien ma' analiżi ulterjuri inkluż fil-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u fil-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali, dan se jipprovdi bażi analitika għall-proposti sussegwenti tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fejn ikun xieraq.

## *2.2 Evidenza mit-tabella ta' valutazzjoni soċjali*

**L-analiżi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tindika rkupru kontinwu fis-suq tax-xogħol u fis-sitwazzjoni soċjali għall-UE kollha[18].** Bħala medja għall-UE[19], 13-il indikatur primarju minn 14 irreġistraw titjib matul l-aħħar sena disponibbli (jiġifieri l-2017 jew l-2016 skont id-disponibbiltà tad-*data*), b'wieħed biss (l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar) li mar kemxejn għall-agħar, għalkemm dan huwa konformi ma' tnaqqis tal-impatt tal-

17 Bl-eċċezzjoni tal-Introjtu Nett Gross tal-Unitajiet Domestiċi, li jitkejjel bħala numru indiċi (2008=100, u b'hekk jirrifletti bidla meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi) u bidliet fl-aħħar sena; u l-qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja, li għalih jintużaw il-medji ta' tliet snin, kif miftiehem mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

18 Id-data limitu għall-estrazzjoni tal-indikaturi primarji tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali hija s-26 ta' Ottubru 2018. Fil-verżjoni finali tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-adozzjoni mill-Kunsill EPSCO se jiġi pprovdut aġġornament.

19 Din l-evidenza tirreferi għall-medji ponderati tal-UE, għajr għall-indikatur "Qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja" li għalih tintuża medja mhux ponderata.

istabilizzaturi awtomatiċi f'fażi ta' espansjoni ekonomika. L-iktar progress sinifikanti ġie rreġistrat fir-rati tal-qgħad (kumplessivi u fit-tul), li naqsu fl-Istati Membri kollha fl-2017, u fejn kien hemm "sitwazzjoni kritika" waħda biss li ġiet enfasizzata. L-iżviluppi fir-rata tal-impjieg u fir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kienu pożittivi wkoll kullimkien, peress li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri rreġistraw titjib meta mqabbel mas-sena preċedenti.

**Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jħabbtu wiċċhom ma' sfidi f'minn tal-inqas indikatur primarju wieħed, iżda l-għadd kumplessiv ta' sfidi naqas meta mqabbel mas-sena ta' qabel.** Meta jitqiesu l-iktar tliet klassifikazzjonijiet problematiċi flimkien, jiġifieri "sitwazzjoni kritika", "sitwazzjoni li trid tiġi osservata" u "sitwazzjoni dgħajfa iżda li qiegħda titjieb", il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jiġu indikati minn tal-inqas darba – għajr il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, in-Netherlands u l-Iżvezja. Meta jitqiesu s-"sitwazzjonijiet kritiċi" biss (jiġifieri l-indikaturi li l-livell tagħhom huwa ħafna agħar mill-medja, u li jew mhuwiex jitjieb malajr biżżejjed jew inkella qiegħed imur għall-agħar iktar), l-għadd ta' Stati Membri indikati naqas minn 14 fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2018 (b'sett iżgħar ta' indikaturi) għal 13 fl-eżerċizzju attwali (l-Estonja, Malta u l-Portugall ma għadhomx f'dan il-grupp, filwaqt li l-Ungerija u l-Latvja saru parti minnu). L-għadd ta' sfidi jindika li sar titjib kullimkien. Fl-14-il qasam li ġew ivvalutati, b'mod kumplessiv ġew identifikati 117-il każ ta' "sitwazzjoni kritika", ta' "sitwazzjoni li trid tiġi osservata" jew ta' "sitwazzjoni dgħajfa iżda li qiegħda titjieb", jiġifieri madwar 31 % tal-għadd totali ta' valutazzjonijiet (meta mqabbel ma' 33 % fil-JER tal-2018); minn dawn, 39 huma "sitwazzjonijiet kritiċi", li jikkorrispondu għal 10 % tal-valutazzjonijiet kollha (meta mqabbel ma' 13 % fil-JER tal-2018)[20].

Meta wieħed iħares lejn it-tliet dimensjonijiet wesgħin koperti bit-tabella ta' valutazzjoni, b'mod simili għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2018, il-każijiet problematiċi jidhru b'mod iktar frekwenti fil-qasam ta' **"sostenn pubbliku/protezzjoni u inklużjoni soċjali"**, b'medja ta' 9,3 każijiet (li minnhom 3,5 każijiet ikunu "sitwazzjonijiet kritiċi") għal kull indikatur. **L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar** jidher li huwa l-iktar

[20] Ix-xejra ta' titjib tiġi kkonfermata jekk iż-żewġ indikaturi l-ġodda ("ir-rata tal-qgħad fit-tul" u "il-qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja") jiġu esklużi mill-għadd sabiex b'hekk ikun jista' jsir tqabbil fuq l-istess sett ta' indikaturi. F'dan il-każ, il-perċentwal kumplessiv ta' "sitwazzjonijiet kritiċi", ta' każijiet ta' "sitwazzjoni li trid tiġi osservata" jew ta' "sitwazzjoni dgħajfa iżda li qiegħda titjieb" fost il-valutazzjonijiet totali għadu ta' 31 %, filwaqt li l-perċentwal ta' "sitwazzjonijiet kritiċi" jiżdied kemxejn għal 11 %.

indikatur diffiċli, bi 11-il Stat Membru indikat (li minnhom ħamsa jinsabu fil-kategorija tal-qiegħ).

Wara jsegwu d-dimensjonijiet ta' **"opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol"** u ta' **"swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti"**, b'medja ta' 8,6 u 7,4 każijiet indikati għal kull indikatur rispettivament (3,2 u 1,8 "sitwazzjonijiet kritiċi" kull wieħed). Fl-ewwel qasam, l-iktar indikatur indikat huwa ta' **persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ** (10 darbiet). F'dan tal-aħħar, **il-qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja** jidher li huwa l-indikatur bl-iktar sfidi numerużi (12-il indikazzjoni).

**Bħas-sena preċedenti, is-sitwazzjoni tal-Istati Membri u s-severità tal-isfidi rispettivi jvarjaw ħafna.** Il-Greċja, ir-Rumanija u l-Italja għad għandhom valutazzjonijiet ta' "sitwazzjonijiet kritiċi", ta' "sitwazzjoni li trid tiġi osservata", jew ta' "sitwazzjoni dgħajfa iżda li qiegħda titjieb" fuq għaxar indikaturi jew iktar – li minnhom ġew indikati "sitwazzjonijiet kritiċi" għal seba', erba' u sitt indikaturi rispettivament (ara t-Tabella 1). Għal dawn il-pajjiżi, l-isfidi huma mifruxa b'mod uniformi fit-tliet oqsma (minkejja dan, prestazzjonijiet "aħjar mill-medja" ġew indikati darba għall-Greċja u għall-Italja, rispettivament fir-rigward tar-rata ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola u fir-rigward tal-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika, u darbtejn għar-Rumanija, fir-rigward tar-rata tal-qgħad u t-tkabbir tal-introjtu nett gross tal-unitajiet domestiċi *per capita*). F'termini tal-għadd kumplessiv, isegwu l-Kroazja u Spanja (disa' sfidi kull wieħed), il-Bulgarija (tmien sfidi), u Ċipru, il-Latvja u l-Portugall (sitt sfidi kull wieħed). B'kuntrast ma' dan, in-Netherlands għandhom "l-aqwa prestazzjoni" jew prestazzjoni "aħjar mill-medja" fi 11-il indikatur primarju, segwiti mir-Repubblika Ċeka u mill-Iżvezja (10 indikaturi kull wieħed), u mill-Awstrija, mill-Ġermanja u mis-Slovenja (8 indikaturi kull wieħed).

Meta wieħed iħares lejn **l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol**, ġie rreġistrat l-ikbar titjib, bħala medja, f'termini tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali u r-rati tan-NEETs, filwaqt li l-progress kien inqas evidenti fir-rigward tat-tluq bikri mill-iskola, id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg u l-inugwaljanza fl-introjtu (madankollu l-indikatur tal-aħħar juri l-ewwel tnaqqis fil-perjodu ta' wara l-kriżi). Meta wieħed iħares skont l-indikatur:

- Spanja, l-Italja u r-Rumanija jħabbtu wiċċhom ma' "sitwazzjoni kritika" fir-rigward tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, meta mqabbla mal-Kroazja, mal-Irlanda, mal-Polonja u mas-Slovenja "bl-aqwa prestazzjoni";
- il-Greċja, l-Italja u r-Rumanija għandhom punteġġ kritiku fid-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg, meta mqabbla mal-Finlandja, mal-Litwanja u mal-Iżvezja "bl-aqwa prestazzjoni";
- il-Bulgarija, Spanja, il-Latvja u l-Litwanja jħabbtu wiċċhom ma' "sitwazzjoni kritika" f'termini tal-inugwaljanza fl-introjtu meta mqabbla mal-aqwa prestazzjoni tar-Repubblika Ċeka, tal-Finlandja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja.
- Is-sitwazzjoni fir-rigward tar-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali hija kritika fil-Bulgarija u fil-Greċja, meta mqabbla mar-Repubblika Ċeka u mal-Finlandja "bl-aqwa prestazzjoni";
- Ċipru, il-Kroazja, il-Greċja u l-Italja jħabbtu wiċċhom ma' "sitwazzjoni kritika" meta wieħed iħares lejn in-NEETs, filwaqt li l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja għandhom l-aqwa prestazzjoni.

Fir-rigward tas-**swieq tax-xogħol dinamiċi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fl-UE**, bħala medja, is-sitwazzjoni tjiebet matul l-aħħar sena fl-indikaturi kollha, b'mod partikolari r-rati tal-impjieg u tal-qgħad (kemm b'mod kumplessiv kif ukoll fit-tul), l-introjtu nett gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* u l-qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja. Meta wieħed iħares skont l-indikatur:

- il-Kroazja, il-Greċja, l-Italja u Spanja jħabbtu wiċċhom ma' "sitwazzjoni kritika" fir-rigward tar-rata tal-impjieg tagħhom, meta mqabbla mar-Repubblika Ċeka, mal-Estonja, mal-Ġermanja, man-Netherlands, mal-Iżvezja u mar-Renju Unit "bl-aqwa prestazzjoni".
- L-ebda pajjiż ma għandu punteġġ kritiku fir-rigward tar-rata tal-qgħad (Ċipru, il-Kroazja, il-Greċja u Spanja huma mmarkati bħala b'"sitwazzjoni dgħajfa iżda li qiegħda titjieb", filwaqt li l-Italja hija mmarkata bħala b'"sitwazzjoni li trid tiġi osservata"); min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Ċeka għandha punteġġ "bl-aqwa prestazzjoni";
- l-Italja għandha punteġġ kritiku fir-rigward tar-rata tal-qgħad fit-tul (permezz tal-metodoloġija, l-ebda pajjiż ma ġie identifikat bħala dak "bl-aqwa prestazzjoni", filwaqt li 14-il pajjiż għandhom "sitwazzjoni aħjar mill-medja").

- It-tkabbir fil-GDHI *per capita* jitqies bħala "sitwazzjoni kritika" fil-Greċja u f'Ċipru, meta mqabbla mal-Bulgarija u mal-Polonja "bl-aqwa prestazzjoni";
- is-sitwazzjoni fir-rigward tal-qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja hija vvalutata bħala kritika għall-Ungerija u għas-Slovakkja, filwaqt li l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u r-Renju Unit huma dawk "bl-aqwa prestazzjoni".

Fir-rigward tas-**sostenn pubbliku u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali**, is-sitwazzjoni tjiebet tul l-aħħar sena f'termini tad-disponibbiltà tal-indukrar tat-tfal, il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika u l-ħiliet diġitali iżda marret għall-agħar f'termini tal-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, kif imsemmi hawn fuq. Meta wieħed iħares skont l-indikatur:

- il-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja u r-Rumanija jħabbtu wiċċhom ma' "sitwazzjoni kritika" fir-rigward ta' kemm it-trasferimenti soċjali tagħhom jirnexxilhom inaqqsu r-riskju tal-faqar; meta mqabbla mad-Danimarka, mal-Finlandja, mal-Ungerija u mal-Iżvezja "bl-aqwa prestazzjoni";
- il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, il-Polonja u s-Slovakkja għandhom punteġġ kritiku fir-rigward tal-parteċipazzjoni tat-tfal tal-età ta' inqas minn tliet snin fl-indukrar formali tat-tfal, meta mqabbla ma' Franza, mal-Lussemburgu, man-Netherlands u mal-Portugall "bl-aqwa prestazzjoni";
- il-Latvja tħabbat wiċċha ma' "sitwazzjoni kritika" f'termini tal-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika (permezz tal-metodoloġija, l-ebda pajjiż ma ġie identifikat bħala dak "bl-aqwa prestazzjoni", filwaqt li 12-il pajjiż għandhom "sitwazzjoni aħjar mill-medja");
- il-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija jħabbtu wiċċhom ma' "sitwazzjoni kritika" meta wieħed iħares lejn il-livelli ta' ħiliet diġitali, filwaqt li l-Finlandja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Iżvezja għandhom l-aqwa prestazzjoni.

## Tabella 1. Sommarju tal-indikaturi primarji fit-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali

| | Opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol | | | | | Swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti | | | | | Sostenn pubbliku / Protezzjoni u inklużjoni soċjali | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ | Disparità bejn il-ġeneri fl-impjieg | Proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu | Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali | Rata ta' NEETs żgħażagħ | Rata tal-impjieg | Rata tal-qgħad | Rata tal-qgħad fit-tul | GDHI reali *per capita* (2008 = 100) | Qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time li jaqla' paga medja | Impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar | Tfal tal-età ta' inqas minn tliet snin fl-indukrar formali tat-tfal | Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika | Livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi |
| Sena | 2017 | 2017 | 2017 | 2017 | 2017 | 2017 | 2017 | 2017 | 2016 | 2016 | 2017 | 2016 | 2017 | 2017 |
| Bl-aqwa prestazzjoni | HR, IE, PL, SI | FI, LT, SE | CZ, FI, SI, SK | CZ, FI | AT, CZ, DE, NL, SE, SI | CZ, DE, EE, NL, SE, UK | CZ | | BG, PL | UK, NL, LU, AT, DE | DK, FI, HU, SE | FR, LU, NL, PT | | FI, LU, NL, SE |
| B'sitwazzjoni aħjar mill-medja | AT, CZ, EL, LT, LV, NL | DK, EE, LU, PT, SI, SK | BE, DK, HU, MT, NL, SE | CY, DE, FR, MT, PL, SE, SI, SK | IE | AT, BG, LT, PT, SI | AT, DE, HU, LU, MT, NL, PL, PT, RO, UK | AT, DE, CY, CZ, DK, EE, HR, HU, MT, NL, PL, PT, SE, UK | DK, LT, RO, SE | BE, FR, SE, DK, IE, FI | BE, CZ, FR, NL, PL, SI | EE, ES, MT, SI | AT, CZ, DE, DK, ES, FR, HU, IT, LU, MT, NL, PL | AT, CZ, DE, MT, UK |
| B'sitwazzjoni skont il-medja | BE, DE, EE, FI, FR, SE, UK | AT, BE, BG, CY, DE, ES, FR, IE, NL, UK | CY, DE, EE, FR, HR, LU, PL | BE, EE, HU, PT | BE, FI, FR, HU, LT, LV, MT, PL, PT, SK, UK | CY, FI, FR, HU, IE, LU, LV, MT, PL, SK | BE, BG, DK, EE, FI, FR, IE, LT, LV, SE, SI, SK | BE, BG, FI, FR, IE, LT, LU, LV, RO, SI | CZ, EE, DE, FR, FI, HU, LV, NL, SI, SK | MT, IT, EL, ES | CY, DE, MT, SK | CY, DE, FI, IE, IT, LV, UK | BE, BG, FI, HR, LT, PT, SE, SK | BE, EE, ES, FR, LT, SI, SK |
| B'sitwazzjoni tajba iżda li trid tiġi mmonitorjata | LU | LV | AT | AT, DK, NL | DK, LU | DK | | | | | AT | BE, DK, SE | | DK |
| B'sitwazzjoni dgħajfa iżda li qiegħda titjieb | BG, MT, PT | MT | EL, IT, RO | RO | BG, RO | RO | CY, EL, ES, HR | EL, ES | | LT, EE, RO, BG, LV | | RO | EE, EL | CY |
| B'sitwazzjoni li trid tiġi osservata | CY, DK, HU, SK | CZ, HR, HU, PL | PT | ES, HR, IT, LT, LU, LV | EE, ES | BE | IT | SK | AT, BE, ES, IE, IT, LU, PT, UK | PT, PL, CZ, HR, SI | EE, ES, HR, LT, LU, PT | AT, HR, HU, LT | CY, RO, SI | EL, HU, IE, LV, PL, PT |
| Sitwazzjonijiet kritiċi | ES, IT, RO | EL, IT, RO | BG, ES, LT, LV | BG, EL | CY, EL, HR, IT | EL, ES, HR, IT | | IT | CY, EL | HU, SK | BG, EL, IT, LV, RO | BG, CZ, EL, PL, SK | LV | BG, HR, RO |

Nota: Fis-26 ta’ Ottubru 2018: il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, l-AROPE, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-ħtieġa awtodikjarata għall-kura medika ma kinux disponibbli għall-Irlanda u għar-Renju Unit; it-tkabbir fil-GDHI *per capita* ma kienx disponibbli għall-Kroazja u għal Malta; il-qligħ nett ta’ ħaddiem waħdu full-time mingħajr tfal li jaqla’ paga medja ma kienx disponibbli għal Ċipru; il-livell ta’ ħiliet diġitali tal-individwi ma kienx disponibbli għall-Italja. Il-waqfiet fis-serje u indikazzjonijiet statistiċi oħra ġew irrapportati fl-Annessi 1 u 2.

***Kaxxa 1. Il-parametraġġ referenzjarju – is-sitwazzjoni attwali***

L-importanza tal-parametraġġ referenzjarju bħala għodda ta' sostenn għar-riformi strutturali u għat-trawwim ta' żieda fil-konverġenza fl-impjieg u fl-oqsma soċjali ġiet rikonoxxuta fir-Rapport tal-Ħames Presidenti ta' Ġunju 2015[21] u ġiet enfasizzata iktar fid-Dokument ta' Riflessjoni dwar l-UEM ta' Mejju 2017[22]. Il-Komunikazzjoni tas-26 ta' April 2017 li tistabbilixxi Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[23] identifikat il-parametraġġ referenzjarju bħala mezz ewlieni ta' sostenn għall-implimentazzjoni tal-Pilastru fis-Semestru Ewropew. Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-eżerċizzji ta' parametraġġ referenzjarju ġew żviluppati u diskussi mal-Istati Membri f'diversi oqsma.

B'mod partikolari, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) qablu fuq approċċ komuni bi tliet passi: (1) l-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin u sett ta' indikaturi tal-eżiti ta' livell għoli li jkunu rilevanti għall-qasam ta' politika kkonċernat; (2) indikaturi tal-prestazzjoni li jippermettu li jsir il-parametraġġ referenzjarju tal-prestazzjoni; (3) l-identifikazzjoni ta' xpruni ta' politika, li jkunu akkumpanjati minn prinċipji ġenerali għall-gwida dwar il-politiki u, meta jkunu disponibbli, minn indikaturi speċifiċi. F'dan l-istadju, il-valuri referenzjarji għall-ixpruni ta' politika ma jkunux stabbiliti, peress li l-għan huwa li jsir tqabbil fost l-Istati Membri.

Il-qafas tal-parametraġġ referenzjarju dwar il-benefiċċji tal-qgħad u l-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol intuża għall-ewwel darba fis-Semestru Ewropew tal-2018. F'dan il-kuntest, analiżi komparattiva tal-karatteristiki speċifiċi tat-tfassil u tal-prestazzjoni tas-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti tal-eliġibbiltà u tal-adegwatezza, ġiet inkluża fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u fir-Rapporti tal-Pajjiżi tal-2018. Wara l-approvazzjoni mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO), issa l-elementi tal-qafas relatati mal-komponent tal-attivazzjoni tal-iskemi tal-benefiċċji tal-qgħad (eż. il-kundizzjonijiet tad-disponibbiltà għax-xogħol mehmuża mal-għoti tal-benefiċċji tal-qgħad) u relatati mas-servizzi tas-suq tax-xogħol li jagħtu sostenn lill-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg, ġew integrati fis-Semestru Ewropew tal-2019 u ġew ippreżentati f'dan ir-rapport.

Wara l-approvazzjoni mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC), is-Semestru Ewropew tal-2019 se jkollu wkoll integrazzjoni sħiħa tal-qafas tal-parametraġġ referenzjarju dwar il-benefiċċji tal-introjtu minimu, li jkopri l-komponenti tal-adegwatezza, tal-kopertura u tal-attivazzjoni tal-iskemi tal-introjtu minimu, inkluż fir-rigward tar-relazzjoni tagħhom mas-servizzi *in natura* (il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni). Fl-aħħar nett, dan iċ-ċiklu tas-Semestru se jibbenefika għall-ewwel darba mir-riżultati tal-qafas tal-parametraġġ referenzjarju dwar il-ħiliet u l-apprendiment tal-adulti, li ġie miftiehem mal-Kumitat tal-Impjiegi f'Ottubru 2018. Attwalment, fil-Kumitati rilevanti għaddej ix-xogħol fuq oqfsa addizzjonali possibbli ta' parametraġġ referenzjarju, bħall-adegwatezza tal-pensjonijiet, li jridu jintużaw fiċ-ċikli futuri tas-Semestru.

[21] *Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa*, ir-Rapport ta' Jean-Claude Juncker, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Donald Tusk, Jeroen Dijsselbloem, Mario Draghi u Martin Schulz, it-22 ta' Ġunju 2015.
[22] COM(2017) 291 final.
[23] COM(2017) 250 final.

## 3. IR-RIFORMI SOĊJALI U TAL-IMPJIEG – IL-PRESTAZZJONI U L-AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI

Din it-taqsima tagħti ħarsa ġenerali lejn l-indikaturi soċjali u tal-impjieg u l-miżuri ewlenin reċenti li ttieħdu mill-Istati Membri f'oqsma ta' prijorità identifikati mil-linji gwida tal-UE dwar l-impjiegi[24], kif adottati mill-Kunsill fl-2018. Għal kull linja gwida, jingħataw l-iżviluppi reċenti fir-rigward ta' għażla ta' indikaturi ewlenin, kif ukoll fir-rigward ta' miżuri ta' politika li ttieħdu mill-Istati Membri. Rigward dawn tal-aħħar, it-taqsima tissejjes fuq il-Programmi Nazzjonali tar-Riformi tal-2018 tal-Istati Membri u fuq sorsi tal-Kummissjoni Ewropea[25]. Jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-miżuri ta' politika implimentati wara Ġunju 2017 biss huma ppreżentati fir-rapport. Analiżi fil-fond tal-iżviluppi reċenti fis-suq tax-xogħol tista' tinsab fir-rapport Labour Market and Wage Developments 2018[26] (L-iżviluppi fis-Suq tax-Xogħol u fil-Pagi) u fl-Employment and Social Developments in Europe Review 2018[27] (Ir-Rieżami tal-Iżviluppi Soċjali u tal-Impjieg fl-Ewropa tal-2018).

### 3.1 Il-Linja gwida nru 5: Nagħtu spinta lid-domanda għall-ħaddiema

Din it-taqsima tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 5 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri joħolqu kundizzjonijiet li jippromwovu d-domanda għall-ħaddiema u l-ħolqien tal-impjiegi. L-ewwel tagħti ħarsa ġenerali lejn ir-rati tal-qgħad u tal-impjieg f'kull Stat Membru, filwaqt li tikkomplementa l-analiżi fil-livell tal-UE li saret fil-Kapitolu 1, biex tenfasizza r-rilevanza tal-isfida tal-ħolqien tal-impjiegi fil-pajjiżi kollha. Imbagħad tagħti ħarsa lejn id-dinamika tal-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom, bħala indikatur għall-imprenditorija u bħala sors fih innifsu ta' tkabbir fl-impjieg (l-aspetti tal-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom marbuta ma' forom ġodda ta' xogħol huma diskussi fil-Kapitolu 3.3). Fl-aħħar nett, tinvestiga l-iżviluppi fil-pagi u fil-porzjon ta' taxxa bħala fatturi makroekonomiċi ewlenin li jiddeterminaw id-deċiżjonijiet li jittieħdu għar-reklutaġġ. It-Taqsima 3.1.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika implimentati mill-Istati Membri

---

24 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1215 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri.

25 Inkluż il-bażi tad-*data* LABREF, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1143&intPageId=3193.

26 Il-Kummissjoni Ewropea (2018). Labour Market and Wage Developments in Europe. Rieżami Annwali tal-2018. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fis-sit web: http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8139&furtherPubs=yes

27 Il-Kummissjoni Ewropea (2018). Employment and Social Developments in Europe. Rieżami Annwali tal-2018. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fis-sit web: http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8110&furtherPubs=yes

f'dawn l-oqsma għall-promozzjoni tad-domanda għall-ħaddiema, inkluż is-sussidji għar-reklutaġġ.

### *3.1.1 L-indikaturi ewlenin*

**It-tnaqqis fil-qgħad irranka fl-2017.** Għall-ewwel darba wara l-kriżi, ir-rata tal-qgħad naqset fl-Istati Membri kollha tal-UE. B'mod partikolari seħħ tnaqqis iktar malajr mis-soltu f'xi Stati Membri li jbatu minn rati tal-qgħad għoljin ħafna – il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, il-Portugall, li kollha qegħdin jesperjenzaw tnaqqis b'2 pps jew iktar – li jindika xejra ċara ta' konverġenza[28] lejn livelli iktar baxxi ta' qgħad. Madankollu, seħħ ukoll tnaqqis qawwi f'xi pajjiżi b'qgħad baxx – b'iktar minn 1 pps fir-Repubblika Ċeka, fin-Netherlands u fil-Polonja. Kif inhu evidenti mill-Illustrazzjoni 4 (li tagħti ħarsa b'mod konġunt lejn il-livelli u l-bidliet skont il-metodoloġija maqbula għall-valutazzjoni tal-indikaturi primarji tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali[29]), id-dispersjoni tar-rati tal-qgħad baqgħet sostanzjali fl-2017, b'valuri li varjaw minn madwar 3 % fir-Repubblika Ċeka sa 21,5 % fil-Greċja. Ir-rata tal-qgħad għadha għolja wkoll fl-Italja, b'titjib limitat biss meta mqabbel mal-2016. Minkejja t-tnaqqis kostanti mill-2013 'il hawn, f'bosta Stati Membri r-rata tal-qgħad għadha ferm ogħla min dik fl-2008 (l-Illustrazzjoni 5) – speċjalment fil-Kroazja, fil-Greċja, f'Ċipru, fl-Italja u fi Spanja. Kuntrarjament għal dan, fil-Ġermanja, fl-Ungerija u fil-Polonja r-rata tal-qgħad fl-2017 kienet iżjed minn 2 pps iktar baxxa minn dik ta' qabel il-kriżi.

28 Meta jagħti ħarsa lejn iċ-ċifri tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali skont il-metodoloġija komuni, ir-rapport juża l-kunċett ta' konverġenza fil-livelli, jew "betakonverġenza". Dan jirreferi għas-sitwazzjoni fejn l-indikaturi fil-pajjiżi bl-agħar prestazzjoni jitjiebu iktar malajr mili f'dawk bl-aqwa prestazzjoni. Tista' tiġi vvalutata billi wieħed iħares lejn il-pendil tal-linja ta' rigressjoni fl-iscatterplot tal-livelli mqabbla mal-bidliet.

29 Ara l-Kapitolu 2 u l-Anness 2 għad-dettalji.

**Illustrazzjoni 4: Ir-rata tal-qgħad (15-74 sena) u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Illustrazzjoni 5: Ir-rata tal-qgħad (15-74 sena), tqabbil pluriennali**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

**Filwaqt li r-rati tal-impjieg irreġistraw żidiet qawwija, għad hemm disparitajiet sinifikanti.** L-Istati Membri kollha rreġistraw żidiet, bl-eċċezzjoni tad-Danimarka[30] (tnaqqis ta' 0,5 pps, minkejja li minn livell għoli ħafna). Kif jidher fl-Illustrazzjoni 6, ir-rati tal-impjieg huma konverġenti parzjalment biss: L-Istati Membri b'rati tal-impjieg iktar baxxi x'aktarx li jesperjenzaw tkabbir iktar mgħaġġel mill-medja – iżda s-sitwazzjoni għadha mifruxa. Ir-rati tal-impjieg (il-grupp ta' età ta' 20-64 sena) ivarjaw ferm, minn 57,8 % fil-Greċja sa 81,8 % fl-Iżvezja fl-2017. Fost l-iktar rati baxxi, ir-rata tal-impjieg għadha ferm taħt il-medja tal-UE f'xi pajjiżi li l-kriżi laqtithom l-iktar fil-laħam il-ħaj, jiġifieri l-Greċja, il-Kroazja, l-Italja u Spanja (immarkati bħala "sitwazzjonijiet kritiċi"). Disa' pajjiżi diġà qabżu l-mira ta' 75 %, filwaqt li s-sitt pajjiżi bl-aqwa prestazzjoni (l-Iżvezja, il-Ġermanja, l-Estonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit u n-Netherlands kollha qegħdin qrib jew qabżu t-78 %).

[30] Dan it-tnaqqis għandu jiġi interpretat b'kawtela peress li l-istatistika dwar l-impjieg għad-Danimarka fiha waqfa fis-serje fl-2017 u fl-2016 (ara wkoll l-Anness 1 u 2). Waqfa fis-serje ġiet indikata wkoll għall-Belġju fl-2017.

**Illustrazzjoni 6: Ir-rata tal-impjieg (20-64 sena) u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Ir-rati medji tal-impjieg fl-UE ilhom jiżdiedu b'mod kostanti mill-2013 'il hawn u issa huma ferm ogħla mill-ogħla livell ta' qabel il-kriżi.** L-Ungerija u Malta, li kellhom l-iktar rati tal-impjieg baxxi fl-UE fl-2008, esperjenzaw l-ikbar żidiet fit-tul (+11,8 pps u +13,8 pps rispettivament fl-2017) u issa qegħdin kemxejn ogħla mill-medja tal-UE. Madankollu, għad hemm disparitajiet kbar. B'mod partikolari, bl-istess mod bħal fil-każ tar-rati tal-qgħad, ir-rati tal-impjieg għadhom taħt il-livelli tal-2008 f'dawk il-pajjiżi li ġew affettwati l-iktar mill-kriżi, bħall-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, Spanja, Ċipru u l-Irlanda (l-Illustrazzjoni 7).

**Illustrazzjoni 7: Ir-rata tal-impjieg (20-64 sena), tqabbil pluriennali**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

**It-tkabbir sostnut tal-impjiegi ma affettwax ix-xejra fit-tul ta' tnaqqis fl-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom.** F'numri assoluti, l-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom naqas b'0,5 % fl-2017 (wara kemxejn ta' żieda fl-2016[31]). Kompla jonqos ukoll f'termini relattivi u kien jirrappreżenta 13,7 % tal-impjieg totali fl-2017 (tnaqqis minn 14,0 % fl-2016 u minn 14,4 % fl-2013). L-ammont ta' rġiel li jaħdmu għal rashom meta mqabbel mat-total ta' rġiel impjegati, jiġifieri 17,2 %, għadu ferm ikbar minn tan-nisa (9,7 %). Ix-xejriet fl-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom huma inqas negattivi jekk is-settur primarju u l-manifattura jiġu esklużi. B'mod partikolari, l-impjieg tal-persuni li jaħdmu għal rashom żdied b'mod kostanti matul dawn l-aħħar għaxar snin fil-biċċa l-kbira tas-setturi relatati mas-servizzi.

**Iċ-ċifri kumplessivi huma r-riżultat ta' żviluppi diverġenti fost l-Istati Membri, is-setturi u s-sottogruppi.** Madankollu, ma jidhirx li x-xejriet tal-persuni li jaħdmu għal rashom huma marbuta mal-prestazzjoni fl-impjieg fil-livell settorjali jew tal-Istati Membri. F'termini ta' gruppi ta' età u ta' edukazzjoni, l-iżviluppi fil-biċċa l-kbira tagħhom jirriflettu it-tibdil fil-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol: l-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom kompla jonqos għall-persuni tal-età ta' 15-49 sena filwaqt li żdied ferm għall-persuni tal-età ta' 50-64 sena u dawk ta' 65 sena u iktar (+1,2 % u +4,0 % rispettivament). Il-livell tal-edukazzjoni huwa fattur importanti wkoll, peress li fl-2017 l-għadd ta' persuni li jaħdmu għal rashom

31 Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

naqas bi 3,2 % għall-persuni li kellhom sa livell baxx ta' edukazzjoni sekondarja u żdied b'1 % għall-persuni b'edukazzjoni terzjarja. Fl-aħħar nett, ġiet irreġistrata żieda fl-għadd ta' persuni li jaħdmu għal rashom li ma twildux fl-UE. L-aspetti relatati mal-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom bħala forma atipika ta' xogħol huma diskussi fid-dettall fil-Kapitolu 3.3.

**It-tkabbir fil-pagi jibqa' moderat fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.** It-tkabbir fil-pagi nominali fl-UE baqa' batut matul l-irkupru, iżda beda jirranka fl-2017, b'żieda fil-kumpens għal kull impjegat ta' 2,1 %. Id-differenzi minn pajjiż għall-ieħor huma konsiderevoli, bi tkabbir fil-pagi li jasal ġeneralment iktar malajr fl-Istati Membri b'livelli iktar baxxi u f'dawk li mhumiex membri taż-żona tal-euro. Iż-żieda fil-kumpens nominali għal kull impjegat (f'EUR) kienet l-ikbar fir-Rumanija (16,0 %), fil-Litwanja (9,1 %), fl-Ungerija (7,9 %), fil-Latvja (7,9 %) u fil-Bulgarija (7,5 %), li tindika konverġenza fil-pagi bejn l-Lvant u l-Punent tal-Ewropa. Fost l-iktar kumpens nominali baxx, il-pagi nominali naqsu fil-Finlandja (-1,1 %) u fil-Kroazja (-1,1 %) u baqgħu l-istess fi Spanja, fl-Italja u fil-Greċja.

**F'termini reali, it-tkabbir fil-pagi majna fl-2017 meta mqabbel mal-2016.** Fl-UE, il-pagi tal-konsum reali (jiġifieri l-pagi aġġustati għall-bidla fil-prezzijiet għall-konsumatur) żdiedu b'0,5 % fl-2017, jiġifieri tnaqqis minn 1,2 % fl-2016. Fiż-żona tal-euro, il-pagi reali kważi staġnaw (+0,2 %). Ġie rreġistrat tnaqqis fi tmien pajjiżi: Spanja, l-Italja, il-Greċja, il-Kroazja, il-Portugall, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Finlandja. Meta mqabbel mal-2016, it-tnaqqis kien dovut parzjalment għaż-żieda fil-prezzijiet għall-konsumatur, li ma mexietx id f'id ma' żieda fil-kumpensi. Madankollu, anke meta wieħed iħares lejn il-pagi reali tal-produzzjoni (aġġustati għad-deflatur tal-PDG), kollox kważi baqa' kif inhu, b'kemxejn ta' żieda biss fit-tkabbir fil-pagi reali fl-UE fl-2017 (b'0,7 %) u bi tnaqqis irreġistrat f'għaxar pajjiżi (l-Illustrazzjoni 8).

**Illustrazzjoni 8: Il-kumpens reali għal kull impjegat, l-HICP u d-deflatur tal-PDG, il-bidla annwali f'% fl-2017**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-*data* AMECO.

**Fl-2017, it-tkabbir fil-pagi reali kien inqas mit-tkabbir fil-produttività fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.** Din ix-xejra hija kkonfermata wkoll fuq perjodu ta' tliet snin (l-Illustrazzjoni 9) u fuq perspettiva iktar fit-tul (l-Illustrazzjoni 10). F'disa' pajjiżi (il-Belġju, Ċipru, il-Kroazja, il-Finlandja, il-Greċja, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja), it-tkabbir fil-pagi reali kien negattiv matul il-perjodu 2015-2017. Fuq perspettiva iktar fit-tul (2000-2017), bħala medja, l-iżviluppi fil-paga reali waqgħu lura meta mqabbla mal-produttività. Fil-Portugall u fl-Italja, il-pagi għadhom taħt il-livelli tas-sena 2000 f'termini reali. Ix-xejra reċenti hija l-oppost għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri Ċentrali u tal-Lvant, fejn, matul l-aħħar tliet snin, it-tkabbir fil-pagi reali (b'deflazzjoni permezz tad-deflatur tal-PDG) qabeż it-tkabbir fil-produttività, parzjalment bħala riżultat tal-proċess li bih dawn il-pajjiżi laħħqu ma' pajjiżi oħra b'introjtu ikbar. Fl-2017, l-ikbar eċċess tat-tkabbir fil-pagi reali meta mqabbel mat-tkabbir fil-produttività ġie osservat fl-Istati Membri Baltiċi, fil-Bulgarija, u fis-Slovakkja.

**Illustrazzjoni 9: Il-kumpens reali għal kull impjegat u l-produttività, ir-rati medji ta' tkabbir 2015-2016-2017**




*Sors:* Eurostat, il-Kontijiet Nazzjonali (il-kalkoli proprji, minn Labour Market and Wage Developments in Europe, annual review 2018).

**Illustrazzjoni 10: L-iżviluppi fil-pagi u fil-produttività, il-bidliet medji f'% fl-2000-2017**




Sors: Eurostat, Kontijiet Nazzjonali (kalkoli proprji).

**It-tkabbir fil-pagi għadu inqas minn dak li jista' jkun mistenni abbażi tal-livelli attwali ta' qgħad.** Fl-irkupru, it-tkabbir fil-pagi kien kumplessivament moderat, u milli jidher ma rreaġixxiex għat-tnaqqis fir-rata tal-qgħad bħalma seħħ f'ċikli ekonomiċi preċedenti. Dan il-fenomenu ġie msejjaħ l-"iċċattjar" apparenti tal-kurva ta' Phillips għall-pagi, jiġifieri r-relazzjoni bejn it-tkabbir fil-pagi u l-qgħad. Kif jidher għaż-żona tal-euro fl-Illustrazzjoni 11, tissuġġerixxi li l-pagi saru inqas risponsivi għar-rata tal-qgħad kumplessiva fl-ekonomija.

**Illustrazzjoni 11: Il-kurva ta' Phillips għaż-żona tal-euro: ir-rata ta' tkabbir tal-kumpens għal kull impjegat, 2000-2017**




Sors: Il-bażi tad-*data* AMECO tad-DĠ ECFIN u Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (il-kalkoli proprji, minn Labour Market and Wage Developments in Europe, annual review 2018)

**It-tkabbir fil-pagi nominali moderat matul l-irkupru jista' jiġi spjegat permezz ta' inflazzjoni baxxa, tkabbir baxx fil-produttività, l-effett ta' xi riformi fis-suq tax-xogħol u r-riżervi li jifdal fis-suq tax-xogħol.** Parti sinifikanti tal-moderazzjoni fil-pagi nominali tista' tiġi spjegata permezz ta' inflazzjoni baxxa (medja ta' 1,5 % matul l-irkupru, bejn l-2010 u l-2017, meta mqabbel ma' 2,2 % fl-2000-2007). Sadanittant, it-tkabbir fil-produttività reali żdied kemxejn (medja ta' 0,7 % matul il-perjodu 2010-2017 meta mqabbel ma' 0,4 % qabel il-kriżi) iżda ġie abbinat ma' rata tal-qgħad ferm ogħla (11,7 % fil-perjodu ta' wara l-kriżi meta mqabbel ma' 8,7 % qabel il-kriżi). B'mod kumplessiv, l-aħħar stimi jissuġġerixxu li l-inflazzjoni, il-produttività u r-riżervi fis-suq tax-xogħol jispjegaw il-biċċa l-kbira tal-moderazzjoni reċenti fil-pagi (il-FMI, l-2017[32]; il-Kummissjoni Ewropea, l-2018[33]). Ir-riżervi latenti fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari żieda fl-ammont ta' ħaddiema part-time li

[32] Il-FMI (2017), il-Perspettiva Ekonomika Dinjija, Ottubru 2017.
[33] Il-Kummissjoni Ewropea (2018). Labour Market and Wage Developments in Europe. Rieżami Annwali tal-2018. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

xogħolhom ma jisfruttax il-kapaċitajiet tagħhom, jaf jikkontribwixxu għall-moderazzjoni fil-pagi f'xi Stati Membri b'rata baxxa ta' qgħad.

**Il-qligħ nett qegħdin jikkonverġu fl-Ewropa, bi tkabbir mgħaġġel fl-Ewropa Ċentrali u fil-Lvant tal-Ewropa u bi tkabbir bil-mod fil-Punent u fin-Nofsinhar tal-Ewropa, speċjalment f'dawk il-pajjiżi li ġew affettwati l-iktar mill-kriżi.** Il-konverġenza fil-livelli tal-introjtu mix-xogħol hija fattur ewlieni biex jiġi żgurat li kulħadd fl-UE jkollu standard tal-għajxien deċenti, kif propost mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. L-evidenza turi li dan il-proċess ta' konverġenza qiegħed iseħħ, għalkemm b'pass bil-mod, ladarba għad hemm diskrepanzi kbar minn Stat Membru għall-ieħor. Jekk wieħed jieħu bħala referenza ħaddiem waħdu mingħajr tfal li jaqla' l-livell tal-paga medja, fuq perjodu ta' tliet snin (2013-2016), il-qligħ nett[34] żdied l-iktar f'xi pajjiżi bl-iktar livelli baxxi. Għal din ir-raġuni, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Latvja, il-Litwanja u l-Estonja huma kklassifikati b'"sitwazzjoni dgħajfa iżda li qiegħda titjieb". Is-Slovakkja u l-Ungerija, filwaqt li esperjenzaw ukoll żidiet ikbar mill-medja, huma mmarkati bħala "sitwazzjonijiet kritiċi" fid-dawl ta' progress li qiegħed jimxi iktar bil-mod. Min-naħa l-oħra, it-tkabbir fil-qligħ nett kien moderat (ivarja minn 0,7 % sa 2,1 %) fost dawk "bl-aqwa prestazzjoni", (il-Lussemburgu, ir-Renju Unit, in-Netherlands, il-Ġermanja u l-Awstrija). Il-qligħ nett naqas jew ma żdiedx fil-Portugall, fil-Greċja u fil-Belġju.

34 Il-livelli ta' qligħ nett jitkejlu bi standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) sabiex ikun jista' jsir tqabbil siewi bejn Stat Membru u ieħor. Il-bidliet jitkejlu bil-munita nazzjonali u b'termini reali. Dan l-indikatur għandu jinftiehem u jiġi interpretat flimkien ma' indikaturi oħra, bħar-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu, il-proporzjon bejn il-ħames u l-ewwel deċili tad-distribuzzjoni tal-pagi (D5/D1) u indikaturi rilevanti oħra tal-MPI, tal-MPPS u tal-QEK.

**Illustrazzjoni 12: Il-qligħ nett u l-bidla annwali – il-medja fuq tliet snin (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: l-OECD (kalkoli proprji). Perjodu: il-livelli tal-2016 (medja ta' tliet snin) u l-bidliet medji ta' kull sena 2013-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. L-Istati Membri mmarkati b'asterisk huma dawk fejn il-kost nominali tal-unitajiet lavorattivi (NULC) qabeż il-livell limitu stabbilit permezz tal-Proċedura tal-Iżbilanċi Makroekonomiċi (MIP). L-indikatur tat-tabella ta' valutazzjoni għall-MIP huwa il-bidla perċentwali tal-NULC fuq tliet snin. Il-livell limitu huwa ta' 9 % għaż-żona tal-euro u ta' 12 % għall-pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-euro. Id-*data* mhux disponibbli għal Ċipru.

**Il-faqar fost dawk li jaħdmu għadu ferm ikbar mil-livelli ta' qabel il-kriżi u qiegħed jonqos bil-mod biss**. L-ammont ta' persuni li, filwaqt li jaħdmu, għandhom introjtu nett ekwivalizzat li huwa inqas mil-livell limitu tar-riskju tal-faqar, żdied minn 8,6 % fl-2008, għal 9,0 % fl-2013 u għal 9,6 % fl-2017. L-ogħla livell ġie rreġistrat fir-Rumanija (17,4 %), segwita mil-Lussemburgu, minn Spanja, mill-Greċja u mill-Italja – kollha ogħla minn 12 %. Min-naħa l-oħra, ir-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu hija inqas minn 5 % fil-Finlandja, fir-Repubblika Ċeka u fl-Irlanda. Il-faqar fost dawk li jaħdmu kompla jiżdied f'diversi Stati Membri fl-2017, inkluż (b'iktar minn 0,5 pps) fl-Ungerija, fl-Italja, fil-Latvja, fis-Slovenja, fil-Belġju u fin-Netherlands (ara wkoll il-Kapitolu 3.4).

**Illustrazzjoni 13: Ir-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu, tqabbil pluriennali**




Sors: Eurostat. Nota: għall-Kroazja, id-*data* hija tal-2010 minflok tal-2008. Għall-Irlanda u għar-Renju Unit, id-*data* hija tal-2016 minflok tal-2017.

**Jidher li d-dispersjoni tal-pagi hija pjuttost stabbli fl-Ewropa.** It-tkabbir fil-pagi, speċjalment fin-naħa ta' isfel tal-iskala tal-pagi, jaqdi rwol importanti biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-introjtu u l-faqar fost dawk li jaħdmu. Id-dispersjoni tal-qligħ gross, imkejla bħala l-proporzjon bejn il-ħames u l-ewwel deċili (D5/D1), varjat fl-2016 minn 1,43 fil-Finlandja sa 1,90 fir-Repubblika Ċeka. L-istituzzjonijiet li jiffissaw il-pagi jista' jkollhom impatt fuq id-dispersjoni tal-pagi. B'mod partikolari, in-negozjar kollettiv iktar qawwi għandu t-tendenza li jiġi assoċjat ma' inugwaljanza fil-qligħ iktar baxx (il-Kummissjoni Ewropea, 2018[35]). Il-kopertura tan-negozjar kollettiv tvarja ferm madwar l-Ewropa u tirrifletti t-tradizzjonijiet u l-istituzzjonijiet nazzjonali differenti. Fl-2015, il-perċentwal ta' impjegati li kellhom id-dritt li jagħmlu negozjar kien ivarja minn 98 % fl-Awstrija sa 7,1 % fil-Litwanja.

**Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-pagi minimi statutorji ffissaw limitu iktar baxx għad-distribuzzjoni tal-pagi**. Il-pagi minimi jistgħu jżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ċerti gruppi u jappoġġaw id-domanda aggregata billi jżidu l-introjtu tal-familji li jaqilgħu paga baxxa, li għandhom propensità ikbar ta' konsum. Fl-istess ħin, il-pagi minimi jżidu l-kost tar-reklutaġġ ta' ħaddiema b'paga baxxa, u b'hekk potenzjalment joħonqu l-opportunitajiet ta' impjieg ta' gruppi li tipikament jaqilgħu pagi baxxi (eż. il-ħaddiema żgħażagħ u dawk b'livell baxx ta' ħiliet), skont kif tkun l-istruttura tal-ekonomija u s-

35 Il-Kummissjoni Ewropea (2018). Labour Market and Wage Developments in Europe. Rieżami Annwali tal-2018. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

sitwazzjoni makroekonomika. Il-pagi minimi statutorji stabbiliti fuq livell nazzjonali jeżistu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Italja u l-Iżvezja. Għat-tqabbil internazzjonali, il-livell assolut tal-paga minima mhijiex miżura utli ħafna minħabba li ma tqisx id-differenzi fil-produttività tax-xogħol u fil-prezzijiet minn pajjiż għall-ieħor. Għalhekk, huwa iktar utli li wieħed iħares lejn il-paga minima b'mod relattiv mal-paga medja jew medjana tal-pajjiż. L-Illustrazzjoni 14 turi il-paga minima bħala perċentwal tal-paga medjana fl-Istati Membri tal-UE, kif ikkalkulat mill-OECD. L-ogħla pagi minimi, bħala proporzjon tal-medjan, jinsabu fi Franza, fis-Slovenja, fil-Portugall, fir-Rumanija, u fil-Lussemburgu. L-iktar livelli baxxi huma osservati fi Spanja, fir-Repubblika Ċeka, fl-Estonja, fin-Netherlands u fl-Irlanda. Peress li l-impatt potenzjali kemm fuq il-kundizzjonijiet tal-impjieg u kemm fuq dawk tal-għajxien ikun ikbar meta ammont kbir mill-forza tax-xogħol ikun kopert bil-paga minima, dan l-indikatur għandu jqis ukoll fid-diskussjoni l-għażliet ta' politika fil-livell nazzjonali. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll miżuri mmirati biex inaqqsu l-faqar fost dawk li jaħdmu, bħal benefiċċji relatati max-xogħol.

**Illustrazzjoni 14: Il-pagi minimi bħala proporzjon tal-medjan u l-qligħ medju tal-ħaddiema full-time (2017)**




Sors: L-OECD. Noti: L-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Italja u l-Iżvezja ma għandhomx paga minima statutorja nazzjonali. Għall-Bulgarija, għall-Kroazja u għal Malta, l-OECD ma tipprovdi l-ebda informazzjoni. Id-*data* ta' Eurostat tindika li fl-2017, il-paga minima fix-xahar bħala proporzjon tal-medja tal-pagi fix-xahar kienet ta' 47,8 % fil-Bulgarija, ta' 40,6 % fil-Kroazja u ta' 43,6 % f'Malta (l-Industrija, il-Kostruzzjoni u s-Servizzi; mhix komparabbli maċ-ċifri tal-OECD).

**Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol fl-Ewropa naqas b'mod gradwali f'dawn l-aħħar snin, iżda għad hemm differenzi sinifikanti minn Stat Membru għall-ieħor.** Fl-2017, il-porzjon ta' taxxa għal ħaddiem waħdu li jaqla' l-paga medja kien ivarja minn inqas minn 30 % fl-Irlanda u f'Malta sa madwar 50 % fil-Belġju, fil-Ġermanja, fl-Ungerija, fl-Italja, fi Franza u fl-Awstrija. Għall-ħaddiema b'introjtu iktar baxx (definiti bħala dawk li jaqilgħu 67 % tal-paga medja), il-porzjon ta' taxxa kien ivarja minn madwar 20 % f'Malta u fl-Irlanda sa iktar minn 45 % fil-Belġju, fl-Ungerija u fil-Ġermanja. Fir-rigward tal-progressività tar-rati tat-taxxa u l-effett ta' ridistribuzzjoni tas-sistema tat-taxxa jfeġġu tendenzi differenti fost il-pajjiżi (ara t-Taqsima 3.4). Fl-2017, l-iktar tnaqqis sinifikanti fil-porzjon ta' taxxa għall-ħaddiema waħedhom li jaqilgħu l-paga medja seħħ fl-Ungerija (-2,1 pps), fil-Lussemburgu (-1,8 pps) u fil-Finlandja (-1,2 pps), filwaqt li l-ikbar żieda seħħet fil-Bulgarija (+ 0,6 pps). Bejn l-2013 u l-2017, il-porzjon ta' taxxa medju mhux ponderat naqas b'0,5 pps fl-UE (u b'0,8 pps għall-ħaddiema b'introjtu baxx, bi tnaqqis importanti fl-Italja, fl-Ungerija, fi Franza, fil-Belġju, fir-Rumanija u fin-Netherlands). Matul l-istess perjodu, kien hemm xi konverġenza fil-livell tal-porzjon ta' taxxa, fejn id-differenza bejn l-ogħla u l-inqas porzjon ta' taxxa fil-livell tal-paga medja naqset bi 2,1 pps, u bi 2,9 pps għall-ħaddiema b'introjtu iktar baxx. Prinċipalment dan seħħ minħabba tnaqqis kbir f'xi pajjiżi li esperjenzaw l-ogħla rati (il-Belġju, l-Awstrija, l-Ungerija, kif ukoll l-Italja u Franza, iżda kien limitat għall-ħaddiema b'introjtu iktar baxx). Kien hemm ukoll tnaqqis kbir fil-porzjon ta' taxxa fir-Rumanija u fin-Netherlands. Iż-żidiet fil-porzjon ta' taxxa matul l-istess perjodu kienu inqas qawwija, iżda affettwaw b'mod partikolari lill-ħaddiema b'introjtu iktar baxx fir-Repubblika Ċeka, fis-Slovenja u fil-Portugall[36].

36 Iktar informazzjoni dwar ix-xejriet reċenti inkluż dwar gruppi differenti b'introjtu differenti tista' tinkiseb hawn: Tax Policies in the European Union – Stħarriġ tal-2018, il-Kummissjoni Ewropea, DĠ TAXUD.

**Illustrazzjoni 15: Il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol, il-livell fl-2017 u l-bidla 2013/2017**




Sors: Il-bażi tad-*data* dwar it-taxxi u l-benefiċċji, il-Kummissjoni Ewropea/l-OECD. Nota: id-*data* tirrigwarda l-unitajiet domestiċi b'paga waħda (mingħajr tfal). Ma hemm l-ebda *data* reċenti disponibbli għal Ċipru. Id-*data* ġiet aġġornata fil-11 ta' April 2018.

### *3.1.2 Ir-rispons ta' politika*

**Diversi Stati Membri rrikorrew għal sussidji għall-impjieg għall-ħolqien tal-impjiegi, għalkemm qiegħed iseħħ xi tnaqqis hekk kif jitjiebu l-kundizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.** Il-biċċa l-kbira tal-miżuri f'dan il-qasam huma mmirati lejn gruppi speċifiċi li jiffaċċjaw problemi ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol (eż. iż-żgħażagħ, il-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien, il-persuni qiegħda fit-tul, il-migranti, eċċ.) u fihom inċentivi finanzjarji għal min

iħaddem biex jirrekluta ħaddiema fil-mira. Is-sussidji għar-reklutaġġ immirat ġew introdotti jew ikkonfermati minn diversi Stati Membri (iktar dettalji jinsabu fit-Taqsima 3.2). Għadd żgħir ta' pajjiżi adottaw ukoll sussidji għar-reklutaġġ għal pubbliku usa', jiġifieri b'kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà inqas stretti jew mingħajrhom, is-soltu bl-għan li jippromwovu impjieg indefinit. Fil-Greċja, fl-2017 ġew varati ċikli addizzjonali ta' xogħlijiet pubbliċi f'51 muniċipalità u qegħdin jitħejjew programmi ġodda; barra minn hekk, f'Mejju 2018 ġie varat programm ġdid ta' xogħlijiet pubbliċi għall-protezzjoni kontra n-nirien fil-foresti. F'Ottubru 2017, il-Greċja adottat ukoll programm li jissussidja l-pagi tal-ħaddiema kuntrattwali għall-forniment ta' servizzi indipendenti f'każ li jiġu rreklutati bħala impjegati. Fl-aħħar nett, dan l-aħħar ġie varat programm ta' sussidji għan-negozji sabiex jiġu impjegati 15 000 persuna qiegħda tal-età ta' 30-49 sena. Fi Franza, il-kuntratti ssussidjati komplew jonqsu fl-2018 minn 310 000 għal 200 000 u issa huma limitati għall-iktar persuni vulnerabbli fis-settur mingħajr skop ta' qligħ, inklużi ż-żgħażagħ u l-persuni qiegħda fit-tul. Mill-2018 'il hawn, l-iskemi eżistenti ta' kuntratti ssussidjati ġew rieżaminati u ngħataw isem ġdid, *Parcours Emploi Compétence*, sabiex tissaħħaħ id-dimensjoni tagħhom tal-konsulenza u tat-taħriġ. F'dan il-kuntest, primjum għar-reklutaġġ immirat imsejjaħ *Emplois francs* għar-reklutaġġ tal-persuni li jkun qegħdin ifittxu impjieg mill-iktar żoni urbani mċaħħda (*Quartiers politique de la ville*) ilu jiġi ttestjat minn April 2018 f'għaxar żoni, mingħajr l-ebda kundizzjoni oħra għajr li wieħed ikun persuna li qiegħda tfittex impjieg u tkun residenti fiż-żona. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-Pjan il-ġdid dwar il-Faqar, ittieħdu miżuri addizzjonali għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diffikultajiet soċjali u tal-impjieg (*Insertion par l'activité économique*). L-Italja introduċiet tnaqqis strutturali tal-kontribuzzjonijiet għal min iħaddem sabiex jirreklutaw żgħażagħ jew persuni qiegħda fit-tul fir-reġjuni tan-Nofsinhar fuq bażi permanenti jew permezz ta' apprendistati. Il-Portugall daħħal fis-seħħ sett ta' inċentivi finanzjarji għar-reklutaġġ permanenti, fil-forma ta' eżenzjonijiet parzjali tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal ċerti gruppi vulnerabbli (iż-żgħażagħ, il-persuni qiegħda fit-tul, il-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien). Fl-Ungerija, l-FSE jikkontribwixxi għat-titjib tal-potenzjal tal-impjieg tal-impriżi soċjali permezz ta' inċentivi u ta' sussidji għall-ħolqien tal-impjiegi.

**Ċerti Stati Membri qegħdin jieħdu azzjoni biex jippromwovu l-imprenditorija u n-negozji ġodda.** Fil-Greċja, jingħataw sussidji għar-reklutaġġ ta' impjegati għall-ewwel darba minn żgħażagħ li jaħdmu għal rashom jew minn impriżi mmexxija miż-żgħażagħ. Fil-Latvja, liġi ġdida tistabbilixxi l-prinċipji u l-arranġamenti tax-xogħol ewlenin tal-impriżi soċjali. Se

jingħata sostenn lil madwar 200 impriża soċjali. Barra minn hekk, il-livell limitu tal-fatturat għal min iħallas it-taxxa tal-mikroimpriżi tnaqqas minn EUR 100 000 għal EUR 40 000, u nżammet rata unika ta' 15 % li minnha 80 % jingħadda lejn kontribuzzjonijiet obbligatorji tal-assigurazzjoni tal-istat. Fl-Ungerija, mill-ħarifa tal-2017 'il hawn, hemm faċilità ta' self (li tista' tiġi kkombinata ma' diversi strumenti oħra ta' għotja) li hija disponibbli biex tagħti sostenn lill-individwi biex isiru imprendituri jew lill-impriżi soċjali biex jippromwovu l-espansjoni tal-attivitajiet tas-suq tagħhom. Fil-Polonja, il-gvern adotta abbozz ta' liġi biex jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għas-sidien ta' negozji żgħar, l-hekk imsejħa kontribuzzjonijiet ZUS żgħar. Fis-Slovakkja, ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida dwar il-kundizzjonijiet għas-sostenn pubbliku lill-ekonomija soċjali u lill-impriżi soċjali. Fil-Finlandja, mill-2018 'il hawn, huwa possibbli li wieħed jirċievi l-benefiċċju tal-qgħad fil-forma ta' għotja biex jibda negozju ġdid u filwaqt li jaħdem bħala imprenditur part-time. Barra minn hekk, attwalment għaddejjin diskussjonijiet dwar kif tista' ssir iktar faċli biex il-persuni qiegħda jistabbilixxu kumpaniji. Ittieħdu wkoll passi f'ħafna Stati Membri biex jiġi żgurat li l-persuni li jaħdmu għal rashom igawdu minn drittijiet soċjali adegwati (ara t-Taqsima 3.3 dwar is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol).

**Diversi Stati Membri naqqsu l-kostijiet tax-xogħol billi baxxew il-porzjon ta' taxxa, spiss għal dawk bl-iktar introjti baxxi**. Il-porzjon ta' taxxa ġie indirizzat b'mod prinċipali għal dawk b'introjtu baxx, permezz ta' riformi li jiffokaw fuq it-tassazzjoni fuq l-introjtu personali, sikwit b'żieda fil-konċessjonijiet tat-taxxa (jiġifieri l-ammont ta' introjtu ħieles mit-taxxa) jew permezz tal-introduzzjoni tal-progressività fis-sistema kumplessiva. Pereżempju, ġiet adottata riforma kbira fil-Litwanja, li temenda l-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Personali (TIP), li tintroduċi l-progressività minflok ir-rata fissa preċedenti u li żżid l-ammont ta' introjtu li jkun eżentat mit-taxxa. B'mod simili, fil-Latvja, riforma kbira tat-taxxa tinkludi s-sostituzzjoni ta' rata fissa tat-taxxa fuq l-introjtu personali ta' 23 % b'sistema progressiva. Il-konċessjonijiet mhux taxxabbli żdiedu wkoll. L-Estonja wkoll introduċiet konċessjonijiet mhux taxxabbli. In-Netherlands ħabbru riforma tat-TIP li trid tiġi implimentata matul l-2019 u l-2020. Din tinkludi tnaqqis fin-numru ta' kategoriji tat-taxxa minn erbgħa għal tnejn, flimkien ma' żieda fil-kreditu tat-taxxa ġenerali u fil-kreditu tat-taxxa fuq l-introjtu li wieħed ikun qala'. Huwa mistenni li r-riforma tnaqqas il-piż kumplessiv tat-taxxa fuq ix-xogħol, b'mod partikolari fil-livelli ta' introjtu minn medji sa ogħla. Fir-Rumanija, ir-rata fissa tat-TIP tnaqqset minn 16 % għal 10 % mill-2018 'il hawn, flimkien ma' bidliet kbar li saru fit-tfassil tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Il-Portugall introduċa riformi tat-TIP maħsuba biex

jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq dawk li jaqilgħu introjtu baxx sa medju; inkluż żieda fin-numru ta' kategoriji tat-taxxa. Stati Membri oħra introduċew riformi b'ambitu idjaq. Pereżempju, f'Malta, ġie adottat ribass tat-taxxa fuq l-introjtu fir-rigward tal-introjtu mill-impjieg ta' bejn EUR 40 u EUR 68 għal persuni li jaqilgħu inqas minn EUR 60 000 fis-sena. Ir-Renju Unit żied il-konċessjoni personali għal £11 850 (madwar EUR 13 400) fis-sena u l-livell limitu għall-ogħla rata minn £45 000 (madwar EUR 50 850) għal £46 350 (EUR 52 400). Fid-Danimarka, il-ftehim dwar it-taxxa tal-2018 isaħħaħ l-inċentiv biex wieħed jaħdem full-time, immirat b'mod partikolari lejn il-persuni qiegħda u l-ħaddiema part-time. F'Ċipru, il-Liġi dwar il-Benefiċċji tat-Tfal ġiet immodifikata biex il-livell limitu ta' introjtu eliġibbli jiżdied b'EUR 5 000 għal kull wild addizzjonali wara l-ewwel tnejn.

**Xi Stati Membri intervjenew ukoll fuq il-porzjon ta' taxxa permezz ta' tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali**. Fi Franza, it-trasformazzjoni tal-kreditu tat-taxxa għall-impjieg u għall-kompetittività fi tnaqqis dirett tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fuq pagi li jkunu sa darbtejn u nofs il-paga minima trid tiġi implimentata fl-2019 (ikkomplementata bi tnaqqis imsaħħaħ għal pagi iktar baxxi, pospost għal Ottubru 2019). Fil-Kroazja, il-bażi li fuqha tiġi kkalkulata l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għas-sigurtà soċjali tnaqqset b'50 % għal dawk il-ħaddiema li ilhom impjegati għal perjodu ta' iktar minn 12-il xahar bil-paga minima. Il-Belġju adotta tnaqqis tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għal xi tipi ta' xogħol bix-xifts fis-settur tal-kostruzzjoni. B'mod iktar kumplessiv, l-iskema tal-kondiviżjoni tal-profitti fis-settur privat ġiet sostitwita bi primjum ġdid (ammont jew perċentwal tas-salarju), li ma jistax jaqbeż it-30 % tas-salarju gross totali. Min iħaddem huwa eżentat mill-kontribuzzjonijiet soċjali fuq dawn il-primjums, filwaqt li l-impjegat għandu jħallas kontribuzzjoni ta' solidarjetà ta' 13,07 %.

**Matul dawn l-aħħar snin saru diversi riformi kbar fl-oqfsa tal-iffissar tal-pagi**. Fil-Greċja, wara l-ħruġ mill-Programm MES f'Awwissu 2018, ġew introdotti mill-ġdid żewġ prinċipji ta' negozjar kollettiv, li kienu ġew sospiżi fl-2011: il-possibbiltà li jiġu estiżi b'mod amministrattiv il-ftehimiet settorjali għall-partijiet mhux firmatarji, u l-prinċipju ta' favorabbiltà (fil-każ ta' ftehimiet kollettivi kunfliġġenti, eż. fil-livelli settorjali u tal-azjendi, jipprevali l-iktar ftehim favorevoli għall-ħaddiem). Fil-Kroazja, l-abbozz ta' proposta għall-Att dwar il-Pagi fis-Servizz Ċivili stabbilixxa l-qafas għas-sistema ta' pagamenti skont il-klassi u għall-gradi ta' pagamenti, kif ukoll għall-valutazzjoni tal-effiċjenza tax-xogħol. Franza, filwaqt li kompliet tibni fuq riformi preċedenti, kompliet tiddefinixxi l-perimetru ta' kull livell ta' negozjar kollettiv. Fil-ġejjieni, in-negozjar fil-livell settorjali se jipprevali fuq il-

liġi nazzjonali tax-xogħol fir-rigward tal-iffissar tal-qafas u tal-kundizzjonijiet tal-użu ta' kuntratti bbażati fuq proġetti għal perjodu fiss u l-perjodu ta' prova (ara wkoll il-Kapitolu 3.3). Il-ftehim fil-livell tal-kumpaniji jista' jkun inqas favorevoli milli fil-livell tal-fergħat, bl-eċċezzjoni ta' 13-il qasam definit ta' negozjar, inkluż il-pagi minimi settorjali, filwaqt li l-ftehimiet fil-livell tal-fergħat japplikaw jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fil-livell tal-kumpaniji. Barra minn hekk, issa l-ftehimiet b'maġġoranza fil-livell tal-kumpaniji biex jiġi kkonservat l-impjieg (*accords de competitivité*) ġew estiżi lil hinn mill-kundizzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol u jinkludu wkoll ir-remunerazzjoni, u b'hekk ukoll il-kumpaniji jistgħu jkeċċu lill-impjegati li jirrifjutaw tali ftehimiet għal raġunijiet reali u serji. Fl-Italja, f'Marzu 2018, ftehim fost it-trejdjunjins prinċipali u l-organizzazzjoni ta' min iħaddem witta t-triq għat-tisħiħ tan-negozjar kollettiv, billi ddefinixxa l-kriterji biex titkejjel ir-rappreżentanza tal-assoċjazzjonijiet tas-sħab soċjali. F'Ċipru, ftehim ġdid dwar l-indiċi ta' Aġġustament tal-Għoli tal-Ħajja daħal fis-seħħ fl-2018, u wassal għal żidiet limitati fil-pagi u għad-definizzjoni ta' kriterji dwar il-frekwenza u n-natura tal-aġġustamenti perjodiċi. Fil-Latvja, qegħdin jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda għall-ħlas għas-sahra, bl-involviment tas-sħab soċjali, b'mod konġunt flimkien ma' negozjati dwar il-pagi minimi settorjali. Fil-Portugall, ġew miftiehma sensiela ta' miżuri mas-sħab soċjali (u issa qegħdin jiġu diskussi fil-Parlament) biex jittejjeb l-ambitu tan-negozjar kollettiv. B'mod partikolari, "l-ammonti ta' sigħat" mhumiex se jibqgħu jiġu miftiehma fuq bażi individwali iktar, iżda bħala parti minn negozjar kollettiv jew ftehimiet bħala grupp, li jridu jintlaħqu wara li ssir konsultazzjoni mal-ħaddiem(a) (ara wkoll il-Kapitolu 3.3). Fi Spanja, f'Ġunju 2018, is-sħab soċjali laħqu ftehim preliminari dwar il-pagi għall-2018, b'żieda ġenerali fil-pagi ta' 2 % (kemxejn iktar mir-rata ta' inflazzjoni mistennija), flimkien ma' 1 % oħra skont ir-riżultati, il-produttività u r-rati ta' assenteiżmu tal-azjenda/tas-settur. In-negozjar tal-pagi fir-Rumanija sar obbligatorju għall-kumpaniji kollha. L-Irlanda introduċiet il-possibbiltà għal negozjar kollettiv għal ċerti kategoriji ta' persuni li jaħdmu għal rashom, filwaqt li s-Slovakkja introduċiet mill-ġdid l-estensjoni ta' negozjar kollettiv ta' livell ogħla b'kundizzjonijiet speċifiċi għal min iħaddem u ma jkunx qiegħed jipparteċipa mingħajr il-kunsens tagħhom.

**Hekk kif tjiebu l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, il-pagi minimi żdiedu f'diversi pajjiżi, filwaqt li ttieħdu wkoll passi biex l-oqfsa tal-iffissar tal-paga minima jsiru iktar prevedibbli**. Il-pagi minimi statutorji żdiedu fil-pajjiżi kollha fejn seħħew bidliet bejn l-2017 u l-2018, bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja, il-Greċja, il-Lussemburgu u l-Belġju, fejn kien hemm

tnaqqis f'termini reali[37]. F'dawn l-aħħar snin, gruppi ta' esperti kienu involuti fl-iffissar tal-paga minima f'għadd dejjem jikber ta' pajjiżi, inkluż il-Ġermanja u l-Irlanda. Malta se tistabbilixxi dan il-grupp fl-2018 u l-involviment possibbli ta' esperti qiegħed jiġi diskuss fil-Bulgarija u fir-Rumanija. L-Estonja adottat żieda ta' EUR 30 fil-paga minima fl-2018 biex tilħaq EUR 500, filwaqt li ankrat il-formula għal żidiet fil-ġejjieni ma' previżjonijiet uffiċjali tal-produttività tax-xogħol u tat-tkabbir ekonomiku. L-Irlanda żiedet il-Paga Minima Nazzjonali bi 30 ċenteżmu għal EUR 9,55 fis-siegħa, fuq il-parir tal-Kummissjoni dwar il-Pagi Baxxi, li kkunsidrat ukoll l-iżvilupp tal-kompetittività u l-impatt fuq l-impjieg. Fi Spanja, kien hemm liġi (miftiehma mas-sħab soċjali) li żiedet il-paga minima fl-2018 b'4 % meta mqabbla mal-2017 u ġew proposti iktar żidiet għall-2019. Fil-Kroazja, minbarra ż-żieda fil-livell tal-paga minima u t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tas-saħħa mħallsa minn min iħaddem, regolament ġdid jistipula li l-qligħ addizzjonali (minn sahra, xogħol billejl jew xogħol matul il-btajjel) għandu jiġi eskluż mid-definizzjoni ta' paga minima. Il-Latvja introduċiet żieda fil-paga minima minn EUR 380 għal EUR 430 fix-xahar mill-2018. Fl-Ungerija, il-paga minima żdiedet bi 8 % għal HUF 138 000, madwar EUR 440, fl-2018 (+12 % għall-ħaddiema tas-sengħa). Fis-Slovakkja, il-paga minima se tiżdied minn EUR 480 għal EUR 520 mill-1 ta' Jannar 2019. F'April 2018, ir-Renju Unit żied il-paga nazzjonali li tiggarantixxi l-għajxien (għal £7,83 fis-siegħa, madwar EUR 6,9), kif ukoll il-paga minima nazzjonali għall-ħaddiema żgħażagħ. Il-paga minima għall-ħaddiema żgħażagħ żdiedet ukoll fin-Netherlands, filwaqt li l-Ġermanja introduċiet paga minima għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija. Fl-aħħar nett, il-Bulgarija adottat il-Liġi dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni 131 tal-ILO, bil-ħsieb li jintlaħaq konsensus mas-sħab soċjali dwar l-iżvilupp ta' mekkaniżmu trasparenti għall-iffissar tal-paga minima.

37 Eurofound (2018) Statutory minimum wages 2018.

## 3.2. Il-Linja Gwida nru 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjieg, għall-ħiliet u għall-kompetenzi

Din it-taqsima tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 6 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda lill-Istati Membri biex joħolqu kundizzjonijiet li jippromwovu l-provvista ta' ħaddiema, il-ħiliet u l-kompetenzi. Tippreżenta l-indikaturi dwar il-livell milħuq ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, kif ukoll l-eżiti u l-impatt fuq l-iżvilupp tal-ħiliet u fuq l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol. Imbagħad tifli l-eżiti tas-suq tax-xogħol għal diversi gruppi sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol (eż. iż-żgħażagħ, il-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien, in-nisa, il-persuni li ġejjin minn familji migranti u l-persuni b'diżabbiltà). It-Taqsima 3.2.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma u l-miżuri mmirati lejn dawk il-gruppi.

### *3.2.1 L-indikaturi ewlenin*

**L-ammont ta' persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ kompla jonqos matul is-snin, għalkemm din ix-xejra battiet dan l-aħħar u għad hemm differenzi kbar fost l-Istati Membri.** B'mod kumplessiv, ir-rata medja ta' tluq bikri mill-iskola fl-UE naqset minn 14,7 % fl-2008 għal 11,9 % fl-2013 u kompliet tonqos għal 10,6 % fl-2017. Is-sitwazzjoni baqgħet kważi stabbli meta mqabbla mas-sena ta' qabel, meta l-medja tal-UE kienet ta' 10,7 %. Tmintax-il Stat Membru laħqu l-valur fil-mira tal-UE (< 10 %), u l-Ġermanja (10,1 %), ir-Renju Unit (10,6 %) u l-Estonja (10,8 %) waslu qrib ħafna li jilħquh. Ċertu livell ta' konverġenza fost l-Istati Membri f'termini ta' xejriet riċenti kien viżibbli fl-2017, (l-Illustrazzjoni 16), bi tnaqqis sinifikanti fir-rati ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola (b'iktar minn 1 pps) fil-Portugall, f'Malta u fil-Bulgarija (kollha mmarkati b'"sitwazzjoni dgħajfa iżda qiegħda titjieb"), iżda wkoll xi żidiet kbar fis-Slovakkja (+1,9 pps), fil-Lussemburgu (+1,8 pps), fid-Danimarka[38] (+1,6 pps) u f'Ċipru (+1 pps). Skont il-klassifikazzjoni tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, minkejja li sar xi titjib, is-sitwazzjoni tibqa' "kritika" fi Spanja (18,3 %), fir-Rumanija (18,1 %), kif ukoll fl-Italja (14 %) fejn ir-rata żdiedet kemxejn.

[38] Din iż-żieda għandha tiġi interpretata b'kawtela peress li d-Danimarka tippreżenta waqfa fis-serje fl-2017 u fl-2016 (ara wkoll l-Anness 1 u 2). Waqfiet fis-serje ġew indikati wkoll għall-Belġju u għal Malta fl-2017.

**Illustrazzjoni 16: Il-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (% tal-popolazzjoni tal-età ta' 18-24 sena) u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Ġie rreġistrat titjib fit-tul notevoli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, speċjalment f'dawk li qabel kellhom ammonti partikolarment għoljin ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola**. Mill-2008 sal-2017, kemm l-Irlanda u kemm il-Greċja kienu kapaċi jnaqqsu b'mod sinifikanti r-rati tagħhom ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola, b'6,6 pps u bi 8,4 pps rispettivament, u attwalment qegħdin ferm taħt il-valur fil-mira tal-UE. Fl-istess ħin, Spanja (18,3 %) u l-Portugall (12,6 %) naqqsu b'mod drastiku r-rati tagħhom ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola bi 13,4 pps u bi 22,3 pps rispettivament mill-2008 'l hawn, għalkemm għadhom ma laħqux il-mira. Fost il-pajjiżi b'rati għoljin ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola, ir-Rumanija biss ma kellha l-ebda żvilupp kbir tul is-snin filwaqt li s-Slovakkja

esperjenzat żieda mdaqqsa ta' 3,3 pps, għalkemm xorta waħda kienet għadha taħt il-mira primarja tal-UE fl-2017 (l-Illustrazzjoni 17).

**Illustrazzjoni 17: Il-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, 2008-2017 (%)**




Sors: Eurostat, il-kodiċi tad-*data* onlajn: [edat_lfse_14].

**Għad hemm differenzi importanti f'termini ta' rati tat-tluq bikri mill-iskola bejn l-irġiel u n-nisa u bejn il-persuni li twieldu fil-pajjiżi tal-UE u dawk li ma twildux fil-pajjiżi tal-UE.** Filwaqt li fl-2017 bħala medja fl-UE, 8,9 % taż-żgħażagħ nisa telqu mill-iskola kmieni, il-proporzjon għall-irġiel kien ta' 12,1 %. Din id-disparità bejn l-irġiel u n-nisa hija partikolarment evidenti fid-Danimarka, fil-Lussemburgu, fl-Italja, fil-Portugall, f'Malta, fl-Estonja, fil-Latvja u fi Spanja (iktar minn ħames pps), filwaqt li l-Bulgarija, l-Ungerija u s-Slovakkja huma l-uniċi Stati Membri fejn hemm rati iktar baxxi ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola għall-irġiel milli hemm għan-nisa. Fl-istess ħin, ir-rati tat-tluq bikri mill-iskola huma ferm ogħla fost il-persuni li ma twildux fl-UE milli fost l-istudenti li twieldu fl-UE. Fl-2017, il-medja tal-UE fost il-persuni li twieldu fl-UE kienet ta' 9,6 %; madankollu, il-medja għall-persuni li ma twildux fl-UE kienet għolja d-doppju. Ir-rati ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola fost dawk li ma twildux fl-UE huma partikolarment baxxi fl-Irlanda, fil-Lussemburgu u fin-Netherlands – kollha ferm taħt il-parametru referenzjarju ta' 10 % – filwaqt li huma estremament għoljin fi Spanja (31,9 %) u fl-Italja (30,1 %).

**Wara diversi snin ta' progress kostanti, l-ammont ta' studenti tal-età ta' 15-il sena li qegħdin jiksbu livell baxx ta' ħiliet bażiċi[39] qiegħed jiżdied**. Il-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) tal-2015 tal-OECD juri li bħala medja fl-UE, l-ammont ta' studenti li jiksbu ħiliet taħt il-livell tal-linja bażi huwa ta' madwar 20 %, bi 19,7 % fil-qari, bi 22,2 % fil-matematika, u b'20,6 % fix-xjenza. Meta mqabbel mar-rawnd preċedenti tal-PISA fl-2012[40], is-sitwazzjoni marret għall-agħar fit-tliet oqsma kollha: b'1,9 pps fil-qari, b'0,1 pps fil-matematika, u b'4 pps fix-xjenza. Il-persuni li jiksbu livell baxx ta' ħiliet jistħoqqilhom sostenn addizzjonali minħabba li huma persuni li jkunu iktar f'riskju ta' qgħad fil-ġejjieni u ta' esklużjoni soċjali iktar tard fil-ħajja. Fl-2015, il-perċentwal ta' studenti li jiksbu livell baxx ta' ħiliet fil-matematika fl-UE kien ta' 22,2 %, b'differenzi kbar minn Stat Membru għall-ieħor. Filwaqt li l-Estonja, il-Finlandja, id-Danimarka u l-Irlanda kellhom inqas minn 15 % tal-istudenti b'livell baxx ta' ħiliet fil-matematika, Ċipru, il-Bulgarija ir-Rumanija, il-Greċja u l-Kroazja kellhom iktar minn 30 % tal-istudenti li ma rnexxielhomx jilħqu livelli ta' profiċjenza bażiċi fil-matematika (l-Illustrazzjoni 18).

**Illustrazzjoni 18: Il-perċentwal ta' studenti li jiksbu livell baxx ta' ħiliet fil-matematika, 2015**




Sors: L-OECD. Nota: L-ordni tal-pajjiżi qiegħda skont il-livell ta' ħiliet li jiksbu l-istudenti fil-matematika, minn livell baxx għal livell għoli. Il-medja ponderata tal-UE kkalkulata mid-DĠ EAC.

**L-eżiti fl-edukazzjoni huma influwenzati b'mod qawwi mill-istatus soċjoekonomiku tal-istudenti u minn jekk ikunux ġejjin minn familji migranti.** L-istudenti bi status soċjoekonomiku iktar baxx jew li ġejjin minn familji migranti huma rrappreżentati żżejjed fost il-grupp ta' studenti li jiksbu livell baxx ta' ħiliet u jitħabtu biex jiksbu profiċjenza tal-linja bażi fit-tliet oqsma kollha. Ħarsa iktar mill-qrib lejn dawk l-istudenti li laħqu l-livelli tal-linja bażi ta' profiċjenza fit-tliet oqsma kollha mqabbla mas-sitwazzjonijiet mhux favorevoli

39 Il-PISA jiddefinixxi lill-"persuni li jiksbu livell baxx ta' ħiliet" bħala dawk l-istudenti tal-età ta' 15-il sena li jkollhom livell ta' ħiliet bażiċi li jkun inqas mil-livell ta' profiċjenza meħtieġ biex jipparteċipaw għalkollox fis-soċjetà moderna (jiġifieri il-livell 2).

40 L-istħarriġ dwar il-kompetenzi bażiċi tal-istudenti tal-età ta' 15-il sena tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) tal-OECD isir kull tliet snin.

turi li bħala medja fl-UE, id-disparità fil-prestazzjoni bejn l-istudenti li twieldu fl-UE u dawk li ma twildux fl-UE hija ta' 23 pps, fejn l-istudenti li twieldu fl-UE kellhom prestazzjoni aħjar fl-Istati Membri kollha, għajr f'Malta (kif jidher fl-Illustrazzjoni 19). Ġew irreġistrati differenzi sinifikanti fil-Finlandja, fl-Iżvezja, fl-Awstrija, fil-Ġermanja u fi Franza (bejn 35 pps u 40 pps), filwaqt li d-disparità fil-prestazzjoni hija inqas minn 15 pps f'Ċipru, fir-Renju Unit u fil-Portugall. L-eżiti baxxi fl-edukazzjoni u l-inugwaljanzi marbuta mal-isfond soċjoekonomiku jirrappreżentaw l-ikbar ostakli għat-titjib tal-kapital uman, b'konsegwenzi potenzjali fuq il-livelli tal-ħiliet.

**L-inklużjoni tar-Rom fl-edukazzjoni għadha sfida,** minħabba diversi fatturi, inkluż is-segregazzjoni fl-iskejjel, it-tagħlim mhux inklużiv u l-ostakli minħabba faqar gravi jew segregazzjoni fl-akkomodazzjoni. Minkejja l-isforzi li saru biex jiżdiedu r-rati ta' parteċipazzjoni u jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, għad hemm problemi sinifikanti fil-promozzjoni ta' skejjel b'etniċitajiet differenti u ta' miżuri ta' desegregazzjoni. Ta' min jinnota wkoll li għadd sinifikanti ta' tfal Rom fl-Ungerija, fil-Bulgarija, fir-Rumanija, u fir-Repubblika Slovakka jgħixu f'faqar kbir mingħajr aċċess għas-servizzi pubbliċi bażiċi.

**Illustrazzjoni 19: Il-perċentwal ta' studenti li kisbu profiċjenza tal-linja bażi li ġejjin minn familji migranti fl-2015**




Sors: L-OECD (2018): The Resilience of Students with an Immigrant Background: Factors that Shape Well-Being, l-Illustrazzjoni 3.7.
Noti: Id-differenzi statistikament sinifikanti jintwerew ħdejn isem il-pajjiż/l-ekonomija. Jintwerew biss il-pajjiżi b'valuri validi għall-istudenti immigranti. Għall-medja tal-UE, dan in-numru jirreferi biss għas-sottosett ta' pajjiżi/ekonomiji b'informazzjoni valida dwar iż-żewġ gruppi ta' studenti. L-istudenti li jiksbu profiċjenza akkademika tal-linja bażi huma dawk l-istudenti li minn tal-inqas jilħqu l-livell tnejn ta' profiċjenza tal-PISA fit-tliet suġġetti ewlenin tal-PISA – il-matematika, il-qari u x-xjenza. Il-pajjiżi u l-ekonomiji huma kklassifikati f'ordni dekrexxenti tal-perċentwal ta' studenti immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni li jilħqu livelli ta' profiċjenza tal-linja bażi fl-oqsma ewlenin tal-PISA.

**Il-proporzjon ta' persuni tal-età ta' 30-34 sena li jirnexxilhom itemmu l-edukazzjoni terzjarja qiegħed ikompli jiżdied fl-UE u l-mira primarja ta' 40 % kważi ntlaħqet.** Fl-UE, 39,9 % tal-popolazzjoni ta' persuni tal-età ta' 30-34 sena kellhom kwalifika terzjarja fl-2017, bħala riżultat ta' żieda gradwali matul dawn l-aħħar snin. Il-livell edukattiv terzjarju milħuq żdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bejn l-2014 u l-2017. Il-proporzjon tal-popolazzjoni bi kwalifika terzjarja naqas matul l-istess perjodu fil-Kroazja, fl-Ungerija u, fuq livell inqas, fi Spanja u fil-Finlandja biss. Kuntrarjament għal dan, kien hemm tkabbir notevoli ta' 7,4 pps, ta' 6,5 pps u ta' 6 pps fis-Slovakkja, fil-Greċja u fir-Repubblika Ċeka rispettivament. Fost il-pajjiżi b'rati ta' livell edukattiv terzjarju milħuq ta' inqas minn 40 %, ir-Rumanija, l-Italja u l-Kroazja biss ma laħqux it-30 % (l-Illustrazzjoni 20). B'mod kumplessiv, 15 minn 28 Stat Membru laħqu l-miri nazzjonali rispettivi tagħhom fl-2017.

**Illustrazzjoni 20: Il-livell edukattiv terzjarju milħuq fl-2008, fl-2013, fl-2017, u l-mira tal-UE 2020**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [edat_lfse_03]. L-indikaturi jkopru l-ammont tal-popolazzjoni totali tal-età ta' 30-34 sena li jkun irnexxielhom itemmu l-edukazzjoni terzjarja (ISCED 5-8). Waqfa fis-serje fl-2014 minħabba l-introduzzjoni tal-klassifikazzjoni l-ġdida tal-ISCED; Id-*data* tal-2017 għal-Lussemburgu mhijiex affidabbli minħabba d-daqs żgħir tal-kampjun.

**In-nisa jiksbu rata ogħla tal-livell edukattiv terzjarju mill-irġiel u jeżistu disparitajiet importanti bejn il-persuni li jitwieldu fil-pajjiżi tal-UE u dawk li ma jitwildux fil-pajjiżi tal-UE**. Fl-2017, 44,9 % tan-nisa tal-età ta' 30-34 sena kellhom kwalifika tal-edukazzjoni għolja, meta mqabbla ma' 34,9 % tal-irġiel. Din id-disparità żdiedet matul dawn l-aħħar 15-il sena u hija partikolarment sinifikanti fil-Latvja, fil-Litwanja u fis-Slovenja, fejn il-livell edukattiv terzjarju milħuq tan-nisa huwa iktar minn 20 pps ogħla minn dak tal-irġiel. Fl-istess ħin, fi kważi l-Istati Membri kollha, l-ammont ta' persuni li twieldu fil-pajjiż jew fl-UE huwa ikbar mill-ammont ta' dawk li ma twildux fl-UE. Bħala medja, din id-disparità tammonta għal madwar 5,5 pps, u tindika li għad hemm sfidi f'termini ta' ekwità, ta' aċċess, u tad-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni għolja.

**Madwar terz tal-adulti żgħażagħ fl-UE għandhom kwalifika marbuta mal-ETV.** Fl-2016, 33 % tal-adulti żgħażagħ fil-grupp ta' età ta' 30-34 sena kisbu kwalifika sekondarja għolja ta' orjentazzjoni vokazzjonali. Kif jidher fl-Illustrazzjoni 21, dan l-ammont kien iktar minn 40 % f'pajjiżi bħas-Slovakkja, l-Ungerija, l-Awstrija, ir-Rumanija, il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka u l-Kroazja, fejn il-mudell tat-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għall-impjieg huwa ankrat b'mod qawwi fis-sistema tal-edukazzjoni vokazzjonali. Kuntrarjament għal dan, l-ammont kien komparattivament iktar baxx (inqas minn 20 %) f'pajjiżi fejn il-

mudell huwa iktar iċċentrat madwar l-edukazzjoni terzjarja (eż. il-Litwanja, l-Iżvezja, Ċipru u l-Irlanda) jew b'diffużjoni kumplessiva komparattivament iktar baxxa tal-kwalifiki rilevanti tas-suq tax-xogħol dirett (eż. Malta, il-Portugall, Spanja, il-Lussemburgu u l-Greċja).

**Illustrazzjoni 21: Mill-edukazzjoni għall-impjieg: il-perkorsi u s-sistemi ta' tranżizzjoni fl-2016**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. Kodiċi tad-*data* onlajn: [lfso_16feduc].
Nota: Il-kwalifiki mhux vokazzjonali jinkludu l-kwalifiki fil-livelli 0-2 tal-ISCED jew kwalifika ta' livell medju (il-livelli 3-4 tal-ISCED) ta' orjentazzjoni ġenerali; Il-kwalifiki vokazzjonali tal-livelli 3-4 tal-ISCED huma kwalifiki ta' livell medju (il-livelli 3-4 tal-ISCED) b'orjentazzjoni vokazzjonali; il-livelli 5-8 tal-ISCED jinkludu livell għoli ta' kwalifiki edukattivi

**Mhux kulħadd jingħata opportunità indaqs biex jikseb il-ħiliet u l-kwalifiki li huma siewja fis-suq tax-xogħol.** F'xi pajjiżi, iktar minn nofs iż-żgħażagħ tal-età ta' 30-34 sena jirrapportaw li ma għandhomx kwalifika – kemm vokazzjonali jew akkademika – marbuta b'mod ċar mas-suq tax-xogħol. Dan ikollu impatt f'termini ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Pereżempju (kif jidher fl-Illustrazzjoni 22, filwaqt li dawk bi kwalifiki ETV u tal-edukazzjoni għolja jiksbu rati ta' impjieg ta' madwar 80 % jew ogħla, inqas minn 70 % ta' dawk b'diploma tal-edukazzjoni sekondarja għolja ta' orjentazzjoni ġenerali jkollhom impjieg wara li jagħlqu 25 sena. Dawk li ma jkollhomx diploma sekondarja għolja huma saħansitra iktar żvantaġġati, peress li inqas minn 60 % minnhom ikollhom impjieg wara li jagħlqu 25 sena.

**Kulma jmur, li jkollok kwalifika rilevanti għas-suq tax-xogħol – vokazzjonali jew akkademika – qiegħed isir iktar importanti biex wieħed jadatta għal ekonomija li**

**qiegħda tinbidel malajr u biex tiġi indirizzata d-domanda għal livell għoli ta' ħiliet.** Ir-rata tal-impjieg tal-gradwati reċenti bi kwalifika terzjarja fl-2017 kienet ta' 84,9 % u kienet ta' 0,9 pps ogħla mir-rata kumplessiva ta' impjieg tal-adulti ta' età tax-xogħol bl-istess livell edukattiv milħuq. Fi ftit Stati Membri biss (l-Italja, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, is-Slovenja u Spanja), il-gradwati terzjarji reċenti għadhom żvantaġġati, għalkemm is-sitwazzjoni f'dawk il-pajjiżi kollha tjiebet, bl-eċċezzjoni tal-Kroazja. Mhux wisq lura, ir-rata tal-impjieg tal-gradwati reċenti bi kwalifika vokazzjonali ta' livell medju kienet ta' 76,6 %, 5,7 pps ogħla mir-rata kumplessiva ta' impjieg tal-adulti ta' età tax-xogħol b'livell edukattiv medju milħuq, li tindika primjum tal-impjieg għall-gradwati reċenti tal-ETV. Kuntrarjament għal dan, ir-rata tal-impjieg ta' dawk bi kwalifika ġenerali ta' livell medju biss kienet ta' 64,1 %. Iż-żgħażagħ li kellhom kwalifika ta' livell baxx biss kienu iktar żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, b'rata tal-impjieg ta' 56,4 % fl-2017.

**Illustrazzjoni 22: Ir-rata tal-impjieg tal-gradwati reċenti b'livell edukattiv milħuq fl-2017**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. Nota: l-adulti żgħażagħ tal-età ta' 20-34 sena. Id-*data* dwar il-persuni b'livell baxx ta' kwalifiki tinkludi lill-adulti żgħażagħ kollha mhux irreġistrati għal edukazzjoni jew għal taħriġ, irrispettivament minn kemm ilhom li temmew l-edukazzjoni tagħhom. Id-*data* dwar il-persuni b'livell medju u għoli ta' kwalifiki tinkludi biss lill-individwi li ggradwaw minn sena sa tliet snin qabel sar l-istħarriġ.

**Mod wieħed biex jittejbu l-eżiti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ huwa li jingħataw opportunitajiet biex jiġu esposti għall-ambjent tax-xogħol reali** – jew permezz ta' apprendiment jew ta' apprendistati msejsa fuq ix-xogħol fil-kumpaniji, li jkunu marbuta mal-kurrikulu tal-programm tagħhom. Dawk li jkollhom esperjenza bħal din matul l-istudji tagħhom ikunu jistgħu jsibu impjieg iktar faċilment u saħansitra jaf ikollhom il-possibbiltà li japplikaw għal pożizzjonijiet iktar avvanzati. Madankollu, kif jidher fl-Illustrazzjoni 23, inqas minn 50 % ta' dawk li jkollhom kwalifika ETV jirrapportaw li rċevew dik l-esperjenza matul l-istudji tagħhom. Proporzjon saħansitra iżgħar kellu esperjenza iktar sinifikanti ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol permezz ta' apprendistat. L-ikbar proporzjon ta' studenti tal-ETV li jkollhom aċċess għal apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol (iktar minn 90 %) jista' jinstab fl-Ungerija, fin-Netherlands, fil-Finlandja u fl-Iżvezja.

**Illustrazzjoni 23: L-aċċess għall-apprendiment u għall-apprendistati msejsa fuq ix-xogħol fl-ETV fl-2016**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. Kodiċi tad-*data* onlajn: [lfso_16feduc]. Noti: iż-żgħażagħ tal-età ta' 15-34 sena bi kwalifika vokazzjonali fil-livell sekondarju għoli jew postsekondarju mhux terzjarju. Id-*data* għal-Lussemburgu mhijiex disponibbli. Id-*data* għall-"Apprendistat" fil-Bulgarija, fil-Latvja, fil-Litwanja u fil-Portugall mhijiex disponibbli. Id-*data* għall-DE jaf ma tkunx rappreżentattiva minħabba li għadd kbir ta' persuni ma weġbux.

**Ta' sikwit l-adulti b'livell baxx ta' kwalifiki jkunu jinsabu fi żvantaġġ sinifikanti fis-suq tax-xogħol meta mqabbla ma' adulti bħalhom li damu iktar jirċievu l-edukazzjoni.**

Bħala medja fl-UE, il-proporzjon bejn l-adulti b'livell baxx ta' kwalifiki u l-għadd ta' impjiegi li jirrikjedu livell baxx ta' kwalifiki huwa 3:1 (it-Tabella 2). Fi kliem ieħor, hemm tliet darbiet iktar adulti b'livell baxx ta' kwalifiki meta mqabbel mal-impjiegi li jirrikjedu livell baxx ta' kwalifiki biss. Jidher li l-problema hija iktar urġenti f'pajjiżi bħal Malta, il-Portugall, il-Greċja, l-Italja u Spanja bi proporzjon ikbar minn 4. Eventwalment, dan jista' jirriżulta f'involviment iktar dgħajjef fis-suq tax-xogħol, f'iktar inċidenzi ta' xogħol prekarju, f'qgħad kbir u fir-riskju li wieħed jitbiegħed għalkollox mis-suq tax-xogħol.

**Tabella 2: L-għadd ta' adulti b'livell baxx ta' kwalifiki u b'impjiegi b'livell baxx ta' kwalifiki fl-UE.**

| | It-total tal-adulti tal-età ta' 25-64 sena b'livell baxx ta' kwalifiki (eluf) | Total ta' impjiegi elementari (eluf) | Proporzjon |
|---|---|---|---|
| EU-28 | 61 353,0 | 20 210,6 | 3,0 |
| Malta | 125,8 | 17,6 | 7,1 |
| Il-Portugall | 2 897,3 | 490,0 | 5,9 |
| Il-Greċja | 1 583,2 | 268,0 | 5,9 |
| L-Italja | 12 834,9 | 2 517,8 | 5,1 |
| Spanja | 10 654,1 | 2 409,0 | 4,4 |
| L-Iżvezja | 751,0 | 231,1 | 3,2 |
| Ir-Rumanija | 2 417,4 | 776,4 | 3,1 |
| Il-Belġju | 1 386,0 | 449,6 | 3,1 |
| Il-Kroazja | 366,5 | 119,4 | 3,1 |
| Franza | 7 200,6 | 2 692,9 | 2,7 |
| Il-Lussemburgu | 64,8 | 24,6 | 2,6 |
| In-Netherlands | 1 902,2 | 742,0 | 2,6 |
| Ir-Renju Unit | 6 744,3 | 2 641,3 | 2,6 |
| L-Irlanda | 443,0 | 176,3 | 2,5 |
| Il-Finlandja | 329,0 | 148,3 | 2,2 |
| L-Awstrija | 728,4 | 337,3 | 2,2 |
| Is-Slovenja | 140,7 | 67,5 | 2,1 |
| Il-Bulgarija | 677,2 | 333,0 | 2,0 |
| Il-Ġermanja | 6 116,8 | 3 154,2 | 1,9 |
| L-Ungerija | 857,9 | 460,4 | 1,9 |
| Id-Danimarka | 527,3 | 302,3 | 1,7 |
| Ċipru | 88,1 | 53,5 | 1,6 |
| L-Estonja | 80,4 | 51,5 | 1,6 |
| Il-Polonja | 1 617,0 | 1 041,6 | 1,6 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 367,2 | 266,3 | 1,4 |
| Is-Slovakkja | 272,2 | 217,3 | 1,3 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-Latvja | 100,7 | 106,7 | 0,9 |
| Il-Litwanja | 79,4 | 115,1 | 0,7 |

Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, 2017.

**Il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet u l-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien x'aktarx li jipparteċipaw inqas fi programmi tal-apprendiment għall-adulti.** Fl-2017, ir-rata ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti fl-UE għall-persuni b'livell baxx ta' kwalifiki u għall-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien kienet darbtejn inqas mir-rata kumplessiva ta' parteċipazzjoni ta' 10,9 % (l-Illustrazzjoni 24). Anke l-persuni qiegħda, li għandhom ikunu grupp fil-mira partikolarment rilevanti għat-taħriġ mill-ġdid, għandhom inqas probabbiltà minn impjegat medju li jipparteċipaw fl-apprendiment. Din ix-xejra hija viżibbli wkoll f'pajjiżi fejn il-parteċipazzjoni kumplessiva fl-apprendiment għall-adulti hija qrib il-medja tal-UE jew 'il fuq minnha.

**Illustrazzjoni 24: Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti skont il-gruppi demografiċi**




Sors: L-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE, 2017.

**Il-livell ta' ħiliet diġitali mhux qiegħed jikber b'pass mgħaġġel u d-disparità li għad hemm bejn il-persuni bl-aqwa prestazzjoni u dawk bl-iktar prestazzjoni baxxa tindika li**

**hemm Ewropa diġitali b'żewġ veloċitajiet**. Bħala medja fl-UE, 57 % tal-popolazzjoni tal-età ta' 16-64 sena kellhom minn tal-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2017. Il-livell baxx ta' ħiliet diġitali jista' jkollu impatt fuq il-produttività u l-potenzjal tat-tkabbir, iżda wkoll fuq l-esklużjoni soċjali għal parti sinifikanti tal-popolazzjoni, minħabba l-modalitajiet li qegħdin jinbidlu għall-użu tas-servizzi u l-impatt tat-teknoloġija fuq id-dinja tax-xogħol. Il-livell huwa partikolarment baxx fil-Bulgarija, fir-Rumanija u fil-Kroazja ("sitwazzjonijiet kritiċi"). F'sitt pajjiżi oħra (il-Greċja, il-Polonja, il-Portugall, il-Latvja, l-Irlanda u l-Ungerija kollha mmarkati b'"sitwazzjoni li trid tiġi osservata"), il-livell huwa komparattivament ogħla (madwar 50 %) iżda għadu baxx meta mqabbel mal-medja. L-aqwa prestazzjonijiet jistgħu jinstabu fil-Lussemburgu, fin-Netherlands, fl-Iżvezja u fil-Finlandja, b'rati 'l fuq minn 75 %.

**Illustrazzjoni 25: L-ammont ta' persuni mill-popolazzjoni b'ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew aħjar u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-*data* għall-Italja mhijiex disponibbli.

**L-għoti ta' gwida dwar l-opportunitajiet ta' apprendiment jista' jqanqal id-domanda tal-individwi għall-apprendiment u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-apprendiment**. Il-qafas tal-parametraġġ referenzjarju dwar il-ħiliet tal-adulti u l-apprendiment għall-adulti[41] identifika l-għoti ta' gwida dwar l-opportunitajiet ta' apprendiment bħala xprun ewlieni ta' politika biex iħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment. Skont l-aħħar *data* (2016) dwar l-aċċess għal servizzi ta' gwida għall-apprendiment, kif previst fl-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti[42], hemm relazzjoni pożittiva qawwija bejn l-ammont ta' adulti (tal-età ta' 25-64 sena) li jirċievu gwida u l-ammont ta' dawk li jipparteċipaw fl-apprendiment[43]. Filwaqt li s-servizzi ta' gwida pubbliċi jirrappreżentaw għodda ta' politika komuni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-kopertura tagħhom f'termini ta' involviment tvarja b'mod konsiderevoli minn pajjiż għall-ieħor. B'mod partikolari fl-2016, kif jidher fl-Illustrazzjoni 26, l-ammont ta' adulti li rċevew informazzjoni jew parir mingħajr ħlas dwar l-opportunitajiet ta' apprendiment minn istituzzjonijiet jew minn organizzazzjonijiet matul l-aħħar 12-il xahar kien ivarja minn 1,5 % fir-Rumanija għal kważi 56 % fl-Iżvezja (il-medja tal-UE: 24,3 %). F'pajjiżi bħall-Bulgarija, il-Greċja, il-Litwanja u l-Italja, inqas minn 10 % tal-adulti bbenefikaw minn dawn it-tipi ta' servizzi mingħajr ħlas, filwaqt li l-parteċipazzjoni fl-apprendiment hija wkoll relattivament baxxa matul l-istess perjodu ta' referenza (29 % imqabbel mal-medja tal-UE ta' 43 %). Min-naħa l-oħra, fl-Iżvezja, fl-Awstrija, fin-Netherlands, fil-Lussemburgu u fid-Danimarka, iktar minn 40 % tal-adulti rċevew gwida dwar l-opportunitajiet ta' apprendiment. Dan jista' jiġi kkunsidrat bħala wieħed mill-fatturi determinanti tar-rata ta' parteċipazzjoni relattivament għolja fl-apprendiment għall-adulti li ġiet irreġistrata f'dawn il-pajjiżi (57 % imqabbla mal-medja tal-UE ta' 43 %).

---

41 Id-DĠ EMPL ħadem mal-Istati Membri (f'konsultazzjoni mad-DĠ EAC) biex jiżviluppa qafas komprensiv għall-parametraġġ referenzjarju dwar il-ħiliet tal-adulti u s-sistemi ta' apprendiment għall-adulti fl-UE, minn perspettiva transnazzjonali. Il-qafas huwa msejjes fuq approċċ bi tliet passi approvati mill-EMCO u mill-SPC f'Ġunju 2017. L-ewwel pass ikun li jiġu diskussi l-isfidi ewlenin wiesgħa fil-qasam tal-ħiliet tal-adulti u tal-apprendiment għall-adulti u jiġi identifikat sett ta' indikaturi ta' eżitu ta' livell għoli (ir-rati ta' impjieg, il-produttività u l-ispariġġ tal-ħiliet). It-tieni pass ikun li jiġi identifikat sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni, inkluż l-ammont ta' adulti b'livell medju u għoli ta' ħiliet, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment, il-ħiliet diġitali, u l-ammont ta' impjiegi li jirrikjedu livell medju u għoli ta' ħiliet. It-tielet pass ikun li jiġi segwit approċċ tematiku biex jiġu identifikati l-ixpruni ewlenin ta' politika li jkunu effettivi biex itejbu l-prestazzjoni tal-ħiliet tal-adulti u tas-sistemi ta' apprendiment għall-adulti: l-għoti ta' gwida dwar l-opportunitajiet ta' apprendiment; inizjattivi mmirati biex jinvolvu l-gruppi żvantaġġati fl-apprendiment, fosthom il-persuni qiegħda u dawk b'livell baxx ta' kwalifiki; u miżuri ta' sostenn/ta' inċentiv għall-impriżi biex iħarrġu l-persunal tagħhom. Dawn l-indikaturi tal-aħħar huma ppreżentati f'din it-taqsima.

42 Id-*data* tkopri firxa ta' servizzi (bħall-għoti ta' informazzjoni, il-valutazzjoni, il-ħiliet ta' ġestjoni tal-karriera, l-orjentazzjoni u pariri) il-persuni li jixtiequ jitgħallmu u/jew il-persuni potenzjali li jixtiequ jitgħallmu jiġu megħjuna biex ikunu jistgħu jagħżlu fost il-possibbiltajiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ.

43 Il-Kummissjoni Ewropea (2015), An in-depth analysis of adult learning policies and their effectiveness in Europe.

**Illustrazzjoni 26. L-ammont ta' adulti li rċevew gwida dwar l-opportunitajiet ta' apprendiment għall-adulti fl-2016**




Sors**:** Eurostat, l-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti. Id-*data* tikkorrispondi għall-2016. Id-*data* dwar l-Irlanda u l-Ungerija hija nieqsa.

**Il-miżuri ta' taħriġ li jinvolvu l-persuni żvantaġġati huma partikolarment rilevanti.** Jista' jkollhom diversi forom, inkluż pereżempju t-taħriġ vokazzjonali formali jew mhux formali jew il-programmi ta' żvilupp tal-ħiliet bażiċi[44]. L-adulti b'livell baxx ta' kwalifiki u l-adulti qiegħda jiffaċċjaw sfidi partikolari f'termini ta' aċċess għall-apprendiment. Skont id-*data* tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, fl-2017 l-ammont ta' adulti qiegħda li pparteċipaw f'xi attività ta' taħriġ matul l-aħħar erba' ġimgħat qabel l-istħarriġ (bħala parti mill-adulti qiegħda kollha) ivarja minn kważi 1,5 % fis-Slovakkja sa kważi 45 % fl-Iżvezja (il-medja tal-UE: 10,1 % (l-Illustrazzjoni 27). Apparti s-Slovakkja, f'pajjiżi bħall-Kroazja, l-Ungerija, il-Bulgarija, il-Polonja, il-Greċja, l-Italja, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Latvja u l-Ġermanja, inqas minn 10 % tal-adulti qiegħda jipparteċipaw fl-apprendiment. Min-naħa l-oħra, fid-Danimarka, fil-Lussemburgu u fil-Finlandja, l-ammont ta' parteċipanti qabeż l-20 %. Meta wieħed iħares lejn l-ammont ta' adulti b'livell baxx ta' kwalifiki[45] li pparteċipaw f'xi attività ta' taħriġ matul l-aħħar erba' ġimgħat qabel l-istħarriġ (bħala ammont mill-adulti kollha b'livell baxx ta' kwalifiki), ifeġġu diskrepanzi sinifikanti minn Stat Membru għall-

44 Ara, pereżempju, ESRI (2012), "Literacy, Numeracy and Activation among the Unemployed"; Shaw, N., Armistead, C. (2002) "Evaluation of the Union Learning Fund Year 4", Londra: id-Dipartiment għall-Edukazzjoni u l-Ħiliet; Casey, H. et al (2006) "You wouldn't expect a maths teacher to teach plastering: Embedding literacy, language and numeracy in post-16 vocational programmes – the impact on learning and achievement", NRDC.

45 Hawnhekk, il-persuni b'livell baxx ta' kwalifiki huma definiti bħala persuni li ma jkollhomx iktar minn livell edukattiv sekondarju baxx milħuq (il-livelli 0-2 tal-ISCED).

ieħor (l-Illustrazzjoni 28). Inqas minn 1 % tal-adulti b'livell baxx ta' kwalifiki jipparteċipaw fl-apprendiment f'Ċipru, fil-Greċja u fil-Kroazja, filwaqt li iktar minn 10 % jipparteċipaw fl-apprendiment fl-Iżvezja, fid-Danimarka u fil-Finlandja (il-medja tal-UE: 4,3 %).

**Illustrazzjoni 27. L-ammont ta' adulti qiegħda li jipparteċipaw fl-apprendiment (bħala ammont mill-adulti qiegħda kollha) fl-2017**




Sors: L-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE. Id-*data* tikkorrispondi għall-2017. Id-*data* dwar il-Litwanja u r-Rumanija hija nieqsa.

**Illustrazzjoni 28. L-ammont ta' adulti b'livell baxx ta' kwalifiki li pparteċipaw fl-apprendiment (bħala parti mill-adulti kollha b'livell baxx ta' kwalifiki) fl-2017**




Sors: L-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE. Id-*data* tikkorrispondi għall-2017. Id-*data* dwar ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Litwanja u s-Slovakkja mhix disponibbli.

**Il-provvista ta' inċentivi finanzjarji għal min iħaddem tista' tħeġġiġhom jinvestu fit-taħriġ tal-persunal.** Min iħaddem fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ikun dak li jipprovdi jew jiffinanzja l-apprendiment għall-adulti għall-persunal tiegħu, peress li jagħmluha ta' sponsor għal iktar minn żewġ terzi tal-adulti kollha li jipparteċipaw f'taħriġ relatat mal-impjieg. Minkejja l-kopertura baxxa kumplessiva, il-finanzjament pubbliku lil min iħaddem huwa għodda ta' politika komuni fl-Istati Membri. B'mod wiesa', l-inċentivi jkunu fil-forma ta' inċentivi tat-taxxa (krediti tat-taxxa jew konċessjonijiet tat-taxxa), sussidji diretti għat-taħriġ (inkluż is-sostenn tal-UE) jew skemi ta' finanzjament imsejsa fuq imposti (fondi għat-taħriġ). Hemm evidenza wkoll li s-sussidji diretti għall-impriżi (eż. fil-forma ta' għotjiet) jistgħu jkunu iktar effettivi biex iħeġġu l-parteċipazzjoni tal-impjegati fl-apprendiment, meta mqabbla ma' forom oħra ta' inċentivi finanzjarji. L-immirar xieraq tas-sostenn finanzjarju għat-taħriġ huwa importanti, pereżempju, billi ssir enfasi fuq l-impriżi li jiltaqgħu ma' diffikultajiet finanzjarji u ta' kapaċità, b'mod partikolari l-SMEs, sabiex jiġu evitati l-effetti deadweight (jiġifieri l-finanzjament ta' investiment li kien isir xorta waħda). Tabilħaqq, l-evidenza turi li l-kopertura, iktar milli l-volum tas-sostenn finanzjarju, għandha rabta pożittiva qawwija mal-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment. Skont l-iktar *data* reċenti (2015)

dwar is-sostenn finanzjarju mill-Istħarriġ dwar it-Taħriġ Vokazzjonali Kontinwu[46], l-ammont ta' kumpaniji li jirrapportaw li rċevew xi tip ta' kofinanzjament pubbliku għal attivitajiet ta' taħriġ matul l-aħħar 12-il xahar (li jirrifletti l-kopertura tas-sostenn finanzjarju) ivarjaw minn 0,1 % fir-Rumanija għal kważi 64 % fi Spanja (l-Illustrazzjoni 29). Apparti fir-Rumanija, anke fil-Portugall, fis-Slovakkja u fil-Bulgarija, l-ammont ta' kumpaniji li jirċievu dan it-tip ta' sostenn finanzjarju huwa inqas minn 1 %. Kuntrarjament għal dan, f'Ċipru, fil-Belġju, fi Franza u fi Spanja, dan l-ammont jaqbeż l-20 %.

**Illustrazzjoni 29. Is-sostenn finanzjarju għat-taħriġ mogħti lill-kumpaniji fl-2015**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar it-Taħriġ Vokazzjonali Kontinwu. Id-*data* tikkorrispondi għall-2015 u turi l-ammont ta' impriżi b'10 persuni impjegati jew iktar li jirrapportaw li rċevew sostenn finanzjarju pubbliku għall-provvista ta' taħriġ matul is-sena ta' referenza (2015). Id-*data* dwar l-Irlanda hija nieqsa.

**Is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ qiegħda tkompli titjieb, b'konformità mat-tisħiħ tal-ambjent makroekonomiku.** Fl-UE, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ naqset mill-ogħla livell ta' 23,7 % fl-2013 għal 16,8 % fl-2017. Madankollu, xorta waħda hija ogħla milli kienet fl-2008 u għadha ogħla minn 30 % f'xi Stati Membri (l-Italja, Spanja u l-Greċja). Maż-żmien id-dispersjoni fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ qiegħda tonqos (ara l-Illustrazzjoni 30), bl-ogħla tnaqqis fil-pajjiżi bl-ogħla livelli, għalkemm hemm xi eċċezzjonijiet (l-Italja, Franza, il-Belġju) fejn it-tnaqqis miexi pjuttost bil-mod. Fin-naħa opposta, inkiseb tnaqqis notevoli fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija, fis-Slovenja, fil-Bulgarija, fl-Irlanda u fil-Polonja, li kienu ferm taħt il-medja tal-UE fl-2017. In-nisa u l-irġiel żgħażagħ

46 Id-*data* hija parti mill-istatistika Ewropea dwar l-Apprendiment Tul il-Ħajja u tkopri t-tliet tipi ta' inċentivi finanzjarji, jiġifieri s-sussidji diretti għat-taħriġ, l-inċentivi tat-taxxa u l-irċevuti mill-fondi tat-taħriġ imsejsa fuq l-imposti. Fost l-oħrajn, l-istħarriġ jipprovdi *data* dwar l-irċevuti tal-impriżi minn fondi kollettivi, minn fondi mutwi jew minn fondi tat-taħriġ oħra, u minn kwalunkwe sostenn finanzjarju ieħor miksub mis-settur pubbliku għall-provvista tat-taħriġ vokazzjonali kontinwu.

jesperjenzaw livelli u xejriet simili fir-rati tal-qgħad (16,1 % għan-nisa u 17,4 % għall-irġiel fl-2017). L-irkupru fl-impjieg mhux dejjem iwassal għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, peress li ż-żgħażagħ spiss jiġu impjegati b'tipi ta' kuntratti mhux standard u prekarji, inkluż impjiegi temporanji, xogħol part-time sforzat u impjiegi b'pagi baxxi. Fl-2017, 43,9 % tal-ħaddiema żgħażagħ (żieda minn 42,2 % fl-2013) ħadmu b'kuntratt temporanju (meta mqabbla ma' 12,2 % tal-ħaddiema tal-età ta' 25-54 sena) – iktar minn sebgħa minn 10 fis-Slovenja u fi Spanja.

**Illustrazzjoni 30: Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (15-24 sena), tqabbil pluriennali**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

**Minbarra dawk li jaħdmu jew li qegħdin ifittxu impjieg, parti konsiderevoli miż-żgħażagħ tal-età ta' 15-24 sena huma ekonomikament inattivi.** Bħala total fl-UE, fl-2017, kważi sitt miljun persuna tal-età ta' 15-24 sena kienu barra mill-edukazzjoni, minn impjieg jew minn taħriġ (NEET). Dan jammonta għal 10,9 % tal-popolazzjoni f'dik il-klassi ta' età, jiġifieri tnaqqis mill-ogħla livell ta' 13,2 % fl-2012 u lura għal-livell tal-2008 (10,9 %). Dan it-tnaqqis seħħ l-iktar minħabba n-NEETs qiegħda li bdew jaħdmu. Kif jidher fl-Illustrazzjoni 31, rati ta' NEETs ta' 'l fuq minn 15 % għadhom qegħdin jiġu rreġistrati f'diversi pajjiżi (l-Italja, Ċipru, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Greċja u r-Rumanija). L-għadd ta' NEETs qiegħed jiżdied fid-Danimarka[47], fil-Lussemburgu, fl-Estonja u, agħar minn hekk, fiż-żewġ pajjiżi bl-ogħla rati (Ċipru u l-Italja, li t-tnejn huma "sitwazzjonijiet kritiċi"). Għal din

[47] Din iż-żieda għandha tiġi interpretata b'kawtela peress li d-Danimarka tippreżenta waqfa fis-serje fl-2017 u fl-2016 (ara wkoll l-Anness 1 u 2). Waqfiet fis-serje ġew indikati wkoll għall-Belġju, għall-Irlanda u għal Malta fl-2017.

ir-raġuni, il-konverġenza hija limitata biss, kif suġġerit mill-pendil kemxejn negattiv tal-linja ta' rigressjoni. Fuq nota iktar pożittiva, ġie osservat tnaqqis notevoli fil-Bulgarija u fir-Rumanija ("sitwazzjoni dgħajfa iżda qiegħda titjieb"), li jibda mil-livelli għoljin.

**Illustrazzjoni 31: Ir-rata ta' NEETs (15-24 sena) u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali).**




Sors: Eurostat. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Wara t-tnaqqis fil-qgħad fost iż-żgħażagħ, il-maġġoranza tan-NEETs huma inattivi, iżda b'differenzi sostanzjali minn Stat Membru għall-ieħor.** Ir-rati ta' inattività huma partikolarment għoljin fil-Bulgarija, fir-Rumanija u fl-Italja, filwaqt li l-qgħad huwa predominanti fi Spanja, fil-Kroazja u fil-Greċja. Il-fattur ta' riskju prinċipali li jwassal biex wieħed jisfa NEET ġie identifikat bħala li wieħed ikollu livell baxx ta' edukazzjoni biss[48].

48 Eurofound (2016), "Exploring the Diversity of NEETs". Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Fost in-NEETs nisa, l-inattività hija iktar frekwenti mill-qgħad, filwaqt li jiġri l-oppost fost l-irġiel.

**Ir-rata tal-impjieg tal-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien kibret b'mod sostanzjali matul l-aħħar deċennju.** Il-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien (tal-età ta' 55-64 sena) irnexxielhom joħorġu mill-burraxka tal-kriżi relattivament aħjar minn gruppi ta' età oħra u kienu dawk li xprunaw il-biċċa l-kbira tal-ħolqien tal-impjiegi matul l-irkupru, bi kważi seba' miljun persuna addizzjonali b'impjieg bejn il-Q2-2013 u l-Q2-2018. B'mod iktar ġenerali, kif diġà ntwera fit-Taqsima 1, il-grupp ta' età ta' 55-64 sena huwa xprun importanti ħafna taż-żieda kumplessiva fir-rati ta' impjieg matul l-aħħar għaxar snin. Fl-2017, ir-rata tal-impjieg ta' persuni tal-età ta' 55-64 sena żdiedet għal 55,3 %, 1,8 pps ogħla mis-sena ta' qabel, u huwa mistenni li ż-żieda kostanti tkompli fl-isfond tat-tibdil demografiku. Ir-rati ta' impjieg tal-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien ivarjaw ħafna minn Stat Membru għall-ieħor, minn 76,4 % fl-Iżvezja għal 38,3 % fil-Greċja, b'rati taħt jew qrib il-50 % irreġistrati wkoll fi Spanja, fil-Belġju, fil-Polonja u f'Malta. Ir-rata tal-impjieg tan-nisa tal-età ta' 55-64 sena qiegħda tikber iktar malajr minn dik tal-irġiel u kienet ta' 50,9 % fl-2016.

**Mill-2008 'il hawn, it-tul medju tal-ħajja tax-xogħol żdied fi kważi l-Istati Membri kollha,** b'żidiet kbar (b'iktar minn sentejn) fl-Estonja, fil-Litwanja, fir-Repubblika Ċeka, f'Malta, fl-Ungerija, fil-Polonja u fil-Lussemburgu. Id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fit-tul tal-ħajja tax-xogħol qiegħda tonqos iżda għadha sinifikanti, bin-nisa, bħala medja, jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol 4,9 snin inqas mill-irġiel (33,4 sena vs 38,3 sena fl-2017). Din il-medja hija r-riżultat ta' varjazzjonijiet kbar minn Stat Membru għall-ieħor u hija frott diversi fatturi, fosthom l-aċċess insuffiċjenti għas-servizzi ta' indukrar kif ukoll l-etajiet iktar baxxi tal-pensjoni għan-nisa f'xi Stati Membri.

**Illustrazzjoni 32: It-tul medju tal-ħajja tax-xogħol, tqabbil 2008-2017**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

**Fl-2017, ir-rata tal-impjieg għan-nisa kompliet iż-żieda kostanti tagħha.** Laħqet 66,5 %, meta mqabbla ma' 65,3 % tas-sena ta' qabel. Ir-rata tal-impjieg tan-nisa tjiebet fl-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni tad-Danimarka (fejn xorta waħda hija għolja ferm). Tvarja bejn 79,9 % fl-Iżvezja u 48,0 % fil-Greċja, b'rati baxxi (taħt is-60 %) irreġistrati wkoll fi Spanja, f'Malta, fil-Kroazja u fl-Italja. Minkejja l-progress, in-nisa qegħdin jibqgħu jiġu rrappreżentati inqas mill-irġiel fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri kollha. Id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg – indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali – għadha għolja bi 11,5 pps. F'kuntest ta' ftit varjazzjoni meta mqabbel mas-sena ta' qabel, il-konverġenza fost l-Istati Membri hija limitata. L-Italja, il-Greċja, u r-Rumanija huma mmarkati bħala "sitwazzjonijiet kritiċi", filwaqt li Malta, li għadha tesperjenza l-ikbar disparità bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg, kellha titjib notevoli fl-2017. Ġew irreġistrati żidiet sinifikanti (b'1 pps jew iktar) fil-Latvja, fl-Ungerija u fil-Kroazja, anke jekk f'dawn l-Istati Membri r-rata tal-impjieg żdiedet kemm għan-nisa u kemm għall-irġiel, iżda ħafna iktar malajr għall-irġiel milli għan-nisa. Il-Latvja, flimkien mal-Litwanja, il-Finlandja u l-Iżvezja, għadhom il-pajjiżi bl-aqwa prestazzjoni fid-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg.

**Illustrazzjoni 33: Id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg hija ikbar f’termini ta’ ekwivalenti full-time, peress li n-nisa jirreġistraw rati ogħla ta’ xogħol part-time.** Id-disparità medja bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg part-time naqset kemxejn biss għal 23 pps fl-2017 meta mqabbla mal-2016. B’mod kumplessiv, 31,1 % tan-nisa fl-UE ħadmu part-time fl-2017 meta mqabbla ma’ 8,2 % tal-irġiel. Madankollu, hemm differenzi kbar minn Stat Membru għall-ieħor. Filwaqt li l-ammont ta’ nisa li jaħdmu part-time għadu tradizzjonalment baxx fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri Ewropej tal-Lvant (inqas minn 10 % fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fil-Litwanja, fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Rumanija u fil-Latvja), dan laħaq l-74,1 % fin-Netherlands (22,6 % għall-irġiel), 49,9 % fl-Awstrija (10,5 % għall-irġiel) u 46,8 % fil-Ġermanja (9,3 % għall-irġiel). Id-disponibbiltà tax-xogħol part-time huwa fattur importanti li jżomm in-nisa fis-suq tax-xogħol, b’mod partikolari meta jkollhom it-tfal. Madankollu, perjodi twal ta’ sigħat

tax-xogħol imnaqqsa jistgħu jkomplu jkattru d-disparitajiet bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi u fil-pensjonijiet, peress li x-xogħol part-time s-soltu jiġi assoċjat ukoll ma' qligħ iktar baxx fis-siegħa u ma' kontribuzzjonijiet iktar baxxi tas-sigurtà soċjali. Anke jekk kien qiegħed jonqos, 22,5 % tal-impjieg part-time fost in-nisa kien sforzat fl-2017.

**Apparti rati ta' impjieg iktar baxxi, hemm tendenza li n-nisa jbatu wkoll minn disparità sinifikanti fil-pagi.** Minkejja li ġeneralment in-nisa jkunu kkwalifikati iktar mill-irġiel[49], id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi baqgħet stabbli fil-livell ta' 16,2 %[50] fl-2016, bi tnaqqis żgħir biss meta mqabbla mal-2013 (16,8 %). Hemm it-tendenza li n-nisa jkunu rrappreżentati żżejjed f'setturi u f'okkupazzjonijiet b'pagi iktar baxxi, u sikwit jaħdmu f'impjiegi sottokwalifikati meta mqabbla mal-ħiliet tagħhom. Xorta waħda, parti mid-disparità fil-pagi tibqa' anke jekk jitqiesu fatturi bħad-differenzi fl-esperjenza, il-livell ta' edukazzjoni, it-tip ta' kuntratt, eċċ. Id-differenzi minn pajjiż għall-ieħor huma konsiderevoli. Id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi għadha iktar minn 20 % fl-Estonja, fir-Repubblika Ċeka, fil-Ġermanja, fir-Renju Unit u fl-Awstrija, filwaqt li l-iżgħar valuri (kemxejn ogħla minn 5 %) ġew irreġistrati fir-Rumanija, fl-Italja u fil-Lussemburgu. Mill-2013 'il hawn, is-sitwazzjoni tjiebet b'mod konsiderevoli fl-Estonja, fl-Ungerija u fi Spanja, filwaqt li d-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi żdiedet b'iktar minn 2 pps fil-Portugall u fil-Litwanja. Spiss id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi twassal għal disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pensjonijiet, li kienet ta' madwar 37,2 % fl-2016 (naqset b'1,1 pps meta mqabbla mal-2015). Id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pensjonijiet kienet l-iktar f'Ċipru, fin-Netherlands u f'Malta (iktar minn 44 %), filwaqt li l-iżgħar disparitajiet (inqas minn 10 %) ġew irreġistrati fl-Estonja, fid-Danimarka u fis-Slovakkja.

49 Fl-2017, 44,9 % tan-nisa tal-età ta' 30-34 sena fl-UE kellhom livell edukattiv terzjarju meta mqabbla ma' 34,9 % tal-irġiel (ara wkoll iktar 'il fuq f'din it-Taqsima); fl-Istati Membri kollha, ir-rata tal-livell edukattiv terzjarju milħuq hija ogħla għan-nisa milli għall-irġiel.

50 L-indikatur ta' referenza tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali huwa d-disparità mhux aġġustata bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi (jiġifieri mhux aġġustata skont il-karatteristiki individwali li jistgħu jispjegaw parti mid-differenza fil-qligħ), li għandu jagħti stampa kumplessiva tal-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel f'termini tal-pagi. Ir-riċerka turi li l-biċċa l-kbira tad-disparità tippersisti anke meta jitqiesu d-differenzi fil-livell edukattiv milħuq, fl-għażla okkupazzjonali, fis-sigħat tax-xogħol u f'attributi oħra li jistgħu jiġu osservati (eż. http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/gender_pay_gap/2016_factors_gpg_en.pdf).

**Illustrazzjoni 34: Id-disparità mhux aġġustata bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi fl-2013 u fl-2016**




Sors: Eurostat. Nota: id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi (GPG) titkejjel bħala d-differenza bejn il-qligħ gross medju fis-siegħa tal-impjegati nisa u rġiel imħallsa bħala perċentwal tal-qligħ gross medju fis-siegħa tal-impjegati rġiel imħallsa. Ma hemm l-ebda *data* reċenti disponibbli għall-Kroazja, għall-Greċja u għall-Irlanda.

**Hemm it-tendenza li d-disparitajiet fl-impjieg ikunu ikbar għan-nisa b'responsabbiltajiet ta' indukrar.** Pereżempju, wieħed mill-fatturi prinċipali li jxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fis-suq tax-xogħol huwa meta jkunu ġenituri. Fl-Istati Membri kollha, id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg tikber b'mod sostanzjali meta jitqies il-fattur ta' meta jkunu ġenituri. Bħala medja fl-2017, ir-rata tal-impjieg tan-nisa (tal-età ta' 20-49 sena) b'wild taħt l-età ta' sitt snin kienet ta' 9,2 pps inqas minn dik tan-nisa mingħajr tfal. Fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija u fis-Slovakkja, l-impatt negattiv ta' meta jkunu ġenituri huwa partikolarment għoli (iktar minn 40 pps), filwaqt li l-impatt huwa pożittiv – iżda iżgħar milli għall-irġiel – fil-Portugall, fil-Lussemburgu, fl-Iżvezja u fil-Kroazja. Kuntrarjament għal dan, meta l-irġiel ikunu ġenituri, dan ikollu impatt pożittiv fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri kollha tal-UE (+12,4 pps bħala medja).

**Illustrazzjoni 35: L-impatt fuq l-impjieg meta n-nisa u l-irġiel ikunu ġenituri (tal-età ta' 20-49 sena) fl-2017**




Sors: Eurostat. Nota: l-impatt fuq l-impjieg ta' meta n-nisa u l-irġiel ikunu ġenituri jitkejjel bħala d-differenza (f'pps) fir-rata tal-impjieg tan-nisa/tal-irġiel b'minn tal-inqas wild wieħed taħt l-età ta' sitt snin u r-rata tal-impjieg tan-nisa/tal-irġiel mingħajr tfal.

**L-aċċess mhux indaqs għas-servizzi ta' indukrar tat-tfal u ta' indukrar fit-tul li jkunu ta' kwalità u tajbin għall-but ta' kulħadd jikkontribwixxi għall-effett negattiv fuq l-impjieg tan-nisa li jkunu ġenituri.** Kif juri l-indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar il-parteċipazzjoni fl-indukrar formali tat-tfal, fl-2016 madwar 33 % tat-tfal tal-età ta' 0-3 snin kienu rreġistrati għall-indukrar formali tat-tfal. Dan ifisser li l-mira ta' Barċellona dwar id-disponibbiltà ta' faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal (li jkunu ta' kwalità għolja u tajbin għall-but ta' kulħadd) għat-tfal f'dan il-grupp ta' età ntlaħqet b'mod nominali. Madankollu, għad hemm differenzi kbar minn pajjiż għall-ieħor. Filwaqt li fid-Danimarka, ir-rata ta' reġistrazzjoni kienet ta' 70 % u fil-Portugall, fil-Lussemburgu, fl-Iżvezja u fin-Netherlands kienet ta' madwar 50 %, fis-Slovakkja, fir-Repubblika Ċeka, fil-Polonja u fil-Greċja kienet ferm inqas minn 10 % (dawn il-pajjiżi tal-aħħar, flimkien mal-Bulgarija, huma mmarkati bħala "sitwazzjonijiet kritiċi"). F'dawn l-Istati Membri, in-nuqqas ta' arranġamenti għall-indukrar formali tat-tfal iwassal ukoll għal eżiti batuti tas-suq tax-xogħol għan-nisa (fihom kollha id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg hija iktar mill-medja tal-UE u meta jkunu ġenituri dan ikollu impatt negattiv fuq ir-rati ta' impjieg). Fl-2017, 21,6 % tan-nisa b'responsabbiltajiet ta' indukrar fl-UE kienu inattivi jew ħadmu part-time minħabba nuqqas ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal u ta' indukrar fit-tul. Fil-Greċja, fi Spanja, fil-Kroazja u

f'Ċipru dan l-ammont kien ferm iktar minn 50 %, u laħaq livell rekord fir-Rumanija u fil-Latvja (iktar minn 89 %).

**Illustrazzjoni 36: It-tfal tal-età ta' 0-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat, EU-SILC. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Il-provvista ta' servizzi formali aċċessibbli, ta' kwalità għolja u sostenibbli ta' indukrar fit-tul tibqa' sfida f'diversi Stati Membri.** Is-sottożvilupp ta' servizzi ta' indukrar fit-tul jista' jkun xkiel qawwi għan-nisa biex jibqgħu fl-impjieg, peress li sikwit l-indukrar informali jkun l-unika għażla għal ħafna familji. It-tibdil demografiku se jiggrava din l-isfida, peress li huwa stmat li l-għadd ta' persuni dipendenti mdaħħlin fiż-żmien se jiżdied bi 13-il miljun bejn l-2016 u l-2070[51]. Barra minn hekk, il-persuni li jipprovdu l-indukrar informali, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, jinsabu f'riskju ikbar li jesperjenzaw il-faqar u d-dipendenza finanzjarja, speċjalment meta jkunu sforzati jnaqqsu s-sigħat tax-xogħol tagħhom jew jirtiraw

[51] Il-Kummissjoni Ewropea (2018), "Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2018", id-Dokument Istituzzjonali 079 dwar l-Ekonomija Ewropea.

mill-impjieg biex jindukraw lil qrabathom, u b'hekk inaqqsu l-introjtu u l-intitolamenti tal-pensjoni tagħhom.

**Hemm it-tendenza wkoll li n-nisa jiffaċċjaw diżinċentivi finanzjarji qawwija meta jidħlu fis-suq tax-xogħol jew ikunu jridu jaħdmu iktar**. B'mod partikolari, meta t-taxxa fuq l-introjtu tiġi imposta fuq l-introjtu tal-unità domestika minflok fuq l-introjtu tal-individwu, is-sħab li ma jaħdmux u dawk tat-tieni sors ta' introjtu (spiss ikunu nisa) jistgħu jiffaċċjaw diżinċentivi finanzjarji għoljin meta jiġu biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol jew jaħdmu iktar sigħat. Karatteristiki oħra tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji jistgħu wkoll jiskoraġġixxu l-provvista ta' ħaddiema, fosthom it-tnaqqis għall-familji, it-tnaqqis għall-konjuġi dipendenti u t-tnaqqis trasferibbli. Fl-2016, in-nassa tal-inattività tat-tieni sors ta' introjtu kienet partikolarment għolja fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fil-Belġju u fi Franza, filwaqt li n-nassa tal-pagi baxxi kienet għolja fil-Belġju, fil-Ġermanja u fil-Lussemburgu[52]. Il-kostijiet kbar tal-faċilitajiet ta' indukrar iżidu n-nases tal-inattività, peress li jaġixxu bħala diżinċentivi biex wieħed ikollu impjieg jew iżid is-sigħat tax-xogħol.

**Il-persuni li ġejjin minn familji migranti jibbenefikaw parzjalment biss mit-titjib ġenerali fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol**. Filwaqt li l-persuni li ma twildux fl-UE jifformaw ammont dejjem jiżdied mill-popolazzjoni tal-UE (7,2 % fl-2017 meta mqabbel ma' 6,6 % fl-2014), dawn għandhom inqas probabbiltà li jkollhom impjieg mill-persuni li twieldu fl-UE. Fl-2017, 63 % tal-persuni li ma twildux fl-UE ta' età tax-xogħol (20-64 sena) kellhom impjieg, li huwa livell ferm iktar baxx mil-livell ta' qabel il-kriżi (66,2 % fl-2008). Id-disparità bejn iż-żewġ gruppi fl-impjieg, kienet ta' 10 pps fl-2017, kemxejn aħjar milli fl-2016 (10,5 pps), iżda ħafna agħar milli fl-2008 (4,5 pps). F'xi Stati Membri (il-Finlandja, l-Iżvezja, in-Netherlands u l-Belġju) din id-disparità kienet qrib jew madwar l-20 pps fl-2017. Is-sitwazzjoni hija saħansitra iktar iebsa għan-nisa li ma twildux fl-UE. Ir-rata tal-impjieg tagħhom kienet ta' 54,1 % fl-2017, b'disparità ta' 13,6 % fir-rigward tan-nisa li twieldu fl-UE. Barra minn hekk, meta jkollhom impjieg, il-persuni li ma twildux fl-UE għandhom iktar probabbiltà li jkunu affettwati mill-faqar fost dawk li jaħdmu milli l-persuni li twieldu fl-UE.

---

52 In-nassa tal-inattività għat-tieni sors ta' introjtu tkejjel ir-rata tat-taxxa effettiva marġinali fuq l-introjtu mix-xogħol mit-tieni membru ta' koppja li tgħaddi mill-assistenza soċjali għax-xogħol. In-nassa tal-pagi baxxi tiġi kkalkulata għal koppja mingħajr tfal fejn it-tieni sors ta' qligħ iżid il-qligħ minn 33 % għal 67 % tal-paga medja u fejn is-sors prinċipali ta' qligħ jaqla' 100 % tal-paga medja.

**Illustrazzjoni 37: Ir-rata tal-impjieg tal-persuni li twieldu fl-UE, tqabbil pluriennali**




Sors: Eurostat. Nota: ma hemm l-ebda *data* disponibbli għall-Ġermanja għall-2008 u għall-2013.

**Illustrazzjoni 38: Ir-rata tal-impjieg skont il-pajjiż tat-twelid għall-persuni tal-età ta' 20-64 sena fl-2017**




Sors: Eurostat.

**Hemm tendenza li l-isfidi ffaċċjati mill-persuni li ġejjin minn familji migranti jiġu mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra**. L-ammont ta' persuni li ġejjin minn familji

migranti qiegħed jiżdied, speċjalment fost iż-żgħażagħ[53], u hemm evidenza li l-persuni li twieldu fl-UE li jkollhom ġenituri li ma twildux fl-UE jkollhom rati iktar baxxi ta' impjieg milli dawk li jkollhom ġenituri li twieldu fl-UE[54]. B'hekk dan jikkontribwixxi biex ikun hemm rati ogħla ta' qgħad fost xi gruppi ta' żgħażagħ żvantaġġati. L-eżiti tas-suq tax-xogħol ivarjaw sew ukoll minħabba l-migrazzjoni[55]. Madankollu, filwaqt li r-rati iktar baxxi ta' impjieg tal-migranti huma parzjalment xprunati minn ammont ikbar ta' persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni, żieda fil-livell tal-edukazzjoni[56] ma ssarrafx f'eżiti aħjar ta' impjieg, u hemm nuqqas sinifikanti ta' użu tal-ħiliet u tal-kwalifiki tal-migranti[57].

**Id-disparità fir-rata tal-impjieg li jesperjenzaw il-persuni b'diżabbiltà tindika potenzjal mhux sfruttat li jintużaw it-talenti tagħhom.** Fl-UE, fl-2016, id-disparità fl-impjieg[58] bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr diżabbiltà kienet kbira, b'rata tal-impjieg ta' 48,1 % għall-persuni b'diżabbiltà meta mqabbla ma' 73,9 % għal dawk mingħajr diżabbiltà. Madankollu, hemm varjazzjoni sostanzjali fid-disparità bejn l-Istati Membri[59], li tvarja minn 14,7 pps (l-Italja) għal iktar minn 45 pps (l-Irlanda). Barra minn hekk, 59,7 % biss tal-persuni b'diżabbiltà fl-UE huma ekonomikament attivi, meta mqabbla ma' 82,2 % ta' dawk mingħajr diżabbiltà, u dan jissuġġerixxi li jeżistu ostakli sinifikanti għall-persuni b'diżabbiltà biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol[60]. Il-pajjiżi b'rati simili ta' attività għall-persuni mingħajr diżabbiltà jista' jkollhom rati ta' attività differenti ħafna għall-persuni b'diżabbiltà. Il-kwalità tax-xogħol hija kwistjoni importanti wkoll, peress li fl-2016 il-persuni b'diżabbiltà fl-UE kellhom probabbiltà ikbar li jiffaċċjaw il-faqar fost dawk li jaħdmu milli l-popolazzjoni ġenerali[61]. F'termini tas-sessi, ir-rata tal-impjieg tan-nisa b'diżabbiltà (45,9 %) kienet biss kemxejn iktar baxxa minn dik tal-irġiel b'diżabbiltà (50,6 %), u d-disparità kienet bil-kontra f'xi Stati Membri. Meta wieħed iħares lejn il-perċezzjoni tal-kwalità tal-ħajja kumplessiva

53 Fl-UE, fl-2014, madwar 20 % tal-persuni tal-età ta' 15-29 sena kienu ġejjin minn familji migranti – li twieldu fl-UE jew li ma twildux fl-UE b'minn tal-inqas ġenitur wieħed li ma twilidx fl-UE. Sors: Eurostat.

54 L-OECD (2017), Catching Up? Intergenerational Mobility and Children of Immigrants.

55 Ir-rata tal-impjieg tal-persuni li ma twildux fl-UE hija ogħla għal dawk li waslu għal raġunijiet ta' studju jew ta' impjieg (71 % fl-2014, saħansitra ogħla minn dik ta' dawk li twieldu fl-UE) u iktar baxxa għal dawk li waslu għal raġunijiet ta' familja u għar-refuġjati. Fl-2014, il-migranti li waslu għal raġunijiet ta' familja kienu l-ikbar ammont ta' persuni fost il-persuni li ma twildux fl-UE (52 %). Fl-2014, ir-rata tal-impjieg tagħhom kienet ta' 53 %, iktar baxxa minn dik fost ir-refuġjati (56 %).

56 F'termini ta' livell edukattiv milħuq, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (tal-età ta' 25-54 sena) kellhom iktar probabbiltà li jkollhom livell baxx ta' edukazzjoni fl-2017 (43,6 %) meta mqabbla maċ-ċittadini tal-pajjiż ospitanti (21,2 %), u inqas probabbiltà li jilħqu l-livell tal-edukazzjoni terzjarja (26,3 % u 31,6 % rispettivament).

57 Id-disparità fir-rata tal-impjieg bejn il-persuni li ma twildux fl-UE u l-persuni li twieldu fl-UE tispikka l-iktar fost dawk b'edukazzjoni terzjarja, u tenfasizza li l-migranti jiffaċċjaw redditi iktar baxxi mill-edukazzjoni tagħhom meta mqabbla mal-persuni li twieldu fl-UE (ara wkoll l-Employment and Social Developments in Europe 2015). Fl-2017, madwar 42 % taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'livell għoli ta' edukazzjoni kienu kkwalifikati żżejjed: jiġifieri jaħdmu iżda f'okkupazzjonijiet b'livell baxx jew medju ta' ħiliet, meta mqabbla ma' madwar 20 % fost iċ-ċittadini tal-pajjiżi ospitanti. Madankollu, id-disparità bejn iż-żewġ gruppi naqset matul dawn l-aħħar ftit snin, minn 25 pps fl-2012 għal 20 pps fl-2017.

58 Id-*data* ġejja mill-EU-SILC tal-2015 analizzata min-Netwerk Akkademiku Ewropew ta' Esperti dwar id-Diżabbiltà (ANED).

59 Il-prevalenza tad-diżabbiltà tvarja wkoll fost l-Istati Membri b'mod konsiderevoli.

60 *ibid*

61 EU-SILC (2017), In-work at-risk-of-poverty rate by level of activity limitation, sex and age (hlth_dpe050)

mill-persuni b'diżabbiltà, Eurofound[62] tal-fehma li kemm iħossuhom maqtugħin mis-soċjetà jvarja b'mod konsiderevoli skont jekk ikunu impjegati jew le. Dawk li jkollhom impjieg jirrapportaw ferm inqas li jħossuhom maqtugħin mis-soċjetà mill-persuni qiegħda fit-tul jew mill-persuni li ma jistgħux jaħdmu minħabba d-diżabbiltà tagħhom.

### *3.2.2 Ir-rispons ta' politika*

**Huma meħtieġa strateġiji komprensivi li jiffokaw fuq il-kawżi prinċipali tat-tluq bikri mill-iskola sabiex jitnaqqsu r-rati tat-tluq mill-iskola, ikun hemm prevenzjoni tal-esklużjoni soċjali u tiġi megħjuna t-tranżizzjoni taż-żgħażagħ lejn is-suq tax-xogħol**. Dan l-aħħar, ħafna Stati Membri introduċew miżuri biex jitnaqqas l-għadd ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola, fosthom politiki għal sostenn lingwistiku għall-istudenti b'lingwa materna differenti, gwida għall-edukazzjoni u għall-karrieri fl-iskejjel, jew miżuri ta' sostenn għall-persuni li jitilqu kmieni mill-iskola sabiex jerġgħu jidħlu fis-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Pereżempju, fil-Bulgarija, il-proġett "Il-Klassi Tiegħek" tiffinanzja sostenn pedagoġiku addizzjonali għall-istudenti f'riskju li jitilqu kmieni mill-iskola, bħal taħriġ fil-lingwa, klassijiet addizzjonali biex jingħelbu l-lakuni fl-apprendiment jew attivitajiet mhux kurrikulari biex iżidu l-motivazzjoni tal-istudenti. L-Iżvezja tappoġġa l-iskejjel finanzjarjament skont l-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti, sabiex tiġi promossa kompożizzjoni soċjali bbilanċjata u jkun hemm prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola. Fi Spanja, il-pjan Proeducar irawwem politiki li jtejbu l-kwalità u l-ekwità tas-sistema tal-edukazzjoni u li jagħtu sostenn lil programmi tat-tieni opportunità.

**L-iżgurar tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja u tajba għall-but ta' kulħadd, kif ukoll l-għoti ta' sostenn għall-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema, huma kruċjali biex jittejbu l-eżiti edukattivi tal-istudenti.** Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Irlanda għall-Edukazzjoni jiffoka fuq il-promozzjoni u t-tħeġġiġ tal-kwalità, tal-eċċellenza u tal-innovazzjoni, fuq it-tnaqqis tad-diskrepanzi kritiċi fil-ħiliet, u fuq rwol mexxej fit-teknoloġiji abilitanti essenzjali u fit-tħaddin tal-inklużjoni. Riforma reċenti tal-edukazzjoni sekondarja fil-Lussemburgu għandha l-għan li tadatta l-edukazzjoni għall-ħtiġijiet tal-istudenti, li tagħti iktar awtonomija lill-iskejjel biex jorganizzaw il-kurrikulu skont il-profil li jagħżlu, li tiddiversifika l-offerta tal-lingwa u li tintroduċi pjanijiet ta' tliet snin għall-iżvilupp tal-iskejjel

62 Eurofound (2018), The social and employment situation of people with disabilities, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, qiegħda titħejja attwalment.

li jkopru aspetti bħall-gwida, is-suċċess fl-istudji, l-attivitajiet ta' wara l-iskola, l-assistenza psikosoċjali u t-titjib tal-ħiliet diġitali. Fil-Kroazja**,** l-inizjattiva School for Life tintroduċi kurrikuli ġodda msejsa fuq l-approċċ tal-eżiti tal-apprendiment, li tixħet l-enfasi fil-klassi fuq l-esperjenza tal-istudenti, tirrikonoxxi l-importanza tal-preparazzjoni tal-għalliema u tintroduċi t-tagħlim trasversali ta' kompetenzi ewlenin, bħall-imprenditorija, il-kapaċità li titgħallem kif titgħallem jew l-edukazzjoni ċivika. L-inizjattiva tal-Iżvezja biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi hija "Kooperazzjoni għall-Aqwa Skola possibbli" ("Samverkan för bästa skola"). Din tagħti sostenn imfassal apposta li jkun orjentat lejn il-prattika u hija akkumpanjata mill-iżvilupp professjonali tal-għalliema fl-iskejjel li jiffaċċjaw l-iktar sfidi gravi fil-provvista ta' tagħlim ta' kwalità għolja u fejn proporzjon għoli ta' studenti ma jikkompletawx l-edukazzjoni tagħhom. Ċipru qiegħed jimplimenta qafas ta' apprendiment professjonali ġdid għall-għalliema biex isaħħu t-taħriġ kontinwu tagħhom u beda jaġġorna l-kurrikulu preskolastiku abbażi ta' indikaturi ta' suċċess u tal-adegwatezza. Fil-Litwanja, ir-Regolament il-ġdid dwar it-Taħriġ għall-Għalliema jiddefinixxi rekwiżiti ta' kwalità għal programmi ta' studju u għal internships għall-għalliema; jispeċifika wkoll possibbiltajiet ta' taħriġ u ta' żvilupp professjonali għall-għalliema, u jistabbilixxi kriterji għaċ-ċentri nazzjonali għat-taħriġ tal-għalliema.

**L-infurzar effettiv tal-bidliet leġiżlattivi għall-inklużjoni tar-Rom fl-edukazzjoni jibqa' importanti.** Fil-Bulgarija, il-miżuri fis-seħħ attwalment għall-istudenti Rom jinkludu boroż ta' studju u attivitajiet mhux kurrikulari, klassijiet addizzjonali tal-Bulgaru u attivitajiet mal-ġenituri. F'Lulju 2017, l-Ungerija emendat l-Atti tagħha dwar it-Trattament Indaqs u l-Edukazzjoni Pubblika biex tiżgura l-projbizzjoni tas-segregazzjoni. Barra minn hekk, fl-2017 intgħażlu l-iskejjel b'livell edukattiv milħuq baxx, b'rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola u b'riskju għoli ta' segregazzjoni sabiex jirċievu taħriġ u sostenn fl-iżvilupp kumpless bl-għan li jiġu implimentati metodi differenzjati ta' tagħlim. Fid-distretti edukattivi qegħdin jiġu stabbiliti uffiċjali u gruppi ta' ħidma kontra s-segregazzjoni. Fir-Rumanija, ir-responsabbiltajiet tal-ispettorati tal-iskola u tal-aġenzija tal-assigurazzjoni tal-kwalità (ARACIP) ġew imwessa' għall-monitoraġġ tas-segregazzjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni revedut għall-integrazzjoni tar-Rom approvat mill-gvern Slovakk fi Frar 2017 qiegħed jiġi implimentat iżda r-riżultati għadhom iridu jidhru. Ir-Repubblika Slovakka adottat Pjan ta' Żvilupp tal-Edukazzjoni Nazzjonali ta' 10 snin li għandu jindirizza wkoll l-aspetti tal-inklużività u tal-kwalità tal-edukazzjoni, anke għat-tfal Rom.

**Fattur ewlieni huwa it-tisħiħ tal-kwalità tal-edukazzjoni għolja, speċjalment fil-kuntest tar-rati tal-livell edukattiv terzjarju milħuq li qegħdin jogħlew b'mod kontinwu.** Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2017 dwar aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja[63] tisħaq dwar l-importanza ta' miżuri bl-għan li jwessgħu l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni għolja, li jżidu r-rati ta' persuni li jikkompletaw l-edukazzjoni, li jgħammru lill-istudenti b'ħiliet u b'kompetenzi rilevanti għad-dinja tax-xogħol jew itejbu l-effiċjenza tas-sistema ta' finanzjament għall-edukazzjoni ogħla. Diversi Stati Membri ħabbru riformi b'konformità ma' dawk il-prinċipji. Dan l-aħħar, Franza adottat liġi biex tagħti sostenn lis-suċċess tal-istudenti fl-edukazzjoni għolja, b'mod partikolari permezz ta' iktar gwida għad-dħul, sostenn matul l-istudji, u l-pubblikazzjoni tal-kompetenzi mistennija qabel id-dħul għall-oqsma ta' studju differenti. L-Awstrija u r-Repubblika Ċeka reċentement introduċew sistemi ġodda ta' finanzjament għall-edukazzjoni għolja biex tiġi promossa d-diversifikazzjoni u l-kwalità. Fil-Polonja, l-Att li ġie adottat dan l-aħħar dwar ir-riċerka, ix-xjenza u l-edukazzjoni għolja ("Ustawa 2.0") jirrappreżenta sforz kbir ta' mmodernizzar li għandu l-għan li jżid il-kwalità fis-settur tal-edukazzjoni għolja. Il-Portugall introduċa miżuri biex iżid ir-reġistrazzjoni tal-istudenti fl-edukazzjoni għolja, bħat-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' sostenn soċjali għall-istudenti minn ambjenti żvantaġġati permezz ta' żieda sinifikanti fil-boroż ta' studju, skema soċjali għall-ħlas tal-miżati għat-tagħlim f'diversi pagamenti, u l-implimentazzjoni ta' programm definit mill-ġdid "+Superior", biex jippromwovi u jagħti sostenn għar-reġistrazzjoni fl-edukazzjoni f'reġjuni b'popolazzjoni inqas densa u b'domanda iktar baxxa.

**L-Istati Membri qegħdin ikomplu jaraw li l-ħiliet u l-kwalifiki jkunu iktar faċli biex jinftiehmu fl-Ewropa kollha.** L-Istati Membri kollha għandhom oqfsa nazzjonali ta' kwalifiki organizzati madwar il-prinċipju tal-eżiti tat-tagħlim. Kważi l-Istati Membri kollha (27) rabtu l-livelli tal-kwalifiki tagħhom mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK), u 19 minnhom jindikaw il-livell tal-QEK fuq il-kwalifiki tagħhom, biex b'hekk ikunu iktar ċari u iktar komparabbli (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja u r-Renju Unit).

**Kulma jmur iktar Stati Membri qegħdin iqisu l-apprendiment 'il barra mill-edukazzjoni u mit-taħriġ istituzzjonali**. Fi 15-il pajjiż, ġie stabbilit mekkaniżmu ta'

63 COM(2017) 247 final.

koordinazzjoni biex jippromwovi l-iskambju u l-konsistenza fl-isforzi ta' validazzjoni bejn is-setturi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, is-suq tax-xogħol u s-settur terzjarju (il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Iżvezja). Ir-rabtiet bejn l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki (QNK) u l-validazzjoni qegħdin jintensifikaw fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Il-validazzjoni tista' twassal biex kwalunkwe kwalifika tiġi inkluża fil-qafas fi 11-il pajjiż (il-Belġju, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Renju Unit) u biex jingħata kreditu fil-konfront ta' kwalifika f'erba' pajjiżi oħra (id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, is-Slovenja).

**L-Istati Membri qegħdin jersqu lejn approċċ strateġiku komprensiv għall-governanza tal-ħiliet.** Fl-2016, bħala parti mill-pakkett tal-Aġenda għall-Ħiliet, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet li għandha l-għan li tgħin biex tingħata tweġiba għad-disparitajiet fil-ħiliet, għall-inugwaljanza u għall-ħtiġijiet emerġenti tas-suq tax-xogħol li jirrikjedi livelli dejjem ogħla ta' ħiliet. Permezz tal-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, il-fassala tal-politiki jfasslu u jimplimentaw politiki mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-adulti b'livell baxx ta' ħiliet. Diversi Stati Membri ilhom jaħdmu favur strateġiji nazzjonali tal-ħiliet, appoġġati mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-OECD (Spanja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovenja u iktar reċentement il-Belġju/il-Fjandri). Wara li lestew il-fażi dijanjostika u identifikaw l-isfidi prinċipali tal-ħiliet, l-Italja u s-Slovenja qegħdin iwettqu l-fażi tal-azzjoni tal-proċess. Il-Portugall lesta kemm il-fażi dijanjostika u kemm il-fażi tal-azzjoni u vara l-pjan ta' azzjoni tiegħu f'Mejju ta' din is-sena. Il-Latvja u l-Polonja se jibdew jaħdmu fuq il-proġetti tagħhom tal-Istrateġija tal-Ħiliet iktar tard fl-2018.

**Qegħdin jittieħdu passi ulterjuri biex jiġu promossi u ffaċilitati l-aċċess u l-parteċipazzjoni fl-ETV.** Il-Lussemburgu mmodifika l-leġiżlazzjoni tiegħu fir-rigward tas-sostenn u l-iżvilupp tal-apprendiment tul il-ħajja bl-għan li tittejjeb l-effettività tal-infiq permezz tal-kofinanzjament tal-apprendiment vokazzjonali tul il-ħajja. Franza ħadet l-impenn li twassal fondi addizzjonali għat-taħriġ vokazzjonali u għall-apprendistati permezz tal-hekk imsejjaħ Plan d'Investissement Competence (PIC), fejn qiegħda timplika żieda annwali medja ta' kważi 10 % fl-infiq pubbliku fuq it-taħriġ vokazzjonali u l-apprendistati. L-iskema ta' Malta "Get Qualified" għandha l-għan li ttejjeb is-sostenn finanzjarju għall-istudenti li jixtiequ jieħdu sehem f'taħriġ vokazzjonali.

**L-Istati Membri qegħdin jadattaw is-sistemi tagħhom tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, bl-għan li jtejbu r-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol.** Is-Slovenja introduċiet anness għal ċertifikat, li jipprovdi informazzjoni dettaljata, uniformi u komparabbli internazzjonalment dwar il-kwalifiki vokazzjonali għal min iħaddem. Fil-qafas tar-Riforma tal-Edukazzjoni Teknika, ir-Renju Unit ħabbar l-introduzzjoni ta' livelli tekniċi (T-levels) – kwalifiki tekniċi li l-persuni tal-età ta' 16-19-il sena se jkunu jistgħu jieħdu bħala alternattiva għal-livelli avvanzati (A-levels), li huma l-kwalifika prinċipali tat-tluq mill-iskola. Il-Greċja espandiet is-sostenn tagħha għall-apprendistati għall-gradwati tal-iskejjel vokazzjonali sekondarji għoljin li jagħti aċċess għall-kwalifiki tal-QEK tal-livell 5 u li għandu l-għan li jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol. Il-Kroazja emendat l-Att dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali li jipprevedi l-iżvilupp u t-tfassil ta' kurrikuli vokazzjonali ġodda biex jinkisbu l-kwalifiki vokazzjonali meħtieġa mis-suq tax-xogħol; dan jistabbilixxi wkoll sistema aħjar ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ċentri ta' kompetenza reġjonali. F'Ċipru, il-gvern introduċa miżuri bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni vokazzjonali u l-ksib tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa mis-suq tax-xogħol permezz, b'mod partikolari, tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-ETV u l-industrija fir-rigward ta' taħriġ prattiku (permezz ta' kollokament industrijali). Fil-Finlandja, il-miżuri tar-riforma tal-ETV għandhom l-għan li jkomplu jiżviluppaw it-taħriġ għall-apprendistati u li jiffaċilitaw perkorsi flessibbli ta' apprendiment kif ukoll approċċ prattiku biex tinkiseb kwalifika.

**Diversi Stati Membri adottaw miżuri differenti li jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali.** Fil-Bulgarija qiegħed jiġi varat il-proġett "Edukazzjoni għal Għada" iffinanzjat mill-UE biex jgħin lill-edukazzjoni tinfetaħ għat-teknoloġiji diġitali u biex jintroduċi metodi innovattivi ta' tagħlim kif ukoll biex tiżdied il-motivazzjoni għall-apprendiment u jingħelbu d-diffikultajiet fil-kontenut tal-apprendiment. Ir-Renju Unit qiegħed jintroduċi l-Iskema Nazzjonali tat-Taħriġ mill-Ġdid fejn se tuża GBP 30 miljun addizzjonali (EUR 34 miljun) għal ħtiġijiet partikolari tal-ħiliet diġitali. Spanja adottat programm ta' taħriġ tal-ħiliet diġitali għall-Professjonisti Żgħażagħ li joffri taħriġ liż-żgħażagħ qiegħda mis-Sistema Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ li jkun orjentat lejn l-industrija diġitali u l-mudelli kummerċjali ġodda. Malta stabbiliet sottokumitat fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet tagħha biex iwettaq riċerka u jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati l-ispariġġi fil-ħiliet diġitali.

**Iktar titjib fl-impjieg taż-żgħażagħ u fis-sostenn għat-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol tibqa' prijorità importanti**. Fl-2017, iktar minn ħames miljun żagħżugħ u żagħżugħa rreġistrati fil-Garanzija għaż-Żgħażagħ u 3,5 miljun aċċettaw

offerta ta' impjieg, ta' tkomplija tal-edukazzjoni, ta' traineeship jew ta' apprendistat u qrib nofs iż-żgħażagħ kienu għadhom f'impjieg, fl-edukazzjoni jew f'taħriġ sitt xhur wara li telqu mir-reġistru tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Madankollu, f'ħafna Stati Membri, il-proporzjon stmat ta' NEETs irreġistrati fl-iskema matul is-sena għadu ta' inqas minn 50 %. F'kuntest fejn il-prestazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tjiebet b'mod sinifikanti, il-miżuri ta' politika li jirfdu t-twettiq tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ qegħdin isiru iktar immirati.

**L-Istati Membri qegħdin iżidu l-isforzi ta' komunikazzjoni tagħhom, qegħdin jagħmlu s-servizzi iktar aċċessibbli għaż-żgħażagħ u qegħdin jiżguraw identifikazzjoni aħjar ta' dawk lu huma fil-bżonn.** Fil-Finlandja, iċ-ċentri uniċi ta' gwida għaż-żgħażagħ (Ohjaamo, li inizjalment kienu joperaw fil-qafas tal-finanzjament mill-FSE) saru permanenti u se jirċievu sostenn finanzjarju estensiv, bl-għan li jilħqu total ta' 10 000 żagħżugħ u żagħżugħa. Fil-Ġermanja kollha qegħdin jiġu stabbiliti Aġenziji tal-Impjieg taż-Żgħażagħ. Ċipru vara proġett ta' komunikazzjoni bis-sostenn tal-Ministeru tal-Edukazzjoni f'kooperazzjoni mal-Ministeru tax-Xogħol u l-Bord taż-Żgħażagħ ta' Ċipru, bl-għan li jilħaq 4 000 NEETs inattivi u jagħtihom sostenn ta' attivazzjoni permezz ta' konsulenza u ta' taħriġ imfassal apposta. Fil-Kroazja, minn Novembru 2017 'il hawn, hemm sistema ta' mmappjar tan-NEETs fis-seħħ li għandha l-għan li tidentifika n-NEETs mhux irreġistrati u l-karatteristiki tagħhom biex il-miżuri jkunu mmirati aħjar lejn dan il-grupp.

**Ġew introdotti wkoll miżuri ġodda biex iż-żgħażagħ li jiffaċċjaw diversi żvantaġġi jkollhom sostenn aħjar, inkluż permezz ta' kooperazzjoni aħjar bejn is-servizzi soċjali, tal-impjieg u tal-edukazzjoni.** Fl-Awstrija, l-ikkowċjar taż-żgħażagħ jgħin liż-żgħażagħ jibqgħu fis-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ kemm jista' jkun fit-tul, jew inkella jgħinhom jintegraw mill-ġdid fis-sistema. Fl-Irlanda, l-Iskema ta' Sostenn għall-Impjieg taż-Żgħażagħ ġiet imħabbra fl-2018. Din toffri kollokamenti fil-post tax-xogħol liż-żgħażagħ li jkunu qegħdin ifittxu impjieg u li jkunu qiegħda fit-tul jew li jkunu qegħdin jiffaċċjaw ostakli sinifikanti biex isibu impjieg. Il-parteċipanti jitgħallmu ħiliet bażiċi soċjali u tax-xogħol f'ambjent ta' sostenn filwaqt li jirċievu pagament fil-ġimgħa ekwivalenti għall-paga minima netta.

**L-Istati Membri qegħdin ikomplu jagħtu sostenn lid-domanda tas-suq tax-xogħol permezz ta' inċentivi għall-impjieg u għall-imprenditorija, b'mod prinċipali fil-forma ta' sussidji mmirati tal-pagi u tar-reklutaġġ**. F'Marzu 2018, il-Belġju adotta liġi ġdida li tagħti sostenn lil "Impjiegi ġodda għal persuni li għadhom jibdew fid-dinja tax-xogħol", li

għadha ma daħlitx fis-seħħ, biex b'hekk l-impjieg taż-żgħażagħ mingħajr esperjenza tal-età ta' 18-21 sena jiswa inqas mingħajr ma jkun hemm tnaqqis fil-pagi netti tagħhom. Spanja varat programm ġdid ta' sussidji tal-pagi għal 10 000 persuna qiegħda tal-età ta' 18-29 sena, b'enfasi fuq il-gradwati tal-edukazzjoni għolja (6 000 post). Perjodu itwal ta' sussidju jingħata għar-reklutaġġ ta' persuni qiegħda fit-tul u ta' benefiċjarji tal-introjtu minimu. Spanja adottat ukoll tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali matul tliet snin għall-azjendi li jittrasformaw il-kuntratti tat-taħriġ f'sussidji tal-pagi indefiniti u ġodda għar-reklutaġġ ta' persuni għall-ewwel darba minn imprendituri żgħażagħ (sa 35 sena). Perjodu itwal ta' sussidju huwa previst għaż-żgħażagħ qiegħda (sa 29 sena). L-Italja toffri firxa ta' inċentivi marbuta mal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, bħal pereżempju kontribuzzjoni mnaqqsa għal tliet snin għall-kumpaniji privati li jirreklutaw żgħażagħ b'kuntratt indefinit jew eżonerazzjoni totali għal tliet snin għal min iħaddem liż-żgħażagħ b'kuntratti indefiniti wara traineeship jew programm doppju tal-ETV doppji u għal min iħaddem żgħażagħ irreġistrati fil-programm tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Ir-Rumanija qiegħda tippjana li żżid is-sussidju tal-impjieg għar-reklutaġġ ta' NEETs żgħażagħ u ta' gradwati żgħażagħ minn 1 125 lei/fix-xahar (madwar EUR 245) għal 2 250 lei/fix-xahar (madwar EUR 490).

**F'diversi Stati Membri hemm enfasi importanti fuq it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid taż-żgħażagħ permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol.** Fil-Kroazja, il-Ministeru tax-Xogħol u tas-Sistema tal-Pensjonijiet u l-Bord Maniġerjali tas-Servizz Kroat għall-Impjiegi adottaw pakkett ġdid ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol b'enfasi addizzjonali fuq it-taħriġ u fuq it-taħriġ fil-post tax-xogħol, inkluż għaż-żgħażagħ. Mill-2017 'il hawn, Spanja implimentat programm ta' taħriġ tal-Ħiliet Diġitali għall-Professjonisti Żgħażagħ li joffri taħriġ liż-żgħażagħ qiegħda mis-Sistema Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ li jkun orjentat lejn l-industrija diġitali u l-mudelli kummerċjali ġodda.

**L-Istati Membri komplew ukoll jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom fir-rigward tat-traineeships għall-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships[64] u komplew jiżviluppaw inċentivi finanzjarji għat-traineeships.** Fil-Litwanja, Liġi ġdida dwar l-Impjieg, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2017, tagħmel distinzjoni bejn żewġ tipi ta' traineeships, jiġifieri l-"prattika volontarja" (l-Artikolu 10) u t-"Taħriġ Avvanzat" (l-Artikolu 39), u tistabbilixxi qafas iktar ċar għat-traineeships imħallsa u għal dawk mhux imħallsa. Fi Spanja, il-liġi dwar il-baġit tal-2018 tinkludi allokazzjoni finanzjarja biex jiġi varat bonus għat-taħriġ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ (*bono de formacion garantia juvenil*), li huwa sostenn finanzjarju

64 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar il-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships, 2014/C 88/01.

ta' EUR 430 għal massimu ta' 18-il xahar għaż-żgħażagħ irreklutati b'kuntratti ta' taħriġ u ta' apprendistat. F'Lulju 2018, ir-Rumanija adottat liġi dwar it-traineeships li tagħti sostenn lill-persuni li jkollhom iktar minn 16-il sena. Il-liġi tobbliga lil min iħaddem joffri pagament fix-xahar ta' minimu ta' 50 % tal-paga minima grossa, għal massimu ta' 720 siegħa (fi żmien sitt xhur). Bonus jiġi offrut għar-reklutaġġ ta' trainees fi tmiem it-taħriġ tagħhom.

***Kaxxa 2. Użu sħiħ mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE)***

B'baġit ta' EUR 86,4 biljun għall-2014-2020, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) huwa wieħed mill-istrumenti ewlenin tal-UE li jagħtu sostenn biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs). Il-programmi operazzjonali jikkontribwixxu direttament għall-promozzjoni ta' impjieg sostenibbli u ta' kwalità, għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, għall-investiment fl-edukazzjoni u fit-taħriġ u għat-titjib tal-bini tal-kapaċità istituzzjonali.

Waħda mill-prijoritajiet ewlenin ta' politika hija l-impjieg taż-żgħażagħ, indirizzat kemm permezz tar-riżorsi proprji tal-FSE u kemm permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI). Il-baġit tal-YEI żdied fl-2017 għal EUR 8,9 biljun, u jkopri l-perjodu ta' programmazzjoni kollu 2014-2020. Il-YEI hija mmirata b'mod speċifiku lejn iż-żgħażagħ li huma barra mill-edukazzjoni, minn impjieg jew minn taħriġ (NEETs) huwa kkonċentrat fuq ir-reġjuni tal-UE bl-ogħla rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-2012.

Iktar minn 15-il miljun parteċipant ibbenefikaw mis-sostenn tal-FSE u tal-YEI bejn l-2014 u l-2017, inkluż kważi tliet miljun persuna qiegħda fit-tul (17 %). Iż-żgħażagħ taħt l-età ta' 25 sena (42 % tal-parteċipanti totali) u l-persuni b'livell baxx ta' ħiliet b'edukazzjoni primarja jew sekondarja bażika (44 % tal-parteċipanti totali) huma gruppi fil-mira ewlenin ta' dawn l-interventi. L-implimentazzjoni, li kellha aċċellerazzjoni qawwija fl-2017, għandha tissokta b'mod kostanti fis-snin li ġejjin.

Iktar minn 2,4 miljun NEETs żgħażagħ ingħataw sostenn permezz tal-YEI bejn l-2014 u l-2017, li minnhom:

- 1,5 miljun żagħżugħ u żagħżugħa kkompletaw l-intervent li ngħata sostenn permezz tal-YEI;
- 780 000 żagħżugħ u żagħżugħa kienu rreġistrati fl-edukazzjoni/fit-taħriġ, u kienu qegħdin jiksbu kwalifika, jew kellhom impjieg, inkluż xogħol għal rashom, malli kkompletaw l-intervent;
- 550 000 żagħżugħ u żagħżugħa rċevew offerta ta' impjieg, ta' tkomplija tal-edukazzjoni, ta' apprendistat jew ta' traineeship malli kkompletaw l-intervent.

Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għall-Fond Soċjali Ewropew Plus 2021-2027 (FSE+). Fil-qafas usa' tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, l-FSE+ se jippermetti li s-sostenn jiġi ffukat iktar fuq l-isfidi identifikati fis-Semestru Ewropew. F'dan il-kuntest, l-FSE+ se jgħaqqad:

- il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI),
- il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Iktar fil-Bżonn (FGħEB),
- il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-UE, u
- il-Programm tas-Saħħa tal-UE.

Ir-Regolament dwar il-FSE+ se jkollu l-għan li jiżgura li r-riżorsi fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża jiffokaw fuq l-isfidi ewlenin identifikati, b'mod partikolari:

- Se jappoġġa l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet fil-qafas tas-Semestru Ewropew;
- Se jkompli jappoġġa liż-żgħażagħ b'allokazzjoni minima għall-Istati Membri b'rati għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ;
- Se jrawwem l-inklużjoni soċjali b'ammont minimu ta' 25 %;
- Se jappoġġa l-azzjonijiet tal-Unjoni għall-innovazzjoni soċjali, għall-mobbiltà u għas-saħħa;
- Se jappoġġa l-integrazzjoni fit-tul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'kumplementarjetà mal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (AMF);
- Se jagħmilha iktar faċli li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet nazzjonali jew fuq l-organizzazzjonijiet li jibbenefikaw minn miżuri tal-FSE+.

**Diversi Stati Membri komplew l-isforzi tagħhom biex jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien fis-suq tax-xogħol**. Fid-Danimarka, il-ftehim dwar il-pensjoni jsaħħaħ l-inċentivi għall-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien biex idumu iktar fis-suq tax-xogħol. Sensiela ta' inizjattivi iżidu l-livell ta' flessibbiltà fis-sistema tal-pensjonijiet, inkluż inċentivi finanzjarji ogħla biex l-irtirar jiġi pospost u biex jiġu stabbiliti skemi ta' pensjonijiet privati. Il-Greċja adottat programm ta' sussidji għall-impriżi, għall-entitajiet u għall-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku u lokali biex jimpjegaw 10 000 persuna qiegħda fit-tul tal-età ta' 55-67 sena. F'Malta, il-pensjonanti rtirati, li jkollhom inqas minn 65 sena u li jaħdmu għal rashom jew li jaħdmu part-time, se jkunu jistgħu jħallsu l-kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni nazzjonali fuq bażi *pro rata* b'rata ta' 15 fil-mija minflok ir-rata sħiħa. Is-Slovenja introduċiet sussidju mmirat lejn l-impjieg permanenti ta' persuni li jkollhom iktar minn 58 sena, bi prijorità għall-benefiċjarji tal-benefiċċji tal-qgħad u tal-assistenza soċjali fi flus kontanti. Is-sussidju jammonta għal EUR 11 000 u jitħallas lil min iħaddem f'żewġ partijiet (nofsu mar-reklutaġġ u nofsu wara t-18-il salarju fix-xahar). Barra minn hekk, inbeda proġett biex jagħti sostenn komprensiv lill-kumpaniji għal tixjiħ attiv tal-forza tax-xogħol. Iż-żewġ miżuri huma kofinanzjati mill-FSE. Fl-aħħar nett, b'konformità mal-Istrateġija tat-Tixjiħ Attiv, f'Marzu 2018 ġie stabbilit il-kunsill governattiv għat-tixjiħ attiv u l-kooperazzjoni interġenerazzjonali, li jikkonsisti minn ministri u minn rappreżentanti tal-istituzzjonijiet professjonali, tal-NGOs u tal-ekonomija.

**Ħafna Stati Membri qegħdin ikomplu jagħmlu sforzi fil-qasam tas-servizzi ta' indukrar tat-tfal u ta' indukrar fit-tul biex jitneħħew l-ostakli għall-impjieg tan-nisa.** F'Ġunju 2018, il-Ġermanja adottat programm ta' "Finanzjament tal-Indukrar tat-Tfal" li jappoġġa l-espansjoni ta' postijiet għall-indukrar tat-tfal għal tfal żgħar ħafna sabiex jiżdied l-għadd ta' nisa li jaħdmu full-time. Il-programm, b'baġit ta' EUR 3,28 biljun, għandu l-għan li jipprovdi 100 000 post addizzjonali għall-indukrar tat-tfal. L-Irlanda ressqet l-iskema tal-edukazzjoni fit-tfulija bikrija għat-tfal tal-età preskolastika. Minn Settembru 2018, it-tfal jistgħu jibdew jattendu s-sistema ta' indukrar tat-tfal tal-età ta' sentejn u tmien xhur u jistgħu jkomplu sakemm jilħqu l-età tal-attendenza skolastika obbligatorja. Il-Greċja wkoll estendiet l-edukazzjoni preskolastika obbligatorja minn sena għal sentejn u pprovdiet EUR 15-il miljun għal 10 000 post addizzjonali għall-indukrar tat-tfal. Xi Stati Membri ħadu passi biex l-indukrar tat-tfal ikun iktar tajjeb għall-but ta' kulħadd. Fi Spanja, il-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Personali ġiet immodifikata sabiex tippermetti tnaqqis tal-ispejjeż tal-indukrar tat-tfal għat-tfal sal-età ta' tliet snin. Il-Finlandja naqqset il-miżati għall-edukazzjoni fit-tfulija bikrija għall-familji b'introjtu baxx u medju. Skont l-istimi, b'hekk madwar 6 700 familja se jkunu eliġibbli għal edukazzjoni u għal indukrar mingħajr ħlas fit-tfulija bikrija. L-Irlanda ħabbret skema unika u tajba għall-but ta' kulħadd għall-indukrar tat-tfal li tipprovdi sostenn finanzjarju għall-indukrar skolastiku u preskolastiku tat-tfal. Il-Bulgarija adottat miżuri bl-għan li tipprovdi iktar faċilitajiet ta' indukrar fit-tul għall-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien u għall-persuni b'diżabbiltà. Xi Stati Membri ħadu wkoll miżuri favur l-indukrar informali mħallas. Ir-Repubblika Ċeka adottat liġi dwar il-liv speċjali għall-persuni li jipprovdu l-indukrar (liv imħallas sa tliet xhur għall-persuni li jipprovdu l-indukrar informali għal persuni dipendenti tal-familja). L-Irlanda qiegħda tippjana li testendi l-intitolament għal-liv tal-ġenituri għal 26 ġimgħa (sitt xhur) għal kull wild. Jekk tgħaddi, it-tmien ġimgħat addizzjonali previsti skont il-leġiżlazzjoni jkunu disponibbli għal dawk il-ġenituri li jkunu diġà gawdew mill-intitolament eżistenti ta' 18-il ġimgħa. Fl-aħħar nett, l-Estonja introduċiet ħamest ijiem liv addizzjonali għall-persuni li jipprovdu l-indukrar (b'remunerazzjoni skont il-paga minima).

**Distribuzzjoni bbilanċjata tal-liv imħallas bejn in-nisa u l-irġiel tista' tkun ta' benefiċċju b'mod partikolari biex tagħti spinta lill-impjieg tan-nisa wara li jkollhom it-tfal.** Għal dan l-għan, Spanja adottat liġi ġdida li testendi d-dritt tal-missirijiet li jieħdu liv tal-paternità mħallas minn erba' għal ħames ġimgħat. Ir-Repubblika Ċeka introduċiet ġimgħa liv tal-paternità imħallas. Is-Slovenja naqqset it-tul tal-liv tal-paternità minn 90 jum għal 30 jum iżda

żiedet b'mod sinifikanti l-ammont tal-allokazzjoni tal-paternità għal 100 % tal-pagi. Fin-Netherlands, l-abbozz ta' liġi li testendi t-tul tal-liv tal-paternità minn jumejn għal ħamest ijiem u li tagħti ħames ġimgħat addizzjonali ta' liv għall-ġenituri ntbagħat lill-Parlament. L-Estonja qiegħda tippjana li l-iskema tal-liv parentali tagħmilha iktar flessibbli biex b'hekk iż-żewġ ġenituri jkunu jistgħu jieħdu l-liv f'daqqa.

**Xi Stati Membri qegħdin jadattaw is-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji tagħhom biex ineħħu d-diżinċentivi għax-xogħol lil dawk tat-tieni sors ta' introjtu.** Id-Danimarka adottat il-ftehim dwar it-taxxa tal-2018 li jsaħħaħ l-inċentivi biex wieħed jaħdem full-time, b'mod partikolari għall-persuni qiegħda u għall-ħaddiema part-time. Spanja mmodifikat il-liġi dwar il-baġit tal-2018 biex tintroduċi tnaqqis tat-Taxxa fuq l-Introjtu Personali għal sieħeb dipendenti b'introjtu baxx. Il-Latvja estendiet il-kopertura fuq l-introjtu mhux taxxabbli għall-konjuġi li ma jaħdmux u li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb wild li jkollu sa tliet snin jew minn tal-inqas tlett itfal sa 18-il sena.

**Għadd limitat ta' Stati Membri biss ħadu passi biex jindirizzaw id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi.** L-Iżvezja stabbiliet aġenzija ġdida għall-ambjent tax-xogħol li se tiġbor u xxerred l-informazzjoni dwar il-politiki tal-ambjent tax-xogħol, inkluż dwar is-segregazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel fl-okkupazzjonijiet. L-Estonja qiegħda tippjana li żżid it-trasparenza fil-pagi fis-settur pubbliku u se tiżviluppa għodda tal-IT biex tanalizza d-differenzi fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. Franza ħabbret sett ta' 10 miżuri biex trawwem it-tneħħija tad-disparità bejn in-nisa u l-irġiel fil-pagi. F'Awwissu 2018, il-Portugall introduċa miżuri biex jippromwovi remunerazzjoni ugwali fost in-nisa u l-irġiel li jwettqu xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali. Dawn jinvolvu rapport annwali dwar l-informazzjoni ġenerali u settorjali dwar id-differenzi fir-remunerazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel, u valutazzjoni għal kull kumpanija, professjoni u livell ta' kwalifiki. Huma previsti azzjonijiet speċifiċi mill-ispettorat tax-xogħol u sanzjonijiet kontra min iħaddem abbażi ta' raġunijiet ta' trattament diskriminatorju.

**Ħafna Stati Membri qegħdin jieħdu azzjoni biex jippromwovu l-integrazzjoni ta' persuni li ġejjin minn familji migranti permezz ta' pjanijiet, finanzjament, leġiżlazzjoni u miżuri innovattivi strateġiċi**. Fil-Finlandja, ġew introdotti mudelli ġodda għall-finanzjament tal-integrazzjoni, sabiex jitħaffef il-proċess ta' integrazzjoni, u l-migranti jkunu jistgħu jikkombinaw l-edukazzjoni u x-xogħol b'mod flessibbli. F'Malta, f'Diċembru 2017 ġiet varata l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Integrazzjoni tal-Migranti (Vision 2020) bħala qafas biex wieħed jifhem l-integrazzjoni ta' suċċess. Fil-Belġju, il-programm ta' integrazzjoni

tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż saret obbligatorja għaċ-ċittadini barranin li jkollhom iktar minn 18-il sena, li jkunu rreġistrati f'muniċipalità minn Jannar 2018 u li jkollhom permess ta' residenza validu għal minn tal-inqas tliet xhur. Fl-Awstrija, fis-sajf tal-2017 daħlu fis-seħħ żewġ liġijiet ġodda dwar l-integrazzjoni bħala parti minn sforz ikbar ta' promozzjoni tal-integrazzjoni. L-Att dwar l-Integrazzjoni jeħtieġ li r-refuġjati u l-persuni bi status ta' protezzjoni sussidjarja jiffirmaw "dikjarazzjoni ta' integrazzjoni" u jipparteċipaw f'korsijiet ta' integrazzjoni. B'effett mill-1 ta' Jannar 2018, il-Liġi Federali dwar l-Ażil ġiet adattata, u l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja u l-persuni li jfittxu l-ażil ġew intitolati għal sostenn għall-integrazzjoni, diment li l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali jkun probabbli ħafna.

**Il-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol hija prijorità f'ħafna Stati Membri.** Fil-Belġju, is-Servizz Pubbliku Fjamming tal-Impjiegi (VDAB) implimenta l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu għall-2017 imsejjaħ "Integrazzjoni permezz tax-xogħol". L-Iżvezja adottat miżuri ġodda biex tiffaċilita l-integrazzjoni ta' migranti li jkunu għadhom kif waslu, b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol, fost l-oħrajn permezz tal-provvista ta' edukazzjoni u ta' taħriġ immirati. L-Aġenzija Żvediża għat-Tkabbir Ekonomiku u Reġjonali tiffaċilita l-kuntatti u n-netwerking bejn in-nisa li ma twildux fil-pajjiż, b'mod partikolari n-nisa li jkunu għadhom kif waslu, u min iħaddem. Fl-Estonja, ġiet varata kampanja ta' informazzjoni biex tħeġġeġ lill-persuni tat-tieni u tat-tielet ġenerazzjoni jaċċessaw l-impjieg fis-settur pubbliku. Ġie varat ukoll programm pilota ta' mentoraġġ biex jiffaċilita l-aċċess taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għas-suq tax-xogħol.

**Il-promozzjoni tal-aċċess għall-edukazzjoni u għat-taħriġ tista' tkun xprun ewlieni għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà inġenerali**. Fl-Iżvezja, skont l-obbligu tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, l-immigranti kollha li jkunu għadhom kif waslu minn pajjiżi terzi li jibbenefikaw mill-Programm ta' Introduzzjoni tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi u li jitqiesu li jeħtieġu edukazzjoni jew taħriġ biex ikollhom impjieg jistgħu japplikaw għal perkorsi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Fl-Estonja, pjattaforma onlajn għall-immigranti biex jitgħallmu l-Estonjan kompliet tiġi żviluppata iktar fl-2017. Fil-Finlandja, saru riformi fl-edukazzjoni vokazzjonali u bażika mmirati lejn it-titjib fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet lingwistiċi tal-migranti. Barra minn hekk, ġiet adottata emenda leġiżlattiva biex ikun previst il-litteriżmu għall-migranti fil-provvista tal-edukazzjoni għall-adulti. Il-Kroazja tejbet is-sistema tagħha ta' rikonoxximent tal-kwalifiki għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u ppermettietilhom li jtemmu l-edukazzjoni li bdew fil-pajjiż ta' oriġini, mingħajr ħlas. Fil-Ġermanja, ġew implimentati miżuri biex jgħinu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jintegraw fis-suq

tax-xogħol permezz tar-rikonoxximent tal-kwalifiki okkupazzjonali u edukattivi tagħhom, kif ukoll tal-ħiliet mhux formali tagħhom.

**L-Istati Membri qegħdin jieħdu wkoll miżuri speċifiċi għar-refuġjati u għall-persuni li jfittxu l-ażil.** Fil-Belġju, ġiet miftiehma kooperazzjoni strutturali bejn l-Aġenzija Federali għall-akkoljenza tal-persuni li jfittxu l-ażil (Fedasil) u l-Aġenzija tal-Impjieg Pubbliku tal-Wallonja (Forem), b'mod prinċipali sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-impjieg għall-persuni li jfittxu l-ażil. Fl-Estonja, l-Aġenzija tal-Assigurazzjoni Kontra l-Qgħad estendiet proġett "L-Ewwel Impjieg Tiegħi fl-Estonja" fil-qafas tal-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Fil-Lussemburgu, l-Aġenzija tal-Impjiegi stabbiliet servizz għall-integrazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-suq tax-xogħol. Fin-Netherlands, ġie varat programm għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u għall-persuni li twieldu fil-pajjiż u li ġejjin minn familji migranti sabiex itejjeb l-aċċess għall-impjieg. Franza varat l-inizjattiva "perkors għal 1 000 refuġjat", li toffri perkors ta' integrazzjoni ta' tmien xhur lil 1 000 benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, inkluż l-akkomodazzjoni, l-apprendiment tal-lingwi u t-taħriġ vokazzjonali ċċertifikat.

**Diversi Stati Membri qegħdin jippromwovu l-impjieg tal-persuni b'diżabbiltà.** Minn Settembru 2017 'il hawn, il-gvern Grieg ilu jissussidja l-impjieg tal-persuni b'diżabbiltà u l-adattament tal-postijiet tax-xogħol fil-gvern lokali u fil-kumpaniji privati. B'mod simili, l-Iżvezja żiedet il-limitu massimu għall-issussidjar tal-impjieg tal-persuni b'diżabbiltà. Il-Polonja qiegħda timplimenta proġett iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew biex jitnaqqsu l-ostakli għall-impjieg tal-persuni b'diżabbiltà. Il-Bulgarija qiegħda tinvesti fit-taħriġ biex iżżid l-impjegabbiltà tal-persuni b'diżabbiltà ("it-taħriġ u l-impjieg"), u qiegħda tagħti prijorità lil dawk b'diżabbiltajiet iktar gravi. Franza adottat il-liġi *Liberté de Choisir son Avenir Professionnel* ("il-libertà li wieħed jagħżel il-ġejjieni professjonali tiegħu"), bl-għan li tippromwovi l-impjieg tal-persuni b'diżabbiltà. Din il-liġi tinkludi l-iskalar ta' approċċi soċjomediċi ta' għajnuna għat-tfittxija tal-impjiegi, iċ-ċaqliq tar-rekwiżit ta' reklutaġġ ta' 6 % minn persuni b'diżabbiltà mill-unità tax-xogħol għal-livell tal-kumpaniji u l-introduzzjoni ta' dikjarazzjoni obbligatorja tal-kumpaniji (minn Jannar 2020) dwar miżuri meħuda biex jiġu integrati l-ħaddiema b'diżabbiltà. Fil-Portugall, benefiċċju soċjali ġdid mogħti lill-persuni b'iktar minn 60 % diżabbiltà għandu l-għan li jħeġġiġhom ikomplu jaħdmu jew ifittxu għal impjieg (attwalment, il-persuni b'diżabbiltà mhumiex intitolati jirċievu benefiċċji tad-diżabbiltà jekk jirċievu xi forma ta' remunerazzjoni). Malta qiegħda tintroduċi miżura

baġitarja ġdida li se tippermetti lill-persuni b'diżabbiltà jżommu l-pensjoni kollha tad-diżabbiltà tagħhom meta jaħdmu/meta jsibu impjieg.

## 3.3. Il-Linja Gwida nru 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Din it-taqsima tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 7 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jtejbu l-funzjonament tas-suq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali. Dan jinkludi li jinstab bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol, il-prevenzjoni tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u t-trawwim ta' tranżizzjonijiet lejn forom indefiniti ta' impjieg, l-iżgurar ta' politiki attivi effettivi dwar is-suq tax-xogħol u servizzi pubbliċi effettivi tal-impjiegi, l-għoti ta' benefiċċji tal-qgħad adegwati li ma jkunux ta' diżinċentiv għar-ritorn fil-pront lejn l-impjieg, u l-promozzjoni tal-mobbiltà tal-ħaddiema u ta' dawk li jkunu qegħdin jattendu għal xi kors ta' apprendiment. Barra minn hekk, il-linja gwida tirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw l-involviment f'waqtu u siewi tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki, inkluż permezz ta' sostenn għal żieda fil-kapaċità tas-sħab soċjali. Dan il-kapitolu jibda billi jintroduċi fil-qosor l-indikaturi ewlenin u jindika liema huma l-isfidi f'dan il-qasam, b'mod partikolari rigward is-segmentazzjoni bejn impjiegi permanenti u temporanji (u kwistjonijiet marbuta mal-kwalità tal-impjiegi), il-parteċipazzjoni fil-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol u fis-servizz pubbliku tal-impjiegi, il-funzjonament tal-benefiċċji tal-qgħad (permezz ta' aġġornament tal-eżerċizzju tal-parametraġġ referenzjarju ppreżentat fl-2018) u l-estensjoni tal-mobbiltà tal-ħaddiema u ta' dawk li jkunu qegħdin jattendu xi kors ta' apprendiment. Fl-aħħar nett, it-Taqsima 3.3.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma.

### *3.3.1 L-indikaturi ewlenin*

**Għalkemm hija pjuttost stabbli fil-livell tal-UE, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tirrappreżenta għadma iebsa għal għadd ta' Stati Membri.** Is-segmentazzjoni hija s-sitwazzjoni fejn (minn tal-inqas) żewġ "segmenti" ta' ħaddiema bi drittijiet, b'intitolamenti u/jew b'kundizzjonijiet tax-xogħol differenti jeżistu flimkien fis-suq tax-xogħol. Speċjalment jekk tiġi assoċjata ma' possibbiltajiet limitati biex wieħed jiċċaqlaq minn impjiegi atipiċi għal impjiegi permanenti, din tista' xxekkel il-funzjonament u l-ġustizzja tas-swieq tax-xogħol. Ammont kbir ta' ħaddiema temporanji jista' jkun indikatur approssimattiv tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol fi Stat Membru. Fil-livell tal-UE (l-Illustrazzjoni 39), il-proporzjon ta' kuntratti temporanji meta mqabbel mat-total tal-impjegati ma nbidilx b'mod sinifikanti matul

dawn l-aħħar snin, u bħala medja kien ta' madwar 14 % matul l-aħħar għaxar snin. Madankollu, xi Stati Membri jesperjenzaw livelli ferm ogħla: dan huwa l-każ b'mod partikolari ta' Spanja, tal-Polonja, tal-Portugall, tan-Netherlands u tal-Kroazja, li kollha rreġistraw rati ogħla minn 20 % fl-2017; segwiti minn sitt Stati Membri oħra (is-Slovenja, Franza, l-Iżvezja, il-Finlandja, l-Italja u Ċipru) b'rati li varjaw bejn 15 % u 20 %. Uħud minn dawn il-pajjiżi esperjenzaw żidiet sinifikanti bejn l-2008 u l-2017, b'mod partikolari l-Kroazja (bi 8 pps), is-Slovakkja (b'5 pps), in-Netherlands (b'madwar 4 pps) u l-Italja (b'2 pps). Żieda sinifikanti ġiet irreġistrata wkoll fid-Danimarka (minn 8,5 % fl-2008 għal 12,9 % fl-2017). Spanja hija każ stramb, fejn l-ammont ta' kuntratti temporanji naqsu b'mod sinifikanti matul il-kriżi (minn 29,2 % fl-2008 għal 23,2 % fl-2013) u reġa' żdied malli kien hemm l-irkupru (sa 26,8 % fl-2017).

**Illustrazzjoni 39: L-ammont ta' ħaddiema temporanji meta mqabbel mat-total tal-impjegati (15-64 sena).**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

**Il-kuntratti temporanji jistgħu jservu ta' tranżizzjoni lejn impjiegi permanenti, iżda spiss jirrappreżentaw "sqaqien".** L-Illustrazzjoni 40 turi r-rati ta' tranżizzjoni minn kuntratti temporanji għal kuntratti permanenti (fuq medja ta' tliet snin sabiex jitnaqqas l-impatt tal-fluttwazzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien) tiġi pplottjata mal-ammont ta' kuntratti temporanji mqabbel mat-total tal-impjegati. Bħala medja, 24 % tal-ħaddiema b'kuntratt temporanju jgħaddu għal kuntratt permanenti matul is-sena ta' wara. Madankollu,

f'għadd ta' Stati Membri r-rata ta' tranżizzjoni annwali hija ferm inqas mill-medja tal-UE. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, fi Spanja, fi Franza, fil-Polonja u fl-Italja, li jikkombinaw rata ta' tranżizzjoni baxxa (madwar 11 % għall-ewwel żewġ pajjiżi, 20 % għall-Italja u 22 % għall-Polonja) b'ammont kbir ta' kuntratti temporanji, li jindika li hemm segmentazzjoni. Ir-rati ta' tranżizzjoni huma komparattivament ogħla fl-Istati Membri bi proporzjon baxx ta' kuntratti b'terminu fiss. Kuntrarjament għal dan, fil-pajjiżi b'ammont kbir ta' kuntratti b'terminu fiss, hemm it-tendenza li l-ħaddiema jibqgħu mwaħħlin f'impjiegi temporanji. Eċċezzjonijiet notevoli huma rrappreżentati mill-Iżvezja u mis-Slovenja, li minkejja li għandhom ammonti għoljin ta' ħaddiema temporanji, għandhom rati ta' tranżizzjoni qrib l-40 % jew iktar.

**Illustrazzjoni 40: L-ammont ta' ħaddiema temporanji mqabbel mat-total tal-impjegati 15-64 sena (2017) u r-rata ta' tranżizzjoni lejn impjiegi permanenti, fuq medja ta' tliet snin (2016).**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, SILC.
Nota: ir-rata ta' tranżizzjoni għall-Irlanda u għal Malta tirreferi għall-2015.

**Fl-UE, il-maġġoranza tal-ħaddiema temporanji għandhom kuntratt b'terminu fiss minħabba li ma jistgħux isibu impjieg permanenti.** Il-proporzjon ta' ħaddiema temporanji "sforzati" huwa indikazzjoni addizzjonali ta' segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol; madwar 54 % tal-ħaddiema temporanji kollha tal-età ta' 15-64 sena fl-UE jinsabu f'din is-sitwazzjoni (2 pps iktar milli fl-2008), iżda l-ammont huwa iktar minn 70 % fi 12-il Stat Membru. F'din

il-perspettiva, is-sitwazzjoni ta' Stati Membri bħall-Portugall, il-Kroazja u Spanja – li jikkombinaw ammont kbir ta' ħaddiema temporanji u perċentwal ta' ħaddiema temporanji "sforzati" ikbar minn 80 % – hija partikolarment diffiċli (l-Illustrazzjoni 41). Is-sitwazzjoni ta' Ċipru teħtieġ daqsxejn monitoraġġ ukoll: anke jekk l-ammont ta' impjegati temporanji huwa biss kemxejn iktar mill-medja tal-UE, 91,9 % minnhom jinsabu f'din is-sitwazzjoni minħabba li ma setgħux isibu impjieg permanenti. Il-ħaddiema żgħażagħ is-soltu jkunu iktar lesti li jaċċettaw impjiegi temporanji; kif jidher fl-Illustrazzjoni 41, meta jitqies il-grupp ta' età ta' 25-64 sena, l-ammont ta' ħaddiema temporanji sforzati jkun ikbar fl-Istati Membri kollha. Huwa interessanti li d-distakk bejn il-gruppi ta' età 15-64 sena u 25-64 sena huwa l-inqas fejn l-ammont ta' ħaddiema temporanji sforzati huwa l-ikbar, u dan jindika li fi swieq tax-xogħol iktar segmentati, il-ħaddiema żgħażagħ jippreferu ferm li jkollhom kuntratti indefiniti. Barra minn hekk, huwa interessanti li l-ammont ta' ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien (tal-età ta' 55-64 sena) b'kuntratti temporanji sforzati żdied b'mod sostanzjali bil-kriżi, minn 51,9 % fl-2008 għal 60,6 % fl-2017.

**Illustrazzjoni 41: Il-ħaddiema temporanji sforzati bħala ammont mit-total tal-impjegati temporanji fl-2017.**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

**Proporzjon kbir ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom jista' jkun ukoll sinjal ta' segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol.** Filwaqt li l-impjieg tal-persuni li jaħdmu għal rashom normalment ikun volontarju, jista' jaħbi relazzjonijiet ta' impjieg dipendenti (l-hekk imsejjaħ

impjieg "fittizju"). Barra minn hekk, spiss is-sistemi tas-sigurtà soċjali ma jkunux adattati biex jinkludu l-persuni li jaħdmu għal rashom (din il-kwistjoni tiġi diskussa fil-Kapitolu 3.4). Il-livell ta' awtonomija tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom ma jistax jitkejjel bi statistiki komparabbli ta' Eurostat minn Stat Membru għall-ieħor[65]. Madankollu, xi informazzjoni ta' indikazzjoni tista' tinkiseb billi wieħed iħares lejn l-ammont ta' persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati ("ħaddiema awtonomi") u jqabblu mal-impjieg totali – meta jkun għoli, dan jista' jindika l-ħtieġa li ssir valutazzjoni ulterjuri speċifika għall-pajjiżi. Il-klassifikazzjoni turi li l-Greċja (22,3 %), ir-Rumanija (15,3 %) u l-Italja (15,1 %) kienu fil-quċċata fl-2017, segwiti mill-Polonja, mir-Repubblika Ċeka, mis-Slovakkja, mir-Renju Unit u min-Netherlands b'rati ta' iktar minn 11 % (l-Illustrazzjoni 42). Fin-naħa l-oħra tal-klassifikazzjoni, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Iżvezja u l-Ungerija kellhom rati qrib il-5 % jew iktar. Mill-2008 'l hawn, l-ammont ta' ħaddiema awtonomi baqa' stabbli bħala medja fl-UE, iżda ġew irreġistrati żidiet sinifikanti f'xi pajjiżi, b'mod partikolari fin-Netherlands (minn 8,4 % fl-2008 għal 11,5 % fl-2017) u fir-Renju Unit (minn 9,8 % għal 11,8 %). Kuntrarjament għal dan, l-ammont naqas sew fil-Kroazja (minn 11,7 % għal 5,7 %) u fil-Portugall (minn 13,5 % għal 8,9 %). Skont Eurofound[66], fl-2015 madwar kwart tal-ħaddiema kollha li jaħdmu għal rashom fl-UE jistgħu jiġu kklassifikati bħala "vulnerabbli" jew "moħbija"[67], b'differenzi sostanzjali minn Stat Membru għall-ieħor. Dawn il-ħaddiema jkollhom dipendenza ekonomika, livelli baxxi ta' awtonomija u vulnerabbiltà finanzjarja; għalhekk, "il-persuni li jaħdmu għal rashom b'impjieg fittizju" x'aktarx li jkunu jinsabu f'dawn il-gruppi. L-Illustrazzjoni 43 turi d-distribuzzjoni tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom f'dawn iż-żewġ kategoriji bħala ammont tal-impjieg totali, għal kull Stat Membru.

65 Il-modulu *ad hoc* li jmiss tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol ta' Eurostat, li r-riżultati tiegħu mistennija jaslu fl-2019, se jgħin biex jixħet dawl fuq il-kwistjoni.

66 Eurofound (2017), Exploring self-employment in the European Union, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

67 Abbażi tad-*data* tal-2015 mis-sitt Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS) ġew identifikati ħames raggruppamenti distinti ta' persuni li jaħdmu għal rashom ("min iħaddem", "ħaddiema awtonomi stabbli", "negozjanti u bdiewa żgħar", "vulnerabbli" u "moħbija"). Ir-raggruppamenti huma l-eżitu ta' mudell statistiku (analiżi latenti tal-klassi) li jikkontrolla l-varjabbli għad-dipendenza ekonomika (eż. l-għadd ta' klijenti, kemm ikun faċli li jinstabu klijenti ġodda), id-dipendenza operazzjonali (eż. kemm jistgħu jieħdu żmien frank mingħajr ma jkunu avżaw minn ħafna qabel) u l-imprenditorija (eż. ikollhom diversi stabbilimenti, ir-raġuni għalfejn bdew jaħdmu għal rashom). Iktar dettalji f'Eurofound (2017), *ibid.*

**Illustrazzjoni 42: Il-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati bħala perċentwal tal-impjieg totali.**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol – kalkoli proprji.

**Illustrazzjoni 43: Il-ħaddiema "vulnerabbli" u "moħbija" li jaħdmu għal rashom bħala proporzjon tal-impjieg totali.**




Sors: Eurofound (2017) – abbażi tas-sitt Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (2015).

**Ix-"xogħol permezz ta' pjattaforma", għalkemm attwalment huwa limitat għal partijiet żgħar tal-forza tax-xogħol, jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-kundizzjonijiet u t-**

**tendenzi tax-xogħol.** Dan l-aħħar, l-istħarriġ onlajn tal-Kummissjoni Ewropea, COLLEEM[68], investiga l-użu ta' pjattaformi onlajn fost l-utenti frekwenti tal-internet tal-età ta' 16-74 sena f'14-il pajjiż tal-UE, u pprovda xi evidenza tentattiva inizjali dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema permezz ta' pjattaforma. Skont il-Kummissjoni Ewropea (2018)[69], abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ, il-proporzjon ta' persuni li jaqilgħu iktar minn nofs l-introjtu tagħhom minn xogħol permezz ta' pjattaforma kien kemxejn iktar minn 2 % fl-2017, bl-ogħla livelli rreġistrati fir-Renju Unit (4,3 %) u fin-Netherlands (2,9 %). Madwar nofs dawk li għalihom ix-xogħol permezz ta' pjattaforma huwa l-attività prinċipali jqisu lilhom infushom bħala persuni li jaħdmu għal rashom kompletament jew parzjalment, għalkemm ammont sinifikanti (38 %) iqisu lilhom infushom bħala impjegati. Dan jissuġġerixxi li ħafna ħaddiema permezz ta' pjattaforma jaf ma jkunux koperti bi protezzjoni soċjali – kwistjoni li hija kkumplikata minħabba l-fatt li sikwit l-istatus tagħhom fl-impjieg ma jkunx ċar għal finijiet regolatorji.

**Il-ħaddiema temporanji jesperjenzaw kwalità iktar baxxa tal-impjiegi, fuq għadd ta' dimensjonijiet differenti.** Is-sitt Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (2015) jipprovdi informazzjoni dwar għadd ta' dimensjonijiet ewlenin tal-kwalità tal-impjiegi. Abbażi ta' dan l-istħarriġ, Eurofound[70] fasslet seba' indiċijiet tal-kwalità tal-impjiegi (li jikkonċernaw rispettivament l-ambjent fiżiku; l-ambjent soċjali; l-intensità tax-xogħol; il-ħiliet u d-diskrezzjoni; il-kwalità tal-ħin tax-xogħol; il-prospetti; u l-qligħ). Meta wieħed iħares lejn id-differenzi fil-punteġġi ta' sitta mis-seba' indiċijiet tal-kwalità tal-impjiegi[71] (it-Tabella 3), il-ħaddiema b'kuntratti temporanji fuq medda qasira ta' żmien għandhom punteġġ ta' inqas mill-medja f'erbgħa minnhom, fejn *il-prospetti* (inkluż is-sigurtà tal-impjieg u l-avvanz fil-karriera) u *l-ħiliet u d-diskrezzjoni* (li tinkludi, pereżempju, l-aċċess għat-taħriġ u l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet) huma l-iktar għadma iebsa. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-ambjent soċjali, għandhom punteġġ kemxejn iktar mill-medja. Il-ħaddiema b'kuntratti temporanji fit-tul juru tendenza simili, iżda l-punteġġi tal-kwalità tal-impjiegi tagħhom huma iktar qrib il-medja; barra minn hekk, isibu ruħhom f'*ambjenti soċjali* inqas favorevoli meta mqabbla mal-medja. Xorta jibqgħu xi differenzi wara li jsir kontroll statistiku għal fatturi bħall-karatteristiki individwali jew dawk marbuta mal-impjiegi (l-

68 L-istħarriġ COLLEEM ("Ekonomija u Impjieg Kollaborattivi Economy and Employment") huwa stħarriġ onlajn ta' panel dwar il-pjattaformi diġitali kkummissjonat mid-DĠ EMPL u kkoordinat mill-JRC. Dan l-istħarriġ sar f'14-il Stat Membru Ewropew: DE, ES, FI, FR, HR, HU, IT, LT, NL, PT, RO, SE, SK u UK. L-istħarriġ sar f'Ġunju 2017. Ara Pesole et al., (2018).

69 Il-Kummissjoni Ewropea (2018). Employment and Social Developments in Europe. Rieżami Annwali tal-2018. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

70 Eurofound (2018), "Does employment Status matter for job quality?", għadha fil-fażi ta' tħejjija.

71 Is-seba' dimensjoni, jiġifieri l-qligħ, jiġi eskluż minħabba l-affidabbiltà baxxa.

Illustrazzjoni 44). Il-ħaddiema b'kuntratti temporanji għandhom ukoll probabbiltà tripla li jkunu fir-riskju tal-faqar milli dawk f'impjieg permanenti (16,3 % tal-ħaddiema temporanji, meta mqabbla ma' 5,8 % tal-ħaddiema permanenti fl-2017); disparità li ilha tikber b'mod kostanti mill-bidu tal-kriżi 'l hawn.

### Tabella 3: Il-punteġġi tal-kwalità tal-impjiegi skont l-istatus fl-impjieg (2015)

| | | Dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ambjent fiżiku | Intensità tax-xogħol | Kwalità tal-ħin tax-xogħol | Ambjent soċjali | Prospetti | Ħiliet u diskrezzjoni |
| Status fl-impjieg | Kuntratt indefinit | 84 | 35 | 71 | 65 | 56 | 56 |
| | Terminu fiss > sena waħda | 83 | 34 | 70 | 59 | 46 | 52 |
| | Terminu fiss < sena waħda | 81 | 36 | 70 | 65 | 38 | 44 |
| | Impjegati oħra | 82 | 30 | 71 | 64 | 41 | 44 |
| | Persuni li jaħdmu għal rashom, l-ebda impjegat - dipendenti | 83 | 27 | 72 | 44 | 44 | 54 |
| | Persuni li jaħdmu għal rashom, l-ebda impjegat - indipendenti | 83 | 26 | 67 | 47 | 50 | 64 |
| | Min iħaddem | 84 | 35 | 60 | 76 | 62 | 71 |
| | Total | 83 | 34 | 70 | 64 | 53 | 56 |

Sors: Komputazzjoni ta' Eurofound fl-EWCS tal-2015. L-aħdar jindika punteġġ "aħjar mill-medja", filwaqt li l-aħmar jindika punteġġ "agħar mill-medja". L-isfumatura tal-kulur tindika d-devjazzjoni mill-medja (l-isfumaturi iktar skuri għandhom iktar distanza mill-medja).

### Illustrazzjoni 44: L-effetti tal-istatus fl-impjieg fuq aspetti speċifiċi tal-kwalità tal-impjiegi, il-kontroll statistiku għall-karatteristiki individwali u dawk marbuta mal-impjiegi (2015)




Sors: Komputazzjoni ta' Eurofound fl-EWCS tal-2015.

Nota: Il-kuluri jirrappreżentaw l-assoċjazzjoni relattiva bejn kull indikatur tal-kwalità tal-impjiegi u l-istatus fl-impjieg meta mqabbla mal-grupp ta' impjegati ta' referenza b'kuntratti indefiniti. Ir-riżultati huma frott rigressjonijiet f'diversi livelli b'kontroll statistiku għall-karatteristiki individwali, għall-okkupazzjoni, għas-settur u għal oħrajn.

**Il-politiki attivi effettivi dwar is-suq tax-xogħol (ALMPs) huma komponent ewlieni ta' swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw tajjeb.** Dawn iżidu l-opportunitajiet tal-persuni li jkunu

qegħdin ifittxu impjieg li tassew isibu impjieg ġdid, u jtejbu t-tlaqqigħ tagħhom mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-isfida prinċipali li l-ALMPs jippruvaw jindirizzaw hija l-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fit-tul (jiġifieri ta' tul itwal minn sena). L-evidenza turi li iktar ma persuna li tkun qed tfittex impjieg iddum qiegħda, iktar ikun hemm ir-riskju ta' deprezzament tal-ħiliet, ta' skoraġġiment u ta' tbegħid kumplessiv mis-suq tax-xogħol. Għalhekk, il-qgħad fit-tul huwa kemm indikatur tal-effettività tal-ALMPs u kemm miżura tal-isfida li pajjiż jiffaċċja f'termini ta' attivazzjoni tal-popolazzjoni ta' persuni qiegħda tiegħu[72]. L-Illustrazzjoni 45 turi r-rata tal-qgħad fit-tul (jiġifieri l-proporzjon bejn l-għadd ta' persuni li ilhom qiegħda għal iktar minn sena u l-popolazzjoni attiva) fl-2017 u l-bidla fil-proporzjon meta mqabbel mal-2016. Kif issemma wkoll fil-Kapitolu 1, il-qgħad fit-tul naqas fl-Istati Membri kollha fl-2017, bis-saħħa tal-irkupru tas-suq tax-xogħol. Minkejja t-tendenza pjuttost konverġenti (kif enfasizzat mill-pendil negattiv tal-linja ta' rigressjoni) għad hemm diskrepanzi sinifikanti fost l-Istati Membri, b'rati li fl-2017 kienu jvarjaw minn 1 % fir-Repubblika Ċeka sa 15,6 % fil-Greċja. Flimkien ma' Spanja (li kellha rata ta' 7,7 %), il-Greċja hija mmarkata bħala b'"qagħda dgħajfa iżda qiegħda titjieb", peress li kkombinat livell ferm ogħla mill-medja u rata mgħaġġla ta' tnaqqis matul l-aħħar sena. L-Italja, li rreġistrat rata tal-qgħad fit-tul komparattivament iktar baxxa (6,5 %), hija mmarkata bħala "sitwazzjoni kritika", minħabba t-titjib limitat tagħha fl-2017 meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Is-sitwazzjoni tas-Slovakkja hija kkunsidrata bħala "sitwazzjoni li trid tiġi osservata" b'rata ta' 5,1 %. Fost il-pajjiżi mmarkati bħala b'"sitwazzjoni aħjar mill-medja", ta' min isemmi lil Ċipru, il-Portugall u l-Kroazja, li huma kklassifikati f'dan il-grupp minħabba l-prestazzjoni tagħhom fil-bidla annwali, li tindika titjib sinifikanti fl-2017 (il-livell huwa qrib il-medja tal-UE iżda xorta iktar minnha).

72 Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rata tal-qgħad fit-tul ġiet miftiehma mill-Kumitat tal-Impjiegi bħala indikatur primarju tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali għall-monitoraġġ tas-sostenn attiv għall-impjieg.

**Illustrazzjoni 45: Ir-rata tal-qgħad fit-tul (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

**Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ir-rata tal-qgħad fit-tul għadha ma rkupratx għal-livelli ta' qabel il-kriżi.** It-titjib fir-rigward tal-2013 (referenza bħala l-eqqel sena tal-kriżi) kien speċjalment rilevanti (b'iktar minn 4 pps) fil-Kroazja, fi Spanja, fis-Slovakkja, fil-Portugall, fl-Irlanda u fil-Bulgarija. Minkejja dan, fi ftit Stati Membri r-rata tal-qgħad fit-tul fl-2017 hija ugwali jew ogħla minn dik fl-2013, b'mod partikolari fi Franza (l-istess rata), fl-Awstrija (+0,5 pps), fil-Finlandja (+0,4 pps) u fil-Lussemburgu (+0,3 pps). Barra minn hekk, f'21 Stat Membru r-rata tal-qgħad fit-tul għadha ogħla minn dik fl-2008, bl-ikbar disparitajiet irreġistrati fil-Greċja (+11,9 pps), fi Spanja (+5,7 pps), f'Ċipru (+4 pps) u fl-Italja (+3,5 pps). Din hija indikazzjoni tal-intensità tar-reċessjoni li ġarrbu dawn il-pajjiżi fl-aħħar snin, u tal-impatt li għadu jkollha fuq l-eżiti tas-suq tax-xogħol – iżda, fl-istess ħin, tal-isfidi li jħabbtu

wiċċhom magħhom is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol, li f'ħafna każijiet sfaw mifnija minħabba iż-żieda f'daqqa waħda tal-għadd ta' persuni li kienu qegħdin ifittxu impjieg.

**Illustrazzjoni 46: Il-qgħad fit-tul bħala perċentwal tal-popolazzjoni attiva**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

**Il-parteċipazzjoni f'politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol għadha tvarja b'mod sinifikanti minn Stat Membru għall-ieħor fl-UE.** Il-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol (ALMPs) jirrappreżentaw waħda mill-pedamenti fl-iżgurar ta' tranżizzjonijiet effettivi lejn is-suq tax-xogħol u ta' swieq tax-xogħol bi prestazzjoni tajba ħafna. Flimkien ma' infrastruttura effettiva tal-apprendiment tul il-ħajja, l-ALMPs jikkostitwixxu d-dimensjoni reali ta' sostenn (u ta' sigurtà) ta' qafas ta' flessigurtà bbilanċjata tajjeb, li huwa rikonoxxut bħala fattur li jtejjeb il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol. F'dan id-dawl, jispikkaw id-disparitajiet fost l-Istati Membri fil-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' attivazzjoni. Minn naħa, hemm grupp kbir ta' Stati Membri (il-Greċja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Latvja, is-Slovenja, il-Kroazja, Ċipru u Malta) fejn inqas minn 10 % ta' dawk li jixtiequ jaħdmu pparteċipaw fl-ALMPs fl-2016. Barra minn hekk, dan l-ammont fil-biċċa l-kbira tal-każijiet naqas f'dawn l-aħħar snin. Min-naħa l-oħra, hemm grupp ieħor ta' pajjiżi li rreġistraw rati ta' parteċipazzjoni ta' iktar minn 40 % (l-Iżvezja, Franza, id-Danimarka, l-Ungerija, il-Lussemburgu u l-Belġju); għal dan il-grupp ta' pajjiżi t-tendenza kienet ġeneralment pożittiva jew kostanti mill-2013 'il hawn. Dan jidher li

qiegħed jindika li l-konverġenza mhix qiegħda sseħħ fir-rigward ta' dan l-indikatur ta' politika[73]. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, ir-rati ta' parteċipazzjoni naqsu wara l-kriżi (bl-eċċezzjonijiet notevoli tal-Belġju, l-Ungerija, l-Iżvezja, ir-Repubblika Ċeka u l-Estonja) li jindikaw li ż-żieda fl-għadd ta' persuni li kienu qegħdin ifittxu impjieg ma ġietx segwita minn żieda proporzjonali fil-parteċipazzjoni fl-ALMPs.

**Illustrazzjoni 47: Il-parteċipanti fl-ALMPs għal kull 100 persuna li tixtieq taħdem**




Sors: Eurostat, il-bażi tad-*data* LMP u l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. Ma hemm l-ebda *data* reċenti disponibbli għar-Renju Unit; ma hemm l-ebda ċifri għall-2016 għall-Italja.

**Jidher li l-investiment totali fil-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol ivarja ħafna minn Stat Membru għall-ieħor.** Jekk l-ammont tal-persuni qiegħda fit-tul huwa approssimazzjoni għall-effettività tal-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol, din id-diverġenza hija kwistjoni ta' tħassib ukoll. Għalkemm l-infiq fuq is-servizzi u l-miżuri tas-suq tax-xogħol sa ċertu punt huwa marbut mas-sitwazzjoni ta' qgħad u ta' kompetittività fi Stat Membru partikolari, iċ-ċifri juru differenzi kbar fl-impenn biex jinbnew sistemi effettivi għall-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol. L-infiq fuq is-servizzi u l-miżuri tas-suq tax-xogħol ivarja minn 1,5 % tal-PDG għal inqas minn 0,1 % f'xi wħud mill-Istati Membri li impenjaw ruħhom inqas (l-Illustrazzjoni 48). Barra minn hekk, hemm it-tendenza li l-Istati Membri bl-inqas investimenti fl-ALMPs ikunu wkoll dawk fejn parti sinifikanti tas-sistema tal-ALMPs tkun kofinanzjata mill-FSE u fejn is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tkun tinsab fil-periklu.

73 Madankollu, dan l-indikatur għandu jiġi interpretat bil-galbu, peress li jkejjel biss il-parteċipazzjoni fil-politiki dwar is-suq tax-xogħol (u mhux l-effettività tagħhom), u għal għadd ta' pajjiżi dan jippreżenta problemi ta' affidabbiltà statistika, b'rabta mal-proċess tal-ġbir tad-*data*.

**Illustrazzjoni 48: L-infiq fuq is-servizzi u l-miżuri tas-suq tax-xogħol (2016) u l-ammont ta' persuni qiegħda fit-tul (2017)**




**Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) huma l-istituzzjonijiet prinċipali tas-suq tax-xogħol responsabbli għas-sostenn għat-tiftix ta' impjieg u għall-iggwidar tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg lejn il-miżuri ta' attivazzjoni.** Għalkemm ikunu strutturati b'mod differenti f'kull pajjiż, il-PES kollha jkollhom l-għan li jlaqqgħu l-provvista u d-domanda fis-suq tax-xogħol billi jipprovdu servizzi kemm għall-persuni qiegħda rreġistrati u kemm għal min iħaddem. B'mod partikolari, huma responsabbli għat-tfassil ta' profili tal-klijenti, għall-għoti ta' konsulenza u ta' sostenn individwalizzat, għall-iggwidar lejn il-miżuri ta' taħriġ u ta' attivazzjoni, u (f'ħafna pajjiżi) għall-ħlas tal-benefiċċji tal-qgħad u/jew tas-sigurtà soċjali.

**Madankollu, l-effettività tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi biex jipprovdu sostenn għat-tiftix ta' impjieg mhijiex ugwali fost l-Istati Membri,** u tiddependi fost l-oħrajn fuq il-kapaċità tagħhom, fuq il-kwalità tas-servizzi offruti, u fuq il-koordinazzjoni ma' atturi oħra. Tali diskrepanzi jirriflettu, f'ħafna każijiet, l-użu tal-PES mill-persuni qiegħda għat-tiftix ta' impjieg (lil hinn mir-rekwiżiti formali ta' reġistrazzjoni, li ġeneralment ikunu neċessarji għall-aċċess għal benefiċċji tal-qgħad u għal benefiċċji oħra tas-sigurtà soċjali). L-Illustrazzjoni 49 turi l-ammont ta' persuni qiegħda li jużaw is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi għat-tiftix ta' impjieg. Il-valuri ma jvarjawx b'mod sinifikanti minn dawk ippubblikati fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2018. Fin-naħa ta' isfel tad-distribuzzjoni, Spanja, l-Italja u r-Rumanija kellhom l-iktar ammonti baxxi fl-2017 (inqas minn 30 %), segwiti min-Netherlands, mir-

Renju Unit u mill-Portugall (b'ammonti ta' bejn 30 % u 40 %). Kuntrarjament għal dan, fl-Istati Membri bħal-Litwanja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, l-Awstrija, is-Slovenja, il-Ġermanja u l-Greċja, l-ammont ta' persuni qiegħda li jiddikjaraw li jużaw is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi biex ifittxu impjieg huwa iktar minn 70 %. Bħala medja, l-użu tal-PES mill-persuni qiegħda naqas b'mod kostanti mill-bidu tal-kriżi 'l hawn, minn 58,1 % fl-2008 għal 45,2 % fl-2017 (1 pps inqas milli fl-2016). Madankollu, ġiet irreġistrata xejra opposta fi ftit Stati Membri, b'żidiet notevoli fil-Latvja u f'Ċipru (b'iktar minn 30 pps), fl-Estonja u fil-Greċja (b'madwar 15 pps), u fir-Rumanija u fis-Slovenja (b'madwar 9 pps). Minkejja dan, f'uħud minn dawn il-pajjiżi, iż-żieda fir-rati jaf hija r-riżultat ta' obbligi iktar b'saħħithom biex wieħed jirreġistra sabiex ikun jista' jaċċessa l-benefiċċji. L-Illustrazzjoni 50 tagħti ħjiel tal-użu li jsir mill-metodi alternattivi speċifiċi ta' tiftix ta' impjieg mill-persuni qiegħda, inkluż l-uffiċċji privati tal-impjieg, l-applikazzjonijiet diretti għand min iħaddem u l-metodi informali bħall-mistoqsijiet lill-ħbieb, lill-qraba u lit-trejdjunjins. Filwaqt li huwa diffiċli li jinstabu tendenzi ġenerali, jidher li fl-Istati Membri fejn l-użu tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi huwa baxx, il-metodi informali huma dawk li jintużaw l-iktar ta' spiss.

**Illustrazzjoni 49: L-ammont ta' persuni qiegħda li jużaw is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi għat-tiftix ta' impjieg**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

**Illustrazzjoni 50: L-ammont ta’ persuni qiegħda li jużaw metodi speċifiċi ta’ tiftix ta’ impjieg (2017)**




Sors: Eurostat, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

**Il-provvista ta’ benefiċċji tal-qgħad adegwati għal tul ta’ żmien raġonevoli, li jkunu aċċessibbli għall-ħaddiema kollha u li jkunu akkumpanjati minn politiki attivi effettivi dwar is-suq tax-xogħol, hija kruċjali biex il-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg jingħataw sostenn matul it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.** Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2018 ippreżenta analiżi komparattiva estensiva tal-karatteristiki prinċipali tat-tfassil tas-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad fl-UE kollha, abbażi tar-riżultati tal-eżerċizzju ta’ parametraġġ referenzjarju tal-benefiċċji tal-qgħad u tal-ALMPs imfassla fil-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO). L-analiżi, li tat ħarsa lejn għadd ta’ indikaturi ta’ xprun tal-prestazzjoni u tal-politiki (għall-2016 jew għall-2017 skont id-disponibbiltà tad-*data*), għadha valida b’mod kumplessiv, fid-dawl tal-bidliet limitati ta’ politika li seħħew matul il-perjodu ta’ referenza għal dan ir-rapport (għad-dettalji dwar ir-riformi li saru mill-Istati Membri f’dan il-qasam, ara t-Taqsima 3.3.2; għal ħarsa ġenerali fit-tul tar-riformi mill-Istati Membri, ara l-Kummissjoni Ewropea, 2018[74]). Din it-taqsima tipprovdi aġġornament tal-eżerċizzju, b’mod partikolari tal-indikaturi ta’ xprun tal-politiki. Barra minn hekk, tagħti ħarsa lejn l-indikaturi addizzjonali ta’ rigorożità tar-rekwiżiti tat-tiftix ta’ impjieg għall-persuni qiegħda li jkunu qegħdin ifittxu impjieg, li ġew miftiehma mill-Kumitat tal-Impjiegi fl-2018.

**L-ammont ta’ persuni qiegħda għal żmien qasir[75] koperti mill-benefiċċji tal-qgħad jammonta għal madwar terz, bħala medja.** Dan l-ammont naqas kemxejn fil-perjodu ta’

[74] Il-Kummissjoni Ewropea (2018). Labour Market and Wage Developments in Europe. Rieżami Annwali tal-2018. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.
[75] Dawk li ilhom qiegħda għal inqas minn sena.

wara l-kriżi (minn 34,4 % fl-2008 għal 32,7 % fl-2017), u baqa' stabbli matul dawn l-aħħar snin. Madankollu, għad hemm differenzi sinifikanti minn pajjiż għall-ieħor (l-Illustrazzjoni 51). Dawn id-differenzi jiddependu fuq it-tfassil ta' politika tas-sistemi ta' benefiċċji tal-qgħad (b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, it-tul ta' żmien massimu, ir-rigorożità tar-rekwiżiti għat-tiftix tal-impjiegi, it-trikkib ma' skemi oħra tal-protezzjoni soċjali) kif ukoll fir-rigward tal-pożizzjoni ċiklika ta' pajjiżi differenti. F'perspettiva fit-tul, bejn l-2008 u l-2017, l-ikbar żidiet fil-kopertura ġew irreġistrati fil-Latvja (bi kważi 16 pps), fl-Italja (10 pps) u fi Franza (9 pps). Min-naħa l-oħra, l-ikbar tnaqqis ġie rreġistrat fl-Ungerija (-15 pps), fil-Lussemburgu (-12 pps), fil-Kroazja u fil-Ġermanja (-10 pps). Madankollu, il-Ġermanja xorta waħda għandha l-ogħla rata ta' kopertura (62,8 %) – segwita mill-Finlandja, mill-Awstrija, mill-Belġju u minn Franza b'rati 'l fuq minn 50 %. Kuntrarjament għal dan, l-iktar kopertura baxxa tista' tiġi osservata f'Malta, fil-Kroazja, fil-Polonja, fir-Rumanija u fil-Bulgarija, b'rati ferm inqas minn 15 % u bl-ebda sinjal ta' titjib.

**Illustrazzjoni 51: kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għall-persuni qiegħda għal żmien qasir**




Sors: komputazzjoni fuq Eurostat, id-*data* tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. Nota: id-*data* mhijiex disponibbli għall-Irlanda u għan-Netherlands.

**Bejn l-2016 u l-2018 ma kien hemm l-ebda bidla kbira fit-tfassil tal-benefiċċji tal-qgħad fl-Istati Membri.** Sabiex ikunu intitolati għall-benefiċċji tal-qgħad, ġeneralment ikun meħtieġ li l-persuni qiegħda jkollhom rekord ta' xogħol minimu u/jew ikunu ħallsu l-kontribuzzjonijiet

tal-assigurazzjoni għal perjodu ta' żmien. Kif jidher fl-Illustrazzjoni 52, dan il-perjodu minimu jvarja minn inqas minn 20 ġimgħa fi Franza u fl-Italja għal sena (52 ġimgħa) jew iktar fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja. Ma ġiet irreġistrata kważi l-ebda varjazzjoni bejn l-2016 u l-2018, bi tliet eċċezzjonijiet. Fil-każ tal-Awstrija, għadu meħtieġ rekord ta' assigurazzjoni ta' 52 ġimgħa fl-24 xahar ta' qabel għall-applikazzjonijiet tal-ewwel darba. Madankollu, għall-applikazzjonijiet sussegwenti, dan il-perjodu tnaqqas għal 28 ġimgħa. Fil-Bulgarija, it-tul tal-perjodu ta' kwalifika meħtieġ żdied minn disa' xhur ta' assigurazzjoni matul il-15-il xahar ta' qabel il-qgħad, għal minn tal-inqas 12-il xahar ta' assigurazzjoni matul it-18-il xahar ta' qabel il-qgħad. Fil-Latvja seħħ tnaqqis simili fejn ir-rekwiżit żdied minn minn tal-inqas disa' xhur ta' kontribuzzjonijiet imħallsa fit-12-il xahar ta' qabel il-qgħad għal minn tal-inqas 12-il xahar ta' assigurazzjoni mħallsa fis-16-il xahar ta' qabel il-qgħad. Fir-rigward tat-tul ta' żmien massimu għall-benefiċċji (l-Illustrazzjoni 53), ma kien hemm l-ebda bidla bejn l-2017 u l-2018. Il-Belġju għadu fin-naħa ta' fuq b'tul ta' żmien illimitat għall-benefiċċji – li għandu jitqies fil-kuntest tan-nuqqas ta' skema tal-assistenza għall-qgħad. Fuq in-naħa opposta huma l-Ungerija u Malta. It-tul ta' żmien massimu għadu iqsar mill-perjodi ta' kontribuzzjoni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri; dawn huma ugwali f'erba' pajjiżi (Franza, in-Netherlands, il-Greċja, il-Lussemburgu) u fi tliet każijiet it-tul ta' żmien massimu huwa itwal (il-Finlandja, id-Danimarka, il-Belġju). Rigward il-livell u l-adegwatezza tal-benefiċċji tal-qgħad, l-Istati Membri għandhom ukoll disparitajiet sinifikanti. Ir-rati netti ta' sostituzzjoni għal ħaddiem b'paga baxxa b'esperjenza qasira ta' xogħol (sena) ivarjaw minn inqas minn 20 % tal-qligħ (nett) preċedenti fl-Ungerija għal madwar 90 % fil-Lussemburgu (l-Illustrazzjoni 54). It-tqabbil bejn ir-rati netti ta' sostituzzjoni fit-tieni u fit-12-il xahar tal-perjodu ta' qgħad juri l-effett tal-iskadenza tal-benefiċċji (b'individwi li jaqgħu fi skemi oħra, bħall-qgħad jew l-assistenza soċjali), jew inkella tat-tnaqqis fil-ġenerożità tal-benefiċċju maż-żmien[76].

[76] Il-mudelli tal-OECD li ntużaw għal dan l-indikatur ġew irfinati mill-adozzjoni tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2018 fil-Kunsill 'il hawn, b'mod partikolari għall-Awstrija, għad-Danimarka, għall-Estonja, għall-Finlandja, għall-Ġermanja, għal Spanja, għall-Irlanda, għall-Italja u għar-Renju Unit.

**Illustrazzjoni 52: It-tul tal-perjodu ta' kwalifika meħtieġ, l-2016 u l-2018 (f'ġimgħat)**




Sors: il-bażi tad-*data* MISSOC (is-Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali) u l-leġiżlazzjoni nazzjonali. Nota: F'Malta (2018), il-kriterji ta' kwalifika minimi huma 50 ġimgħa ta' kontribuzzjonijiet imħallsa li minnhom minn tal-inqas 20 imħallsa jew ikkreditati fis-sentejn kalendarji preċedenti; fl-Irlanda (2016 u 2018), iridu jkunu tħallsu minn tal-inqas 104 kontribuzzjonijiet fil-ġimgħa minn mindu l-persuna bdiet taħdem għall-ewwel darba.

**Illustrazzjoni 53: It-tul ta' żmien massimu tal-benefiċċji b'sena esperjenza ta' xogħol fl-2017 u fl-2018**




Sors: il-bażi tad-data MISSOC (is-Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali) u l-leġiżlazzjoni nazzjonali (Jannar 2017 u Jannar 2018). Nota: fil-Belġju ma hemm l-ebda limitu fuq it-tul tal-benefiċċji. F'Ċipru, il-ġimgħat jiġu kkalkulati abbażi ta' sitt ijiem tax-xogħol fil-ġimgħa. Fl-Irlanda, il-benefiċċju jitħallas biss għal 39 ġimgħa (234 jum) għall-persuni b'260 kontribuzzjoni PRSI imħallsa fil-ġimgħa jew iktar. Fis-Slovakkja, persuna li tkun ilha taħdem għal sena ma tistax tikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad (huma meħtieġa minn tal-inqas sentejn ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad matul l-aħħar tliet snin). Fil-Polonja, it-tul ta' żmien ivarja skont il-livell tar-rata tal-qgħad tar-reġjun meta mqabbel mal-medja nazzjonali.

**Illustrazzjoni 54: Ir-rata netta ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad, b'67 % tal-paga medja, fit-tieni u fit-12-il xahar tal-qgħad (2018)**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, abbażi tal-Mudell tal-OECD dwar il-Benefiċċji tat-Taxxa. Nota: l-indikatur huwa kkalkulat għall-każ ta' persuna waħedha mingħajr tfal b'esperjenza qasira ta' xogħol (sena) u tal-età ta' 20 sena. Iktar dettalji metodoloġiċi fin-nota 76 f'qiegħ il-paġna.

**L-Istati Membri żviluppaw diversi strateġiji biex jattivaw ir-riċevituri tal-benefiċċji tal-qgħad.** L-istrumenti ta' politika adottati jsegwu l-prinċipju tal-obbligu reċiproku. B'mod partikolari, ir-riċevituri tal-benefiċċji tal-qgħad huma meħtieġa jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg; fl-istess ħin, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħtuhom sostenn fit-tiftix tal-impjieg tagħhom u biex jgħelbu l-ostakli li jistgħu jwaqqfuhom milli jerġgħu jsibu impjieg, filwaqt li għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-konformità tagħhom mal-kundizzjonijiet tad-disponibbiltà għax-xogħol (u jimplimentaw sanzjonijiet meta jkun meħtieġ). Il-prinċipju ta' servizzi ta' intervent bikri u mfassla apposta għall-persuni qiegħda li jkunu qegħdin ifittxu impjieg intlaqa' wkoll b'mod wiesa' mill-Istati Membri bl-għan li jitqassru l-perjodi ta' qgħad, jitrawwem tlaqqigħ ta' kwalità u jkun hemm prevenzjoni u skoraġġiment tal-qgħad fit-tul. Tabilħaqq, ir-rekwiżiti obbligatorji għas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi biex jipprovdu ċerti tipi ta' sostenn bikri għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg (it-tfassil ta' profili, it-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni individwali, il-konsulenza personalizzata) jeżistu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

**Hemm diversità kbira fir-rigorożità tal-kundizzjonijiet tad-disponibbiltà għax-xogħol u tar-rekwiżiti tat-tiftix ta' impjieg[77] mehmuża mal-benefiċċji tal-qgħad.** L-Illustrazzjoni 55 turi kemm huma ħorox ir-rekwiżiti tad-disponibbiltà u tal-kriterji ta' xogħol xieraq għar-riċevituri tal-benefiċċji tal-qgħad. Jidher li huma l-iktar rigorużi fil-Polonja, fid-Danimarka, f'Malta u fil-Kroazja, filwaqt li huma l-inqas rigorużi fil-Belġju, fil-Litwanja, fil-Bulgarija, f'Ċipru, fil-Finlandja u fi Spanja. L-Illustrazzjoni 56 turi varjazzjoni kbira fir-rigorożità tar-rekwiżiti tat-tiftix ta' impjieg u ta' monitoraġġ. B'mod partikolari, jeżistu rekwiżiti iktar rigorużi f'Malta, fir-Renju Unit u fil-Lussemburgu, filwaqt li huma l-inqas rigorużi f'Ċipru, fil-Greċja u fil-Polonja. Fl-aħħar nett, l-Illustrazzjoni 57 turi wkoll diversità kbira f'kemm jiġu applikati sanzjonijiet ħorox meta r-riċevituri tal-benefiċċji tal-qgħad ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tad-disponibbiltà u tat-tiftix ta' impjieg. Jidher li s-sanzjonijiet huma l-iktar ħorox fis-Slovenja, fir-Rumanija, fil-Lussemburgu, fil-Greċja, fil-Kroazja u fil-Portugall, filwaqt li huma l-inqas ħorox fl-Awstrija, fl-Ungerija, f'Ċipru, fl-Irlanda, fid-Danimarka u fil-

77 Dawn l-indikaturi ta' politika ġew żviluppati mill-OECD bl-użu ta' *data* miġbura permezz ta' stħarriġiet esperti komprensivi. Dawn jipprovdu informazzjoni dwar kundizzjonijiet ġuridiċi (jiġifieri *de jure*), iżda mhux dwar l-implimentazzjoni effettiva tagħhom (li tista' tvarja bejn il-pajjiżi bl-istess regoli). Dawn l-indikaturi ma jistgħux jiġu interpretati b'mod sempliċistiku, peress li mhuwiex possibbli li jiġi identifikat livell "ottimali" ta' rigorożità għar-rekwiżiti tat-tiftix ta' impjieg u tad-disponibbiltà.

Ġermanja (madankollu, f'xi każijiet dan japplika għal tul ta' żmien qasir tal-benefiċċji). Jidher li Malta, il-Kroazja u l-Estonja għandhom dispożizzjonijiet iktar rigorużi fid-dimensjonijiet kollha. Minkejja dan, diversi Stati Membri għandhom kombinazzjoni ta' dispożizzjonijiet rigorużi għal ċerti komponenti u ta' dispożizzjonijiet inqas rigorużi għal oħrajn. Pereżempju, id-Danimarka għandha t-tieni l-iktar dispożizzjonijiet rigorużi għar-rekwiżiti tad-disponibbiltà u tal-kriterji ta' xogħol xieraq, iżda hija waħda mill-inqas rigorużi għas-sanzjonijiet tal-benefiċċji. Dawn l-approċċi differenti jagħtu ħjiel ta' kif is-sistemi nazzjonali jindirizzaw il-kwistjoni tal-periklu morali inerenti għall-benefiċċji tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad. Pereżempju, huwa mistenni li r-rekwiżiti iktar rigorużi tat-tiftix ta' impjieg u tad-disponibbiltà jħeġġu sforzi ikbar għat-tiftix ta' impjieg u aċċettazzjoni iktar rapida tal-offerti ta' impjieg, u b'hekk jiġu kontrobilanċjati d-diżinċentivi finanzjarji possibbli maħluqa mis-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad u jitnaqqas it-tul ta' żmien tal-qgħad. Fl-istess ħin, rekwiżiti rigorużi żżejjed jaf ikollhom effetti kontroproduċenti, pereżempju fir-rigward ta' tnaqqis fil-kopertura tal-benefiċċji jew detriment fil-kwalità tat-tlaqqigħ, li jaf ma jdumux wisq (b'iktar persuni jisfaw qiegħda iktar spiss).

**Illustrazzjoni 55: Ir-rekwiżiti tad-disponibbiltà u l-kriterji ta' xogħol xieraq fl-2017**




Sors: L-OECD. Nota: Punteġġ minn 1 (l-inqas rigoruż) sa 5 (l-iktar rigoruż).

**Illustrazzjoni 56: Ir-rekwiżiti tat-tfittix ta' impjieg u ta' monitoraġġ fl-2017**




Sors: L-OECD. Nota: Punteġġ minn 1 (l-inqas rigoruż) sa 5 (l-iktar rigoruż).

**Illustrazzjoni 57: Il-ħruxija tas-sanzjonijiet tal-benefiċċji fl-2017**

Sors: L-OECD. Nota: Punteġġ minn 1 (l-inqas rigoruż) sa 5 (l-iktar rigoruż).



**It-tneħħija tal-ostakli għall-mobbiltà tal-ħaddiema u tal-persuni fl-apprendiment tista' ttejjeb l-impjegabbiltà u l-iżvilupp tal-ħiliet, u tgħin biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-suq tax-xogħol Ewropew.** Fl-2017, kien hemm madwar 12,4-il miljun ċittadin tal-UE tal-età tax-xogħol (20-64 sena) li kienu qegħdin jgħixu f'pajjiż ieħor li mhux il-pajjiż taċ-ċittadinanza tagħhom[78]. Dan in-numru żdied b'5 % meta mqabbel mal-2016, b'pass simili bħaż-żidiet fis-snin preċedenti. Il-Ġermanja u r-Renju Unit kienu l-pajjiżi prinċipali ta' residenza fl-2017, u ospitaw rispettivament tliet miljun persuna u 2,6 miljun persuna, segwiti minn Spanja (1,4 miljun persuna), l-Italja (1,2 miljun persuna) u Franza (madwar miljun persuna). Filwaqt li l-Ġermanja u r-Renju Unit għandhom xejra 'l fuq li tmur lura għall-2015, l-Italja u Franza għandhom tkabbir iktar moderat (u iktar baxx mill-medja). Kuntrarjament għal dan, Spanja kellha numru assolut iktar baxx ta' persuni li ċċaqilqu fl-EU-28, bi tnaqqis ta' 1 % meta mqabbel mal-2016. Dan ikompli x-xejra 'l isfel (li qiegħda tmajna) li ilha tiġi osservata mill-2014 'il hawn. Il-pajjiżi ta' oriġini prinċipali baqgħu l-istess mill-2016, biċ-ċittadini Rumeni, Pollakki, Portugiżi, Taljani u Bulgari jikkostitwixxu l-ikbar gruppi fil-livell tal-UE. Flimkien, in-numri tagħhom jilħqu madwar 6,6 miljun persuna, jiġifieri iktar minn nofs it-total ta' persuni tal-EU-28 li jiċċaqilqu fl-UE. Proporzjonalment mal-popolazzjoni, l-ikbar flussi 'l barra mill-pajjiżi ġew irreġistrati fil-Litwanja, fir-Rumanija u fil-Latvja; xejra 'l fuq setgħet tiġi osservata fil-Litwanja, fir-Rumanija, fil-Latvja, fl-Estonja u fil-Kroazja. Il-pajjiżi ta' oriġini u l-pajjiżi ta' destinazzjoni prinċipali baqgħu l-istess meta saret enfasi fuq iċ-ċittadini ekonomikament attivi (jiġifieri l-persuni impjegati u l-persuni li kienu qegħdin ifittxu impjieg).

**Li wieħed isiefer biex jistudja huwa ta' benefiċċju għall-iżvilupp tal-ħiliet u għal prospetti aħjar fis-suq tax-xogħol fil-ġejjieni**. L-istudenti mobbli jagħtu kontribut għall-iżvilupp tal-għarfien, għal kuxjenza kulturali iktar b'saħħitha, għall-aġġornament tat-teknoloġija u għall-bini tal-kapaċitajiet f'pajjiżhom meta jerġgħu jiġu lura f'pajjiżhom wara li jistudjaw barra. Barra minn hekk, l-iskambji tal-istudenti bejn il-pajjiżi jtejbu l-opportunitajiet għal kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet akkademiċi, filwaqt li jagħtu kontribut biex jintlaħaq l-għan Ewropew biex is-sistemi tal-edukazzjoni jinfetħu iktar u jiġu mmodernizzati. Minkejja dan, ammont żgħir biss ta' Ewropej huma gradwati mobbli. Fl-2016, 10,7 % biss tal-gradwati tal-edukazzjoni għolja li oriġinaw mill-Istati Membri tal-UE kienu mobbli; 3,1 % kienu mobbli matul l-istudji terzjarji u ggradwaw f'pajjiż differenti minn dak fejn kisbu d-

78 Dan in-numru jirreferi għall-persuni tal-età tax-xogħol li ilhom jiċċaqilqu "fit-tul" fl-EU-28 u li jgħixu fl-EU-28, abbażi tal-istatistika ta' Eurostat dwar id-demografija. Għad-dettalji, ara l-Kummissjoni Ewropea, ir-Rapport Annwali tal-2018 dwar il-Mobbiltà tax-Xogħol Intra-UE (qiegħed jitħejja attwalment), id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.

diploma tagħhom, filwaqt li 7,6 % kellhom soġġorn ta' mobbiltà għal xi krediti tal-istudji tagħhom u qattgħu perjodu temporanju ta' studju u/jew kollokament fil-post tax-xogħol barra pajjiżhom. L-Istati Membri bl-ikbar ammonti ta' gradwati mobbli barra l-pajjiż huma l-Lussemburgu (84,4 %), in-Netherlands (23,2 %) u l-Finlandja (19,5 %). Erba' Stati Membri oħra tal-UE għandhom rati ta' mobbiltà tal-istudenti ta' iktar minn 15 % (il-Ġermanja, Franza, Ċipru u l-Litwanja). It-tendenzi tal-mobbiltà bejn il-pajjiżi jiġu spjegati b'diversi fatturi, bħal pereżempju l-prossimità ġeografika, ir-rabtiet lingwistiċi jew id-disponibbiltà ta' programmi tal-lingwa bl-Ingliż f'pajjiżi fejn ma jitkellmux bl-Ingliż. Il-kwalità tat-tagħlim tal-universitajiet u r-reputazzjoni tagħhom jirrappreżentaw fatturi ta' attraenza wkoll.

**Id-djalogu soċjali, bejn żewġ jew tliet partijiet, huwa element ewlieni tal-ekonomija soċjali Ewropea tas-suq.** Jippermetti l-promozzjoni ta' ftehimiet u ta' miżuri ta' politika li jibbilanċjaw l-interessi taż-żewġ naħat tal-industrija. Id-djalogu soċjali effettiv iwassal għal soluzzjonijiet li jkunu aċċettabbli għas-sħab involuti, u b'hekk inaqqas il-kunflitti fis-soċjetà u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali. Element importanti għal djalogu bħal dan huwa r-rispett reċiproku u l-fiduċja bejn is-sħab, li jimxu id f'id mal-esperjenza ta' kooperazzjoni tajba preċedenti u l-valur miżjud ta' dawn ir-riżultati nnegozjati. Sabiex dawn in-negozjati jkunu jistgħu jsiru, jeħtieġ li s-sħab soċjali jkunu indipendenti minn xulxin u mill-gvern (l-awtonomija tas-sħab soċjali). Għalhekk, id-djalogu soċjali huwa ta' vantaġġ għall-ħaddiema, għal min iħaddem u għall-gvernijiet. L-inizjattiva "Bidu Ġdid għad-Djalogu Soċjali" varata f'Marzu 2015, il-konklużjonijiet tal-Kunsill u d-Dikjarazzjoni ta' Erba' Partijiet iffirmata mis-sħab soċjali Ewropej, mill-Kummissjoni u mill-Presidenza tan-Netherlands f'isem il-Kunsill dwar "Bidu ġdid għal djalogu soċjali qawwi", adottati f'Ġunju 2016, jistiednu lill-Istati Membri biex jinvolvu lis-sħab soċjali mill-qrib fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi u ta' politiki rilevanti, b'konformità mal-prattiki nazzjonali. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Linja Gwida nru 7 l-ġdida jiddikjaraw mill-ġdid li d-djalogu soċjali huwa valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

**L-Unjoni Ewropea qiegħda tiffaċċja diversità ta' sistemi nazzjonali tad-djalogu soċjali.** Dawn id-differenzi huma relatati prinċipalment mal-oqfsa istituzzjonali diverġenti u mal-kapaċitajiet operazzjonali tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali, u jikkontribwixxu għal differenzi importanti fil-kwalità tad-djalogu soċjali. Filwaqt li ma hemmx mudell uniku għas-sistemi kollha, l-involviment f'waqtu u siewi tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki, inkluż permezz ta' sostenn għal żieda fil-kapaċità tas-sħab soċjali, għandu jitqies

bħala denominatur komuni għas-sistemi tad-djalogu soċjali bejn tliet partijiet, effettivi u ta' prestazzjoni tajba. Dan huwa minnu wkoll fil-każ tad-djalogu soċjali bejn żewġ partijiet.

**Il-kapaċità tas-sħab soċjali taqdi rwol importanti fit-tiswir tad-djalogu soċjali**. Iċ-ċifri tas-sħubija tas-sħab soċjali jagħtu daqsxejn ta' indikazzjoni tal-kapaċità tagħhom li jirrappreżentaw l-interessi kollettivi rispettivi taż-żewġ naħat tal-industrija (l-Illustrazzjoni 58). Iktar ma s-sħubija tagħhom tkun kbira u iktar ma tkun rappreżentattiva, iktar ma jkollhom vuċi u mandat qawwijin. Xorta waħda, dawn iċ-ċifri ma jagħtux stampa sħiħa. Pereżempju, f'ċerti Stati Membri b'densità baxxa mkejla ta' junjins (eż. Franza), it-trejdjunjins jaf igawdu wkoll minn sostenn pjuttost wiesa' minn persuni li ma jkunux membri (ara d-*data* tal-Ewrobarometru dwar il-fiduċja fil-junjins) u għandhom kapaċità qawwija biex jipparteċipaw fl-iżviluppi tal-politiki. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-densità tal-junjins ilha tonqos mis-snin 80, filwaqt li d-densità ta' min iħaddem hija kemxejn iktar stabbli. Lil hinn miċ-ċifri aggregati tas-sħubija, l-istruttura ta' rappreżentanza – xi ftit jew wisq frammentata – jaf ikollha impatt ukoll fuq il-kapaċità tas-sħab soċjali, speċjalment meta r-rappreżentanza frammentata tkun ikkoordinata b'mod dgħajjef.

**Illustrazzjoni 58: Ir-rata tad-densità tat-trejdjunjins**




Sors: L-OECD u l-bażi tad-*data* ICTWSS (intuża s-sors li fih *data* iktar reċenti għal kull Stat Membru). Nota: ikkalkulata bħala l-ammont ta' impjegati li huma membri tat-trejdjunjins. Is-snin tad-*data*: l-2017 għall-SE, l-2016 għall-AT, CZ, DK, FI, DE, HU, IE, IT, LT, NL, UK; l-2015 għall-BE, EE, FR, LV, LU, PT, SK, SI, ES; l-2014 għall-PL; l-2013 għal CY, EL; l-2012 għall-HR, MT, BG u RO. Għal għadd ta' Stati Membri, id-*data* dwar id-densità ta' min iħaddem ġiet aġġornata inqas sikwit f'dawn l-aħħar snin; u għalhekk ma ġietx ippreżentata f'illustrazzjoni.

**Il-miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet jingħataw sostenn mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej f'għadd ta' Stati Membri**. Is-sostenn finanzjarju ġie allokat fost l-oħrajn, fil-Bulgarija, f'Ċipru, fir-Repubblika Ċeka, fil-Greċja, fi Franza, fil-Litwanja, fil-Latvja, fil-Polonja, fis-Slovakkja u fil-Portugall. Fil-Portugall, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali tas-sħab soċjali fid-dawl tar-rwol importanti tagħhom fl-immodernizzar tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, inkluż il-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Fil-Latvja, l-FSE jappoġġa t-tisħiħ tad-djalogu soċjali bejn żewġ partijiet. L-għan tal-proġetti huwa li jiġi żviluppat qafas ġuridiku biex jiġi ffaċilitat id-djalogu soċjali f'setturi differenti. Minkejja dan, għad hemm lok għal titjib tal-użu tal-finanzjament disponibbli mill-UE f'diversi Stati Membri sabiex tiżdied il-kapaċità tas-sħab soċjali.

**Id-dinja tax-xogħol li qiegħda tinbidel toffri opportunitajiet ġodda għall-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali iżda toħloq ukoll theddidiet ġodda.** Diġà issa, il-ħaddiema b'arranġamenti kuntrattwali differenti għandhom tendenzi differenti ħafna ta' rappreżentanza. B'mod partikolari, l-impjegati b'kuntratti permanenti jkunu affiljati ma' trejdjunjin ferm iktar mill-ħaddiema b'kuntratti b'terminu fiss. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-forom l-ġodda ta' impjieg ibatu minn nuqqas ta' rappreżentanza. Ir-riċerka min-Netherlands tissuġġerixxi li dawn l-iżviluppi jaf ikollhom impatt fuq l-eżitu tan-negozjar kollettiv, b'żidiet iktar baxxi fil-pagi fis-setturi b'ħafna ħaddiema indipendenti (u sħubija iktar baxxa) meta mqabbla ma' setturi oħra[79]. Fl-istess ħin, huwa hemm inqas probabbiltà li l-impriżi fis-settur tas-servizzi li qiegħed jespandi jkunu membri tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem milli ta' dawk tal-industrija. F'dawn l-aħħar snin, l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali ħadu inizjattivi biex jattiraw membri ġodda, jew biex isaħħu l-vuċi ta' ċerti gruppi sottorappreżentati (iż-żgħażagħ u l-ħaddiema permezz ta' pjattaforma) permezz ta' strateġiji u ta' sforzi mmirati ta' reklutaġġ u permezz tal-ħolqien ta' strutturi speċifiċi fl-organizzazzjoni[80].

**Fl-UE, ir-rappreżentanza tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali s-soltu tiġi vvalutata permezz ta' żewġ prinċipji differenti**. Minn naħa, xi pajjiżi jiddependu b'mod prinċipali fuq il-"konformità ġuridika", jiġifieri ċertu għadd ta' rekwiżiti ġuridiċi jirregolaw ir-rappreżentanza tas-sħab soċjali u jispeċifikaw il-prekundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fin-

[79] DNB (2018), "DNBulletin: Flexibilisering arbeidsmarkt gaat gepaard met daling arbeidsinkomensquote", ippubblikat fl-1 ta' Frar 2018.
[80] Ara l-Kapitolu 5 f'Employment and Social Developments in Europe, l-edizzjonijiet tal-2018 u tal-2017.

negozjar kollettiv u fil-ftehimiet kollettivi vinkolanti (eż. l-elezzjonijiet u d-densità jew is-sħubija min-naħa tal-junjin, u l-kopertura tal-impjegati jew id-densità tas-sħubija ta' min iħaddem min-naħa ta' min iħaddem). Min-naħa l-oħra, Stati Membri oħra jiddependu fuq il-prinċipju tar-"rikonoxximent reċiproku" li jinvolvi l-awtoregolamentazzjoni mis-sħab soċjali. Fl-aħħar nett, għadd ta' pajjiżi jużaw taħlita ta' dawn iż-żewġ prinċipji. Fil-prattika, in-nuqqas ta' trasparenza jista' jagħmilha diffiċli biex titkejjel b'mod univoku r-rappreżentanza ta' diversi organizzazzjonijiet[81].

**Kulma jmur is-Semestru Ewropew jiddedika iktar attenzjoni lid-djalogu soċjali.** Fl-2017, fil-Kumitat tal-Impjiegi, sar l-ewwel eżerċizzju sħiħ ta' sorveljanza multilaterali fuq l-involviment tas-sħab soċjali fir-riformi u fil-politiki, sostnut istituzzjonalment permezz tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, b'rieżami ta' 14-il Stat Membru u b'konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. Ir-rappreżentanti nazzjonali tas-sħab soċjali kienu preżenti u taw il-fehma tagħhom dwar is-sitwazzjoni attwali. Billi l-funzjonament tad-djalogu soċjali huwa speċifiku għal kull pajjiż, ir-rieżami żvela xi sfidi li huma komuni għal diversi Stati Membri li ġew rieżaminati. Dawn kienu jinkludu kwistjonijiet ta' kapaċità fost is-sħab soċjali u l-ħtieġa għal konsultazzjoni iktar prevedibbli, siewja u f'waqtha tas-sħab soċjali li tkopri fażijiet differenti ta' riformi. Fl-aħħar nett, il-konklużjonijiet tal-eżerċizzju ta' sorveljanza multilaterali flimkien ma' analiżi ulterjuri inklużi fir-rapporti tal-pajjiżi sarrfu f'enfasi qawwija fuq ir-rwol tad-djalogu soċjali fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, li ġew proposti mill-Kummissjoni f'Mejju u li ġew adottati mill-Kunsill f'Lulju 2018. Għal żewġ Stati Membri (l-Ungerija u r-Rumanija) ir-rakkomandazzjonijiet isejħu b'mod espliċitu għal titjib tad-djalogu soċjali, filwaqt li għal diversi Stati Membri oħra, jitfakkru fil-premessi r-rwol tas-sħab soċjali, inkluż f'xi każijiet, l-isfidi eżistenti. F'xi każijiet hemm lok għal titjib tal-kapaċità tas-sħab soċjali u biex jingħataw qafas adegwat għal konsultazzjoni prevedibbli u f'waqtha rigward it-tfassil tal-politiki u partikolarment ir-riformi, inkluż fl-istadji ewlenin kollha tas-Semestru Ewropew.

**Il-konsultazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili taqdi wkoll rwol importanti biex jiġi żgurat li r-riformi jitfasslu u jiġu implimentati b'mod effettiv.** Kif enfasizzat fil-Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati f'Lulju 2018, l-Istati Membri għandhom iqisu l-esperjenza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-kwistjonijiet soċjali u tal-impjiegi, fejn ikun rilevanti u għandhom jibnu fuq prattiki nazzjonali eżistenti. Sabiex l-

[81] Eurofound (2016), "The concept of representativeness at national, international and European level".

involviment tagħhom ikun siewi fl-identifikazzjoni tal-isfidi u tal-irmedji ta' politika, huwa importanti li d-djalogu jkun imnebbaħ mill-prinċipji ta' ftuħ, ta' pluraliżmu u ta' trasparenza. L-evidenza preliminari[82] tissuġġerixxi li l-livell ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili jvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, fir-rigward kemm is-Semestru Ewropew u b'mod iktar ġenerali u kemm fir-rigward tal-konsultazzjoni dwar ir-riformi ppjanati. Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati jaf tkun diffiċli li ssir f'pajjiżi fejn is-soċjetà ċivili tkun inqas organizzata: b'mod partikolari, il-kapaċità insuffiċjenti biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fid-dibattitu ta' politika jaf tkun problema f'xi Stati Membri.

### *3.3.2 Ir-rispons ta' politika*

**F'xi Stati Membri qegħdin isiru riformi fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjieg, bl-għan li jinkiseb bilanċ aħjar bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà u tiġi evitata s-segmentazzjoni.** F'Jannar 2018, bħala parti minn riforma usa' tal-liġi tax-xogħol, Franza introduċiet referenza obbligatorja għall-anzjanità abbażi tal-età għall-kumpens lill-impjegati f'każ ta' sensji illegali minħabba raġunijiet ekonomiċi, bl-għan li żżid il-koerenza tal-ammonti relatati ma' każijiet simili u biex tiffaċilita r-riżoluzzjoni tal-litigazzjoni fl-istadju tal-konċiljazzjoni. Sabiex jikkumpensaw għal dan, il-benefiċċji tal-qgħad f'każ ta' sensji ġustifikati ekonomikament se jiżdiedu b'25 %. Barra minn hekk, permezz ta' ftehim b'maġġoranza, il-kumpaniji jistgħu jimplimentaw ir-"Rupture Conventionnelle Collective" (RCC), jiġifieri l-proċedura ta' riżenja miftiehma reċiprokament bi skambju għal kumpens għall-impjegat (li ma jistax ikun inqas mill-benefiċċju individwali tal-qgħad), wara negozjar mat-trejdjunjins. L-użu ta' dan il-mekkaniżmu għandu jiġi validat mill-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari biex jiġu evitati l-abbużi. Il-medda ta' żmien biex tinfetaħ kawża biex tikkontesta sensja (għajr f'każijiet ta' fastidju u ta' diskriminazzjoni) tnaqqset minn sentejn għal sena. Barra minn hekk, f'Diċembru 2017, ir-regoli dwar in-negozjar kollettiv ġew rieżaminati biex jiġi limitat l-ambitu tal-valutazzjoni tad-diffikultajiet finanzjarji li jiġġustifikaw sensja kollettiva; il-valutazzjoni biex jiġu vvalutati d-diffikultajiet ekonomiċi ta' kumpanija, issa hija ristretta għat-territorju nazzjonali, minflok l-ambitu dinji li jagħti iktar lok għall-kumpaniji biex jiġġustifikaw is-sensji kollettivi. Fil-Belġju, fl-2018, il-perjodi ta' avviż (notice) tqassru matul il-perjodu tal-bidu ta' kull kuntratt ta' impjieg ġdid (minn

[82] Kif intqal, pereżempju, matul is-seminar "The Social Pillar and European Semester as tools for delivering social Europe – a reflection with civil society" (Il-Pilastru Soċjali u s-Semestru Ewropew bħala għodda għat-twassil ta' Ewropa soċjali – riflessjoni mas-soċjetà ċivili), li sar fit-2 ta' Ottubru 2018 fi Brussell.

ġimagħtejn għal ġimgħa matul l-ewwel tliet xhur, u minn erba' ġimgħat għal tliet ġimgħat matul ir-raba' xahar). Fil-Kroazja, fl-2017, Emenda għall-Att dwar ix-Xogħol introduċiet mill-ġdid il-possibbiltà, li kienet ġiet abolita fl-2014, għal min iħaddem biex iressaq pretensjoni quddiem il-qorti biex jingħeleb ir-rifjut tal-kunsill tax-xogħol li jagħti l-kunsens tiegħu għas-sensja tal-impjegati protetti (eż. l-impjegati li huma membri tal-kunsill tax-xogħol, l-impjegati b'diżabbiltà, l-impjegati iktar imdaħħlin fiż-żmien, eċċ.). Fl-Italja, dan l-aħħar żdied il-kumpens għall-ħaddiema f'każ ta' sensji inġusti.

**Għadd ta' Stati Membri qegħdin jippjanaw iktar miżuri f'dan il-qasam, li jistgħu jiġu adottati fil-ġejjieni qarib.** Fin-Netherlands, f'April 2018, (abbozz ta') pakkett ta' miżuri komprensivi ġie ppreżentat għall-konsultazzjoni pubblika, bl-intenzjoni li jinkiseb bilanċ aħjar fil-liġi dwar il-protezzjoni tal-impjieg. Il-pakkett jinkludi l-introduzzjoni ta' raġuni addizzjonali (l-hekk imsejħa "raġuni ta' akkumulazzjoni") għas-sensja ta' impjegati b'kuntratt permanenti; l-estensjoni possibbli tal-perjodu ta' prova għall-kuntratti permanenti (minn xahrejn għal ħames xhur); l-estensjoni tal-perjodu ta' żmien tal-kuntratti temporanji suċċessivi għal tliet snin (minflok sentejn biss bħal qabel); u l-possibbiltà li ssir distinzjoni bejn il-kontribuzzjonijiet tal-qgħad skont it-tip ta' kuntratt. Fil-Finlandja, il-gvern qiegħed iħejji emenda għall-Att dwar il-Kuntratti tax-Xogħol, bl-għan li jiġu ssimplifikati l-kriterji għall-għoti tas-sensja individwali fin-negozji li jimpjegaw 10 persuni jew inqas. L-objettiv huwa li jitnaqqas il-livell limitu għar-reklutaġġ ta' impjegati ġodda. Dan ikun ikkombinat ma' reklutaġġ iktar faċli b'kuntratti b'terminu fiss ta' żgħażagħ qiegħda (tal-età ta' inqas minn 30 sena). L-abbozz ta' proposta ġie ċċirkolat għall-kummenti fis-sajf tal-2018. Abbażi tal-kummenti, il-gvern irreveda d-daqs tal-impriżi li jimpjegaw 20 persuna sa dawk li jimpjegaw 10 persuni. Sa issa l-emenda rċeviet fehmiet imħallta fir-rigward tal-ambitu wiesa' taż-żewġ miżuri, li wħud iqisu li mhuwiex immirat biżżejjed.

**Fir-rigward tal-kuntratti temporanji, xi Stati Membri qegħdin jaġixxu biex jistabbilixxu kundizzjonijiet iktar rigorużi għall-użu tagħhom (favur il-prevenzjoni tal-abbużi) jew biex jagħtu iktar libertà għan-negozjar kollettiv fin-negozjar tal-qafas tagħhom.** Fir-Repubblika Ċeka, diversi miżuri immirati lejn il-prevenzjoni tal-abbużi tal-aġenziji tax-xogħol temporanju saru operazzjonali f'Lulju 2017; dawn jinkludu sanzjonijiet iktar ħorox għar-rappreżentant responsabbli ta' aġenzija tax-xogħol temporanju li jkun tilef il-liċenzja tiegħu minħabba ksur ta' obbligi. Fis-Slovenja, saru emendi għall-Att dwar l-Ispezzjonijiet tax-Xogħol li kienu mmirati lejn il-prevenzjoni tal-użu illegali ta' forom atipiċi ta' xogħol, inkluż ix-xogħol abbażi ta' kuntratti tal-liġi ċivili, u lejn l-għoti ta' sanzjonijiet lil dawk li

jħaddmu li ma jħallsux il-pagi fil-pront. B'mod partikolari, meta spettur jistabbilixxi li x-xogħol ikun twettaq b'mod illegali abbażi ta' kuntratt tal-liġi ċivili, min iħaddem ikun obbligat joffri kuntratt ta' impjieg adegwat lill-ħaddiem fi żmien tlett ijiem. Franza ppermettiet lin-negozjar fil-livell settorjali jipprevali fuq il-liġi nazzjonali tax-xogħol fir-rigward tal-iffissar tal-qafas tal-użu ta' kuntratti b'terminu fiss u ta' kuntratti temporanji (ara l-Kapitolu 3.1). Il-ftehimiet fil-livell tal-kumpaniji jistgħu jkunu inqas favorevoli minn dawk fil-livell tal-fergħat, peress li titneħħa l-kapaċità ta' ffissar ta' "klawżoli ta' lockdown" għal dawn tal-aħħar. Fil-Portugall, pakkett komprensiv ta' miżuri biex tiġi indirizzata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol ġie miftiehem mas-sħab soċjali f'Ġunju 2018 (huwa mistenni li l-pakkett jiddaħħal fil-leġiżlazzjoni sal-aħħar tal-2018). Il-bidliet jinkludu: it-tnaqqis tat-tul ta' żmien massimu tal-kuntratti b'terminu fiss minn tliet snin għal sentejn (inkluż it-tiġdid), b'tul ta' żmien totali ta' tiġdid li ma jaqbiżx it-tul ta' żmien tal-perjodu inizjali; it-tnaqqis tat-tul ta' żmien massimu tal-kuntratti indeterminati ("contratos de trabalho a termo incerto") minn sitt snin għal erba' snin; il-limitazzjoni tal-ambitu tal-ġustifikazzjonijiet għall-użu ta' kuntratti temporanji għall-ħaddiema iżgħar u tal-persuni qiegħda fit-tul. Fl-istess ħin, il-perjodu ta' prova se jiżdied għal 180 jum għall-kuntratti tal-ewwel darba kif ukoll għall-persuni qiegħda fit-tul li jkunu għadhom kemm ġew irreklutati. Il-ftehim bejn tliet partijiet isejjaħ ukoll għall-intaxxar tal-fatturat tax-xogħol eċċessiv, fejn id-definizzjoni ta' eċċessiv (skont is-settur) trid tiġi definita fil-qafas ta' digriet regolatorju, bl-involviment tas-sħab soċjali. Fl-aħħar nett, il-Greċja qiegħda tippjana li żżid il-protezzjoni tal-ħaddiema li jwettqu xogħol b'ikkuntrattar. Għall-ewwel darba, se tiġi introdotta sistema integrata ta' regoli li jistabbilixxu r-responsabbiltà reċiproka u konġunta tal-entità tal-ikkuntrattar, tal-kuntrattur u tas-sottokuntrattur għall-ħaddiema li jwettqu xogħol b'ikkuntrattar. Dan iwessa' l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fir-rigward tal-pagi, il-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni, il-pagamenti għal min jingħata s-sensja u l-kumpens f'każ ta' aċċident fil-post tax-xogħol. Fl-Italja, it-tul ta' żmien massimu tal-kuntratti temporanji naqas minn 36 xahar għal 24 xahar. L-għadd massimu ta' estensjonijiet tnaqqas minn ħamsa għal erbgħa u, wara t-12-il xahar, l-estensjonijiet jitħallew isiru biss jekk jingħataw raġunijiet ġodda ta' ġustifikazzjoni b'mod formali. Il-liġi żiedet ukoll il-kontribuzzjoni addizzjonali tas-sigurtà soċjali mħallsa minn min iħaddem għat-tiġdid tal-kuntratti temporanji b'0,5 pps. Fl-aħħar nett, il-kwota ta' impjegati b'kuntratti temporanji żdiedet minn 20 % għal 30 % tat-total ta' impjegati, iżda issa tinkludi wkoll il-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija.

**Xi innovazzjonijiet qegħdin jiġu introdotti fir-rigward ta' forom ġodda ta' xogħol, inkluż il-ħaddiema permezz ta' pjattaforma u l-ħaddiema awtonomi.** Fi Franza, ġiet introdotta l-adozzjoni volontarja ta' karta soċjali mill-pjattaformi onlajn fir-rigward tal-ħaddiema indipendenti. Din il-karta għandha tikkonsisti minn sett ta' prinċipji li japplikaw għall-ħaddiema indipendenti rreġistrati fi pjattaformi onlajn, inkluż il-parteċipazzjoni tal-pjattaformi fl-assigurazzjoni għall-aċċidenti tax-xogħol u l-finanzjament obbligatorju mill-pjattaformi ta' taħriġ li japplika għall-ħaddiema indipendenti. Fil-Belġju, l-użu ta' "impjiegi flessibbli" (li diġà kienu jeżistu fis-settur HORECA) ġie estiż għal setturi oħra, b'mod partikolari tal-konsumatur; il-pensjonanti u kwalunkwe ħaddiem b'kuntratt għal minn tal-inqas erba' minn ħamsa ta' full-time jistgħu japplikaw għal impjieg flessibbli. Id-dħul mill-impjiegi flessibbli mhumiex soġġetti għat-tassazzjoni u għall-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali min-naħa tal-impjegati, filwaqt li min iħaddem iħallas kontribuzzjonijiet imnaqqsa tas-sigurtà soċjali. Fi Spanja, ir-riforma tal-2017 tal-Liġi dwar il-Ħaddiema Awtonomi tipprova ttejjeb il-kwalità tal-impjiegi tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, inkluż il-protezzjoni soċjali u s-sikurezza fil-post tax-xogħol. Il-miżuri l-ġodda jestendu r-rata fissa ta' EUR 50 tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali minn sitt xhur għal 12-il xahar, u jintroduċu livell ogħla ta' flessibbiltà meta jiġu deċiżi l-ammonti. Ir-riforma twassal ukoll biex il-pagamenti tal-pensjonijiet ikunu kompatibbli max-xogħol freelance, tippromwovi l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-aċċess aħjar għat-taħriġ. Fl-Irlanda, l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Impjieg tal-2017 jindirizza għadd ta' oqsma tal-leġiżlazzjoni attwali dwar l-impjieg, fir-rigward tal-impjegati b'pagi baxxi u iktar vulnerabbli. L-għan tal-Abbozz ta' Liġi huwa li jiżgura li l-impjegati jkunu infurmati aħjar dwar in-natura tal-arranġamenti tal-impjieg tagħhom (u t-termini ewlenin tagħhom) fi stadju bikri – qiegħed jiġi stabbilit reat ġdid għan-nuqqas ta' provvista ta' termini ewlenin fi żmien perjodu speċifikat mingħand min iħaddem. Barra minn hekk, il-kuntratti ta' żero sigħat huma pprojbiti fil-biċċa l-kbira taċ-ċirkostanzi; ġiet introdotta dispożizzjoni ta' "saff ta' sigħat" sabiex l-impjegati b'kuntratti ta' ftit sigħat li jaħdmu b'mod konsistenti għal sigħat żejda meta mqabbla ma' dawk previsti fil-kuntratti tagħhom, ikunu intitolati li jitqiegħdu f'saff ta' sigħat li jirrifletti aħjar ir-realtà; ġie introdott pagament minimu mtejjeb għall-impjegati li jintalbu jaħdmu għal perjodu iżda effettivament ma jkunux ipprovdew xogħol. Fil-Portugall, l-introduzzjoni ppjanata ta' "Contrato Geracao" fiha żewġ aspetti: l-introduzzjoni ta' sostenn finanzjarju għall-kumpaniji li jirreklutaw fl-istess ħin persuna qiegħda żagħżugħa (jew persuna żagħżugħa li tkun qiegħda tfittex għall-ewwel impjieg) u persuna qiegħda fit-tul li tkun iktar imdaħħla fiż-żmien; u sostenn għall-impjieg taż-żgħażagħ flimkien mal-irtirar parzjali ta' ħaddiem iktar imdaħħal fiż-żmien.

**Xi Stati Membri ħadu miżuri fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, li mhux dejjem wasslu għal iktar adattabbiltà.** Fil-Belġju, għadd ta' obbligi fir-rigward tax-xogħol part-time ġew immodernizzati u ssimplifikati fl-2017, b'mod partikolari t-tnaqqis tal-formalitajiet fl-istabbiliment ta' skedi tax-xogħol fissi jew varjabbli, kif ukoll in-notifika u s-sorveljanza tad-devjazzjonijiet. Barra minn hekk, il-qafas ġuridiku biex jiġu "salvati l-karrieri" sar applikabbli minn Frar 2018. Diment li jkun hemm ftehim fil-livell settorjali jew tal-impriża, dan il-qafas jippermetti lill-impjegati jwarrbu xi "ħin tal-liv" biex jakkumulawh u jużawh iktar tard. Fl-aħħar nett, ġiet issimplifikata l-proċedura biex ix-xogħol ta' billejl u x-xogħol fil-Ħdud jiġi introdott fil-kuntest tal-kummerċ elettroniku. Fi Franza, il-mandat tal-*accords de competitivité* ("ftehimiet dwar il-kompetittività") ġie estiż (ara l-Kapitolu 3.1). Bħala parti mill-ftehim bejn tliet partijiet flimkien mas-sħab soċjali fir-rigward tar-riforma tal-liġi tax-xogħol, il-Portugall qiegħed jippjana li jelimina "l-ammonti ta' sigħat" individwali u dawk kollettivi abbażi ta' ftehimiet individwali. Il-ftehimiet diġà fis-seħħ se jiskadu mhux iktar minn sena wara l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda. Il-ftehimiet ġodda se jsiru fil-qafas ta' negozjar kollettiv jew ta' ftehimiet bħala grupp, li jridu jintlaħqu wara li ssir konsultazzjoni mal-ħaddiema. Il-miżura tispeċifika l-limiti ta' sigħat kuljum, ir-rati ta' approvazzjoni mill-ħaddiema u l-użu tal-prinċipju tal-iktar trattament favorevoli.

**Diversi Stati Membri adottaw miżuri biex jipprevjenu l-użu ta' xogħol mhux iddikjarat, itejbu is-sikurezza fil-post tax-xogħol u/jew isaħħu l-ispettorati tax-xogħol.** Fil-Bulgarija, mill-aħħar tal-2017 'il hawn, emenda għal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tirregola t-tneħħija ta' parteċipant fi proċedura tal-akkwist pubbliku, meta fil-perjodu ta' tliet snin preċedenti tkun ġiet imposta penali għall-użu ta' xogħol mhux iddikjarat. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għas-sottokuntratturi, li b'mod prinċipali huma impriżi żgħar u mikroimpriżi (sikwit fis-settur tal-kostruzzjoni). Jitwettqu wkoll kampanji ta' informazzjoni biex iżidu l-għarfien tal-gruppi f'riskju dwar l-iżvantaġġi marbuta mal-pagi fuq l-idejn għal xogħol mhux iddikjarat, b'mod partikolari f'termini ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Fl-2018, il-Greċja lestiet l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn il-bażijiet tad-*data* ta' diversi ministeri u tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, kif ukoll tal-pulizija. Barra minn hekk, ġiet rieżaminata s-sistema ta' multi imposti fuq dawk li jħaddmu ħaddiem dipendenti mingħajr ma jiddikjarawh, bi tnaqqis sostanzjali jekk min iħaddem jirrekluta l-ħaddiem mhux iddikjarat b'kuntratt full-time fi żmien għaxart ijiem mill-ispezzjoni (il-miżura għandha l-għan li tinċentiva t-trasformazzjoni tax-xogħol mhux iddikjarat f'xogħol formali). Fi Spanja, il-Pjan Strateġiku 2018-2020, miftiehem mal-komunitajiet awtonomi u f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali,

għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċità tal-ispettorati tax-xogħol u li jistruttura l-azzjonijiet tagħhom b'mod konkret u li jista' jitkejjel. Dan il-Pjan jagħti attenzjoni wkoll lill-isfidi li jirriżultaw mill-forom l-ġodda ta' xogħol, lill-kundizzjonijiet tax-xogħol u lin-nondiskriminazzjoni fil-post tax-xogħol. Fl-Estonja, emenda għall-Att dwar is-Saħħa Okkupazzjonali u s-Sikurezza fil-Post tax-Xogħol, adottata f'Mejju 2018 ittejjeb il-protezzjoni kontra l-perikli għas-saħħa fil-post tax-xogħol u tiżgura li l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza u l-provvista ta' taħriġ fl-ewwel għajnuna jkunu adattati għall-ispeċifiċitajiet tal-kumpanija. Kif imsemmi hawn fuq, is-Slovenja qiegħda tieħu azzjoni biex tipprevjeni l-użu illegali ta' forom atipiċi ta' xogħol. Barra minn hekk, l-Ispettorat tax-Xogħol jingħata iktar setgħat biex jinvestiga l-każijiet ta' nuqqas ta' ħlas tal-pagi (waħda mill-iktar vjolazzjonijiet frekwenti mill-2009 'l hawn). F'Ċipru se jiġi promoss rieżami tas-sistema tal-ispezzjonijiet tax-xogħol sabiex jittejbu l-effettività u l-effiċjenza tagħhom fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat. Dan ikun jinkludi multi ikbar u l-introduzzjoni ta' dikjarazzjoni elettronika tal-bidu tal-impjieg. Barra minn hekk, abbozz ġdid ta' liġi li jipprevedi l-ħolqien ta' Spettorat Ċentralizzat tax-Xogħol tressaq għall-approvazzjoni fix-xhur li ġejjin. Fil-Portugall għaddej il-proċess ta' reklutaġġ ta' spetturi tax-xogħol u l-ftuħ ta' kompetizzjonijiet ġodda. Barra minn hekk, bil-ħsieb li jiskoraġġixxi x-xogħol mhux iddikjarat jew sottodikjarat, il-Portugall qiegħed jippjana li jestendi t-tul ta' żmien massimu ta' kuntratti fuq medda qasira ħafna ta' żmien minn 15-il jum għal 35 jum (b'tul ta' żmien annwali massimu ta' 70 jum mal-istess persuna li tħaddem). It-trasparenza fl-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija se tissaħħaħ, u b'hekk l-informazzjoni dwar ir-raġuni tat-terminazzjoni ta' kuntratt bejn l-azjenda tal-utenti u l-aġenzija tax-xogħol temporanju ssir obbligatorja.

**Il-miżuri ta' politika li ttieħdu mill-Istati Membri biex isaħħu s-sistemi tal-ALMPs tagħhom huma pjuttost ftit minkejja l-isfidi li għad hemm.** Il-Greċja qiegħda timplimenta sistema ġdida ta' twassil tal-ALMPs, bl-għan li żżid l-effettività tal-politiki ta' attivazzjoni permezz ta' attivitajiet ta' tfassil ta' profili u ta' tlaqqigħ tal-ħaddiema mas-suq tax-xogħol. L-immirar aħjar tal-ALMPs jibqa' kruċjali sabiex dawn ir-riformi jiksbu eżiti aħjar, u sa issa ġie varat proġett pilota għal iktar minn 2 000 persuna qiegħda f'uffiċċju lokali wieħed tal-impjieg. Ċipru vara l-fażi pilota ta' sistema ġdida li għadha kemm ġiet żviluppata ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għall-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol li tippermetti li tittejjeb l-effettività tal-miżuri tas-suq tax-xogħol. B'hekk dawk li jfasslu l-politika se jkunu jistgħu ifasslu u jirrevedu l-programmi tas-suq tax-xogħol li għaddejjin attwalment. Fi Spanja ġie żviluppat qafas strateġiku wiesa' għall-koordinazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-

Impjiegi. Din il-miżura tistabbilixxi l-qafas organizzattiv għall-azzjonijiet kollha implimentati fis-Sistema Nazzjonali Spanjola tal-Impjiegi matul l-2017-2020 u sservi bħala bażi għat-tfassil u għall-ġestjoni ta' politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol, ta' azzjonijiet ta' taħriġ u ta' ħafna strateġiji oħra tas-servizzi pubbliċi reġjonali tal-impjiegi, filwaqt li tistabbilixxi wkoll il-qafas għad-definizzjoni tal-prinċipji, tal-miri, tal-istrumenti u tar-riżorsi finanzjarji.

**L-Istati Membri għadhom qegħdin iwettqu l-prijoritizzazzjoni tal-provvista ta' iktar servizzi individwali**. L-Estonja qiegħda testendi l-ambitu tal-ALMPs għal ċerti persuni impjegati biex jevitaw il-qgħad. Il-grupp fil-mira jinkludi l-persuni li jaħdmu b'kuntratti ta' servizz ftehim jew bi ftehim ta' awtorizzazzjoni u dawk li jaqilgħu l-paga medja nazzjonali. Livelli stabbli ta' infiq tal-PES fuq l-ALMPs kif ukoll ta' riżorsi umani suppost li jindirizzaw l-isfidi li għad hemm. L-Ungerija ħadet passi ulterjuri biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-Iskema tax-Xogħol Pubbliku billi jiġu implimentati programmi li jtejbu t-tranżizzjoni minn dawn il-programmi lejn is-suq tax-xogħol primarju. Programm tal-ħolqien tal-impjiegi jikkwalifika l-impjieg ta' persuna fix-xogħlijiet pubbliċi bħala kategorija ta' sostenn primarju filwaqt li żewġ programmi oħra jipprovdu inċentivi jew bonusijiet ta' reklutaġġ jew jistabbilixxu mentoraġġ għall-persuni ġejjin minn skemi tax-Xogħol Pubbliku sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol primarju.

**Għadhom qegħdin jiġu promossi miżuri biex jittejbu l-komponenti tat-taħriġ tal-ALMPs**. Fil-Kroazja ġie adottat pakkett ġdid ta' disa' miżuri attivi dwar is-suq tax-xogħol. Fil-pakkett il-ġdid issir iktar enfasi fuq it-taħriġ u t-taħriġ fil-post tax-xogħol, speċjalment għaż-żgħażagħ, għall-ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien u l-persuni qiegħda fit-tul. Is-sussidji għall-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom se jiġu stimolati iktar ukoll. Barra minn hekk, is-sussidji se jingħataw lil min iħaddem biex jagħtu sostenn lill-impjieg ta' ħaddiema fil-kategorija ta' età ta' 50 sena jew iktar. Franza qiegħda tkompli tinvesti fit-taħriġ vokazzjonali u fl-apprendistati, permezz tal-*Plan d'Investissement dans les compétences* ("Pjan ta' Investiment fil-Kompetenzi", ara l-Kapitolu 3.2). L-objettiv huwa li jiġi pprovdut taħriġ ta' kwalifika lil miljun persuna qiegħda b'livelli baxxi ta' kwalifiki u lil 800 000 NEETs żgħażagħ parzjalment permezz tat-tħejjija għall-apprendistati.

**Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) qegħdin isegwu l-aġenda ta' riformi tagħhom, bl-għan li tiżdied il-kapaċità istituzzjonali fiż-żminijiet ta' tnaqqis fil-qgħad.** Għal dan l-għan, kulma jmur il-PES qegħdin jibbenefikaw iktar mill-involviment tagħhom fil-"proġett tat-tagħlim komparattiv" imwettaq fil-qafas tan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-

Impjiegi. Mill-2015 'il hawn, it-tagħlim komparattiv jagħti sostenn lill-PES fl-iżvilupp tal-għarfien tal-kwalitajiet pożittivi tal-persuni kif ukoll fit-titjib ulterjuri bl-għan li jitwassal servizz aħjar lill-klijenti tal-PES. Peress li l-għadd ta' persuni rreġistrati li kienu qegħdin ifittxu impjieg naqas b'mod kostanti matul dawn l-aħħar snin, is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi huma mitluba biex b'mod strateġiku jallokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom skont il-ħtiġijiet tal-klijenti. Ċerti gruppi fil-mira bħall-persuni qiegħda fit-tul u għadd dejjem jikber ta' ħaddiema iktar imdaħħlin fiż-żmien jibqgħu jeħtieġu sostenn intensiv peress li l-biċċa l-kbira tal-PES qegħdin jiffaċċjaw tal-klijentela li qiegħda tixjieħ. Il-Litwanja qiegħda timmodifika x-xogħol tal-PES filwaqt li tottimizza r-riżorsi, bl-għan li jittejjeb ix-xogħol mal-klijenti u jitnaqqas il-volum ta' każijiet minn iktar minn 400 każ għal inqas minn 300 każ għal kull entità tal-ġestjoni tal-każijiet. F'Ċipru, it-Titjib u l-Immodernizzar tal-PES 2014-2020 jitwettqu permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' riforma għat-tisħiħ ta' tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi tiegħu. Dan l-aħħar, 20 konsulent addizzjonali ġew irreklutati sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw il-mandat attwali tagħhom b'mod iktar effettiv u effiċjenti, fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol. Miżuri addizzjonali jinkludu t-taħriġ tal-konsulenti tal-impjieg, it-taħriġ tal-uffiċjali tal-PES, it-titjib tas-Sistema ta' Kollokament tal-Kandidati tal-PES (CPS), il-ħolqien ta' pjattaforma tal-IT, kif ukoll it-titjib tas-servizzi kemm għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg u kemm għal min iħaddem. Fl-2018, Spanja ħadet passi biex ittejjeb l-impjieg pubbliku u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-Ministeru u s-sħab soċjali ffirmaw dokument fejn ħadu impenn biex jippromwovu miżuri għall-impjegati taċ-ċivil biex jirkupraw il-kapaċità tal-akkwist tagħhom u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Din il-miżura tippreċedi ftehim ta' April 2017 biex l-ammont kumplessiv ta' kuntratti temporanji fis-Settur Pubbliku jitnaqqas għal 8 % fl-2020 permezz ta' kompetizzjonijiet ta' reklutaġġ għal karigi permanenti (xi 250 000). Fil-Greċja, il-proċess ta' ristrutturar tal-PES kompla matul l-2017-2018 sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi. Fil-ħarifa tal-2017 ġie varat proġett pilota għal metodoloġija ġdida ta' tfassil ta' profili li beda jiġi introdott fl-2018. Attwalment qiegħda tiġi żviluppata għodda ġdida ta' valutazzjoni tal-ħiliet. Ir-reklutaġġ ta' konsulenti addizzjonali tal-impjieg li beda fl-ewwel semestru tal-2018 għandu jwassal biex il-forza tax-xogħol tal-konsulenti kważi tirdoppja sal-aħħar tal-2018. Fl-aħħar nett, l-Awstrija ħadet passi għall-evalwazzjoni u għat-tfassil ta' ġestjoni iktar effettiva tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, b'mod partikolari permezz tar-rieżami u tar-reviżjoni tal-istrumenti kollha tal-PES għall-integrazzjoni mill-ġdid effiċjenti

u effettiva fis-suq tax-xogħol. It-taħriġ u l-kwalifiki speċifiċi għall-impjiegi f'kooperazzjoni ma' min iħaddem qegħdin jiġu prijoritizzati flimkien ma' iktar inċentivi għall-impjieg.

**Il-PES huma mitluba jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom ma' min iħaddem u mal-awtoritajiet lokali sabiex jiġu ssodisfati aħjar ir-rekwiżiti iktar rigorużi tas-swieq tax-xogħol.** F'dak ir-rigward, il-PES qegħdin jiżviluppaw strateġiji komprensivi ta' involviment ta' min iħaddem, billi jiddefinixxu approċċi differenti fir-rigward tas-segmentazzjoni ta' min iħaddem u l-organizzazzjoni tas-servizzi għal min iħaddem. Il-biċċa l-kbira tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi stabbilixxu livelli ċentrali ta' koordinazzjoni tas-servizzi ta' min iħaddem, għalkemm jipprovdu wkoll servizzi għal min iħaddem fil-livelli reġjonali u lokali. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-PES jiddefinixxu standards minimi komuni tat-twassil tas-servizz għal min iħaddem, inkluż il-kejl tas-sodisfazzjon. Fl-Italja u fi Spanja, l-aġenziji ċentrali tal-PES, l-ANPAL u s-SEPE rispettivament, qegħdin jiffaċilitaw attivitajiet ta' apprendiment reċiproku bejn ir-reġjuni sabiex ikun hemm skambju dwar il-prattiki tajbin li jippermettu li jittejbu s-servizzi għal min iħaddem. Fil-Litwanja, il-PES qegħdin jippjanaw li joħolqu mudell għall-kooperazzjoni bejn il-muniċipalità u l-PES fir-rigward tal-provvista komuni ta' miżuri ta' attivazzjoni tar-riċevituri tal-assistenza soċjali. Flimkien ma' dan il-mudell irid ikun hemm ukoll pjan ta' implimentazzjoni.

**L-Istati Membri komplew jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-qgħad fit-tul[83].** Awtovalutazzjoni tal-Istati Membri fl-2018 uriet li b'mod kumplessiv, meta mqabbel mal-2016, kien hemm żieda ta' 15 % fil-punteġġi, fejn l-iktar progress importanti ntlaħaq fl-Istati Membri b'sistemi inqas avvanzati. B'mod iktar speċifiku, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-persuni qiegħda, il-pajjiżi adottaw approċċi u inċentivi differenti li jħeġġu r-reġistrazzjoni. L-iktar effettivi kienu dawk fejn ir-reġistrazzjoni kienet marbuta mal-intitolament għal xi forom ta' benefiċċji jew ta' servizzi. Madankollu, għad hemm lok għal titjib fl-involviment ta' tal-persuni inattivi f'diversi Stati Membri (eż. il-Bulgarija, l-Estonja u r-Rumanija). Hemm ukoll diversi approċċi għall-provvista ta' punt uniku ta' kuntatt għas-servizzi: xi pajjiżi ppruvaw jintegraw is-servizzi kollha f'punt wieħed (eż. il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda), filwaqt li oħrajn għandhom "punt intermedjarju" li jikkollega istituzzjonijiet jew awtoritajiet differenti (eż. Ċipru u n-Netherlands). Il-koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet u s-servizzi soċjali u tal-impjieg għadha sfida f'ħafna Stati

83 Dan il-paragrafu huwa bbażat fuq il-konklużjonijiet tar-Rieżami Tematiku tal-EMCO dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol tat-3 ta' Ottubru 2018. Attwalment għaddejja evalwazzjoni fid-dettall u se tiġi ppubblikata kmieni fl-2019, flimkien ma' rapport lill-Kunsill.

Membri (eż. il-Kroazja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, ir-Rumanija u Spanja); ħafna drabi din tiġi kkumplikata minħabba sfidi marbuta mal-protezzjoni tad-*data* u mar-riżorsi. Filwaqt li hemm miżuri ppjanati biex itejbu dan l-aspett, xorta waħda għad fadal biex l-implimentazzjoni sseħħ fil-prattika. Il-Ftehimiet ta' Integrazzjoni f'Impjieg f'xi forma jew oħra huma stabbiliti fi kważi l-Istati Membri kollha iżda hemm xi elementi neqsin, b'mod partikolari l-valutazzjonijiet (mill-ġdid) fil-fond meta jkunu meħtieġa. Xi Stati Membri (eż. ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja u s-Slovakkja) għadhom iridu jimxu lejn approċċ iktar immirat/individwalizzat fir-rigward tal-ġestjoni tal-każijiet tal-persuni qiegħda fit-tul. Hemm ħafna attivitajiet differenti li jitwettqu bħala involviment ma' min iħaddem. Il-ftehimiet mas-sħab soċjali ġeneralment ikunu fis-seħħ, għalkemm dawn mhux dejjem jintużaw għal-livell lokali. Xi Stati Membri (eż. il-Greċja, il-Portugall, is-Slovenja u l-Iżvezja) qegħdin jallokaw persunal tal-PES biex jaħdmu ma' min iħaddem: dan jidher li huwa approċċ tajjeb; madankollu, xorta waħda jeħtieġ li jsir titjib f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fil-forma ta' sħubijiet u ta' approċċi iktar strateġiċi (eż. il-Kroazja, Franza u l-Italja).

**L-Istati Membri qegħdin jagħtu sostenn iktar individwalizzat għall-persuni qiegħda fit-tul u servizzi integrati aħjar**. Fil-Bulgarija, issa l-Ftehimiet ta' Integrazzjoni f'Impjieg jiġu ffirmati bejn il-persuna qiegħda fit-tul u l-uffiċċju tax-xogħol, inkluż il-proposti għal servizzi speċifiċi ta' impjieg u r-referenza għal servizzi pprovduti minn istituzzjonijiet oħra. Minn Jannar 2018, it-timijiet konġunti mobbli ta' konsulenza tal-familja u tax-xogħol tal-Aġenzija tal-Impjieg u l-persunal tal-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali jipprovdu servizzi komprensivi u integrati għall-persuni qiegħda f'żoni remoti. Fir-Rumanija, hemm proġett pilota għaddej bl-għan li jinħolqu timijiet integrati biex jiġu indirizzati diversi sfidi fl-istess ħin: sfidi soċjali, edukattivi u mediċi, anke fi sħubija mal-PES. Il-proġett se jiggwida dan l-approċċ f'139 komunità fost l-iktar komunitajiet żvantaġġati, magħżula abbażi tal-mapep tal-faqar u l-kriterji miftiehma mill-Gvern. Iktar 'il quddiem huwa previst li l-proġett jitwessa' għal iktar komunitajiet. Is-Slovenja adottat programmi ta' attivazzjoni soċjali 2017-2020 bl-għan li jħeġġu l-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tat-12 500 persuna vulnerabbli li diffiċli l-iktar li jiġu impjegati. L-għan huwa li dawn il-persuni jingħataw kompetenzi li jqarrbuhom lejn l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol. Fl-Irlanda, l-iskema volontarja YESS ("Skema ta' Sostenn għall-Impjieg taż-Żgħażagħ") hija mmirata lejn iż-żgħażagħ li jkunu qegħdin ifittxu impjieg u li jkunu qiegħda fit-tul jew li jħabbtu wiċċhom ma' ostakli sinifikanti biex jiksbu impjieg. L-iskema YESS għandha l-għan li tagħti opportunità ta' apprendiment ta' ħiliet bażiċi soċjali u tax-xogħol f'ambjent ta' sostenn waqt kollokament fil-post tax-xogħol. It-tul ta' żmien

standard għall-kollokamenti ta' esperjenza fil-post tax-xogħol ikun ta' tliet xhur, għalkemm ikun hemm l-għażla biex dan jiġi estiż għal sitt xhur jew għal disa' xhur wara li jsir rieżami tal-progress minn ħaddiem dipartimentali tal-ġestjoni tal-każijiet.

**Is-sussidji u l-inċentivi saru miżura ta' politika komuni għall-integrazzjoni ta' persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol.** Ċipru vara programm dwar il-provvista ta' inċentivi għar-reklutaġġ ta' individwi qiegħda fis-settur privat. Is-sussidju jingħata biss għall-ewwel sitt xhur ta' impjieg. Permezz tal-iskema bbenefikaw 946 impriża u madwar 2 472 parteċipant kisbu impjieg. Fil-Lussemburgu, miżuri ġodda għandhom l-għan li joħolqu impjiegi permanenti ssussidjati għall-persuni qiegħda fit-tul li jissodisfaw il-ħtiġijiet ġodda ta' min iħaddem u huma mmirati lejn il-persuni qiegħda fit-tul li jkollhom 30 sena jew iktar. L-iskema fiha provvediment speċifiku għall-persuni li jkollhom iktar minn 50 sena, li jippermetti r-rimborż totali tal-kostijiet tax-xogħol bi ħlas sal-irtirar. Min-naħa l-oħra, fid-dawl tat-titjib fil-qagħda tas-suq tax-xogħol, Franza naqqset il-volum tal-iskemi ta' impjiegi ssussidjati tagħha (ara wkoll it-Taqsima 3.1.2). Fl-Awstrija ttieħdu miżuri bl-għan li jitnaqqas il-qgħad fit-tul permezz ta' sanzjonijiet iktar ħorox, li jagħmluha iktar diffiċli għall-persuni qiegħda biex jaċċettaw offerti ta' impjieg anke b'distanzi itwal tal-ivvjaġġar sa mhux iktar minn sagħtejn u nofs kuljum u li jikkombinaw il-benefiċċji tal-qgħad u l-assistenza soċjali. Ġeneralment, l-għan huwa li jinħolqu inċentivi iktar qawwijin għall-persuni qiegħda biex jaċċettaw offerta ta' impjieg u jitnaqqas il-qgħad, kif ukoll li tiżdied l-effettività tal-politika tas-suq tax-xogħol. L-Iżvezja introduċiet "impjiegi ta' introduzzjoni", immirati lejn il-persuni qiegħda fit-tul jew lejn l-immigranti li jkunu għadhom kemm waslu fil-pajjiż, li jistgħu jiġu kkombinati b'mod flessibbli mal-edukazzjoni u mat-taħriġ. Is-sussidju tal-paga għall-impjiegi ta' introduzzjoni huwa limitat għal salarju gross ta' SEK 20 000 fix-xahar (madwar EUR 1 950), b'limitu ta' 80 %. Is-sussidji fis-Slovenja huma mmirati lejn l-impjieg permanenti ta' persuni li jkollhom iktar minn 58 sena sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-irtirar. L-inklużjoni ta' prijorità hija prevista għall-benefiċjarji tal-benefiċċji tal-qgħad u tal-assistenza soċjali fi flus kontanti. Is-sussidju jammonta għal EUR 11 000 u jitħallas lil min iħaddem f'żewġ partijiet (nofsu mal-impjieg u n-nofs l-ieħor wara t-18-il salarju).

**Il-kooperazzjoni mas-settur privat qiegħda tkompli ssaħħaħ it-tranżizzjonijiet lejn is-suq tax-xogħol primarju.** Il-ftehimiet tad-dħul fis-suq tax-xogħol qegħdin jiġu ttestjati fl-Iżvezja biex b'hekk il-persuni qiegħda fit-tul, b'enfasi partikolari fuq in-nisa li ma twildux fil-pajjiż, jiksbu impjieg minn min iħaddem li jkun kopert minn ftehim kollettiv dwar il-ftehimiet tad-dħul fis-suq tax-xogħol. Dawn il-ftehimiet huma bbażati fuq proposta mis-sħab soċjali u

għandhom l-għan li jibnu mudell ġdid biex iktar persuni jidħlu fis-suq tax-xogħol u biex jiffaċilitaw il-provvista ta' ħiliet fil-ġejjieni għal min iħaddem, anke permezz ta' korsijiet tal-lingwa bl-Iżvediż u programmi oħra ta' taħriġ fuq medda qasira ta' żmien. F'Malta, l-Iskema tax-Xogħol fil-Komunità, li tikkolloka l-persuni qiegħda fit-tul f'postijiet tax-xogħol, qiegħda tiġi reveduta sabiex jiġi żgurat li dawk li jkunu f'riskju li jinqatgħu mis-suq tax-xogħol jiġu impjegati b'mod formali u jkunu attivi.

**Ir-riformi reċenti fil-qasam tal-benefiċċji tal-qgħad iffokaw l-iktar fuq it-tisħiħ tar-rekwiżiti ta' attivazzjoni.** Fil-Finlandja, minn Jannar 2018 'il hawn, il-persuni qiegħda li jkunu qegħdin ifittxu impjieg, ikunu eliġibbli biss għall-ammont sħiħ ta' benefiċċji tal-qgħad jekk ikollhom ukoll xi introjtu minn xogħol imħallas jew jipparteċipaw f'servizzi li jtejbu l-prospetti ta' impjieg tagħhom (b'xi livelli limitu). Jekk persuna li tkun qiegħda tfittex impjieg tonqos milli turi l-attività meħtieġa matul il-perjodu ta' monitoraġġ ta' 65 jum, il-benefiċċju tal-qgħad imħallas għal dawk il-65 jum jitnaqqas b'4,65 %. Barra minn hekk, il-gvern qiegħed iħejji leġiżlazzjoni li tirrikjedi li l-persuni qiegħda li jkunu qegħdin ifittxu impjieg japplikaw għal impjieg wieħed fil-ġimgħa jew inkella jitnaqqsulhom il-benefiċċji tal-qgħad tagħhom. Attwalment, qiegħda ssir konsultazzjoni mas-sħab soċjali fir-rigward tal-proposta, iżda kemm in-naħa tal-impjegati u kemm dik ta' min iħaddem esprimew xi riżervi fir-rigward tal-proposta, minħabba li tista' twassal biex l-impjegat iħejji l-applikazzjonijiet mingħajr ma jkollu l-intenzjoni li jiġi rreklutat. Fis-Slovenja, minn Ottubru 2017 'il hawn, il-ħaddiema li jingħataw is-sensja huma obbligati jirrapportaw dan lis-servizz tal-impjiegi diġà fil-perjodu tal-avviż f'każ li t-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg tkun seħħet għal raġunijiet kummerċjali jew għal raġunijiet ta' inkompetenza. Jekk il-ħaddiema li jingħataw is-sensja jonqsu milli jagħmlu dan fl-ewwel tliet xhur ta' qgħad jitnaqqsulhom il-benefiċċji tal-qgħad (60 % minflok 80 %) tas-salarju ta' referenza. Barra minn hekk, il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet b'professjonijiet li ma jkunx hemm domanda kbira għalihom jistgħu jibqgħu jirċievu 20 % tal-benefiċċju tal-qgħad tagħhom għal massimu ta' 12-il xahar meta jsibu impjieg. Franza, bħala parti mill-Liġi *Liberté de Choisir son Avenir Professionnel* ("il-libertà li wieħed jagħżel il-ġejjieni professjonali tiegħu"), se tapplika kontroll iktar rigoruż fuq it-tiftix ta' impjieg, u dan se jkun kontrobilanċjat b'żieda ta' miżuri ta' akkumpanjament imfassla apposta. Il-fergħat professjonali huma mistiedna jinnegozjaw il-ftehimiet sabiex jitrawmu forom iktar sostenibbli ta' xogħol, iżda jekk in-negozjar kollettiv ma jirnexxix, il-gvern jista' jintervjeni. Il-persuni li jirċievu l-benefiċċju tal-qgħad se jitħallew iwettqu wkoll attività part-time, taħt kundizzjonijiet iktar restrittivi. Barra minn hekk, il-benefiċċju tal-qgħad, li qabel

kien iffinanzjat esklużivament mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, se jiġi ssupplimentat b'żieda fuq it-taxxa usa' "CSG-Contribution sociale généralisée". Mill-1 ta' Jannar 2019, in-negozjati dwar l-assigurazzjoni kontra l-qgħad se jingħataw qafas mill-gvern, li se jistabbilixxi l-pakkett finanzjarju kumplessiv li jrid jiġi rrispettat u l-miri li jridu jintlaħqu. L-aċċess għall-benefiċċji jingħata wkoll lill-ħaddiema indipendenti u lill-impjegati li jirriżenjaw, taħt ċerti kundizzjonijiet. Spanja qiegħda tippjana li tintroduċi "Karta Soċjali Universali" bl-għan li tiġbor informazzjoni dwar il-benefiċċji soċjali li rċevew l-individwi kollha kif ukoll dwar kwalunkwe sitwazzjoni potenzjali li tagħti d-dritt għall-benefiċċji soċjali (eż. id-dipendenza, id-diżabbiltà, il-qgħad jew familji kbar). Huwa mistenni li ttejjeb il-koordinazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet, iżżid l-effettività tal-benefiċċji soċjali u, fl-aħħar mill-aħħar, tgħin biex jiġu identifikati s-sitwazzjonijiet vulnerabbli. It-tfassil u l-iżvilupp tas-sistema tal-Karta Soċjali Universali tlestew fl-aħħar tal-2017, u l-approvazzjoni hija mistennija sal-Q4-2018.

**Bħala partijiet mir-riformi li għaddejjin attwalment, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-benefiċċji tal-qgħad f'xi każijiet kienu ġew immodifikati, u sikwit dawn saru iktar rigorużi.** Fl-2018, il-Bulgarija żiedet il-benefiċċju minimu tal-qgħad minn BGN 7,2 (madwar EUR 3,7) għal BGN 9 (EUR 4,6) kuljum, b'massimu ta' BGN 74,3 (EUR 38). Fl-istess ħin, ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà saru iktar rigorużi – il-persuna assigurata trid tkun ħadmet għal minn tal-inqas 15-il xahar matul it-18-il xahar, u mhux disa' xhur mill-aħħar 15-il xahar, kif kien jiġri qabel. Din ir-rigorożità x'aktarx li taffettwa l-ħaddiema li jkunu iżgħar u l-persuni li jkollhom iktar probabbiltà li jkollhom karrieri interrotti – b'mod partikolari il-ħaddiema staġjonali u l-ħaddiema b'impjiegi prekarji. Il-Portugall ħa direzzjoni differenti, u naqqas il-perjodu ta' garanzija għal aċċess għall-benefiċċju tal-qgħad inizjali wara l-iskadenza ta' kuntratt b'terminu fiss, minn 180 jum għal 120 jum. Fl-Awstrija, pakkett ta' miżuri huwa ppjanat biex jitnaqqas il-qgħad fit-tul billi jiġu ssikkati r-regoli dwar il-mobbiltà tar-riċevituri tal-benefiċċju tal-qgħad (jaċċettaw offerti ta' impjieg anke b'distanzi itwal tal-ivvjaġġar sa mhux iktar minn sagħtejn u nofs kuljum), li se jabolixxi l-prolongazzjoni tal-intitolament tal-benefiċċju tal-qgħad minħabba mard (għajr jekk wieħed jiġi rikoverat fi sptar) u se jirrestrinġi t-tul ta' żmien tal-impjieg marġinali meta wieħed ikun qiegħed jirċievi l-benefiċċju tal-qgħad. Ġeneralment, l-għan huwa li jinħolqu inċentivi iktar qawwijin għall-persuni qiegħda biex jaċċettaw offerta ta' impjieg u jitnaqqas il-qgħad, kif ukoll li tiżdied l-effettività tal-politika tas-suq tax-xogħol.

**Xi Stati Membri ħadu azzjoni biex jippromwovu l-mobbiltà (interna u esterna) tal-ħaddiema u tal-persuni fl-apprendiment, bl-għan li jsaħħu l-impjegabbiltà u jtejbu l-iżvilupp tal-ħiliet, u/jew jattiraw il-ħaddiema barranin f'setturi b'nuqqas ta' ħaddiema.** Fl-2018, il-Finlandja introduċiet miżuri li jappoġġaw il-mobbiltà reġjonali u l-ivvjaġġar tal-persuni qiegħda li jkunu qed ifittxu impjieg, inkluż il-provvista ta' għotjiet finanzjarji għall-mobbiltà (li issa huma disponibbli wkoll għax-xogħol part-time b'inqas minn 18-il siegħa tax-xogħol fil-ġimgħa, u għat-taħriġ relatat max-xogħol) u ta' informazzjoni mmirata lejn is-sostenn ekonomiku għall-mobbiltà. Għotja finanzjarja ikbar għall-mobbiltà tista' tingħata f'każ ta' vvjaġġar twil ħafna b'mod eċċezzjonali. Is-sħab soċjali ġew ikkonsultati fir-rigward tar-riforma. Fl-2018, il-Latvja espandiet il-miżuri ta' sostenn għall-mobbiltà tal-persuni qiegħda sabiex tinkludi wkoll il-belt kapitali (Riga, li qabel kienet eskluża). Il-miżura tkopri il-mobbiltà reġjonali għall-persuni li jaċċettaw offerta ta' impjieg f'reġjuni oħra, iżda wkoll għal dawk li jkunu rreġistrati f'xi miżuri tal-ALMPs, inklużi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, l-impjieg issussidjat u l-miżuri tat-taħriġ vokazzjonali. Il-miżuri ta' sostenn bl-għan li jattiraw il-prattikanti mediċi (it-tobba u l-infermiera) għal xogħol f'reġjuni 'l barra minn Riga bdew f'Diċembru 2017. Barra minn hekk, fil-Latvja ġiet approvata lista ta' 237 professjoni b'livell għoli ta' ħiliet, fejn attwalment hemm nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema u li jistgħu jattiraw lil ċittadini ta' pajjiżi terzi. Xi kundizzjonijiet preferenzjali jiġu applikati għall-impjegati li jkunu jixtiequ jirċievu Karta Blu tal-UE f'dawk il-każijiet. Fil-Polonja, huwa mistenni li l-ħolqien tal-Aġenzija Nazzjonali għal Skambju Akkademiku fl-2017 jiffaċilita l-internazzjonalizzazzjoni tal-universitajiet Pollakki permezz tas-sostenn favur il-kwalità tal-mobbiltà akkademika. Fil-Bulgarija, ġiet approvata proċedura ta' awtorizzazzjoni ssimplifikata tal-Karta Blu għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jingħeleb in-nuqqas identifikat ta' speċjalisti kkwalifikati fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u l-inġiniera fil-produzzjoni industrijali u f'oqsma rilevanti oħra. Permezz tal-modifiki, il-Karta l-Blu se tkun tista' tinħareġ għal perjodu ta' mhux iktar minn erba' snin, filwaqt li fl-imgħoddi kienet tinħareġ għal perjodu ta' sena. Fl-Estonja, l-emenda għall-"Att dwar il-Barranin" jeżenta l-ispeċjalisti tal-ogħla livell mill-kwoti tal-immigrazzjoni u jestendi il-perjodu massimu ta' impjieg fuq medda qasira ta' żmien għal 12-il xahar, filwaqt li jħalli l-kwoti tal-immigrazzjoni kif inhuma.

**L-involviment tas-sħab soċjali nazzjonali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi u ta' politiki soċjali u tal-impjieg ivarja fost l-Istati Membri.** Il-kwalità u l-għamla ta' dan l-involviment jirriflettu d-diversità tal-oqfsa istituzzjonali nazzjonali u tal-prattiki tad-djalogu

soċjali, b'nuqqas sinifikanti ta' djalogu f'waqtu jew siewi f'għadd ta' Stati Membri. Fl-istess waqt, matul l-aħħar 18-il xahar is-sħab soċjali kienu involuti fit-tfassil ta' riformi rilevanti ta' politika f'diversi Stati Membri[84]. Leġiżlazzjoni u miżuri ġodda li jikkonċernaw il-funzjonament tas-suq tax-xogħol ġew diskussi jew ġew miftiehma pereżempju fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fid-Danimarka, fil-Finlandja, fin-Netherlands, fil-Portugall u fl-Iżvezja (l-integrazzjoni tal-migranti). Kif jidher ukoll fit-Taqsima 3.1, is-sħab soċjali nnegozjaw riformi tal-qafas tal-iffissar tal-pagi f'għadd ta' pajjiżi. Fl-Estonja, il-gvern iddeċieda li jerġa' jagħmel laqgħat regolari bejn tliet partijiet flimkien mas-sħab soċjali, li kienu ġew interrotti mill-2002 'il hawn. In-negozjati marbuta mal-iffissar jew maż-żieda tal-pagi minimi seħħew pereżempju fil-Bulgarija, fl-Estonja, fil-Polonja, fil-Portugall u fi Spanja. Is-sħab soċjali ħadu sehem fid-diskussjoni dwar ir-riformi tal-protezzjoni soċjali u/jew tal-benefiċċju tal-qgħad fil-Kroazja, fi Franza, fil-Finlandja, fil-Ġermanja, fil-Portugall u fis-Slovenja, fost oħrajn. Il-politiki dwar l-edukazzjoni u l-ETV, kif ukoll ir-riformi dwar it-taħriġ, l-apprendistati u l-apprendiment tul il-ħajja u politiki ġodda ġew diskussi bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali fir-Repubblika Ċeka, fid-Danimarka, fi Franza, fil-Latvja, fin-Netherlands u fil-Polonja.

[84] Analiżi dettaljata tal-involviment tas-sħab soċjali fir-riformi reċenti tista' tinstab f'Eurofound (2019), "Social dialogue practices within the context of the EU Semester", qiegħda titħejja attwalment.

## 3.4. Il-Linja Gwida nru 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar

Din it-taqsima tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 8 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda lill-Istati Membri biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-protezzjoni soċjali tagħhom, sabiex jippromwovu l-opportunitajiet indaqs, u jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali. L-ewwel tippreżenta ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni soċjali fl-Istati Membri skont l-indikaturi ewlenin, inkluż l-introjtu nett, l-inugwaljanza, il-faqar u l-inklużjoni soċjali, l-adegwatezza tal-pensjonijiet, l-aċċess għall-akkomodazzjoni kif ukoll l-aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-kura fit-tul. It-Taqsima 3.4.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika mill-Istati Membri fl-oqsma tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, inkluż l-iskemi tal-introjtu minimu, il-benefiċċji tal-familja, il-politiki dwar l-akkomodazzjoni, il-pensjonijiet, il-kura fit-tul, il-kura tas-saħħa u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà.

### *3.4.1 L-indikaturi ewlenin*

**L-introjti tal-unitajiet domestiċi komplew jiżdiedu fi kważi l-pajjiżi kollha tal-UE fl-2016[85].** L-introjtu nett reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) [86] żdied għall-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni tal-Greċja, fejn ġie rreġistrat tnaqqis żgħir. B'mod ġenerali, it-titjib seħħ l-iktar malajr fil-pajjiżi li ssieħbu iktar reċentement fl-UE, bħall-Bulgarija, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Litwanja, u kien iktar bil-mod fl-Istati Membri antiki bħall-Awstrija, l-Italja, Franza, il-Belġju u l-Lussemburgu, filwaqt li kien saħansitra negattiv għall-Greċja u għar-Renju Unit. Dan jirrifletti l-konverġenza li għaddejja attwalment, fejn il-Bulgarija u l-Polonja għandhom l-aqwa prestazzjoni f'dan ir-rigward. F'għadd ta' pajjiżi, il-GDHI reali *per capita* għadu ferm taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi. B'mod partikolari, dan huwa l-każ għall-Greċja u għal Ċipru, fejn il-livelli fl-2016 kienu jammontaw rispettivament għal madwar 69 % u 82 % tal-livelli rreġistrati fl-2008 (iż-żewġ pajjiżi huma mmarkati bħala "sitwazzjonijiet kritiċi"). Fl-Italja, fl-Irlanda, fi Spanja, fl-Awstrija, fil-Belġju, fil-Portugall (pajjiżi b'"qagħda li trid tiġi osservata") u fis-Slovenja (pajjiżi b'"qagħda skont il-medja"), il-GDHI reali *per capita* kien ivarja bejn 90 % u 100 % tal-valur tal-2008. F'dawn il-pajjiżi kollha għajr fis-Slovenja, ir-rata

[85] Fis-26 ta' Ottubru 2018, id-*data* għall-2017 kienet disponibbli biss għal 18-il Stat Membru. Fil-verżjoni finali tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi se jiġi pprovdut aġġornament.

86 Il-GDHI jitkejjel bl-użu tal-"introjtu mhux aġġustat" (jiġifieri mingħajr ma jiġu inklużi trasferimenti soċjali *in natura*), f'termini reali. Fis-26 ta' Ottubru 2018, ma kienx hemm *data* disponibbli għall-Kroazja u għal Malta.

ta' tkabbir fl-2016 baqgħet lura meta mqabbla mal-medja (mhux ponderata) tal-UE jew kienet saħansitra negattiva fil-każ tal-Greċja.

**Illustrazzjoni 59: Il-GDHI reali *per capita*, l-indiċi tal-2008 = 100 u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat, il-Kontijiet Nazzjonali [nasq_10_nf_tr u namq_10_gdp], il-kalkoli proprji. Perjodu: Il-livelli tal-2016 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2015. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Fis-26 ta' Ottubru 2018, ma kienx hemm *data* disponibbli għall-Kroazja u għal Malta.

**Il-maġġoranza tal-pajjiżi esperjenzaw iktar titjib sinifikanti fl-ammont ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2017[87].** L-effetti tal-irkupru ekonomiku saru viżibbli bit-tnaqqis fir-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali li issa huwa evidenti fl-Istati Membri kollha għajr xi wħud li tgħoddhom fuq ponot subajk (ara wkoll it-Taqsima 1.2). It-titjib huwa partikolarment evidenti fir-Rumanija, f'Ċipru u fil-Polonja, fejn l-AROPE naqsu b'iktar minn 2 %. Kuntrarjament għal dan, fid-Danimarka, fin-Netherlands u fl-Awstrija, ir-rati AROPE rreġistraw żieda mudesta matul is-sena, għalkemm minn livell

87 Ara l-Kapitolu 1.2 għad-definizzjonijiet ta' fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali u s-sottokomponenti tiegħu. Nota: l-istatistika dwar l-introjtu tal-EU SILC tirreferi għas-sena tal-introjtu preċedenti. Għalhekk, iċ-ċifri tal-EU SILC tal-2017 għall-AROP, S80/S20, eċċ. jirreferu għas-sena tal-introjtu 2016.

baxx. Is-sitwazzjoni għadha "kritika" fil-Bulgarija u fil-Greċja, b'livelli li għadhom għoljin ħafna iżda bi tnaqqis moderat biss matul l-aħħar sena. Il-korrelazzjoni negattiva bejn ix-xejriet u l-livelli (ara l-Illustrazzjoni 60) tissuġġerixxi li l-konverġenza għadha għaddejja fost l-Istati Membri. Fost il-gruppi ta' etajiet differenti, iż-żgħażagħ tal-età ta' 18-24 sena huma l-iktar fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali b'rata ta' 29,1 %. Dan l-indikatur irreġistra titjib fil-maġġoranza tal-Istati Membri, li jirrifletti t-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ.

**Illustrazzjoni 60: Il-perċentwal tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-2017 u l-bidla mis-sena ta' qabel (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat, SILC. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: l-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Fis-26 ta' Ottubru 2018, ma kienx hemm *data* disponibbli għall-Irlanda u għar-Renju Unit.

**Filwaqt li qiegħda tonqos, ir-rata AROPE għat-tfal (tal-età ta' 0-17-il sena) għadha ferm iktar miċ-ċifra għall-popolazzjoni ġenerali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.** Fl-2017, din naqset fl-Istati Membri kollha fejn hija ikbar mill-medja tal-UE (24,5 %). Minkejja dan,

għadha partikolarment għolja fir-Rumanija (41,7 %), fil-Bulgarija (41,6 %) u fil-Greċja (36,2 %). Kuntrarjament għal dan, f'xi Stati Membri b'livelli ta' faqar fost it-tfal taħt il-medja, ix-xejra kienet ħafna iktar fissa u tirrifletti l-pożizzjoni tat-tfal migranti. Dan huwa l-każ fl-Awstrija, fil-Belġju, fi Franza u fl-Iżvezja. Fil-grupp ta' età ta' 25-54 sena, ir-rata naqset b'1 pps għal 21,9 %. Il-persuni tal-età ta' 55 sena u iktar għadhom il-grupp bl-inqas probabbiltà li jiġi affettwat mill-faqar jew mill-esklużjoni b'rata ta' 20,5 %.

**Il-persuni li ġejjin minn familji migranti jesperjenzaw riskju ferm ikbar ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali.** Fl-2017, ir-rata AROPE kienet ogħla iktar mid-doppju fost il-persuni li ma twildux fl-UE milli fost il-persuni li twieldu fl-UE (41 % imqabbel ma' 20,7 %). Din id-disparità kienet partikolarment kbira fil-Belġju (37,1 pps), fl-Iżvezja (29,6 pps) u fid-Danimarka (25,8 pps) iżda kienet l-iżgħar fil-Polonja (4,6 pps), fil-Portugall (6,8 pps) u fir-Repubblika Ċeka (7,8 pps).

**Illustrazzjoni 61: Is-sottoindikaturi tar-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali**



Sors: Eurostat, SILC. Nota: L-indikaturi huma kklassifikati skont l-AROPE fl-2017. Fis-26 ta' Ottubru 2018, ma kienx hemm *data* disponibbli għall-Irlanda u għar-Renju Unit għall-2017. Il-valuri tal-EU-27 li ntużaw għall-2008 (ma hemmx *data* disponibbli għall-Kroazja).

**L-ammont tal-popolazzjoni ta' persuni fir-riskju tal-faqar fl-UE naqas fl-2017 fil-maġġoranza tal-Istati Membri, wara tliet snin ta' stabbiltà**. L-ikbar tnaqqis ġie rreġistrat fil-Polonja (-2,3 pps), fir-Rumanija (1,7 pps) u fl-Ungerija (-1,1 pps). Kuntrarjament għal dan, l-indikatur żdied fil-Lussemburgu (+2,2 pps), fil-Litwanja (+1,0 pps), fil-Bulgarija (+0,5 pps) u fin-Netherlands (+0,5 pps). Fl-Istati Membri kollha għajr f'sitt Stati Membri, l-ammont ta' persuni fir-riskju tal-faqar baqa' ikbar fl-2017 milli kien fil-perjodu ta' qabel il-kriżi (l-2008) (l-Illustrazzjoni 61). L-istimi rapidi ta' Eurostat jindikaw tnaqqis ulterjuri fl-AROP fil-Greċja, fir-Rumanija u fil-Portugall, u żieda fir-Renju Unit.

**Ir-rata ta' deprivazzjoni materjali estrema laħqet l-iktar livell baxx sa issa.** Kważi l-Istati Membri kollha esperjenzaw tnaqqis fl-2017. Ir-Rumanija kienet il-pajjiż bl-ikbar tnaqqis annwali b'4,1 pps. Għad hemm varjazzjoni sinifikanti fost l-Istati Membri, fejn minn naħa l-Finlandja u n-Netherlands għandhom rati ta' deprivazzjoni materjali estrema (SMD) ta' inqas minn 3 %, filwaqt li min-naħa l-oħra l-Bulgarija għandha rata ta' 30 %, segwita mill-Greċja (21,1 %) u mir-Rumanija (19,4 %). Ammont kemxejn ikbar ta' nisa (6,9 %) jesperjenzaw deprivazzjoni materjali estrema meta mqabbla mal-irġiel (6,4 %). Kien hemm tnaqqis fil-gruppi tal-etajiet kollha, biż-żgħażagħ ta' 18-24 sena li għadhom bl-ikbar probabbiltà li jesperjenzaw l-SMD (7,9 %), segwita mit-tfal tal-età ta' 0-17-il sena (7,2 %), mill-popolazzjoni tal-età ewlenija tax-xogħol (25-54 sena) (6,7 %) u mill-persuni mdaħħlin fiż-żmien; jiġifieri, ta' iktar minn 65 sena (6,3 %).

**L-ammont ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg kompla jonqos.** F'20 Stat Membru, il-proporzjon tal-popolazzjoni ta' persuni tal-età ta' 0-59 sena li jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn l-adulti jaħdmu inqas minn 20 % tal-potenzjal tagħhom naqas fl-2017. Madankollu, minkejja t-titjib, disa' Stati Membri biss għandhom ammonti li huma inqas mil-livelli ta' qabel il-kriżi. L-ikbar tnaqqis minn sena għall-oħra ġie rreġistrat fi Spanja (-2,1 pps), fil-Greċja (-1,6 pps) u fir-Rumanija (-1,3 pps). Fl-istess ħin, ir-riskju tal-faqar li qegħdin jiffaċċjaw dawk li jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg kompla jiżdied fil-maġġoranza tal-Istati Membri, u laħaq 79,9 % fis-Slovakkja, 78,2 % fil-Litwanja u 77,8 % fil-Latvja.

**It-tnaqqis tar-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu għadu sfida.** Kif jidher ukoll fit-Taqsima 3.1, minkejja li kien hemm tnaqqis kumplessiv fir-rata tar-riskju ta' faqar, l-ammont

ta' persuni fir-riskju tal-faqar fost dawk li jaħdmu baqa' stabbli fl-2017. Iktar minn wieħed minn kull għaxar persuni f'impjieg kienu fir-riskju tal-faqar f'seba' Stati Membri. Għalkemm qiegħda tonqos, ir-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu kienet l-ogħla fir-Rumanija, (17,4 % fl-2017, minn 19,7 % fl-2014) fejn l-impjieg prekarju tal-persuni li jaħdmu għal rashom għadu xprun ewlieni. Fil-Lussemburgu (13,7 %) u fi Spanja (13,1 %) ġew irreġistrati wkoll rati għoljin, fejn ix-xprun ewlieni kien ir-riskju tal-faqar li qegħdin iħabbtu wiċċhom miegħu l-impjegati b'kuntratti temporanji. Min-naħa l-oħra, tliet pajjiżi kellhom rati tal-faqar fost dawk li jaħdmu li kienu inqas minn 5 % (il-Finlandja, ir-Repubblika Ċeka u l-Irlanda).

**L-intensità tal-faqar naqset għall-ewwel darba mill-2008 'l hawn, minkejja li għadha qawwija meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-kriżi.** Id-disparità relattiva tar-riskju tal-faqar, li tkejjel id-distanza medja mil-livell limitu tal-faqar għall-persuni fir-riskju tal-faqar[88], ilha tiżdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fil-perjodu ta' wara l-kriżi. Minkejja dan, fis-snin sal-2017, iċ-ċifra niżlet għal 11-il Stat Membru, baqgħet pjuttost stabbli għal ħames Stati Membri, u naqset bħala medja minn 26,2 % għal 25,4 %. Il-bidla ġiet xprunata minn titjib fl-intensità tal-faqar għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u speċjalment għat-tfal. Ir-rata għadha għolja (iktar minn 30 %) partikolarment fir-Rumanija, fi Spanja, fil-Bulgarija u fil-Greċja. Kuntrarjament għal dan, l-intensità tal-faqar li qegħdin iħabbtu wiċċhom miegħu il-persuni tal-età ta' 65 sena u iktar baqgħet stabbli. It-titjib kien l-iktar qawwi fl-Italja, fl-Ungerija u fir-Rumanija.

**Il-persuni b'diżabbiltà għandhom probabbiltà ferm ikbar li jgħixu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali mill-persuni mingħajr diżabbiltà.** Fl-2016, 30,1 % tal-persuni b'diżabbiltà fl-UE kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, meta mqabbla ma' 20,9 % tal-persuni mingħajr diżabbiltà[89], u dan jikkorrispondi għal disparità ta' 9,2 punti perċentwali. Din id-disparità hija iktar evidenti fost il-persuni fl-età tax-xogħol (16-64 sena), b'37,6 % tal-persuni b'diżabbiltà f'dan il-grupp li kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-2016, meta mqabbla ma' 21 % tal-persuni b'diżabbiltà tal-età ta' iktar minn 65 sena[90]. Il-gravità tad-diżabbiltà hija fattur importanti ħafna ta' spjegazzjoni, peress li fl-2015 kien hemm 36,1 % tal-persuni b'diżabbiltà gravi tal-età ta' 16-il sena jew iktar fl-UE fir-

[88] L-ispariġġ medjan relattiv tar-riskju tal-faqar jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn l-introjtu nett totali ekwivalizzat medjan tal-persuni taħt il-livell limitu tar-riskju tal-faqar u l-livell limitu tar-riskju tal-faqar, espressa bħala perċentwal tal-livell limitu tar-riskju tal-faqar (60 % tal-introjtu ekwivalizzat medjan nazzjonali).
[89] EU-SILC (2017), People at-risk-of-poverty or social exclusion by level of activity limitation, sex and age [hlth_dpe010].
[90] *ibid*.

riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, meta mqabbla ma' 27,4 % tal-persuni b'diżabbiltà moderata u ma' 20,8 % tal-persuni mingħajr diżabbiltà.

**L-inugwaljanza fl-introjtu naqset kemxejn fl-2017, għall-ewwel darba minn mindu bdiet il-kriżi.** L-ammont ta' introjtu tal-iktar 20 % għonja meta mqabbel ma' dak tal-ifqar 20 % naqas fil-maġġoranza tal-Istati Membri (l-Illustrazzjoni 62), għalkemm fl-2017 il-biċċa l-kbira tagħhom xorta waħda kellhom proporzjonijiet tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu li kienu ogħla mil-livelli tal-2008. Fl-2017, l-ogħla livelli ta' inugwaljanza fl-introjtu, bi proporzjonijiet S80/S20 ogħla minn 6, ġew irreġistrati fil-Latvja, fl-Estonja, fil-Litwanja u fil-Bulgarija (kollha "sitwazzjonijiet kritiċi", b'żieda sinifikanti fil-Bulgarija). Għalkemm għad għandhom livelli għoljin, kien hemm tnaqqis sinifikanti fir-Rumanija, fil-Greċja u fl-Italja ("qagħda dgħajfa iżda qiegħda titjieb"). It-titjib kien xprunat minn żidiet iktar mgħaġġla fl-introjti tal-unitajiet domestiċi ifqar b'mod relattiv mal-medjan f'10 Stati Membri, li jissuġġerixxi li l-irkupru kien qiegħed jibda jilħaq lill-iktar persuni vulnerabbli.

**Illustrazzjoni 62: Il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat, SILC. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Fis-26 ta' Ottubru 2018, ma kienx hemm *data* disponibbli għall-Irlanda u għar-Renju Unit.

**L-infiq fuq il-protezzjoni soċjali kompla jikber fl-Istati Membri kollha, filwaqt li għad hemm differenzi kbar bejniethom[91].** F'termini reali, l-infiq fuq il-protezzjoni soċjali żdied fl-Istati Membri kollha mill-2014 sal-2015[92]. Madankollu, bħala perċentwal tal-PDG, l-infiq fuq il-protezzjoni soċjali żdied f'seba' pajjiżi biss filwaqt li naqas f'16-il pajjiż. Dan ġie xprunat b'mod prinċipali minn proporzjon iktar baxx ta' nfiq fuq il-benefiċċji tal-qgħad, b'konformità mat-titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol. Kuntrarjament għal dan, l-infiq fuq il-mard u s-saħħa bħala perċentwal tal-PDG żdied f'10 pajjiżi filwaqt li naqas fi 12-il pajjiż. L-infiq fuq il-protezzjoni soċjali bħala perċentwal tal-PDG kien l-ikbar

91 Abbażi tad-*data* tal-ESSPROS. Ma hemm l-ebda *data* tal-2015 disponibbli għall-Polonja.

92 Ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea (2018), "Employment and Social Developments in Europe. Rieżami Annwali tal-2018. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

kumplessivament fi Franza (31,9 %), fid-Danimarka (31,1 %) u fil-Finlandja (31,1 %). Min-naħa l-oħra, dan kien jammonta għal inqas minn 15 % tal-PDG fil-Litwanja (14,8 %), fil-Latvja (14,7 %), u fir-Rumanija (14,3 %).

**L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas kemxejn, b'konformità ma' tnaqqis fl-effett tal-istabbilizzaturi awtomatiċi f'fażi ta' espansjoni ekonomika.** Madankollu, għad hemm varjazzjoni konsiderevoli fost l-Istati Membri (l-Illustrazzjoni 63). It-trasferimenti soċjali li jeskludu l-pensjonijiet naqqsu r-riskju tal-faqar bi 32,4 % fl-2017, imqabbel ma' 33,2 % fl-2016, li tindika t-tkomplija ta' xejra b'titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u għaldaqstant b'iktar żidiet dinamiċi fl-introjtu mix-xogħol milli trasferimenti soċjali. Id-daqs tal-impatt tat-trasferimenti fuq it-tnaqqis tal-faqar ivarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri, u ħafna pajjiżi bl-ikbar riskju ta' faqar għandhom ukoll l-iktar impatt dgħajjef mit-trasferimenti soċjali (il-Greċja, ir-Rumanija, l-Italja, il-Bulgarija u l-Latvja).

**Illustrazzjoni 63: L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-bidla annwali (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**



Sors: Eurostat, SILC. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Fis-26 ta' Ottubru 2018, ma kienx hemm *data* disponibbli għall-Irlanda u għar-Renju Unit.

**Il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema mhux standard iħabbtu wiċċhom ma' inċertezza ekonomika ikbar b'aċċess limitat għall-protezzjoni soċjali[93].** Fl-2017, il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom ma kellhomx aċċess għall-protezzjoni kontra l-qgħad fi ħdax-il pajjiż, għall-protezzjoni obbligatorja kontra l-mard fi tliet pajjiżi, u għall-protezzjoni kontra l-aċċidenti fil-post tax-xogħol u kontra l-korrimenti okkupazzjonali f'għaxar pajjiżi[94]. Is-soltu l-ħaddiema mhux standard ikollhom l-istess kopertura formali mill-biċċa l-kbira tal-iskemi tal-benefiċċji soċjali bħal dawk b'kuntratti standard, għalkemm sikwit dan ma jkunx il-każ għal ċerti kategoriji ta' ħaddiema (eż. il-ħaddiema każwali u staġjonali, il-ħaddiema ta' riżerva, u dawk b'kuntratti temporanji permezz ta' aġenzija, b'kuntratti tal-liġi ċivili jew b'kuntratti ta' żero sigħat, sikwit jiġu esklużi mis-sħubija fl-iskemi rilevanti). B'mod kumplessiv, l-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-ħaddiema mhux standard u dawk li jaħdmu għal rashom b'rabta mal-kopertura effettiva, jiġifieri li jkunu jistgħu jiġmgħu u jużaw intitolamenti adegwati f'każ ta' bżonn, ġew identifikati għal minn tal-inqas erbgħa u għoxrin Stat Membru[95] (il-perjodi minimi ta' kwalifika, il-ħinijiet ta' stennija, in-nuqqas ta' trasferibbiltà tad-drittijiet tal-protezzjoni soċjali).

**Il-konservazzjoni u t-trasferiment tal-intitolamenti akkumulati lejn skema oħra wara li jkun hemm tranżizzjonijiet professjonali jibqgħu diffiċli.** Hekk kif id-dinja tax-xogħol tinbidel, din il-flessibbiltà qiegħda issir dejjem iktar importanti u nuqqas ta' trasferibbiltà jista' jxekkel id-dinamiżmu u t-tlaqqigħ tas-suq tax-xogħol. Għall-ħaddiema li jiċċaqilqu minn settur għall-ieħor jew minn għamla ta' impjieg għall-ieħor, nuqqas ta' regolamentazzjoni jagħmilha diffiċli li jkun hemm trasferimenti f'minn tal-inqas erba' Stati Membri, filwaqt li l-kost għoli żżejjed u regoli differenti li jirregolaw skemi differenti ġew identifikati wkoll bħala xkiel għal dawn it-tranżizzjonijiet f'diversi Stati Membri. Fl-aħħar nett, in-nuqqas ta' informazzjoni trasparenti dwar id-drittijiet tas-sigurtà soċjali twassal biex il-persuni ma jeħdux deċiżjonijiet infurmati f'ħafna pajjiżi. Filwaqt li l-informazzjoni ġenerika dwar l-iskemi tal-protezzjoni soċjali hija disponibbli fl-Istati Membri kollha għajr

93 Dan is-suġġett jiġi indirizzat parzjalment fit-Taqsima 3.3 ukoll.

94 L-evidenza f'dan il-paragrafu u f'dan li ġej hija bbażata fuq l-"Impact Assessment Accompanying the Proposal for a Council recommendation on access to social protection for workers and the self-employed", il-Kummissjoni Ewropea, SWD(2018) 70 final.

95 L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Finlandja, Franza, l-Ungerija, il-Kroazja, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja, is-Slovenja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u r-Renju Unit.

f'ħames Stati Membri, l-informazzjoni personalizzata hija disponibbli biss f'madwar nofshom (eż. is-simulazzjoni tal-pensjonijiet hija disponibbli fil-Ġermanja, fi Franza, fi Spanja, fir-Renju Unit u fil-Polonja).

**L-iskemi tal-introjtu minimu għandhom jikkombinaw livell adegwat ta' sostenn b'aċċess għal oġġetti u għal servizzi abilitanti, u b'inċentivi għall-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu**, kif ġie enfasizzat fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**.** L-analiżi komparattiva ta' karatteristiki speċifiċi tat-tfassil tal-iskemi tal-introjtu minimu u tar-rwol tagħhom mal-provvista ta' benefiċċji oħra u ta' miżuri ta' sostenn għall-attivazzjoni tista' tagħti ħjiel utli dwar il-prestazzjoni tagħhom. Fil-paragrafi li ġejjin, l-analiżi tissejjes fuq l-eżerċizzju ta' parametraġġ referenzjarju tal-benefiċċji tal-introjtu minimu li twettaq fl-2017-18 fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali[96]. Dan il-qafas ta' parametraġġ referenzjarju jiffoka fuq il-benefiċċji tal-introjtu minimu għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol bil-ħila li jaħdmu u li ma għandhomx impjieg u li mhumiex intitolati, u lanqas huma eliġibbli, jew li użaw l-intitolamenti kollha għall-benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali.

**L-adegwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri**. L-adegwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu jistgħu jitkejlu billi jitqabbel l-introjtu tal-benefiċjarji mal-livell limitu nazzjonali tal-faqar (bħala indikazzjoni tal-effett tat-tnaqqis tal-faqar tal-iskemi) u mal-introjtu tal-benefiċjarji mqabbel mal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa[97] (bħala indikazzjoni tad-dimensjoni ta' attivazzjoni u tal-effetti potenzjali ta' diżinċentiv tal-iskemi). Iż-żewġ indikaturi jagħtu riżultati simili fir-rigward tal-adegwatezza tal-introjtu minimu fl-Istati Membri fl-2016[98] (l-Illustrazzjoni 64). Meta wieħed iħares lejn il-każ tal-unitajiet domestiċi b'persuna waħedha, fl-2016 l-adegwatezza kienet l-iktar fin-Netherlands, fl-Irlanda, fid-Danimarka u fil-Lussemburgu. F'dawn l-Istati Membri, il-livell ta' benefiċċji qabeż it-80 % tal-livell limitu nazzjonali tal-faqar (stabbilit għal 60 % tal-introjtu nett ekwivalizzat medjan nazzjonali wara t-trasferimenti soċjali). Fil-każ tan-Netherlands b'mod partikolari, il-livell tal-benefiċċju kien jirrappreżenta 106 % tal-livell limitu tal-faqar, li effettivament kien qiegħed joħroġ lir-riċevituri 'l barra mill-faqar. Min-naħa l-oħra, l-adegwatezza tal-introjtu minimu fil-Bulgarija, fir-Rumanija, fl-Ungerija, fis-Slovakkja u fil-Litwanja hija minn 40 % tal-livell limitu tal-faqar jew terz tal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa fl-2016.

96 Approvat mill-SPC f'Ġunju 2018.

97 "Ħaddiem b'paga baxxa" huwa definit fil-qafas tal-parametraġġ referenzjarju bħala xi ħadd li jaqla' 50 % tal-paga grossa nazzjonali medja.

98 L-indikaturi huma bbażati fuq l-iktar informazzjoni reċenti disponibbli fil-mudell tal-benefiċċji tat-taxxa tal-OECD. L-informazzjoni mhijiex disponibbli għal CY. L-informazzjoni dwar l-IT u l-EL ma tinkludix l-iskemi ġodda tal-introjtu minimu li ġew introdotti u dawn ma ġewx inklużi f'din l-analiżi.

**Illustrazzjoni 64: L-introjtu nett tar-riċevituri ta' introjtu minimu bħala % tal-livell limitu tar-riskju tal-faqar (mifrux fuq tliet snin) u tal-introjtu ta' persuna b'paga baxxa (2016)**




Sors: Eurostat, l-OECD. Nota: L-informazzjoni mhijiex disponibbli għal Ċipru. L-informazzjoni dwar l-Italja u l-Greċja ma tinkludix l-iskemi ġodda tal-introjtu minimu li ġew introdotti fl-2017. L-iktar informazzjoni reċenti disponibbli dwar il-livelli limitu tal-faqar fl-Irlanda, fil-Kroazja u fir-Renju hija tas-sena tal-introjtu 2015.

**L-adegwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu ikollha impatt b'mod partikolari fuq l-intensità tal-faqar fost ir-riċevituri.** Id-disparità relattiva tar-riskju tal-faqar[99] għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (16-64 sena) tonqos b'mod marġinali għall-ewwel darba fl-2017, b'konformità mal-indikatur kumplessiv, iżda tibqa' ferm ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi. Id-disparità hija ferm ikbar fil-każ ta' persuni tal-età ta' 18-59 sena li jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg (l-Illustrazzjoni 65). Id-*data* tal-EU SILC tal-2016 turi li l-intensità tal-faqar kienet l-iktar fost il-persuni minn unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg fil-Litwanja, fil-Bulgarija, fil-Latvja, fl-Italja, u fir-Rumanija (iktar minn 50 %). B'kuntrast ma' dan, l-iżgħar disparità ġiet osservata fil-Finlandja, fin-Netherlands u fl-Irlanda (taħt l-20 %). Id-disparità tal-faqar għall-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi

[99] Ara n-nota 88 f'qiegħ il-paġna għal definizzjoni tad-disparità relattiva tar-riskju tal-faqar.

mingħajr impjieg għandha tendenza li tindika dgħufijiet fl-adegwatezza u fil-kopertura tas-sistemi tal-benefiċċji (kif ġie nnotat ukoll fir-rapport annwali tal-2018 tal-SPC).

**Illustrazzjoni 65: Id-disparità relattiva tar-riskju tal-faqar għall-persuni tal-età ta' 18-59 sena minn unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg (2016)**




Sors: Eurostat, SILC.

**L-Istati Membri kollha jużaw l-ittestjar tal-mezzi flimkien ma' rekwiżiti oħra ta' eliġibbiltà għall-iskemi tal-introjtu minimu.** Rekwiżiti ta' eliġibbiltà iktar rigorużi jimplikaw inqas kopertura[100] u bil-kontra. L-ittestjar tal-mezzi huwa l-iktar mod komuni li jintuża biex il-persuni li jgħixu fil-faqar jitqiegħdu fil-mira[101]. Il-kundizzjonijiet tal-ittestjar tal-mezzi ġeneralment jivvalutaw ir-riżorsi (l-introjtu, l-assi, il-proprjetà immobbli jew il-proprjetà mobbli) tal-membri kollha tal-unitajiet domestiċi u mhux biss tal-pretendenti diretti. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-livell limitu li jintuża fit-test tal-mezzi jkun il-livell massimu li jingħata ta' benefiċċji (u s-sostenn reali jammonta għad-differenza bejn il-livell massimu ta' benefiċċji u l-introjtu ta' persuna jew ta' unità domestika), filwaqt li diversi Stati Membri jinjoraw ukoll parti mill-qligħ tan-nies, li jaffettwa b'mod pożittiv il-kopertura tal-iskemi u jikkontribwixxi għat-tnaqqas tal-faqar fost dawk li jaħdmu. Rekwiżiti oħra ta' eliġibbiltà, bħal dawk rigward ir-residenza, jaffettwaw ukoll il-kopertura tal-iskemi (peress li

[100] L-għadd ta' persuni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà u li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw minn skema.

101 Dan huwa differenti mill-kunċett teoriku ta' "introjtu bażiku universali", fejn ċertu livell ta' introjtu jingħata lil kull ċittadin, irrispettivament mis-sitwazzjoni tagħhom. Għal iktar informazzjoni jekk jogħġbok ara l-Employment and Social Developments in Europe, ir-Rieżami Annwali tal-2018, p. 142, il-Kummissjoni Ewropea (2018).

jistgħu jnaqqsu l-kopertura għall-persuni li jkunu qegħdin jesperjenzaw mobbiltà fil-pajjiż jew jisfaw mingħajr saqaf fuq rashom).

**Ir-riċevituri tal-introjtu minimu għandhom diffikultà ikbar biex jaċċessaw diversi servizzi *in natura*.** L-aċċess għas-servizzi (kif imkejjel mill-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika, il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, u n-nuqqas ta’ parteċipazzjoni f’taħriġ relatat ma’ attività professjonali[102]) huwa komponent essenzjali tal-istrateġiji integrati ta’ inklużjoni attiva. Fl-2016, l-aċċess għal dawn is-servizzi għall-persuni tal-età ta’ 18-59 sena fir-riskju tal-faqar li jgħixu f’unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg kien ġeneralment iktar baxx minn dak tal-persuni tal-istess grupp ta’ età li ma kinux fir-riskju tal-faqar u li ma kinux jgħixu f’unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg. Meta wieħed iħares lejn il-prestazzjoni fost is-servizzi, il-Finlandja, l-Ungerija u r-Renju Unit huma l-uniċi Stati Membri fejn id-disparità fl-aċċess għas-servizzi kienet taħt il-medja tal-UE fl-2016 fit-tliet oqsma kollha. Kuntrarjament għal dan, id-disparitajiet fl-aċċess kienu iktar mill-medja tal-UE fit-tliet oqsma kollha li ġew eżaminati fil-Greċja u fil-Latvja. Fid-dettall, l-ikbar disparitajiet fil-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika ġew esperjenzati fil-Latvja (14,8 pps) u fil-Greċja (34,1 pps), filwaqt li l-iżgħar disparitajiet kienu fid-Danimarka, fi Spanja, fin-Netherlands u fir-Renju Unit (inqas minn 1 pps). Fil-qasam tal-akkomodazzjoni, l-ikbar disparitajiet fir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni ġew osservati fid-Danimarka, fil-Greċja, fl-Awstrija u fl-Italja (iktar minn 50 pps), filwaqt li l-iżgħar disparitajiet kienu f’Malta, f’Ċipru, fl-Irlanda, u fil-Finlandja (inqas minn 20 pps)[103]. Fil-qasam tal-apprendiment għall-adulti, fl-2016 l-Iżvezja u d-Danimarka esperjenzaw disparitajiet negattivi, b’aċċess aħjar għall-persuni fir-riskju tal-faqar minn unitajiet domestiċi b’intensità baxxa ħafna, filwaqt li f’Malta u fir-Renju Unit ma kien hemm l-ebda disparità. L-ikbar disparitajiet ġew osservati fil-Latvja, fi Spanja u fil-Litwanja (iktar minn 16 pps).

**L-aċċess għal akkomodazzjoni ta’ kwalità tajba ilu jitjieb mill-2008 ’l hawn, iżda f’xi pajjiżi proporzjon sinifikanti tal-popolazzjoni jirrapportaw li jħabbtu wiċċhom ma’ problemi fil-kwalità tal-akkomodazzjoni tagħhom.** Fl-UE, 13,1 % tal-popolazzjoni jirrapportaw li fl-2017 kienu jgħixu f’akkomodazzjoni bis-saqaf iqattar, bil-ħitan, bl-art jew bil-pedamenti mxarrbin, bis-susa fl-injam tat-twieqi jew tal-art. Dan il-perċentwal kien ta’

102 Mill-modulu *ad hoc* tal-EU SILC tal-2016 dwar l-aċċess għas-servizzi. Ir-raġunijiet li tqiesu għall-fini tal-parametraġġ referenzjarju: “l-ebda kors jew programm adattat disponibbli” u “mhux tajjeb għal buthom”.

103 Iktar ’l isfel, f’din it-taqsima ssir diskussjoni iktar komprensiva dwar il-kwistjoni tal-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika u dwar l-aċċess għall-akkomodazzjoni.

2,3 pps inqas milli fl-2016[104]. Dan il-komponent ta' deprivazzjoni fl-akkomodazzjoni[105] huwa problema partikolari f'ħames Stati Membri (Ċipru, il-Portugall, l-Ungerija, il-Latvja u s-Slovenja) fejn iktar minn 20 % tal-popolazzjoni jirrapportaw li jħabbtu wiċċhom ma' din il-problema fil-kwalità tal-akkomodazzjoni tagħhom. Fl-2017, ir-Rumanija esperjenzat titjib konsiderevoli, bi tnaqqis fil-proporzjon tal-popolazzjoni li rrapportaw li ma kellhomx banju jew doċċa, u lanqas tojlit li jifflaxxja fl-unità domestika tagħhom, għalkemm il-perċentwal ta' 27,2 % għadu konsiderevoli. Fil-Latvja, fil-Bulgarija u fil-Litwanja, madwar 10 % tal-popolazzjoni għandhom il-problema li jgħixu f'akkomodazzjoni mingħajr l-użu privat ta' banju jew ta' doċċa, u lanqas tojlit li jifflaxxja għall-unità domestika tagħhom.

**L-ammont ta' introjtu nett tal-unitajiet domestiċi li jintefaq f'infiq relatat mal-akkomodazzjoni għadu sinifikanti f'għadd ta' Stati Membri**. Meta jitqiesu l-kostijiet tal-akkomodazzjoni, 156 miljun persuna huma fir-riskju tal-faqar, meta mqabbla ma' 85 miljun persuna qabel ma jitqiesu l-kostijiet tal-akkomodazzjoni. Din il-kundizzjoni għandha impatt qawwi b'mod partikolari fuq but l-unitajiet domestiċi b'introjtu iktar baxx. Fl-2017, 10,2 % tal-unitajiet domestiċi fl-UE nefqu iktar minn 40 % tal-introjtu nett tagħhom fuq il-kostijiet tal-akkomodazzjoni, iżda dan l-ammont jiżdied għal 37,8 % meta jitqiesu l-unitajiet domestiċi fir-riskju tal-faqar. Minkejja li kien hemm titjib żgħir meta mqabbel mas-snin ta' qabel, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni għadha l-ogħla fil-Greċja, b'39,6 % fl-2017. Wara l-Greċja, l-Istati Membri bl-ogħla rati tal-popolazzjoni li qegħdin jesperjenzaw il-piż eċċessiv tal-akkomodazzjoni huma l-Bulgarija, il-Ġermanja u d-Danimarka (iktar minn 15 % tal-popolazzjoni f'kull wieħed). L-effett huwa notevoli b'mod partikolari fid-Danimarka u fil-Ġermanja, fejn l-ammont ta' persuni fir-riskju tal-faqar huwa inqas mill-medja tal-UE qabel ma jitqiesu l-kostijiet tal-akkomodazzjoni, iżda iktar mill-medja tal-UE meta jitqiesu l-kostijiet tal-akkomodazzjoni. Kuntrarjament għal dan, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Finlandja, f'Ċipru u f'Malta, inqas minn 5 % tal-popolazzjoni jgħixu f'unitajiet domestiċi b'piż eċċessiv fuq l-infiq relatat mal-akkomodazzjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, il-persuni li jridu jħallsu l-kera bil-prezz tas-suq ikollhom piż eċċessiv ferm ikbar minħabba l-kostijiet relatati mal-akkomodazzjoni milli s-sidien b'self ipotekarju (il-medja tal-UE hija ta' 25,1 % għall-persuni li jħallsu l-kera bil-prezz tas-suq, meta mqabbel ma' madwar 5 % għas-sidien).

104 Is-sors tad-*data* ta' dan il-paragrafu huwa l-EU-SILC.

105 Ir-rata ta' deprivazzjoni fl-akkomodazzjoni hija kejl tan-nuqqas ta' faċilitajiet bażiċi f'akkomodazzjoni u tiġi kkalkulata billi ssir referenza għal dawk l-unitajiet domestiċi li qegħdin jesperjenzaw minn tal-inqas problema waħda minn dawn li ġejjin: (i) saqaf iqattar, (ii) l-ebda banju u doċċa fl-akkomodazzjoni, (iii) l-ebda tojlit fl-akkomodazzjoni, (iv) akkomodazzjoni meqjusa bħala mudlama wisq.

**Il-kirjiet li dejjem qegħdin jiżdiedu jirrappreżentaw piż fuq il-persuni foqra li kulma jmur qiegħed jiżdied f'xi Stati Membri.** Fl-2016, f'seba' pajjiżi (l-Irlanda, l-Estonja, il-Litwanja, is-Slovenja, l-Ungerija, l-Awstrija u l-Polonja) il-kirjiet ikkalkulati f'termini reali żdiedu b'iktar minn 5 % mill-2015 'il hawn. Il-kirjiet għoljin ikabbru r-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari f'pajjiżi bħas-Slovenja, l-Irlanda, l-Awstrija u l-Litwanja fejn ir-riskju ta' faqar li qegħdin iħabbtu wiċċhom miegħu il-persuni li jħallsu l-kera huwa ferm ikbar milli għas-sidien ta' djarhom. Iċ-ċifri nazzjonali jaf jaħbu wkoll xi sfidi fil-livell ta' bliet partikolari.

**L-evoluzzjoni reċenti fl-għadd ta' persuni mingħajr saqaf fuq rashom tindika li s-sitwazzjoni mhijiex qiegħda titjieb.** L-istimi tal-għadd ta' persuni mingħajr saqaf fuq rashom mhumiex komparabbli pajjiż b'pajjiż, minħabba nuqqas ta' sorsi uffiċjali u minħabba metodoloġiji differenti biex jiġu magħduda l-persuni mingħajr saqaf fuq rashom. Id-*data* disponibbli tippermetti biss li jsir monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-problema maż-żmien (billi, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-2017 jew l-2016 jintużaw bħala l-iktar sena reċenti). Madankollu, din tindika li dan l-aħħar, l-għadd ta' persuni mingħajr saqaf fuq rashom żdied fil-25 Stat Membru koperti għajr fil-Finlandja, fejn is-sitwazzjoni tjiebet[106].

**L-introjtu mill-pensjonijiet jipprovdi protezzjoni relattiva kontra r-riskju tal-faqar għall-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien.** Fil-livell tal-UE, ir-rata ta' riskju ta' faqar (AROP) għall-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien hija inqas minn dik għall-persuni fl-età tax-xogħol (14,6 % imqabbla ma' 16,7 % fl-2017). F'dan l-aħħar deċennju, din ir-relazzjoni nqalbet ta' taħt fuq meta mqabbla mal-perjodu ta' qabel il-kriżi, u dan jiġi spjegat parzjalment mill-fatt li l-kriżi naqqset l-livelli ta' introjtu nett reali tal-unitajiet domestiċi, speċjalment fost il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol madwar kważi l-pajjiżi Ewropej kollha, filwaqt li l-pensjonijiet baqgħu iktar reżiljenti. Madankollu, id-deprivazzjoni materjali estrema naqset ukoll fost il-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien (minn 7,4 % fl-2008 għal 6,3 % fl-2017), u din tindika li t-tnaqqis fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali ma kinitx biss effett relattiv.

[106] Id-*data* ġiet ikkompilata mill-FEANTSA, il-federazzjoni tal-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-soċjetà ċivili li jaħdmu mal-persuni mingħajr saqaf fuq rashom fl-Ewropa. Ara FEANTSA (2018), Third overview of housing exclusion in Europe.

**Illustrazzjoni 66: Il-perċentwal tal-popolazzjoni tal-età ta' 65 sena u iktar li jinsabu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali meta mqabbel mal-medja tal-UE fl-2017**




Sors: Eurostat, EU-SILC. Noti: id-*data* hija standardizzata (EU-28=0). Id-*data* għall-Irlanda u għar-Renju Unit hija għall-2016.

**Ir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali fost il-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien ilu jonqos b'mod kostanti għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.** B'mod kumplessiv, 148 000 persuna inqas tal-età ta' 65 sena jew iktar kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-2017 meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi (fl-2008). It-titjib primarju jaħbi differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, bi tnaqqis sostanzjali fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fost il-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien f'Ċipru (-24,7 pps mill-2008 'l hawn), fil-Bulgarija (-16,6 pps), fir-Rumanija (-16,2 pps) u fil-Latvja (-14,9 pps), filwaqt li kien hemm żidiet fil-Lussemburgu (+ 6,4 pps) u fil-Ġermanja (+ 2,2 pps).

**Madankollu, is-sitwazzjoni tan-nisa iktar imdaħħlin fiż-żmien hija ta' tħassib partikolari**, peress li waħda minn kull ħames nisa tal-età ta' 65 sena jew iktar huma fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-UE. Fl-2017, ir-rata AROPE għan-nisa kienet tvarja minn madwar 10 fil-mija fid-Danimarka, fi Franza u fin-Netherlands għal iktar minn 50 fil-mija fil-Bulgarija, u għal iktar minn 40 fil-mija fl-Istati Baltiċi. L-ikbar differenzi bejn l-irġiel u n-nisa fir-rata AROPE ġew osservati fil-Litwanja (19,9 pps), fl-Estonja (19,7 pps), segwiti mil-Latvja (16,6 pps) u mill-Bulgarija (16,2 pps). In-nisa iktar imdaħħlin fiż-żmien għandhom introjtu iktar baxx minn tal-irġiel iktar imdaħħlin fiż-żmien: fl-2016, l-introjtu medjan għan-nisa iktar imdaħħlin fiż-żmien kien sitt punti perċentwali iktar baxx minn dak tal-irġiel fl-UE

relattiv għall-introjtu taż-żgħażagħ tal-istess sess (90 % għan-nisa u 96 % għall-irġiel). Għalhekk, mhux talli n-nisa għandhom introjtu iktar baxx tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, talli għandhom ukoll introjtu iktar baxx meta jirtiraw, li jikkontribwixxi għall-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward tal-introjtu tal-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien.

**Bħala medja fl-UE kollha, il-persuni tal-età ta' 65 sena u iktar għandhom introjti iktar baxxi mill-gruppi ta' età iżgħar.** L-introjtu nett medjan tal-persuni tal-età ta' 65 sena u iktar kienet 92 fil-mija tal-introjtu tal-popolazzjoni ta' età iżgħar fl-2017. Il-proporzjon tal-introjti medjani relattivi totali kien inqas minn 75 fil-mija f'ħames pajjiżi (id-Danimarka, Malta, il-Litwanja, il-Latvja u l-Estonja) u inqas minn 80 fil-mija f'erba' pajjiżi oħra (il-Belġju, l-Iżvezja, Ċipru u r-Repubblika Ċeka). B'kuntrast ma' dan, l-irġiel iktar imdaħħlin fiż-żmien f'disa' Stati Membri (il-Lussemburgu, il-Greċja, Franza, Spanja, l-Ungerija, l-Italja, l-Awstrija, il-Polonja u r-Rumanija) u n-nisa iktar imdaħħlin fiż-żmien f'żewġ Stati Membri (il-Lussemburgu u l-Greċja) gawdew introjtu medjan ikbar minn dawk tal-età ta' inqas minn 65 sena fl-2017.

**Filwaqt li bħala medja l-pensjonijiet jammontaw għal iktar minn nofs l-introjtu tax-xogħol fl-aħħar tal-karriera, il-kapaċità ta' sostituzzjoni tal-introjtu tal-pensjonijiet tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri.** Fl-2017, il-proporzjon aggregat ta' sostituzzjoni[107] (ARR) kellu medja ta' 59 fil-mija fl-UE, b'differenzi sinifikanti minn pajjiż għall-ieħor. Il-proporzjon kien ivarja minn iktar minn 80 fil-mija fil-Lussemburgu għal inqas minn 40 fil-mija fl-Irlanda, fil-Bulgarija u fil-Kroazja[108].

**F'kuntest ta' żieda fl-istennija tal-għomor, il-pensjonijiet jeħtieġ li jiġu adattati; il-ħajja tax-xogħol qiegħda tibda iktar tard u qiegħda ssir itwal filwaqt li l-persuni qegħdin jgħixu iktar fit-tul b'mod kumplessiv.** Barra minn hekk, flimkien mat-tnaqqis tal-faqar u s-sostituzzjoni tal-introjtu, it-tielet dimensjoni rilevanti tal-adegwatezza tal-pensjonijiet hija t-tul ta' żmien tal-irtirar. Attwalment, bħala medja, il-proporzjon bejn iż-żmien li wieħed iqatta' bħala rtirat u ż-żmien li wieħed iqatta' jaħdem huwa ta' 51 % fl-UE. L-Illustrazzjoni 67 tagħti ħarsa ġenerali lejn iż-żmien tal-ħajja li wieħed iqatta' qabel ma jaħdem, meta jaħdem u wara li jirtira fl-Istati Membri (imsejsa fuq stima tal-bidu tal-impjieg/id-dħul fis-suq tax-xogħol, stima tal-età medja tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol, u l-istennija tal-għomor tal-età ta' 60 sena).

107 Il-proporzjon tal-pensjonijiet grossi individwali medjani tal-persuni tal-età ta' 65-74 sena relattiv għall-qligħ gross individwali medjan tal-persuni tal-età ta' 50-59 sena.
108 Id-*data* għall-Kroazja u għall-Irlanda hija għall-2016.

**Illustrazzjoni 67: Iż-żmien li persuna f'ħajjitha tqatta' fi statuses differenti ta' attività, 2017**




Sors: Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2018 għall-etajiet tad-dħul fis-suq tax-xogħol u tal-ħruġ minnu; Eurostat għall-projezzjonijiet tal-istennija tal-għomor. Nota: "filwaqt li jaħdem" tfisser l-etajiet bejn id-dħul fis-suq tax-xogħol u l-ħruġ minnu.

**Il-persuni f'impjieg mhux standard jew li jaħdmu għal rashom spiss iħabbtu wiċċhom ma' kundizzjonijiet inqas favorevoli fir-rigward tal-aċċess u tal-akkumulu ta' drittijiet tal-pensjoni milli dawk li jkollhom impjieg b'kuntratti indefiniti u full-time.** Id-*data* tal-istħarriġ SHARE[109] tippermetti li jitkejjel l-impatt tal-impjieg tal-persuni li jaħdmu għal rashom fuq l-introjtu fl-irtirar u fuq l-istandards tal-għajxien billi titqabbel is-sitwazzjoni tal-persuni rtirati li kienu jaħdmu għal rashom[110] u tal-impjegati rtirati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[111]. Il-persuni rtirati li kienu jaħdmu għal rashom jirrapportaw li jaqilgħu introjti iktar

109 Survey of Health, Ageing and Retirement in Europe. Sors tad-*data*: SHARE wave 7, 2017.

110 Għall-finijiet ta' dan it-tqabbil, "il-persuni rtirati li kienu jaħdmu għal rashom" huma definiti bħala persuni rtirati li qattgħu 50 % jew iktar mill-karrieri tax-xogħol tagħhom bħala persuni li jaħdmu għal rashom.

111 L-Istħarriġ dwar is-Saħħa, it-Tixjiħ u l-Irtirar fl-Ewropa (SHARE) huwa bażi tad-*data* ta' panel multidixxiplinarju u transnazzjonali ta' *data* mikro dwar is-saħħa, l-istatus soċjoekonomiku u n-netwerks soċjali u tal-familja ta' iktar minn 120 000 individwu tal-età ta' 50 sena jew iktar (iktar minn 297 000 intervista). L-istħarriġ SHARE

baxxi mill-impjegati rtirati fi kważi l-pajjiżi kollha koperti. L-ikbar disparitajiet fl-introjtu jistgħu jiġu osservati fil-Lussemburgu, fid-Danimarka u fi Franza, u f'disa' pajjiżi d-disparità taqbeż l-20 fil-mija. Fl-Ungerija u fl-Estonja biss, il-persuni rtirati li kienu jaħdmu għal rashom igawdu introjti kemxejn ikbar minn tal-impjegati rtirati (ara l-Illustrazzjoni 68 hawn taħt). Id-disparità fl-introjtu, flimkien ma' inugwaljanza ikbar fl-introjtu[112], twassal biex jiżdiedu b'mod sostanzjali l-livelli tar-riskju tal-faqar għall-persuni rtirati li kienu jaħdmu għal rashom, madwar id-doppju tal-livell tal-impjegati rtirati bħala medja. Il-persuni rtirati li kienu jaħdmu għal rashom għandhom pensjonijiet iktar baxxi mill-impjegati rtirati f'kull pajjiż osservat u, minkejja razzjonijiet ogħla tal-assi mqabbla mal-introjti, huma iktar esposti għal diffikultajiet finanzjarji meta jkunu iktar imdaħħlin fiż-żmien. L-indiċi tad-diffikultà finanzjarja, li jkejjel id-diffikultà biex dawn il-persuni jlaħħqu mal-ħajja fuq skala minn 1 sa 4, għandu medja ta' 2,3 għall-persuni rtirati li kienu jaħdmu għal rashom u ta' 2,1 għall-impjegati rtirati fl-Istati Membri li pparteċipaw fl-istħarriġ[113].

**Illustrazzjoni 68: Id-differenza relattiva fl-introjtu nett ekwivalizzat medjan bejn l-impjegati rtirati u l-persuni rtirati li kienu jaħdmu għal rashom fl-2017, %**




Sors: L-AMMONT. Noti: Id-*data* tal-UE* ma tinkludix l-IE, in-NL u r-UK. Id-daqsijiet tal-kampjuni fil-BG, fil-LV, fil-LT, fil-PT, fir-RO, fis-SI u fis-SK ma jippermettux li ssir distinzjoni bejn il-persuni rtirati.

jkopri 27 pajjiż Ewrope. L-istħarriġ SHARE wave 7 eskluda l-Irlanda, in-Netherlands u r-Renju Unit. F'xi Stati Membri, id-daqsijiet tal-kampjuni ma jippermettux li jsir tqabbil.

112 Il-proporzjon S80/S20 huwa terz ogħla fost il-persuni rtirati li kienu jaħdmu għal rashom milli fost l-impjegati rtirati.

113 L-EU-28 għajr l-Irlanda, in-Netherlands u r-Renju Unit.

**Illustrazzjoni 69: Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika (indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)**




Sors: Eurostat, SILC. Perjodu: Il-livelli tal-2017 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2016. Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Fis-26 ta' Ottubru 2018, ma kienx hemm *data* disponibbli għall-Irlanda u għar-Renju Unit.

**Hemm sinjali ta' konverġenza fl-ammont ta' persuni tal-popolazzjoni li jirrapportaw perċezzjoni ta' ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika**[114]. Bil-kontra ta' tendenza preċedenti, feġġet korrelazzjoni negattiva dgħajfa bejn il-livell u l-bidliet fil-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika, fejn dawk il-pajjiżi bl-iktar ħtiġijiet mhux issodisfati qegħdin juru l-iktar xejra pożittiva (ara l-Illustrazzjoni 69). F'ċerti Stati Membri, il-kostijiet u ż-żminijiet ta' stennija għadhom ostakli importanti għall-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa. Minkejja dan, fl-2017, il-proporzjon tal-popolazzjoni tal-UE li kienet għadha qiegħda tħabbat wiċċha ma' ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika minħabba kostijiet

114 Il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika jikkonċernaw il-valutazzjoni soġġettiva ta' persuna ta' jekk kinitx teħtieġ eżami jew trattament għal tip speċifiku ta' kura tas-saħħa, iżda ma rċevithomx jew ma fittxithomx minħabba t-tliet raġunijiet li ġejjin: "Raġunijiet finanzjarji", "Lista ta' stennija" u "Vjaġġ twil wisq". Il-problemi li l-persuni jirrapportaw biex jiksbu l-kura meta jkunu morda spiss jirriflettu ostakli sinifikanti għall-kura.

għoljin wisq, żmien twil wisq ta’ stennija jew distanza twil wisq ta’ vvjaġġar, bħala medja naqas għal 1,6 %. L-ammont ta’ persuni affettwati xorta waħda qabeż il-5 % fl-Estonja, fil-Greċja (iktar minn 10 %) u fil-Latvja. Iż-żidiet sal-2017 ġew irreġistrati biss għas-Slovenja, għal Ċipru u għas-Slovakkja.

**L-istatus ta’ attività jista’ wkoll jaqdi rwol importanti biex jiġi spjegat l-aċċess problematiku għall-kura tas-saħħa f’xi pajjiżi.** Għalkemm il-maġġoranza tal-pajjiżi ma jurux differenzi sinifikanti skont l-istatus ta’ attività, f’xi uħud minnhom il-persuni qiegħda (u fuq livell inqas il-pensjonanti) jistgħu jiltaqgħu ma’ diffikultajiet ikbar fl-aċċess għall-kura tas-saħħa (ara l-Illustrazzjoni 70). Anke fil-pajjiżi fejn il-perċentwal ta’ ħtiġijiet mhux issodisfati fost il-popolazzjoni kollha huwa inqas mill-medja tal-UE, iċ-ċifri jissuġġerixxu li l-persuni qiegħda jistgħu jiltaqgħu ma’ diffikultajiet fl-aċċess tal-kura medika (eż. il-Belġju, Franza, l-Italja u l-Ungerija).

**Illustrazzjoni 70: il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għal eżami mediku skont l-istatus ta’ attività (2016)**




Sors: Eurostat [hlth_silc_13].

**Is-snin ta’ ħajja f’saħħitha (tal-età ta’ 65 sena) komplew jiżdiedu fl-UE għal 9,8 snin għall-irġiel u għal 10,1 snin għan-nisa.** Filwaqt li l-iktar numru ta’ snin ta’ ħajja f’saħħitha tal-età ta’ 65 sena jista’ jkun mistenni fl-Iżvezja, f’Malta u fl-Irlanda (madwar 12-il sena għan-nisa u għall-irġiel), l-istennija ta’ ħajja f’saħħitha hija partikolarment baxxa fil-Latvja, fis-Slovakkja u fil-Kroazja (madwar ħames snin).

**Il-kura tas-saħħa tiġi ffinanzjata permezz ta' skemi differenti, filwaqt li l-importanza relattiva ta' kull skema tvarja fost l-Istati Membri.** Fl-2016, il-pagamenti mill-but[115], jiġifieri l-infiq tal-unitajiet domestiċi għas-saħħa (inkluż għall-oġġetti mediċi) mhux rimborżati minn xi skema jew li tħallsu bi qsim tal-kostijiet permezz ta' skema organizzata, imkejjel bħala ammont tal-infiq attwali għas-saħħa, huwa iktar minn 30 % fil-Bulgarija, fil-Greċja, f'Ċipru, fil-Latvja u fil-Litwanja (l-Illustrazzjoni 71).

**Illustrazzjoni 71: L-infiq fuq il-kura tas-saħħa skont is-sors ta' finanzjament fl-2016**




Sors: Eurostat [hlth_sha11_hf]. Noti: id-*data* tinġabar skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2015/359 rigward l-istatistika dwar l-infiq u l-finanzjament għall-kura tas-saħħa (il-manwal tal-2011 dwar il-Kontijiet tas-Sistema tas-Saħħa).

**Il-ħtieġa għall-Kura fit-Tul (LTC) qiegħda tikber hekk kif il-popolazzjoni fl-UE qiegħda tixjieħ**. Matul is-sitt deċennji li ġejjin (sal-2070), huwa mistenni li l-għadd ta' Ewropej tal-età ta' 80 sena jew iktar se jirdoppja u huwa previst li l-proporzjon ta' dipendenza tal-persuni iktar imdaħħlin fiż-żmien (il-persuni tal-età ta' 65 sena jew iktar imqabbla ma' dawk tal-età ta' 15-64 sena) se jiżdied minn 29,6 % fl-2016 għal saħansitra 51,2 % fl-2070[116] (kieku l-UE tgħaddi minn 3,3 għal żewġ (2) persuni biss tal-età tax-xogħol għal kull persuna tal-età ta' 65 sena jew iktar). Ir-riskju li wieħed isir dipendenti huwa ikbar meta wieħed ikun iktar imdaħħal fiż-żmien, peress li l-persuni x'aktarx li jsiru fraġli (60 % tal-persuni tal-età ta' 75-84 sena u 70 % tal-età ta' 85 sena jew iktar jirrapportaw xi diżabbiltà).

115 L-infiq mill-but jirreferi għall-pagamenti diretti għal oġġetti u għal servizzi mill-introjtu primarju jew mit-tfaddil tal-unitajiet domestiċi, fejn il-pagament jsir mill-utent meta jixtri l-oġġetti jew juża s-servizzi jew mingħajr l-ebda rimborż jew inkella bi qsim tal-kostijiet permezz ta' skema organizzata.

116 Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2018 tal-Kummissjoni Ewropea.

**Huwa mistenni li jkun hemm żieda sinifikanti fil-ħtiġijiet għall-LTC.** L-LTC hija l-iktar infiq soċjali li qiegħed jiżdied l-iktar malajr meta mqabbel mas-saħħa u mal-pensjonijiet. Huwa previst li l-infiq pubbliku tal-UE fuq l-LTC se jiżdied minn 1,6 % għal 2,7 % tal-PDG bejn l-2016 u l-2070, b'varjazzjonijiet sinifikanti madwar l-UE (ara l-Illustrazzjoni 72).

**Illustrazzjoni 72: L-infiq pubbliku previst fuq l-LTC bħala % tal-PDG fl-2016 u fl-2070**




Sors: abbażi ta' data mir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2018. Nota: Xenarju ta' referenza tal-AWG

**Is-sostenibbiltà tal-kura fit-tul se tkun ta' sfida wkoll għal dawk l-Istati Membri li issa jiddependu ferm fuq il-kura informali.** Il-ġabra ta' persuni li jipprovdu l-indukrar informali qiegħed jonqos minħabba li qegħdin jinbidlu t-tendenzi tal-familji (inqas tfal, il-membri tal-familja qegħdin jgħixu iktar imbegħdin minn xulxin), b'żieda fl-għadd ta' nisa b'impjieg u b'żieda fl-età tal-irtirar. Il-kura informali tinvolvi wkoll kostijiet importanti għall-ekonomija, peress li l-persuni li jipprovdu l-indukrar informali jnaqqsu l-ħin allokat għal impjieg formali jew jitilqu mill-impjieg formali tagħhom, u b'hekk jew iħallsu ftit jew inkella ma jħallsu xejn bħala taxxi u kontribuzzjonijiet. Hemm ukoll sfidi fir-reklutaġġ u fiż-żamma ta' persuni li jipprovdu l-indukrar. Is-settur huwa affettwat mill-prevalenza tax-xogħol part-time u tal-kuntratti temporanji, li jnaqqas l-attraenza tiegħu.

### *3.4.2 Ir-rispons ta' politika*

**Ir-riformi f'diversi Stati Membri għandhom l-għan li jsaħħu l-approċċ ta' inklużjoni attiva.** Xi Stati Membri qegħdin isaħħu t-twassil integrat tas-servizzi (bħall-assistenza soċjali,

l-impjieg u servizzi soċjali oħra), b'mod partikolari billi jieħdu approċċ iċċentrat lejn il-persuni bl-għan li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet kumplessi tal-iktar persuni vulnerabbli. Fil-Bulgarija, bħalissa għaddejja l-implimentazzjoni taċ-Ċentri għall-Impjieg u għall-Assistenza Soċjali jipprovdu servizzi integrati u mobbli[117]. Sa Frar 2018, 73 minn dawn iċ-ċentri, stabbiliti bis-sostenn tal-FSE kienu operazzjonali[118] u pprovdew servizzi ta' impjieg u ta' assistenza soċjali. Mill-2018, iċ-ċentri joffru Ftehim ta' Integrazzjoni f'Impjieg għall-persuni qiegħda fit-tul sabiex isir it-tlaqqigħ tagħhom ma' servizzi speċifiċi tal-impjieg u jiġu rreferuti għal servizzi pprovduti minn istituzzjonijiet oħra. Fl-Irlanda, il-*Pjan ta' Azzjoni għall-Unitajiet Domestiċi Mingħajr Impjieg* jestendi s-servizzi ta' attivazzjoni għall-persuni li mhumiex jaħdmu, iżda li mhumiex definiti bħala persuni qiegħda skont il-miżuri tradizzjonali. Dan jiffoka b'mod partikolari fuq it-titjib tar-rati ta' impjieg tal-unitajiet domestiċi bit-tfal – kemm għall-familja "nukleari" tradizzjonali u kemm għall-familja b'ġenitur waħdu kif ukoll għall-persuni b'diżabbiltà. Fil-Finlandja, iċ-ċentri uniċi ta' gwida għaż-żgħażagħ ("Ohjaamo"), li inizjalment kienu joperaw fil-qafas tal-finanzjament mill-FSE, saru miżura permanenti u qegħdin jitwessgħu bin-netwerk ta' sostenn psikosoċjali. Fil-Greċja, iċ-Ċentri tal-Komunità, li jservu bħala punt uniku ta' kuntatt għas-servizzi soċjali fil-livell muniċipali bdew jinfetħu fl-2017. Iċ-Ċentri qegħdin jagħtu sostenn għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' Introjtu ta' Solidarjetà Soċjali (SSI), li jlaqqa' lill-benefiċjarji mas-servizzi soċjali kumplementari. Sa Frar 2018, 203 minn 240 ċentru ppjanat kienu operazzjonali. Barra minn hekk, iktar u iktar muniċipalitajiet madwar l-UE jipprovdu servizzi soċjali integrati li jiffokaw fuq il-ħtiġijiet kumplessi tal-gruppi vulnerabbli (eż. il-punti ta' dħul uniku f'Ateni jew is-servizzi ta' promozzjoni tas-saħħa f'Essen). Dawn l-operazzjonijiet ingħataw sostenn mill-FSE.

**L-immodernizzar u ż-żidiet fl-adegwatezza ta' xi benefiċċji qegħdin ikomplu f'diversi Stati Membri, għalkemm f'xi każijiet kien hemm dewmien**. Fil-Litwanja, l-introjtu b'sostenn mill-istat, kif ukoll il-benefiċċji relatati mal-familja, żdiedu fl-2018. Fil-Bulgarija, wara disa' snin mingħajr żidiet, kien hemm żieda ta' 15 % fl-introjtu minimu fl-2018. B'kontinwità mal-pjan pluriennali għall-ġlieda kontra l-faqar stabbilit fl-2013, fi Franza l-introjtu minimu (*Revenu de solidarité active – RSA socle*) żdied b'1,6 % f'Settembru 2017 segwit b'żieda ta' 1 % f'April 2018. Dawn iż-żidiet huma l-aħħar ta' sensiela ta' żidiet li bis-saħħa tagħhom żiedu l-introjtu minimu relattiva għall-inflazzjoni u kienu kkumplementati

117 It-timijiet konġunti tal-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali u tal-Impjieg joffru servizzi integrati komprensivi lill-persuni qiegħda f'żoni remoti tal-Bulgarija.

118 Bis-sostenn tal-FSE.

minn enfasi mġedda fuq l-attivazzjoni tal-benefiċjarji (*"Garantie d'activité"*), bħala parti mill-pjan kontra l-faqar li tħabbar dan l-aħħar. Madankollu, fir-Rumanija, il-konsolidazzjoni ppjanata tal-benefiċċji soċjali eżistenti ġiet posposta għal April 2019, filwaqt li fil-Kroazja l-implimentazzjoni tal-Att il-ġdid dwar is-Sigurtà Soċjali mhux se jidħol fis-seħħ qabel Diċembru 2019. Il-Pjan tal-Latvja dwar it-Titjib tal-Introjtu Minimu (ippreżentat f'Mejju 2018 u se jsir effettiv fl-2020) għadu ma ġiex adottat mill-Gvern. Abbozz ta' liġi fil-Lussemburgu tipprova tirriorganizza l-Mekkaniżmu tal-Introjtu Minimu Garantit (RMG), bl-għan li jitnaqqsu n-nases tal-inattività għolja ġġenerati bl-iskema attwali, filwaqt li jiġu indirizzati l-problemi tal-kost eċċessiv tal-akkomodazzjoni u tal-introjtu insuffiċjenti għall-unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu.

**Il-kopertura tal-protezzjoni soċjali tiżdied f'diversi Stati Membri.** Il-Belġju adotta liġi li tneħħi l-limitazzjonijiet fuq l-aċċess tal-iskemi tal-pensjonijiet tal-impriżi għaż-żgħażagħ u għal dawk b'kuntratti fuq medda qasira ta' żmien. Pajjiżi oħra qegħdin jippjanaw li jintroduċu jew adottaw miżuri favur il-persuni li jaħdmu għal rashom jew is-sidien ta' negozji żgħar. Dawn il-miżuri jinkludu kontribuzzjonijiet imnaqqsa taħt ċertu livell limitu (il-Latvja, il-Polonja), il-kopertura tal-ħaddiema indipendenti fl-iskema tal-qgħad (Franza) jew il-possibbiltà li jiġu inklużi l-ħaddiema indipendenti f'assigurazzjoni għall-aċċidenti fil-post tax-xogħol permezz ta' karta soċjali tal-pjattaformi onlajn (Franza, ara wkoll it-Taqsima 3.3.2).

**Il-miżuri mmirati lejn l-indirizzar tal-inugwaljanza fl-introjtu u l-faqar fost dawk li jaħdmu jindirizzaw kemm it-tfassil tat-taxxa kif ukoll l-adegwatezza tal-benefiċċji**. Minbarra l-iffissar tal-paga minima, għadd ta' politiki għat-tnaqqis tal-inugwaljanza fir-rigward tas-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa jistgħu jgħinu biex itaffu l-faqar fost dawk li jaħdmu. Fil-Litwanja, riforma tar-reġim tat-taxxa fissa fuq l-introjtu ġiet adottata f'Ġunju 2018, u introduċiet struttura b'żewġ saffi li għandha tgħin biex titnaqqas l-inugwaljanza fl-introjtu. Fil-Latvja, l-introduzzjoni tat-taxxa progressiva fuq l-introjtu personali hija akkumpanjata minn konċessjonijiet mhux taxxabbli tat-taxxa fuq l-introjtu personali u għall-persuni dipendenti. Riforma proposta mir-Repubblika Ċeka għat-tiġdid tas-sistema tat-taxxa fuq l-Introjtu Personali għandha żżid il-livell ta' progressività, b'mod partikolari permezz taż-żieda ta' rata ġdida tat-taxxa ta' 23 % għal introjti ikbar.

**Xi Stati Membri ħadu miżuri li jimmiraw b'mod speċifiku lejn il-faqar fost it-tfal.** Fi Spanja, il-baġit nazzjonali tal-2018 jalloka EUR 100 miljun għall-ġlieda kontra l-faqar estrem b'attenzjoni partikolari għall-familji bit-tfal. Il-Liġi tal-Litwanja dwar il-Benefiċċji tat-Tfal

tintroduċi sistema universali tal-benefiċċji tat-tfal. Barra minn hekk, benefiċċju tat-tfal għall-familji li qegħdin irabbu u/jew jieħdu ħsieb tlett itfal jew iktar għandu jitħallas mingħajr ma jitqies l-introjtu tal-familja. Fil-Latvja ġie introdott suppliment għall-benefiċċju tal-istat għall-familji b'żewġt itfal jew iktar. Il-Greċja adottat riforma tas-sistema tal-benefiċċji tat-tfal, li tissostitwixxi ż-żewġ benefiċċji preċedenti (il-"benefiċċju tat-tfal unifikat" u l-"benefiċċju għall-familji numerużа") b'benefiċċju uniku tat-tfal skont test tal-mezzi. Din ir-riforma kellha l-għan li ttejjeb l-immirar lejn it-tfal li jingħataw sostenn u li żżid l-ekwità fosthom.

**Ittieħdu miżuri ta' inklużjoni soċjali għall-persuni b'diżabbiltà sabiex jikkomplementaw il-politiki tal-impjieg u jipprevjenu t-tbatija minħabba l-faqar.** Sabiex titjieb l-effiċjenza u jiġi żgurat li l-persuni jirċievu l-benefiċċji li huma intitolati għalihom, Spanja implimentat fażi ta' ttestjar tal-Kard Soċjali Universali, li tippermetti li l-informazzjoni dwar il-benefiċċji kollha li persuna tirċievi tingħabar f'post wieħed, kif ukoll tindika liema benefiċċji oħra jistgħu jkunu intitolati għalihom. Għall-2018, l-għotja finanzjarja għax-xogħol għal dawk li ma jistgħux jaħdmu jew għal dawk li jistgħu jaħdmu b'mod limitat żdiedet fl-Estonja. Fl-2017, Malta implimentat riforma oħra għall-pensjonijiet tad-diżabbiltà, li permezz tagħha ġiet introdotta sistema ta' pagament bi tliet livelli, fejn dawk li ma jistgħux jaħdmu minħabba diżabbiltà jirċievu ammonti li jiżdiedu b'mod kostanti fix-xahar sakemm il-pensjoni tagħhom tilħaq l-ekwivalenti tal-paga minima. Att tal-2016 tal-gvern Pollakk jipprovdi għotja ta' 4 000 złoty (madwar EUR 940) għall-ġenituri ta' tfal b'diżabbiltà gravi fl-ewwel sena ta' ħajjithom. Fil-Portugall, Mudell ġdid ta' Sostenn għall-Għajxien Indipendenti (MAVI) ġie adottat fl-2017, iffinanzjat permezz tal-FSE, fejn kull persuna b'punteġġ ta' inkapaċità ta' 60 % jew iktar hija intitolata għal 40 siegħa ta' sostenn fil-ġimgħa minn ħaddiem ta' sostenn dedikat, li jgħinhom fil-kura personali, fis-saħħa, fin-nutrizzjoni, fl-ivvjaġġar, fl-edukazzjoni għolja, fit-taħriġ vokazzjonali, fl-attivitajiet kulturali, fl-isports, fit-tiftix ta' impjieg, fil-parteċipazzjoni fis-soċjetà u fl-attivitajiet ta' ċittadinanza. Barra minn hekk, fl-2017, il-gvern Portugiż għaqqad flimkien tliet benefiċċji tad-diżabbiltà – l-għotja finanzjarja tad-diżabbiltà, il-pensjoni tal-invalidità soċjali u l-pensjoni tal-invalidità – f'benefiċċju wieħed, il-Benefiċċju Soċjali għall-Inklużjoni. Ir-Rumanija bdiet tuża l-Indikatur ta' Referenza Soċjali biex tikkalkula l-benefiċċju tad-diżabbiltà, minflok l-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur, li rriżulta f'żieda fil-benefiċċju għall-adulti b'diżabbiltà.

**Għadd ta' Stati Membri wettqu riformi fil-qasam tal-aċċess għall-akkomodazzjoni.** Id-Danimarka adottat pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr saqaf fuq rashom, ibbażat fuq it-tisħiħ ta' miżuri preventivi u t-titjib tal-gwida dwar kif il-persuni

mingħajr saqaf fuq rashom jistgħu joħorġu minn din il-problema. Il-Greċja introduċiet benefiċċju ġdid għall-akkomodazzjoni skont test tal-mezzi maħsub għall-familji b'introjtu baxx li jgħixu f'akkomodazzjonijiet mikrija u għal dawk li jħallsu self ipotekarju. Spanja adottat pjan nazzjonali li jinkludi l-għajnuna għall-familji b'introjtu baxx biex iħallsu l-kera u jevitaw li jitkeċċew għax ma jlaħħqux mal-kera, l-għajnuna finanzjarja għaż-żgħażagħ li jixtru djar f'żoni skarsament popolati u l-għajnuna biex issir ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni għall-gruppi vulnerabbli speċjali. Il-Gvern Żvediż alloka fondi addizzjonali biex jagħti sostenn lill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ fil-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr saqaf fuq rashom fost l-adulti żgħażagħ.

**Kulma jmur id-dinamika tar-riformi tal-pensjonijiet qiegħda tindirizza l-isfidi tal-adegwatezza.** Filwaqt li l-miżuri biex tittejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja għadhom ta' prijorità fl-aġendi tal-pensjonijiet ta' bosta Stati Membri, dan il-proċess qiegħed jimxi id f'id ma' miżuri li qegħdin jikkalibraw mill-ġdid l-ambitu tat-taħlita tal-pensjonijiet biex iwieġbu għal uħud mill-isfidi ewlenin tas-suq tax-xogħol u tas-sistema tal-pensjonijiet: is-salvagwardja tal-adegwatezza tal-pensjonijiet, il-kombinazzjoni tax-xogħol mal-pensjonijiet, u t-tfassil ta' drittijiet tal-pensjoni apposta għal kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema.

**Xi Stati Membri qegħdin ikomplu jiffokaw fuq l-ibbilanċjar mill-ġdid tat-tul ta' żmien tal-pensjonijiet mal-istennija tal-għomor.** Pereżempju, ir-riforma tal-2017 fir-Repubblika Ċeka limitat iż-żieda kontinwa tal-età tal-pensjoni sa 65 sena, li se tintlaħaq fl-2030, u li wara se tkun marbuta mal-istennija tal-għomor, għalkemm se tkun meħtieġa leġiżlazzjoni ulterjuri biex tiġi ppromulgata din ir-rabta. Pajjiżi oħra qegħdin iżidu r-rekwiżiti tat-tul tal-karrieri. Fil-Litwanja, pereżempju, it-tul tal-perjodu kontributorju se jiżdied gradwalment, minn 30 sena fl-2017 għal 35 sena sal-2027. B'kuntrast ma' dan, il-Polonja reġgħet introduċiet etajiet tal-pensjoni differenzjati għall-irġiel u għan-nisa (65 sena u 60 sena rispettivament) minn Ottubru 2017. Dan wassal għal żieda qawwija fl-użu tal-pensjonijiet, fejn il-pensjonijiet il-ġodda li ngħataw lin-nisa kienu ħafna iktar baxxi bħala medja minn dawk tal-irġiel[119].

**Iktar miżuri ta' riforma tal-pensjonijiet huma mmirati lejn it-tnaqqis tal-faqar** (eż. garanziji minimi) u **lejn it-titjib tal-benefiċċji għal introjtu minimu** (eż. l-indiċjar favorevoli, it-tisħiħ tar-rwol tal-pensjonijiet supplimentari). Il-Latvja, Malta u r-Rumanija żiedu l-limiti minimi mhux taxxabbli, li għandu jkun ta' benefiċċju għar-riċevituri ta'

119 Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (2018). Ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2018: l-adegwatezza tal-introjtu attwali u futur fix-xjuħija fl-UE.

pensjonijiet iktar baxxi. Il-pensjonijiet minimi żdiedu fil-Bulgarija, fil-Polonja u fir-Rumanija, fejn ingħatat żieda sinifikanti ta' 30 % fl-2017. Miżuri oħra, bħal salvagwardji addizzjonali għall-pensjonanti b'karrieri twal, ġew introdotti; eż. fl-2017, l-Awstrija żidiet il-pensjoni minima minn EUR 883 għal EUR 1000 fix-xahar għall-persuni b'minn tal-inqas 30 sena ta' kontribuzzjonijiet[120].

**It-titjib tal-effettività tal-kura tas-saħħa permezz ta' koordinazzjoni aħjar u bl-għoti ta' rwol iktar b'saħħtu lill-kura primarja sar prinċipju ta' gwida f'għadd ta' Stati Membri.** Fl-Estonja, il-pjanijiet attwali għaċ-ċentri tas-saħħa u għan-networks tal-isptarijiet ifittxu li joħolqu gruppi multidixxiplinarji, li jiddefinixxu mill-ġdid ir-rwoli tat-tobba tal-familja meta mqabbla mal-ispeċjalisti u li jtejbu t-taħriġ. L-Irlanda qiegħda żżid l-investiment kapitali permezz, fost affarijiet oħra, tal-ħolqien ta' Ċentri tal-Kura Primarja fil-pajjiż kollu. Fil-ħarifa 2018, il-Bulgarija u Franza ppreżentaw proposti ta' riformi fundamentali għas-sistema tas-saħħa, li jinkludu kura iktar effiċjenti fl-isptarijiet u integrazzjoni aħjar tal-kura. Fis-Slovakkja, qegħdin jissoktaw l-isforzi biex jissaħħaħ ir-rwol dgħajjef tat-tobba tal-familja u jiġu evitat li jkollhom għalfejn jirreferu lill-pazjenti għand tobba speċjalisti. Fil-Latvja, għaddejja t-trasformazzjoni tal-prattiki tal-kura primarja f'ċentri ikbar tas-saħħa bi tlieta sa sitt tobba tal-familja, minn tal-inqas żewġ infermiera, u potenzjalment bl-inklużjoni ta' speċjalisti fit-tim, filwaqt li għaddejjin ukoll ir-riformi ta' konfigurazzjoni mill-ġdid tas-servizzi tal-kura tal-pazjenti rikoverati fl-isptarijiet. Fil-Kroazja, l-integrazzjoni funzjonali tal-isptarijiet (għadha fil-fażi pilota) u t-titjib tal-kura primarja għandhom itejbu l-kwalità tas-servizzi, iwasslu għal iffrankar u għal stabbiltà finanzjarja, kif ukoll iżidu l-livell ta' sikurezza u ta' sodisfazzjon tal-pazjenti. Fl-Awstrija, se jinfetħu 75 ċentru bbażati fuq timijiet multiprofessjonali sal-2021.

**Il-miżuri qegħdin jittieħdu biex jittejbu l-kundizzjonijiet tat-taħriġ u tax-xogħol tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa.** Fl-Italja, il-kompetenzi tat-tobba tal-familja, tal-ispeċjalisti u tal-infermiera ġew ikkombinati biex jipprovdu l-kura fil-komunità. L-Ungerija u l-Iżvezja wkoll qegħdin jiffokaw iktar fuq it-tisħiħ tal-provvista tal-ħiliet fis-settur tal-kura tas-saħħa u fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-salarji. Fir-Rumanija, mill-1 ta' Marzu 2018, is-salarji grossi tat-tobba u tal-infermiera żdiedu b'mod konsiderevoli (b'70 %-172 %). Fil-Latvja, il-gvern qiegħed jippjana żidiet sostanzjali (kważi ttriplikati) għall-pagi tal-professjonisti tal-qasam tas-saħħa sal-2023. Fil-Latvja, fil-Polonja, fil-Portugall u fir-

120 *Ibid.*

Rumanija qegħdin jitħejjew miżuri ta' sostenn bl-għan li jattiraw lill-prattikanti mediċi u lill-infermiera biex jaħdmu f'żoni urbani periferiċi jew rurali.

**Miżuri speċifiċi biex jittejjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa jinkludu t-tnaqqis ta' pagamenti mill-but**, speċifikament il-kopagamenti, f'xi Stati Membri. Eżempju ta' dan huwa Ċipru, li fl-2017 adotta riforma maġġuri biex, fost affarijiet oħra, jipprovdi aċċess universali għall-kura tas-saħħa sal-2020. Fl-Estonja, ir-rimborż addizzjonali tal-kostijiet tal-prodotti farmaċewtiċi soġġetti għal riċetta twessa' mill-2018. Fil-Litwanja, ittieħdu għadd ta' miżuri fl-2017 biex irażżnu l-pagamenti mill-but għall-mediċini u biex iżidu t-trasparenza tal-politika tal-prodotti farmaċewtiċi. Dawn kienu jinkludu t-tnaqqis tal-VAT fuq il-mediċini għaljin u t-tqegħid ta' limiti fuq id-differenza bejn il-prezzijiet li bihom jiġu offerti l-mediċini fl-ispiżeriji u l-prezzijiet ta' referenza tagħhom, il-promozzjoni ta' prodotti ġeneriċi u l-użu razzjonali tal-mediċini.

**Xi Stati Membri jimmiraw lejn approċċ olistiku għall-kura fit-tul.** Il-Bulgarija adottat pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Kura fit-Tul li tinkludi t-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali għall-provvista u għall-iżvilupp ta' servizzi soċjali integrati. Il-Polonja fasslet politika soċjali għall-persuni dipendenti iktar imdaħħlin fiż-żmien ibbażata fuq sistema ta' sostenn mill-istituzzjonijiet pubbliċi għall-persuni li jipprovdu l-indukrar informali u fuq netwerk ta' servizzi tal-komunità u istituzzjonali.

**Sabiex iżidu l-ġabra ta' persuni li jipprovdu l-indukrar, l-Istati Membri qegħdin jipproponu għażliet differenti ta' politika.** Ir-Repubblika Ċeka adottat liv speċjali (imħallas sa tliet xhur) għall-persuni li jipprovdu l-indukrar informali għal persuni dipendenti tal-familja. L-Estonja tipprovdi possibbiltà għall-persuni impjegati li jipprovdu l-indukrar (qraba, konjuġi, sħab irreġistrati jew persuni li jipprovdu l-indukrar) biex ikollhom ħamest ijiem addizzjonali ta' liv imħallas għal kull sena kalendarja. Fil-Ġermanja, qiegħda ssir riforma tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tal-infermiera sabiex jiġu stabbiliti kurrikulu komuni u taħriġ għall-infermiera fil-kura tas-saħħa, fil-kura pedjatrika u fil-kura fit-tul, u jingħeleb in-nuqqas ta' ħaddiema.

# ANNESSI

## Anness 1. Il-livelli tal-indikaturi primarji tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali

| | Opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (% mill-popolazzjoni tal-età ta' 18-24 sena) | | | Disparità bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg (pps) | | | Proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20) | | | F'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (%) | | | NEETs żgħażagħ (% mill-popolazzjoni totali tal-età ta' 15-24 sena) | | |
| Sena | 2015 | 2016 | 2017 | 2015 | 2016 | 2017 | 2015 | 2016 | 2017 | 2015 | 2016 | 2017 | 2015 | 2016 | 2017 |
| EU28 | 11.0 | 10.7 | 10.6 | 11.6 | 11.6 | 11.5 | 5.2 | 5.2 | 5.1 | 23.8 | 23.5 | 22.5 e | 12.0 | 11.6 | 10.9 |
| EA19 | 11.6 | 11.1 | 11.0 | 11.2 | 11.2 | 11.2 | 5.2 | 5.2 | 5.1 | 23.1 | 23.1 | 22.1 e | 12.2 | 11.7 | 11.2 |
| EUnw | 9.8 | 9.5 | 9.4 | 10.7 | 10.6 | 10.5 | 5.1 | 5.0 | 5.0 | 24.3 | 23.8 | 22.9 | 11.7 | 11.0 | 10.4 |
| EAnw | 10.1 | 9.5 | 9.4 | 10.4 | 10.3 | 10.1 | 5.0 | 5.0 | 4.9 | 23.6 | 23.1 | 22.3 | 11.5 | 10.8 | 10.2 |
| BE | 10.1 | 8.8 | 8.9 b | 8.3 | 9.3 | 9.8 b | 3.8 | 3.8 | 3.8 | 21.1 | 20.7 | 20.3 | 12.2 | 9.9 | 9.3 b |
| BG | 13.4 | 13.8 | 12.7 | 6.6 | 7.3 | 8.0 | 7.1 | 7.7 b | 8.2 | 41.3 | 40.4 b | 38.9 | 19.3 | 18.2 | 15.3 |
| CZ | 6.2 | 6.6 | 6.7 | 16.6 | 16.0 | 15.8 | 3.5 | 3.5 | 3.4 | 14.0 | 13.3 | 12.2 | 7.5 | 7.0 | 6.3 |
| DK | 7.8 | 7.2 b | 8.8 b | 7.6 | 6.7 b | 6.5 b | 4.1 | 4.1 | 4.1 | 17.7 | 16.8 | 17.2 | 6.2 | 5.8 b | 7.0 b |
| DE | 10.1 | 10.3 | 10.1 | 8.7 | 8.2 | 7.9 | 4.8 | 4.6 | 4.5 | 20.0 | 19.7 | 19.0 | 6.2 | 6.7 | 6.3 |
| EE | 12.2 | 10.9 | 10.8 | 7.9 | 8.2 | 7.3 | 6.2 | 5.6 | 5.4 | 24.2 | 24.4 | 23.4 | 10.8 | 9.1 | 9.4 |
| IE | 7.0 | 6.2 | 5.1 b | 12.3 | 12.1 | 12.1 | 4.5 | 4.4 | : | 26.0 | 24.2 | : | 14.3 | 12.6 | 10.9 b |
| EL | 7.9 | 6.2 | 6.0 | 18.0 | 19.0 | 19.7 | 6.5 | 6.6 | 6.1 | 35.7 | 35.6 | 34.8 | 17.2 | 15.8 | 15.3 |
| ES | 20.0 | 19.0 | 18.3 | 11.2 | 11.5 | 11.9 | 6.9 | 6.6 | 6.6 | 28.6 | 27.9 | 26.6 | 15.6 | 14.6 | 13.3 |
